# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 224

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

27 ta' Ġunju 2018

Werrej

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2016–2017

Dati tas-seduti: 21-24 ta' Novembru 2016

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 352, 19.10.2017.*

TESTI ADOTTATI

Dati tas-seduti: it-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2016

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 363, 26.10.2017.*

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**


2018/C 224/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2015 (2016/2063(INI)) . . . . . 2

2018/C 224/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar il-Green Paper dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur (2016/2056(INI)) . . . . . 8

2018/C 224/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar l-Unjoni Ewropea tad-Difiża (2016/2052(INI)) . . . . . 18

2018/C 224/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar l-isfruttament tal-potenzjal tat-trasport tal-passiġġieri fuq l-ilma (2015/2350(INI)) . . . . . 29

2018/C 224/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar it-titjib tal-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (2016/2139(INI)) . . . . . 36


MT

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

| | | |
|---|---|---|
| 2018/C 224/06 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-finalizzazzjoni ta' Basel III (2016/2959(RSP)) | 45 |
| 2018/C 224/07 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (abbażi tar-Rapport Annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni) (2016/2067(INI)) | 50 |
| 2018/C 224/08 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn partijiet terzi (2016/2030(INI)) | 58 |
| 2018/C 224/09 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-lingwa tas-sinjali u l-interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali (2016/2952(RSP)) | 68 |
| 2018/C 224/10 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva bentażon, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (D047341/00 – 2016/2978(RSP)) | 75 |

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

| | | |
|---|---|---|
| 2018/C 224/11 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar il-każ ta' Gui Minhai, pubblikatur inkarċerat fiċ-Ċina (2016/2990(RSP)) | 78 |
| 2018/C 224/12 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar is-sitwazzjoni tal-Guarani-Kaiowá fl-Istat Brażiljan ta' Mato Grosso do Sul (2016/2991(RSP)) | 82 |
| 2018/C 224/13 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar il-każ ta' Ildar Dadin, priġunier minħabba twemmin fir-Russja (2016/2992(RSP)) | 85 |
| 2018/C 224/14 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja (2016/2933(RSP)) | 88 |
| 2018/C 224/15 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar ir-relazzjonijiet UE-Turkija (2016/2993(RSP)) | 93 |
| 2018/C 224/16 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa (2016/2966(RSP)) | 96 |
| 2018/C 224/17 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar ir-rapport annwali li jikkonċerna l-attivitajiet tal-Ombudsman fis-sena 2015 (2016/2150(INI)) | 101 |
| 2018/C 224/18 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar lejn sistema definittiva ta' VAT u l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT (2016/2033(INI)) | 107 |
| 2018/C 224/19 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 tadwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi (2016/2076(INI)) | 117 |
| 2018/C 224/20 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 fuq opportunitajiet ġodda għal negozji żgħar ta' trasport, inkluż mudelli ta' negozju kollaborattivi (2015/2349(INI)) | 127 |
| 2018/C 224/21 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Belarussja (2016/2934(RSP)) | 135 |

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

2018/C 224/22 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: valutazzjoni (2016/2045(INI)) . . . 140

2018/C 224/23 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fl-Italja wara t-terremoti (2016/2988(RSP)) . . . 145

2018/C 224/24 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar id-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji – linji gwida (2016/2080(INI)) . . . 150

2018/C 224/25 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar ir-responsabbiltà, il-kumpens u l-garanzija finanzjarja għall-operazzjonijiet taż-żejt u l-gass offshore (2015/2352(INI)) . . . 157

2018/C 224/26 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2016/3001(RSP)) . . . 163

2018/C 224/27 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-aċċess għall-enerġija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (2016/2885(RSP)) . . . 167

2018/C 224/28 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-applikazzjoni tal-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea (2016/2011(INI)) . . . 173

---

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

2018/C 224/29 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-François Jalkh (2016/2115(IMM)) . . . 176

2018/C 224/30 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-François Jalkh (2016/2107(IMM)) . . . 178

---

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

2018/C 224/31 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva u Strateġika bejn l-Ukrajna u l-Europol (10345/2016 – C8-0267/2016 – 2016/0811(CNS)) . . . 180

2018/C 224/32 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxipjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet (11309/1/2016 – C8-0403/2016 – 2012/0236(COD)) . . . 182

2018/C 224/33 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (COM(2016)0452 – C8-0333/2016 – 2016/0209(CNS)) . . . 183

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

2018/C 224/34 P8_TA(2016)0438

Emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja u li temenda d-Direttiva 2003/35/KE (COM(2013)0920 – C7-0004/2014 – 2013/0443(COD))

P8_TC1-COD(2013)0443

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE . . . 193

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

2018/C 224/35 P8_TA(2016)0447

Assistenza makrofinanzjarja lill-Ġordan ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar il-proposta għal deċizjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (COM(2016)0431 – C8-0242/2016 – 2016/0197(COD))

P8_TC1-COD(2016)0197

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan . . . 194

2018/C 224/36 P8_TA(2016)0448

L-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (riformulazzjoni). (COM(2014)0167 – C7-0112/2014 – 2014/0091(COD))

P8_TC1-COD(2014)0091

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali *(IORPs)* (riformulazzjoni) . . . 196

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

2018/C 224/37 P8_TA(2016)0457

Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, fir-rigward ta' merkanzija li tkun telqet temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, fir-rigward ta' merkanzija li tkun telqet temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru (COM(2016)0477 – C8-0328/2016 – 2016/0229(COD))

P8_TC1-COD(2016)0229

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-1 ta' Diċembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, fir-rigward ta' merkanzija li tkun telqet temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru . . . 198

2018/C 224/38 P8_TA(2016)0458

Data ta' applikazzjoni: Dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (COM(2016)0709 – C8-0457/2016 – 2016/0355(COD))

P8_TC1-COD(2016)0355

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-1 ta' Diċembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni għal dak li jirrigwarda d-data ta' applikazzjoni tiegħu 199

2018/C 224/39 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Kiribati dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12092/2015 – C8-0253/2016 – 2015/0200(NLE)) . . . . . 201

2018/C 224/40 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09785/2016 – C8-0422/2016 – 2016/0096(NLE)) . . . . . 202

2018/C 224/41 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u l-Istati Federali tal-Mikroneżja, min-naħa l-oħra, dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09780/2016 – C8-0388/2016 – 2016/0098(NLE)) . . . . . 203

2018/C 224/42 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Tuvalu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09764/2016– C8-0268/2016 – 2016/0100(NLE)) . . . . . 204

2018/C 224/43 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gżejjer Marshall dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09775/2016 – C8-0252/2016 – 2016/0103(NLE)) . . . . . 205

2018/C 224/44 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni personali marbuta mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali (08523/2016 – C8-0329/2016 – 2016/0126(NLE)) . . . . . 206

2018/C 224/45 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (12396/2016 – C8-0406/2016 – 2008/0137(NLE)) . . . . . 207

2018/C 224/46 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2016 (COM(2016)0624 – C8-0399/2016 – 2016/2256(BUD)) . . . . . 208

| | | |
|---|---|---|
| 2018/C 224/47 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2016 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016: Aġġornament tal-approprjazzjonijiet biex jiġu kkunsidrati l-aħħar żviluppi dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u sigurtà, tnaqqis ta' approprjazzonijiet ta' pagamenti u impenn bħala riżultat tat-Trasferiment Globali, l-estensjoni tal-FEIS, modifikazzjoni tal-pjan ta' stabbiliment tal-persunal tal-Frontex u aġġornament tal-approprazzjonijiet ta' dħul (Riżorsi proprji) (13583/2016 – C8-0459/2016 – 2016/2257(BUD)) . . . | 210 |
| 2018/C 224/48 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2016 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016: Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji 2014/335/UE, Euratom wara l-għeluq tal-proċess ta' ratifika u d-dħul fis-seħħ tagħha fl-1 ta' Ottubru 2016 (13584/2016 – C8-0462/2016 – 2016/2258(BUD)) . . . | 213 |
| 2018/C 224/49 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdu assistenza lil Ġermanja (COM(2016)0681 – C8-0423/2016 – 2016/2267(BUD)) . . . | 215 |
| 2018/C 224/50 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2016 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016 li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Ġermanja (13852/2016 – C8-0473/2016 – 2016/2268(BUD)) . . . | 217 |
| 2018/C 224/51 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2017 (COM(2016)0678 – C8-0420/2016 – 2016/2118(BUD)) . . . | 219 |
| 2018/C 224/52 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-migrazzjoni, tar-rifuġjati u tas-sigurtà (COM(2016)0313 – C8-0246/2016 – 2016/2120(BUD)) . . . | 222 |
| 2018/C 224/53 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2017 (COM(2016)0312 – C8-0245/2016 – 2016/2119(BUD)) . . . | 225 |
| 2018/C 224/54 | Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz konġunt tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-qafas tal-proċedura baġitarja (14635/2016 – C8-0470/2016 – 2016/2047(BUD)) . . . | 227 |

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2016–2017

Dati tas-seduti: 21-24 ta' Novembru 2016

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 352, 19.10.2017.*

TESTI ADOTTATI

Dati tas-seduti: it-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2016

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 363, 26.10.2017.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 22 ta’ Novembru 2016**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0433

## Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2015

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta’ Novembru 2016 dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2015 (2016/2063(INI))**

(2018/C 224/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2015,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 284(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(1) tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b’mod partikolari l-Artikolu 15 tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 132(1) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0302/2016),

A. billi dwar il-possibilità li r-Renju Unit jirtira mill-UE, il-President Draghi korrettement iddikkjara li “l-punt li fih il-perspettiva ekonomika se tkun affettwata jiddependi miż-żmien, l-iżvilupp u l-eżitu finali tan-negozjati li se jsiru. S’issa, iż-żona tal-euro baqgħet reżiljenti, imma minħabba din l-inċertezza, ix-xenarju ta’ referenza jibqa’ suġġett għal riskji ta’ ċaqliq ’l isfel”; u li “indipendentement mit-tip ta’ relazzjoni li tiżvolġi bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, hu ferm importanti li l-integrità tas-Suq Uniku tiġi rispettata. Kwalunkwe eżitu jeħtieġ jiżgura li l-parteċipanti kollha jkunu suġġett għall-istess regoli”;

B. billi, skont l-aħħar tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni, it-tkabbir reali taż-żona tal-euro huwa mistenni li jkun modest u mingħajr uniformità ġeografika – 1,6 % fl-2016 u 1,8 % fl-2017, li jsegwu l-1,7 % fl-2015;

C. billi, skont l-istess tbassir, il-qgħad fiż-żona tal-euro mistenni jirreġistra tnaqqis, minn 10,9 % fi tmiem l-2015 għal 9,9 % fi tmiem l-2017; billi d-disparitajiet bejn ir-rati tal-qgħad tal-Istati Membri komplew jiżdiedu fl-2015, b’ċifri li jvarjaw minn 4,6 % fil-Ġermanja sa 24,9 % fil-Greċja;

D. billi, għal darb’ oħra skont l-istess tbassir, id-defiċit tal-gvern fiż-żona tal-euro hu mistenni li jonqos gradwalment minn 2,1 % fl-2015 għal 1,9 % fl-2016 u għal 1,6 % fl-2017, u l-proporzjon tad-dejn mal-PDG huwa mbassar li jonqos għall-ewwel darba sa mill-bidu tal-kriżi, għalkemm għad hemm erba’ pajjiżi taż-żoni tal-euro involuti fil-proċedura ta’ defiċit eċċessiv tal-Kummissjoni: Franza, Spanja, il-Greċja u l-Portugall; billi Ċipru, l-Irlanda u s-Slovenja implimentaw programmi makroekonomiċi li ppermettewlhom inaqqsu d-defiċits rispettivi tagħhom għal inqas mil-livell limitu ta’ 3 % tal-PDG;

**It-Tlieta 22 ta’ Novembru 2016**

E. billi, skont l-istess tbassir, iż-żona tal-euro mistennija li jkollha bilanċ pożittiv estern, ta’ madwar 3 % tal-PDG kemm fl-2016 kif ukoll fl-2017; billi Brexit totali (“hard Brexit”) jista’ jkollu impatt negattiv fuq il-bilanċ tal-kummerċ kemm tal-UE kif ukoll tar-Renju Unit, meta jitqies li r-Renju Unit hu wieħed mis-sħab ewlenin tal-kummerċ taż-żoni tal-euro;

F. billi l-Artikolu 127(5) tat-TFUE jitlob lis-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali biex tikkontribwixxi għall-manutenzjoni tal-istabilità finanzjarja;

G. billi l-Artikolu 127(2) tat-TFUE jitlob lis-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali biex “tippromwovi l-operat bla xkiel tas-sistemi ta’ pagament”;

H. billi, skont il-projezzjoni tal-BĊE ta’ Settembru 2016, ir-rata medja tal-inflazzjoni fiż-żona tal-euro, wara li kienet ta’ żero fl-2015, se tibqa’ qrib dan il-livell fl-2016 (0,2 %) u tilħaq il-1,2 % fl-2017 u l-1,6 % fl-2018; billi r-rati baxxi ta’ inflazzjoni fis-snin reċenti jistgħu fost oħrajn ikunu attribwiti primarjament għall-prezzijiet baxxi tal-enerġija;

I. billi l-mira tal-inflazzjoni qed isir iktar diffiċli li tintlaħaq minħabba l-konsolidament tax-xejriet demografiċi, prezzijiet tal-enerġija li qed jibqgħu baxxi u l-impatt sħiħ tal-globalizzazzjoni finanzjarja u tal-kummerċ fuq soċjetà Ewropea li qed ikollha rati għolja ta’ qgħad; billi dawn il-pressjonijiet deflazzjonarji qed jikkontribwixxu għal nuqqas ta’ investiment u għad-dgħufija tad-domanda aggregata;

J. billi f’Marzu 2015 il-BĊE vara programm estiż ta’ xiri ta’ assi (APP) li jammonta għal EUR 1,1 triljun u li inizjalment kien ippjanat li jibqa’ għaddej sa Settembru 2016;

K. billi dan il-programm ġie aġġornat, bix-xiri tal-assi skedat li jibqa’ għaddej sa Marzu 2017 għal ammont totali li għandu jkun madwar EUR 1,7 triljun, u l-lista ta’ assi eliġibbli twessgħet biex tinkludi bonds korporattivi mhux finanzjarji u bonds tal-gvern reġjonali u lokali; billi qed ikun hemm tħassib li fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE il-livelli ta’ riskju qed jikbru;

L. billi l-BĊE xtara EUR 19 094 miljun f’titoli garantiti b’assi (ABS) sa mill-bidu tal-programm ta’ xiri tiegħu;

M. billi l-BĊE ffaċilita aktar il-pożizzjoni monetarja tiegħu billi naqqas ir-rati ta’ intervent ewlenin tiegħu għal livelli bla preċedent, bl-operazzjonijiet ta’ rifinanzjament ewlenin (MRO) u l-faċilità ta’ depożitu jinżlu għal 0 % u – 0,40 % rispettivament f’Marzu 2016; billi l-BĊE qed joffri lill-banek inċentivi biex jagħtu self u, b’dan l-għan quddiemhom, qed iwettqu serje oħra ta’ operazzjonijiet ta’ refinanzjament immirati fuq terminu itwal (TLTRO-II);

N. billi, skont il-BĊE, it-twaqqif ta’ Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) iffukat fuq applikazzjoni konsistenti ta’ superviżjoni mikroprudenzjali u ta’ infurzar fiż-żona tal-euro kollha sabiex jiżgura kundizzjonijiet indaqs għall-operazzjonijiet bankarji u jimponi metodoloġija ta’ valutazzjoni komuni (SREP);

O. billi l-President tal-BĊE kompla jinsisti dwar l-urġenza ta’ riformi strutturali ferm meħtieġa fiż-żona tal-euro;

P. billi l-BĊE qed jappoġġja l-qafas ta’ Titolizzazzjoni Sempliċi, Trasparenti u Standardizzata u rekwiżiti kapitali ridotti riżultanti li se jerġgħu jagħtu l-ħajja kemm lis-swieq tat-titoli kif ukoll lill-finanzjament tas-settur tal-ekonomija reali;

Q. billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew jipprojbixxu l-iffinanzjar monetarju tal-gvernijiet;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

1. Jenfasizza li ż-żona tal-euro għadha qed tbati minn livell għoli ta' qgħad, ta' inflazzjoni baxxa wisq u ta' żbilanċi makroekonomiċi kbar, inkluż żbilanċi tal-kontijiet kurrenti, u li, barra minn hekk, iż-żona tal-euro qed tiffaċċja livell baxx ħafna ta' tkabbir tal-produttività, li hu riżultat ta' nuqqas ta' investiment – 10 punti perċentwali aktar 'l isfel mil-livell ta' qabel il-kriżi – , nuqqas ta' twettiq ta' riformi strutturali u dgħufija tad-domanda interna; jinnota li l-livell għoli ta' dejn pubbliku partikolarment in-numru kbir ta' self mhux produttiv u settur bankarju b'kapitalizzazzjoni insuffiċjenti f'uħud mill-Istati Membri, għadhom joħolqu frammentazzjoni tas-suq finanzjarju taż-żona tal-euro, u b'hekk inaqqsu l-ispazju għall-manuvrar biex jiġu appoġġjati l-iktar ekonomiji fraġli; jenfasizza li politiki fiskali sodi u riformi strutturali soċjalment bilanċjati orjentati lejn żieda fil-produttività huma l-unika mod li bih isir titjib ekonomiku sostenibbli f'dawn l-Istati Membri;

2. Jenfasizza n-natura federali tal-Bank Ċentrali Ewropew, fejn m'hemm l-ebda veto nazzjonali, li ppermettietlu jaġixxi b'mod deċiżiv biex jindirizza l-kriżi;

3. Jirrikonoxxi li, quddiem dan l-ambjent ferm kumpless u r-riskji ta' perjodu mtawwal ta' inflazzjoni baxxa, il-miżuri straordinarji adottati mill-BĊE biex jerġa' jġib l-inflazzjoni lura għall-objettiv ta' terminu medju ta' 2 % kienu konsistenti mat-termini tal-mandat tiegħu, kif imniżżel fl-Artikolu 127 tat-TFUE, u għalhekk mhux illegali ([1]); jinnota li, sa mit-tnedija tal-APP f'Marzu 2015, u minħabba operazzjoni ta' programmi ta' rifinanzjament immirat fuq terminu twil (Targeted Longer-Term Refinancing Operations, TLTRO) lejn l-ekonomija reali, il-kundizzjonijiet finanzjarji tjiebu kemmxejn, u dan ta spinta lis-self għall-azjendi u l-familji fiż-żona tal-euro; jinnota li dawn il-miżuri ikkontribwew ukoll biex tidjiq il-firxa ta' whud mill-bonds ta' gvernijiet taż-żona tal-euro; jinnota li t-titjib ma affettwax Stati Membri b'mod ugwali u li d-domanda għall-kreditu f' xi Stati Membri baqgħet dgħajfa;

4. Jenfasizza li f'Ġunju 2016 il-BĊE beda sensiela ta' erba' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament fuq terminu itwal (TLTRO II); jirrimarka li l-inċentiv tal-istruttura tal-programm inbidlet meta mqabbla mat-TLTRO oriġinali, minħabba li whud mill-banek se jkunu jistgħu jisselfu b'rati negattivi anke jekk ma jżidux is-self nett tagħhom lill-ekonomija reali;

5. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li meta qed joffri likwidità b'rati negattivi, imma qed jelimina r-rekwiżiti għall-banek li jirritornaw il-fondi jekk ma jilħqux il-punt ta' riferiment ta' self tagħhom, il-BĊE qed idgħajjef ir-rabta bejn il-provvista ta' likwidità tal-bank ċentrali u s-self lill-ekonomija reali li kienet fiċ-ċentru tal-kunċett tat-TLTRO;

6. Jilqa' l-wegħda kategorika tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' Lulju 2012 li jagħmel dak kollu meħtieġ biex jiddefendi l-euro, li kien strumentali fl-iżgurar tal-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro;

7. Jemmen li l-APP ikollha impatt aktar fuq l-ekonomija Ewropea kieku kienet akkumpanjata minn riformi strutturali effettivi u soċjalment bilanċjati mfassla biex iżidu l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u kieku kellha sehem akbar mix-xiri tal-bonds tal-BEI, partikolarment relatati mat-TEN-T u t-TEN-E (proġetti bi prova li għandhom valur miżjud Ewropew f'termini soċjali u ekonomiċi), fost oħrajn, u self titolizzat tal-SMEs; jistieden lill-BĊE jfassal studju li janalizza x'ikun l-impatt tal-APP jekk din ikollha tixtri dejn pubbliku tal-Istati Membri direttament marbuta mal-investiment u b'nefqa tar-riċerka fis-swieq sekondarji; jinsab imħasseb li x-xiri dirett ta' bonds maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji fi ħdan il-Programm ta' Xiri ta' Assi tas-Settur Pubbliku (CSPP), li tista' tkun ġustifikata fiċ-ċirkustanzi attwali, jista' jkollha effetti ta' distorsjoni;

8. Jaqbel mal-President tal-BĊE, Mario Draghi li l-politika monetarja unika waħedha ma tistax tistimula d-domanda aggregata sakemm ma tkunx akkumpanjata minn politiki fiskali sodi u ambizzjużi u soċjalment bilanċjati fil-programmi ta' riforma strutturali fil-livell tal-Istati Membri; ifakkar li, bi qbil mal-mandat tiegħu stabbilit fil-liġi primarja fit-Trattati tal-UE, l-għan ewlieni tal-BĊE hu li jissalvagwardja l-istabilità tal-prezzijiet sabiex jiggarantixxi ambjent stabbli li jwassal għall-investiment; iqis li l-politika monetarja waħedha mhijiex l-għodda xierqa biex issolvi l-problemi strutturali tal-ekonomija Ewropea; jenfasizza li l-irkupru ekonomiku mistenni mhuwiex sostitut għal riformi strutturali essenzjali; jiġbed l-attenzjoni għal studji u diskussjonijiet reċenti dwar waqgħa possibbli fir-rati newtrali tal-imgħax osservati fid-dinja kollha dawn l-aħħar għaxar snin; jirrimarka li din is-sitwazzjoni tista' twassal biex il-politika monetarja tkun aktar ristretta u inqas effettiva, minħabba li spiss ikun hemm riskju li tqarreb lejn iż-żero;

([1]) Kif reċentement sottolineat mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u mis-sentenza tal-Qorti Federali Kostituzzjonali tal-Ġermanja tal-21 ta' Ġunju 2016.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

9. Jaqbel li suq kapitali li jiffunzjona sew, diversifikat u integrat jista' jappoġġja l-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja unika; jitlob, f'dan il-kuntest, l-ikkompletar u l-implimentazzjoni sħiħa gradwali tal-unjoni bankarja u ta' konformità sħiħa tal-Istati Membri mal-leġiżlazzjoni relatata magħha, kif ukoll il-bini ta' unjoni tas-swieq kapitali, peress li dan jista' jkun pass deċiżiv biex titjieb l-effikaċja tal-politika monetarja unika u jkunu mitigati r-riskji li jirriżultaw minn xokk fis-settur finanzjarju; iqis bħala ferm importanti li tinstab soluzzjoni għal self improduttiv għas-setturi bankarji nazzjonali l-aktar affettwati sabiex jerġa' jkun hemm tranżmissjoni bla xkiel tal-politika monetarja għaż-żona kollha;

10. Jenfasizza li r-riformi strutturali u soċjalment bilanċjati fl-ekonomija u fis-suq tax-xogħol għandhom ukoll jikkunsidraw bis-sħiħ id-defiċit demografiku fl-Ewropa, sabiex jiġu indirizzati l-pressjonijiet deflazzjonarji u jinħolqu inċentivi għal struttura demografika aktar bilanċjata li tagħmilha aktar faċli biex tinżamm il-mira ta' inflazzjoni għal madwar 2 %; jirrimarka r-riskju ta' stennija ta' investiment negattiv fejn ix-xejriet demografiċi jkunu sfavorevoli;

11. Jinnota, madankollu, li minkejja li l-impatt tar-riskji u tal-effetti konsegwenzjali tal-miżuri mhux konvenzjonali kienu sinifikanti, partikolarment fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament għal banek fil-periferija, l-inflazzjoni mhijiex mistennija li tikkonverġi lejn l-objettiv ta' terminu medju ta' 2 % sal-2017; jinnota li l-irkupru attwali f'self mill-bank u tas-suq mhuwiex distribwit b'mod ġeografikament ugwali fost l-Istati Membri u sa issa ma pproduċiex kompletament l-effett mistenni fuq id-diskrepanza eżistenti fl-investiment fiż-żona tal-euro; jenfasizza li n-nuqqas ta' investiment hu kkawżat mhux biss min-nuqqas ta' aċċess għall-fondi, imma wkoll minn domanda baxxa għall-kreditu, u li hu meħtieġ li jkunu promossi riformi strutturali li direttament jiffaċilitaw l-investiment u l-impjiegi; jiġbed l-attenzjoni għat-tnaqqis fid-disponibilità ta' assi ta' kwalità għolja li jkunu aċċettati b'mod internazzjonali mill-investituri istituzzjonali;

12. Jinnota li, waqt li l-effetti fuq l-ekonomija reali kienu limitati ħafna, il-banek setgħu jaċċedu għal finanzjament virtwalment mingħajr l-ebda spiża jew bi spiża baxxa ħafna u dan ikkostitwixxa sussidju dirett għall-karti tal-bilanċ tagħhom; jiddeplora l-fatt li d-daqs ta' dan is-sussidju, minkejja li jirrappreżenta effett ċar ta' riperkussjonijiet fiskali fuq il-politika monetarja, mhuwiex sorveljat u ppubblikat, jiddeplora wkoll il-fatt li hu ħieles minn kundizzjonalità stretta f'termini ta' jekk u kif jiġi investit; jinsisti li kwalunkwe miżura straordinarja ta' dan it-tip għandha tkun akkumpanjata b'miżuri biex jitnaqqsu d-distorsjonijiet tas-suq u tal-ekonomija;

13. Jiddeplora d-distakki eżistenti, għalkemm qed jonqsu gradwalment, bejn ir-rati ta' finanzjament mogħtija lill-SMEs u dawk mogħtija lill-kumpaniji ikbar, bejn ir-rati ta' self fuq ammont ta' self żgħir u kbir, u bejn il-kundizzjonijiet ta' kreditu għall-SMEs li jinsabu f'pajjiżi differenti taż-żona tal-euro, iżda jirrikonoxxi l-limiti ta' dak li l-politika monetarja tista' tikseb f'dan ir-rigward; jenfasizza li l-ħtieġa persistenti ta' aġġustament għall-karta tal-bilanċ tal-banek qed taffettwa, fost oħrajn, id-disponibilità tal-kreditu għall-SMEs f'uħud mill-Istati Membri; jirrimarka r-riskju, barra minn hekk, ta' distorsjonijiet ulterjuri possibbli tal-kompetizzjoni bħala riżultat tax-xiri ta' bonds korporattivi mill-BĊE fis-suq kapitali, li fih il-kriterji eliġibbli sottostanti m'għandhomx joħolqu aktar distorsjonijiet, b'mod partikolari meta jitqies il-qafas tar-riskju, u li minnhom l-SMEs m'għandhomx ikunu esklużi;

14. Jissottolinja l-fatt li perjodu mtawwal ta' kurva ċatta tar-rendiment jista' jnaqqas il-profittabilità tal-banek, speċjalment jekk dawn ma jaġġustawx il-mudelli tan-negozju tagħhom, u jista' joħloq riskji potenzjali, partikolarment għal fondi privati ta' tfaddil u tal-pensjonijiet u tal-assigurazzjoni; iwissi li tnaqqis fil-profittabilità tal-banek jista' jnaqqas ir-rieda tagħhom li jiżviluppaw attività ta' self; jindika b'mod partikolari l-effett negattiv ta' tali politika ta' rata ta' imgħax fuq il-banek lokali u reġjonali u l-banek ta' tfaddil bi ftit finanzjament mis-swieq finanzjarji, u ta' riskji fis-settur tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet; jitlob, għalhekk, sorveljanza speċifika u kontinwa tal-għodda ta' rata tal-imgħax negattiva, l-implimentazzjoni tagħha u l-effetti tagħha; jenfasizza l-ħtieġa ta' ġestjoni xierqa, prudenti u fil-ħin tax-xoljiment ta' din il-politika dwar ir-rata tal-imgħax ultra baxxa (negattiva);

15. Jifhem ir-raġuni għalfejn il-BĊE implimenta rati negattivi, iżda jenfasizza t-tħassib tiegħu dwar il-konsegwenzi negattivi potenzjali ta' politika ta' rati baxxi tal-imgħax għal individwi li għandhom kontijiet ta' tfaddil u l-ekwilibriju finanzjarju tal-iskemi tal-pensjoni u f'termini tal-iżvilupp ta' bżieżaq spekulattivi tal-assi; jinsab imħasseb dwar il-fatt li f'xi Stati Membri r-rati tal-imgħax ta' tfaddil fuq terminu twil huma aktar baxxi mir-rati tal-inflazzjoni; huwa tal-fehma li, minħabba t-tendenzi demografiċi u preferenzi kulturali għal tfaddil, dawn l-effetti negattivi fuq id-dħul jistgħu jwasslu għal żieda fir-rata tat-tfaddil domestiku, ħaġa li tista' tkun ta' detriment għad-domanda domestika fiż-żona tal-euro; iwissi li, minħabba r-riġidità 'l isfel tar-rati ta' depożiti, il-benefiċċji li jimbuttaw ir-rati ta' depożiti fil-BĊE ulterjorment lejn ambitu negattiv jistgħu jkunu limitati;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

16. Jibqa' mħasseb bil-livelli li għadhom sinifikanti ta' assi li ma jistgħux jinbiegħu u titoli ta' sigurtà sostnuti mill-assi mressqa bħala kollateral għall-Eurosistema fil-qafas tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tagħha; itenni t-talba tiegħu lill-BĊE biex jipprovdi informazzjoni li fuqha l-banek ċentrali aċċettaw dawn it-titoli ta' sigurtà u biex jiżvela metodi ta' evalwazzjoni dwar dawn l-assi; jenfasizza li dan l-iżvelar jista' jkun ta' benefiċċju għall-għan tal-iskrutinju parlamentari tal-kompiti superviżorji mogħtija lill-BĊE;

17. Jitlob lill-BĊE jistudja kif it-trażmissjoni tal-politika monetarja tvarja f'dawk l-Istati Membri b'setturi bankarji ċentralizzati u kkonċentrati u dawk b'netwerk aktar divers ta' banek lokali u reġjonali kif ukoll bejn pajjiżi li jserrħu aktar fuq banek jew swieq tal-kapital għall-finanzjament tal-ekonomija;

18. Jistieden lill-BĊE jivvaluta bir-reqqa r-riskji li fil-ġejjieni jerġgħu jitfaċċjaw bżieżaq spekulattivi tal-assi u fis-settur tad-djar minħabba politika b'rata tal-imgħax baxxa ħafna (negattiva) tiegħu, speċjalment fid-dawl ta' volumi ta' self li żdiedu sew u ta' prezzijiet sproporzjonatament għoljin fis-settur tal-proprjetà, partikolarment fi bliet kbar, u jemmen li, flimkien mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), għandu jressaq proposti biex jitfasslu rakkomandazzjonijiet makroprudenzjali speċifiċi f'dan ir-rigward;

19. Jappoġġja l-valutazzjoni tal-BĊE li l-pakkett CRR/CRD IV attwali nieqes minn ċerti miżuri li jistgħu wkoll jindirizzaw b'mod effettiv tipi speċifiċi ta' riskju sistemiku, bħal (i) miżuri varji min-naħa tal-assi, li jinkludu l-applikazzjoni ta' limiti għall-proporzjonijiet bejn self u valur, self u dħul jew servizz ta' dejn u dħul, u (ii) l-introduzzjoni ta' limiti varji ta' espożizzjoni li jaqgħu lil hinn mid-definizzjoni attwali ta' espożizzjonijiet kbar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina l-ħtieġa ta' proposti leġiżlattivi f'dan ir-rigward; jinnota li wħud minn dawn il-miżuri jistgħu diġà jkunu integrati fil-kuntest tal-ħidma leġiżlattiva li għaddejja madwar il-proposta EDIS;

20. Jinnota li, kif indikat mir-rwol tal-BĊE rigward l-għoti ta' likwidità lill-Greċja f'Ġunju 2015 u d-diskussjonijiet li ġew żvelati tal-Kunsill tal-Gvernaturi tal-BĊE dwar is-solvenza tal-banek Ċiprijotti, il-kunċett ta' "insolvenza" li jsejjes l-għoti ta' likwidità tal-bank ċentrali lill-istituzzjonijiet fiż-żona tal-euro huwa nieqes minn livell suffiċjenti ta' ċarezza u ta' ċertezza ġuridika, kif il-BĊE fis-snin li għaddew irrefera alternattivament għal kunċett statiku ta' solvenza (abbażi ta' jekk bank jikkonformax mar-rekwiżiti minimi kapitali f'punt partikolari ta' żmien) jew għal kunċett dinamiku (abbażi ta' xenarji ta' testijiet ta' stress li jħarsu 'l quddiem) biex jiġġustifika l-kontinwazzjoni jew il-limitazzjoni ta' dispożizzjoni ta' assistenza ta' likwidità f'emerġenza (ELA); jissottolinja li dan in-nuqqas ta' ċarezza jeħtieġ li jiġi indirizzat sabiex tiġi ggarantita ċ-ċertezza ġuridika u titrawwem l-istabilità finanzjarja;

21. Jinnota r-rikonoxximent tal-Presidenza tal-BĊE tal-eżistenza ta' konsegwenzi distribuzzjonali tal-politiki tal-BĊE b'impatt fuq l-inugwaljanzi, u jieħu nota tal-valutazzjoni tal-BĊE li t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-kreditu għaċ-ċittadini u l-SMEs, filwaqt li jsaħħu l-impjiegi fiż-żona tal-euro, jistgħu parzjalment jikkumpensaw għal dawn l-impatti distribuzzjonali;

22. Jinnota li l-APP tal-BĊE naqqas ir-rendiment mill-bonds fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għal livelli mingħajr preċedent; iwissi kontra r-riskju ta' valutazzjonijiet eċċessivament għolja fis-swieq tal-bonds, li jkun diffiċli li jiġu ġestiti jekk ir-rati tal-imgħax jerġgħu jibdew jogħlew fin-nuqqas ta' rkupru suffiċjentement robust, b'mod partikolari rigward pajjiżi involuti fil-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv jew b'livelli għolja ta' dejn; jirrimarka li bidla f'daqqa tar-rati ta' imgħax minn livelli attwalment baxxi matul il-kurva ta' rendiment fihom riskji tas-suq importanti għall-istituzzjonijiet finanzjarji bi proporzjon sinifikanti ta' strumenti finanzjarji ta' valwazzjoni skont is-suq;

23. Jenfasizza l-prerekwiżiti definiti mill-Qorti tal-Ġustizzja li jridu jintlaħqu minn kwalunkwe xiri ta' bonds tal-gvern tal-Istati Membri taż-żona tal-euro fis-suq sekondarju mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ):

— ix-xirjiet ma jitħabbrux,

— il-volum tax-xirjiet ikun limitat mill-bidu,

— ikun hemm perjodu minimu bejn il-ħruġ tal-bonds tal-gvern u x-xiri tagħhom mis-SEBĊ li jkun definit mill-bidu u li jevita l-kundizzjonijiet tal-ħruġ milli jkunu distorti,

— is-SEBĊ tixtri biss bonds tal-gvern ta' Stati Membri li għandhom aċċess għas-suq tal-bonds li jippermetti l-finanzjament ta' tali bonds,

— bonds mixtrija jinżammu sal-maturità biss f'każijiet eċċezzjonali, u x-xiri jkun ristrett jew miżmum u l-bonds mixtrija jkunu kkummerċjalizzati mill-ġdid jekk isir meħtieġ li l-intervent jitkompla;

24. Jikkunsidra l-fatt li xi Stati Membri jistgħu qegħdin jużaw politika ta’ rati tal-imgħax baxxi ħafna (negattiva) biex jipposponu riformi strutturali meħtieġa u l-konsolidament tad-defiċits pubbliċi primarji tagħhom, partikolarment fil-livell tal-gvern ċentrali, u jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għall-impenji tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir; jirrikonoxxi li wieħed mir-raġunijiet li kkontribwixxa għal eċċessi baġitarji f'xi Stati Membri kienu r-rati ta’ imgħax negattivi tad-dejn pubbliku tagħhom; jenfasizza li l-politiki ekonomiċi nazzjonali għandhom ikunu koordinati, partikolarment fi ħdan iż-żona tal-euro; jissottolinja li l-proċess inevitabbli ta’ ħruġ mill-politika monetarja mhux konvenzjonali se jkun ferm kumpless u jrid ikun ippjanat sew biex jevita xokkijiet negattivi fuq is-swieq kapitali;

25. Jilqa’ l-pubblikazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill kif ukoll id-deċiżjoni li jiġu żvelati l-ftehimiet dwar l-assi finanzjarji netti (ANFA) bejn il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali; iħeġġeġ lill-BĊE sabiex ikompli fl-isforzi tiegħu ta’ trasparenza; ifakkar lill-BĊE li l-politika ta’ reklutaġġ tal-ħaddiema trid tikkonforma mal-aħjar prattika;

26. Ifakkar li l-indipendenza tal-BĊE għat-twettiq tal-politika monetarja tiegħu, kif minquxa fl-Artikolu 130 tat-TFUE, hija kruċjali biex tinżamm l-istabilità fil-prezzijiet; jitlob lill-gvernijiet kollha biex jevitaw dikjarazzjonijiet li jixħtu dubju fuq ir-rwol li għandha l-istituzzjoni fil-mandat tagħha;

27. Jistieden lill-BĊE jagħti attenzjoni partikolari lill-prinċipju tal-proporzjonalità f'konnessjoni mal-kompiti superviżorji bankarji mogħtija lilu;

28. Jinnota t-tqassim tar-responsabilitajiet bejn il-BĊE u l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE); jenfasizza li l-BĊE m'għandux isir entità de facto li tfassal l-istandards għall-Banek li mhumiex SMU;

29. Jinnota li fit-18 ta’ Mejju 2016 il-Kunsill Governattiv tal-BĊE adotta r-Regolament dwar il-ġbir ta’ kreditu granulari u ta’ data dwar ir-riskju tal-kreditu (AnaCredit); jitlob lill-BĊE u lill-banek ċentrali nazzjonali jħallu kemm jistgħu flessibilità meta jimplimentaw l-AnaCredit;

30. Jistieden lill-BĊE biex ma jibdix ħidma fuq stadji ulterjuri oħra f'konnessjoni mal-AnaCredit sakemm ma sseħħx konsultazzjoni pubblika, b'involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew u jitqies b'mod partikolari l-prinċipju ta’ proporzjonalità;

31. Jinnota bi tħassib li l-iżbilanċi ta’ Target 2 qed jerġgħu jidhru fiż-żona tal-euro minkejja tnaqqis fl-iżbilanċi kummerċjali li jindikaw ħruġ ta’ flussi ta’ kapital mill-periferija taż-żona tal-euro;

32. Ifakkar li d-djalogu monetarju huwa importanti sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-politika monetarja quddiem il-Parlament Ewropew u l-pubbliku ġenerali;

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0434

## Green Paper dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar il-Green Paper dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur (2016/2056(INI))**

(2018/C 224/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 1999 intitolata "Implementing the framework for financial markets: action plan" (the Financial Services Action Plan) (L-implimentazzjoni tal-qafas għas-swieq finanzjarji: pjan ta' azzjoni (il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Servizzi Finanzjarji)) (COM(1999)0232),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 2007 intitolata "Sector Inquiry under Article 17 of Regulation (EC) No 1/2003 on retail banking (Final Report)" (Inkjesta Settorjali skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar l-operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur (Rapport Finali)) (COM(2007)0033),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2007 dwar "Is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur fis-Suq Waħdieni" (COM(2007)0226),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2012 intitolata "Lejn suq Ewropew integrat għal pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl" (COM(2011)0941),

— wara li kkunsidra r-"Report on Good Practices on Comparison Websites" (Rapport dwar Prattiki Tajbin fuq Siti Web ta' Tqabbil – 2014) tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol,

— wara li kkunsidra l-"Opinion to EU Institutions on a Common Framework for Risk Assessment and Transparency for IORPs" (Opinjoni għall-Istituzzjonijiet tal-UE dwar Qafas Komuni għall-Valutazzjoni tar-Riskju u Trasparenza għall-IORPs) tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ta' April 2016,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE ([5]),

([1]) ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66.
([2]) ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11.
([3]) ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34.
([4]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.
([5]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/65/KE, kif emendata riċentement mid-Direttiva 2014/91/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014, li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fir-rigward tal-funzjonijiet tad-depożitarji, il-politiki tar-rimunerazzjoni u s-sanzjonijiet ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar id-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-8 ta' Awwissu 2014 dwar il-ħidma tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) u s-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF) (COM(2014)0509),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (riformulazzjoni) ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar il-muniti virtwali ([7]),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2015 dwar "is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur: Prodotti aħjar, aktar għażla u opportunitajiet akbar għall-konsumaturi u għan-negozji" (COM(2015)0630),

— wara li kkunsidra t-tweġiba tal-EBA għall-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur tal-21 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0294/2016),

A. billi s-suq tal-UE fis-servizzi finanzjarji għall-konsumatur għadu pjuttost mhux żviluppat u huwa ferm frammentat, pereżempju fir-rigward tan-numru baxx ta' tranżazzjonijiet transkonfinali, b'mod li jeħtieġ li tittieħed azzjoni effiċjenti sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku u tkun iffaċilitata l-innovazzjoni ta' benefiċċju għall-utenti aħħarin;

B. billi d-dinamika tas-swieq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur, ikkaratterizzata minn kombinazzjoni ta' konċentrazzjoni relattivament għolja u kompetizzjoni insuffiċjenti, tista' tirriżulta f'għażla limitata u valur baxx għall-flus, kif ukoll f'diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri; billi l-kumpaniji multinazzjonali b'fergħat f'diversi Stati Membri jistgħu jevitaw dawn l-ostakoli b'mod aktar faċli mill-kumpaniji żgħar;

(1) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 186.
(2) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214.
(3) ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1.
(4) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1.
(5) ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35.
(6) ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19.
(7) Testi adottati, P8_TA(2016)0228.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

C. billi s-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur ikun biss vijabbli jekk ikun jirrappreżenta valur miżjud reali għall-konsumaturi billi jiżgura kompetizzjoni, aċċess u protezzjoni tal-konsumatur effettivi, l-aktar fir-rigward ta' prodotti attwalment meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-ħajja ekonomika;

D. billi l-iżvilupp ulterjuri tas-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur fil-livell tal-UE, bil-qafas leġiżlattiv xieraq li jimponi l-protezzjoni tal-konsumatur li hija meħtieġa, mhux biss jiffaċilita attività transkonfinali importanti u produttiva, iżda jista' joffri wkoll skop akbar għal kompetizzjoni miżjuda fil-livell nazzjonali; billi suq intern Ewropew ġenwin għas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur għandu potenzjal sinifikanti biex jipprovdi lill-konsumaturi b'servizzi u prodotti finanzjarji aħjar, aktar għażla u aċċess imtejjeb għal servizzi u prodotti finanzjarji u prezzijiet aktar baxxi; billi l-impatt tal-kompetizzjoni fuq il-prezzijiet se jvarja skont is-settur u l-prodott;

E. billi l-Green Paper tiffoka prinċipalment fuq servizzi finanzjarji għaċ-ċittadini li qegħdin ifittxu servizzi transkonfinali; billi huwa importanti li jekk jiġu ppreżentati proposti ġodda dawn ikunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi kollha tal-UE biex jiġi żgurat li s-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumaturi jiffunzjona għal kulħadd;

F. billi għandna nibqgħu ambizzjużi fit-tneħħija tal-ostakoli u t-trażżin ta' tendenzi protezzjonisti eżistenti li jwaqqfu l-innovazzjoni fis-servizzi finanzjarji għall-konsumatur; billi suq uniku reali se jagħmel lill-UE attraenti bħala ċ-ċentru għal servizzi finanzjarji innovattivi;

G. billi t-trasformazzjoni rapida kkawżata mid-diġitalizzazzjoni u mill-innovazzjoni tat-teknoloġija finanzjarja mhux biss għandha l-potenzjal, jekk tiġi mmaniġġjata bi prudenza, li toħloq prodotti finanzjarji ġodda u sikwit aħjar għall-konsumaturi u li tikkontribwixxi għall-inklużjoni finanzjarja, anke billi jitbaxxew l-ispejjeż tat-tranżazzjoni u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament, iżda tinvolvi wkoll sfidi ewlenin f'termini ta' sigurtà, protezzjoni tad-dejta, protezzjoni tal-konsumaturi, tassazzjoni, kompetizzjoni ġusta u stabbiltà finanzjarja, li għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib sabiex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji għaċ-ċittadini;

H. billi ħafna servizzi qegħdin isiru onlajn, huwa importanti li jiġi żgurat li ħadd ma jibqa' lura u li l-aċċess jiġi pprovdut ukoll permezz ta' kanali mhux diġitali, fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi evitata l-esklużjoni finanzjarja;

I. billi kwalunkwe sforz biex jissaħħaħ is-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur tal-UE għandu jiġi kkoordinat mal-aġendi tad-DSM (Suq Uniku Diġitali), tas-CMU (Unjoni tas-Swieq Kapitali) u l-SMS (Strateġija għal Suq Uniku) u l-mira ġenerali tiegħu għandu jkun it-tisħiħ tal-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir sostenibbli, l-istabbiltà finanzjarja u r-rwol tal-konsumatur fl-ekonomija Ewropea;

J. billi suq Ewropew tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur għandu jkun ta' benefiċċju għall-SMEs f'termini kemm tal-provvista kif ukoll tad-domanda; f'termini tal-provvista, dan ifisser l-iżgurar ta' titjib fl-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs; f'termini tad-domanda, dan ifisser li l-SMEs jistgħu jaċċessaw swieq transkonfinali b'mod aktar faċli;

K. billi t-tlestija tas-suq intern hija importanti għall-konsumaturi, u hija essenzjali wkoll sabiex tagħti lill-kumpaniji Ewropej tat-teknoloġija finanzjarja l-possibilità li jisfruttaw il-benefiċċji tas-suq intern biex jikkompetu ma' atturi tradizzjonali sabiex joffru soluzzjonijiet innovattivi, faċli għall-konsumaturi u biex joħolqu l-impjiegi fl-UE kollha;

L. billi l-mikrointrapriżi, l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea u l-ixpruni tal-impjiegi u t-tkabbir; billi kull liġi u inizjattiva Ewropea għandha tiġi adattata għall-karatteristiċi ta' dawn il-kumpaniji;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

M. billi t-tlestija tas-suq intern Ewropew hija ferm importanti għall-konsumaturi u n-negozji u billi atturi ġodda innovattivi qegħdin jibdew joffru alternattivi għas-servizzi eżistenti;

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur (definiti bħala li jinkludu l-assigurazzjoni) u d-dibattitu vivaċi u produttiv li din iġġenerat sa issa; jilqa' wkoll il-konsultazzjoni pubblika dwar il-Green Paper, li tat lil dawk li huma involuti l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom abbażi tas-sitwazzjonijiet u/jew setturi speċifiċi tagħhom; jenfasizza li approċċ uniku dwar is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur ikun kontroproduttiv, minħabba d-diversità tal-atturi u l-prodotti kkonċernati;

2. Iqis li d-diġitalizzazzjoni se tkompli toħloq opportunitajiet ġodda għall-konsumaturi, l-investituri, l-SMEs u kumpaniji oħra f'termini ta' kompetizzjoni, attivitajiet transkonfinali u innovazzjoni; jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni waħedha mhijiex suffiċjenti biex toħloq suq vijabbli Ewropew tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur; jinnota li l-bosta ostakoli bħad-diversi reġimi ta' tassazzjoni, soċjali, ġudizzjarji, tas-saħħa, kuntrattwali u tal-protezzjoni tal-konsumatur, kif ukoll il-lingwi u l-kulturi differenti, ma jistgħux jiġu megħluba permezz tad-diġitalizzazzjoni biss;

3. Iqis li l-inizjattiva tal-Green Paper hija f'waqtha, minħabba l-ħtieġa ta' ħidma proattiva fl-istadji kollha tal-proċess ta' tfassil tal-politika sabiex ikun hemm rispons effiċjenti adegwat għall-iżviluppi f'suq daqstant innovattiv u li qed jinbidel malajr;

4. Jikkunsidra s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, li hija ffaċilitata billi jiġu skoraġġuti l-prodotti u s-servizzi kumplessi wisq, bħala kruċjali fl-isforzi biex il-prodotti jsiru aktar faċilment komparabbli fost is-swieq tal-Istati Membri, b'mod partikolari fis-settur tal-assigurazzjoni;

5. Jirrimarka li firxa wiesgħa ta' drittijiet tal-UE rilevanti għas-suq uniku fis-servizzi finanzjarji għall-konsumatur diġà ġew adottati, bħall-PSD2, ir-regolament tal-MIFs, il-PAD, l-AMLD, id-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju u l-IDD; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni, u tevita d-duplikazzjoni u t-trikkib;

6. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' żviluppi pożittivi fis-swieq tal-finanzjament għall-konsumatur billi jinħoloq ambjent kompetittiv u jinżammu kundizzjonijiet ekwi bejn il-partijiet interessati kollha, inklużi l-operaturi diġà stabbiliti u l-operaturi ġodda, b'regoli li kemm jista' jkun ikunu teknoloġikament u kummerċjalment newtrali; jirrimarka li tali approċċ huwa meħtieġ, mhux l-anqas sabiex jgħin lin-negozji ġodda jikbru u jappoġġja lil SMEs ġodda u innovattivi;

7. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-istess regoli japplikaw għal kwalunkwe servizz partikolari biex jiġi evitat il-ħolqien ta' distorsjonijiet fil-kompetizzjoni, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' fornituri ġodda tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur; jenfasizza li dawn ir-regoli ma għandhomx jaġixxu bħala ostakolu għall-innovazzjoni; jenfasizza li l-ħolqien ta' "punti ta' kuntatt" li jippermettu lill-partijiet ikkonċernati jirrappurtaw l-applikazzjoni illegali tal-provvisti tal-passaport tal-UE, jista' jrawwem l-integrazzjoni tas-suq;

8. Jinnota li għall-ewwel trimestru tal-2016, il-finanzjament tat-teknoloġija finanzjarja fl-Ewropa ammonta għal USD 348 miljun biss meta mqabbel mal-USD 1,8 biljun fl-Amerika ta' Fuq u mat-USD 2,6 biljun fiċ-Ċina, li juri l-ħtieġa urġenti għal bidla rapida fil-mentalità u rispons regolatorju adegwat għall-iżviluppi teknoloġiċi sabiex l-Ewropa ssir suq ewlieni għall-innovazzjoni; jenfasizza li suq uniku ġenwin għas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur fejn jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ġodda fis-suq se jagħmel l-UE attraenti bħala ċentru għas-servizzi finanzjarji innovattivi u se jipprovdi lill-konsumaturi għażla akbar u aħjar, b'rati aktar baxxi; jenfasizza li minkejja li t-teknoloġiji li jfixklu jippreżentaw sfidi regolatorji, huma joffru wkoll opportunitajiet kbar għall-innovazzjoni li minnhom jibbenefikaw l-utenti aħħarin u stimolu għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

9. Jenfasizza, b'mod partikolari sabiex tingħata spinta lill-fiduċja u s-sodisfazzjon tal-konsumaturi, li l-inizjattiva tal-Green Paper tista' tirnexxi biss jekk titfa' enfasi qawwija fuq il-ħolqien ta' suq tal-UE fejn il-konsumaturi protetti sewwa jkollhom opportunitajiet indaqs u aċċess għal prodotti trasparenti, sempliċi u b'valur tajjeb għall-flus; jirrikonoxxi l-valur pożittiv li l-konsumaturi jiġu pprovduti bi prodotti sempliċi, sikuri u standardizzati; jistieden lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej biex jivvalutaw b'mod regolari l-impatt ta' bejgħ abbinat skont il-prezzijiet u l-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji għall-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi qafas sempliċi, portabbli u sikur tal-prodotti finanzjarji; Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tħares lejn il-possibilità li toħloq qafas legali armonizzat għall-għażliet predefiniti standardizzati għall-prodotti finanzjarji komunement l-aktar użati fl-UE fuq il-mudell tal-Kont Bankarju Bażiku u l-PEPP;

10. Jenfasizza li l-proposti li jirriżultaw mill-Green Paper jeħtieġ li jkunu konsistenti mal-prinċipju ta' proporzjonalità;

11. Ifakkar li l-inizjattivi kollha bbażati fuq il-Green Paper għandhom ikunu kompatibbli mal-intensifikazzjoni tal-ġlieda internazzjonali kontra l-frodi, l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa u l-ħasil tal-flus, fosthom aktar sforzi biex jiġi elaborat Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa Komuni;

12. Jieħu nota tal-kumplessità dejjem tikber tal-prodotti finanzjarji għall-konsumatur; jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati inizjattivi u strumenti li jtejbu l-kompetizzjoni u jippermettu lill-konsumaturi jidentifikaw u jqabblu prodotti sikuri, sostenibbli u sempliċi fil-firxa ta' prodotti disponibbli għalihom; jappoġġja inizjattivi bħad-Dokument bit-Tagħrif Ewlieni għall-Prodotti ta' Investiment għall-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u d-Dokument bit-Tagħrif Ewlieni għall-prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs); jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-mekkaniżmi ta' informazzjoni jiġu adattati għar-realtà diġitali; jemmen li s-sommarju tal-prospett għandu jkun allinjat mad-Dokument bit-Tagħrif Ewlieni għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs), sabiex jippermetti lill-investituri fil-livell tal-konsumatur jivvalutaw kif xieraq ir-riskji assoċjati mat-titoli ta' sigurtà offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozjar;

13. Ifakkar fl-iżviluppi riċenti fil-qafas leġiżlattiv għas-settur bankarju, b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek u d-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti; ifakkar li r-reġim il-ġdid ta' riżoluzzjoni introdott wassal biex ċerti strumenti offruti lill-investituri fil-livell tal-konsumatur jinvolvu riskju akbar ta' telf; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu infurmati b'mod sħiħ dwar l-impatt tar-regoli l-ġodda, b'mod partikolari jekk id-depożiti jew l-investimenti tagħhom jinsabu f'riskju ta' rikapitalizzazzjoni interna; jitlob lill-Kummissjoni tivverifika jekk l-Istati Membri humiex qegħdin japplikaw b'mod korrett id-Direttiva dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti; jirrimarka li l-bejgħ ta' ċerti strumenti li tista' ssirilhom rikapitalizzazzjoni interna lill-investituri fil-livell tal-konsumatur huwa problematiku ħafna fir-rigward tal-ħarsien adegwat tal-konsumatur, kif ukoll l-iżgurar ta' flessibbiltà prattika ta' rikapitalizzazzjoni interna u jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-għażliet biex tirrestrinġi tali prattika;

14. Jinnota li suq Ewropew tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur se jkun fattibbli biss jekk il-konsumaturi jibbenefikaw mill-istess protezzjoni legali madwar l-UE kollha; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi aġġornat u promoss in-netwerk għar-riżoluzzjoni ta' tilwim finanzjarju "FIN-NET";

15. Jinnota li n-nuqqas ta' Skema ta' Garanzija tal-Assigurazzjoni f'ċerti Stati Membri għandu l-potenzjal li jdgħajjef il-fiduċja tal-konsumaturi u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra leġiżlazzjoni li tagħmel il-Kopertura tal-Iskema ta' Garanzija tal-Assigurazzjoni obbligatorja;

16. Jenfasizza li l-perspettiva tal-inklużjoni finanzjarja għandha dejjem tiġi kkunsidrata u li għandhom jittieħdu miżuri sabiex ikun żgurat li l-konsumaturi kollha jkollhom aċċess ugwali għal tal-anqas l-aktar servizzi finanzjarji essenzjali, anke permezz ta' kanali mhux diġitali, sabiex tiġi evitata l-esklużjoni finanzjarja;

17. Iqis li l-bidliet strutturali li qegħdin iseħħu fis-settur finanzjarju – mill-ħolqien ta' kumpaniji teknoloġiċi finanzjarji (fintechs) għal fużjonijiet u takeovers – li jistgħu jirriżultaw fi tnaqqis tal-persunal u l-għeluq tal-fergħat, għandhom jiġu affettwati mingħajr ebda tnaqqis fil-kwalità tas-servizzi sal-persuni l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari għall-anzjani u l-persuni li jgħixu f'żoni rurali jew b'popolazzjoni baxxa;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

18. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni finanzjarja bħala għodda biex jiġu protetti l-konsumaturi u biex tingħatalhom is-setgħa; jappella sabiex l-aċċess għall-edukazzjoni finanzjarja indipendenti jitwessa' u jiġi ffaċilitat u jenfasizza l-bżonn li titqajjem il-kuxjenza tal-konsumaturi tal-għażliet ta' investiment;

19. Josserva li d-diġitalizzazzjoni tista' ġġib benefiċċji għall-investituri fil-livell tal-konsumatur, pereżempju komparabbiltà tal-prodotti aktar faċli, aċċess aħjar u aktar faċli għall-investiment transkonfinali u l-iżgurar ta' kompetizzjoni aktar ġusta bejn il-fornituri, kif ukoll reġistrazzjoni u proċessi ta' ħlas aktar rapidi u faċli u kostijiet ta' tranżazzjoni li jirriżultaw aktar baxxi, iżda tista' toħloq ukoll sfidi li ma jistgħux jiġu injorati, bħall-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti kun af il-klijent tiegħek (Know Your Customer – KYC), kontra l-ħasil tal-flus (AMLD) u tal-protezzjoni tad-dejta, kif ukoll riskji bħal vulnerabbiltà ta' sistemi ċentralizzati għal ċiberattakki; jitlob li jiġu identifikati u ssorveljati x-xejriet emerġenti u attwali fis-swieq finanzjarji u l-benefiċċji u r-riskji li jirriżultaw, billi jintuża l-impatt probabbli tagħhom fuq l-investituri fil-livell tal-konsumatur bħala punt ta' riferiment;

20. Jinnota li d-dejta finanzjarja u mhux finanzjarja tal-konsumaturi miġbura minn sorsi differenti qiegħda tintuża dejjem aktar minn fornituri ta' servizzi finanzjarji għal diversi raġunijiet, b'mod partikolari fis-setturi tal-kreditu u tal-assigurazzjoni; jenfasizza li l-użu tad-dejta personali u l-big data mill-fornituri ta' servizzi finanzjarji għandu jkun konformi mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta tal-UE, ikun strettament limitat għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi pprovdut is-servizz u jġib benefiċċji lill-konsumaturi; f'dan l-isfond, id-demutwalizzazzjoni tar-riskju fl-assigurazzjoni li rriżultat mill-big data għandha tkun taħt skrutinju mill-qrib;

21. Jenfasizza li l-aċċess għall-flus kontanti permezz tal-ATMs huwa servizz pubbliku essenzjali li għandu jiġi pprovdut mingħajr ebda prattika diskriminatorja jew inġusta u li m'għandux, għalhekk, iġarrab spejjeż eċċessivi;

22. Jenfasizza li tinħtieġ fiduċja akbar tal-konsumaturi fis-servizzi finanzjarji, peress li din għadha baxxa, speċjalment fir-rigward tal-prodotti finanzjarji b'livell għoli ta' riskji ta' kambju tal-munita, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-miżuri eżistenti bil-għan li jtejbu l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni finanzjarja jkunu implimentati bis-sħiħ u li jiġu introdotti miżuri ulterjuri fejn meħtieġ sabiex tingħata s-setgħa lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati, tiżdied it-trasparenza ta' dawn il-prodotti u jitneħħew l-ostakoli għall-konsumatur meta jibdlu l-fornitur u kwalunkwe spejjeż mhux ġustifikati relatati ma' dan, jew jekk ma jkunux iridu jibqgħu jużaw prodott; jenfasizza li l-Fuljett Ewropew ta' Informazzjoni Standardizzat (FEIS) u l-formola ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur għandha tingħata b'mod sistematiku lill-konsumatur qabel ma jsir ftehim bħala parti minn stima ta' kreditu, self jew self ipotekarju;

23. Jinnota li l-impjegati prominenti fl-istituzzjonijiet finanzjarji u l-fornituri ta' servizzi finanzjarji għandhom rwol kruċjali fil-ftuħ ta' servizzi għall-konsumatur għall-oqsma kollha tas-soċjetà u għall-konsumaturi madwar fl-UE; jirrimarka li, fil-prinċipju, dawn l-impjegati għandhom jingħataw it-taħriġ u l-ħin meħtieġa biex ikunu jistgħu jservu lill-klijenti tagħhom b'mod preċiż, u m'għandhomx jiġu soġġetti għal miri jew inċentivi ta' bejgħ li jistgħu joħolqu preġudizzju meta jagħtu parir jew jgħawġu l-parir tagħhom u għandhom jaġixxu dejjem fl-interessi tal-konsumaturi skont id-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur MiFID II;

24. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għal parir affordabbli u indipendenti huwa essenzjali għal deċiżjonijiet ta' investiment tajbin; jenfasizza li biex ikun hemm titjib fil-pariri mogħtija tinħtieġ, b'mod partikolari, offerta usa' ta' prodotti standardizzati ta' investiment fil-livell tal-konsumatur u dokumenti effettivi bit-tagħrif dwar l-investitur għal prodotti kumplessi u sempliċi;

25. Josserva li l-għoti ta' parir finanzjarju affordabbli u mmirat, li jkollu kamp ta' applikazzjoni iżgħar minn parir ta' investiment xieraq irregolat mill-MiFID huwa attwalment nieqes, minkejja d-domanda eżistenti; jinnota r-riflessjonijiet imwettqa u l-inizjattivi meħuda f'ċerti Stati Membri dwar il-ħolqien ta' tali servizz intermedjarju; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-atturi tas-suq jidentifikaw, jistudjaw u jsegwu prattiki u inizjattivi tajbin f'dan ir-rigward;

26. Jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni nazzjonali tad-Direttiva MiFID II, li wasslet f'ħafna każijiet għal rekwiżiti ta' rappurtar li jeħtieġu ħafna xogħol għal intermedjarji, li ma jtejbux b'mod effettiv il-protezzjoni tal-konsumatur u jmorru lil hinn mill-MiFID II innifisha; jitlob li jittieħdu lezzjonijiet minn din l-esperjenza;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

27. Jenfasizza li l-operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur għandhom rwol deċiżiv fit-trażmissjoni xierqa tal-kundizzjonijiet tal-politika monetarja lis-suq, b'mod partikolari lill-konsumaturi; jenfasizza l-importanza ta' ambjent xieraq ta' politika monetarja bil-ħsieb li jiġi promoss it-tfaddil fit-tul tal-konsumaturi;

28. Jenfasizza li, sabiex is-suq waħdieni fis-servizzi finanzjarji għall-konsumatur ikun effikaċi u dinamiku, jeħtieġ li ma jkunx hemm differenzi bla bżonn jew inġusti bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u dawk li mhumiex fiż-żona tal-euro;

29. Jemmen li l-adozzjoni tal-munita unika mill-Istati Membri kollha mingħajr eċċezzjoni tagħmel is-suq uniku tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur aktar effiċjenti u koerenti;

30. Josserva li l-kapaċità fil-livell tal-UE għall-ġbir u l-analiżi tad-dejta f'dan il-qasam probabbilment ser ikollha tissaħħaħ; jinnota li se jkun meħtieġ li wħud mill-aktar ideat promettenti fil-Green Paper jingħataw irfid empiriku wiesa' u adegwat qabel ikun possibbli li wieħed jgħaddi għal proċessi leġiżlattivi; jenfasizza li l-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet ta' tali xogħol empiriku għandhom jiġu divulgati b'mod xieraq u għandhom jagħmlu użu sħiħ mir-riżultat tal-ħidma ta' monitoraġġ tal-ASE li l-mandat għalih jinsab fir-Regolament tal-EBA, sabiex tidentifika l-benefiċċji u r-riskji ta' innovazzjonijiet differenti u kwalunkwe azzjoni leġiżlattiva meħtieġa biex jinstab il-bilanċ ġust bejniethom;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni ta' bejgħ inadatt ta' prodotti u servizzi finanzjarji; jistieden b'mod partikolari lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' regoli ġodda skont il-MiFID II, li tipprojbixxi l-kummissjoni għall-konsulenti finanzjarji indipendenti u tillimita l-użu tagħha għal konsulenti mhux indipendenti, u abbażi ta' dak il-monitoraġġ tikkunsidra jekk dawk ir-restrizzjonijiet għandhomx isiru aktar stretti;

***Prijoritajiet fuq terminu qasir***

32. Jenfasizza li jeħtieġ li jissaħħaħ l-infurzar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar l-affarijiet finanzjarji u l-konsumaturi u li suq uniku fis-servizzi finanzjarji fil-livell tal-konsumatur jeħtieġ livelli għolja ta' leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u infurzar konsistenti u rigoruż ta' dan madwar l-Istati Membri; jinnota, fl-istess ħin, li l-volum tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur żdied fis-snin riċenti bil-għan li jtejjeb l-istabbiltà prudenzjali, isaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur u jreġġa' lura l-fiduċja fis-settur; jenfasizza li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom jintensifikaw l-attivitajiet tagħhom fuq kwistjonijiet tal-konsumaturi u tal-investituri fil-livell tal-konsumatur u li l-aġenziji responsabbli f'għadd ta' Stati Membri għandhom jibdew jaħdmu b'mod aktar attiv u kompetenti f'dan il-qasam; jistieden lill-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri jwettqu skambji ta' prattika tajba sabiex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur tiġi applikata b'tali mod li tissalvagwardja l-kompetizzjoni ġusta filwaqt li tinforza l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur;

33. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-proċedura marbuta mal-White Paper ippjanata dwar il-finanzjament u l-governanza tal-ASE, biex tagħmel enfasi partikolari fuq li jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikollhom il-mudelli ta' finanzjament u l-mandati meħtieġa biex jieħdu rwol aktar attiv u orjentat lejn il-konsumatur fis-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur, filwaqt li tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja;

34. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tinkuraġġixxi l-finanzjament għall-investimenti sostenibbli u ħodor, u jħeġġiġha sabiex, filwaqt li tibni fuq konsultazzjonijiet tal-passat u filwaqt li tinvolvi mill-qrib lill-Parlament Ewropew, ikollha rwol aktar proattiv fl-użu tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, biex tappoġġja s-suq tal-Investiment Sostenibbli u Responsabbli (SRI) li qiegħed jikber billi tippromwovi l-investimenti sostenibbli, billi tipprovdi informazzjoni ambjentali, soċjali u ta' governanza effikaċi u standardizzata bl-użu ta' kriterji applikabbli għall-intermedjarji finanzjarji u l-kumpaniji elenkati fil-Borża, u billi dawn il-kriterji tapplikahom b'mod adegwat fis-sistemi ta' ġestjoni tal-investiment u l-istandards tal-iżvelar, abbażi ta' dispożizzjonijiet simili li ġew promossi b'suċċess min-naħa tal-Parlament fir-reviżjoni li saret dan l-aħħar tad-Direttiva dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali; iħeġġeġ ulterjorment lill-Kummissjoni biex tippromwovi "servizzi ta' klassifikazzjoni" ambjentali, soċjali u ta' governanza, kif ukoll qafas konsistenti għas-suq tal-bonds ekoloġiċi, abbażi ta' studju tal-Kummissjoni u l-ħidma tal-grupp ta' studju tal-G20 dwar il-finanzi ekoloġiċi;

**It-Tlieta 22 ta’ Novembru 2016**

35. Jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-ħidma tagħha kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-residenza fis-suq Ewropew dwar is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur u, jekk ikun meħtieġ, tikkumplimenta l-proposti ġenerali ppjanati sabiex ittemm l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat b’inizjattivi leġiżlattivi ulterjuri mmirati speċifikament għas-settur finanzjarju, filwaqt li jibqa’ jitqies li l-prezz ta’ xi prodotti u xi servizzi huwa marbut ma’ sensiela ta’ fatturi (regolatorji jew ġeografiċi) li jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor;

36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fost l-oħrajn abbażi tal-istruttura tad-Direttiva dwar il-Kontijiet tal-Pagamenti (PAD) u tal-analiżi tas-settur tal-assigurazzjoni tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, sabiex twaqqaf portal ta’ tqabbil tal-UE li jkun organizzat sewwa u faċli biex jintuża u li jkun ikopri ħafna mill-partijiet jew il-partijiet kollha tas-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur; jenfasizza li l-għodod ta’ tqabbil għandhom ikunu preċiżi u rilevanti għall-konsumaturi u ma għandhomx jiffukaw biss fuq il-prezzijiet tal-prodotti, iżda anki fuq il-kwalità tagħhom, filwaqt li jitqies li prodotti li huma simili biss jistgħu jitqabblu;

37. Jisteiden lill-Kummissjoni, fost l-oħrajn b’referenza għall-PAD, sabiex tfassal ir-regoli, il-prattiki u n-nonprattiki li japplikaw għall-bdil domestiku u transkonfinali fil-partijiet relevanti tas-suq Ewropew tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur u sabiex tippreżenta strateġija koerenti u komprensiva li tagħmel il-bdil transkonfinali madwar l-UE aktar faċli għall-konsumatur;

38. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-istrutturi ta’ Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR) konnessi mas-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur billi jiżguraw li l-korpi tal-ADR ikunu verament indipendenti, jiżguraw li dawn il-korpi jkopru lill-atturi kollha fis-suq u billi jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-FIN-NET isir aktar effiċjenti u magħruf sew mal-konsumaturi; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni, wara l-evalwazzjoni ppjanata tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni dwar ir-rimedju kollettiv, tanalizza l-possibbiltà li tintroduċi sistema Ewropea ta’ rimedju kollettiv;

39. Jitlob lill-Kummissjoni tkompli tinvestiga l-prattiki konfużi u xi drabi qarrieqa li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom il-konsumaturi meta jagħmlu pagamenti bil-kard u ġbid ta’ flus mill-ATM li jinvolvu l-konverżjoni tal-munita, kif ukoll sabiex tippreżenta soluzzjoni koerenti li tagħmilha possibbli, inkluż fil-prattika, għall-konsumatur li jifhem u jikkontrolla s-sitwazzjoni kompletament, anke għal ħlasijiet li jirreletaw mas-suq diġitali;

40. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-istituzzjonijiet finanzjarji għadhom qed jikkanċellaw il-karti ta’ pagament jekk id-detentur jiċċaqlaq fi Stat Membru ieħor u jitlob li għandha tittieħed azzjoni f’dan ir-rigward, anke billi jiġu mwissija l-awtoritajiet nazzjonali;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi r-rikonoxximent reċiproku u l-interoperabbiltà tat-tekniki ta’ identifikazzjoni diġitali, mingħajr ma jiġi affettwat il-livell ta’ sigurtà tas-sistemi eżistenti jew il-kapaċità tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-qafas tal-UE kontra l-ħasil tal-flus; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, billi jaħdmu bir-reqqa fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-eIDAS u l-leġiżlazzjoni ġdida kontra l-ħasil tal-flus, fost l-oħrajn, sabiex joħolqu – kif għandu jkun għalkollox fattibbli – ambjent ġenerali li fih rekwiżiti tas-sigurtà robusti jiġu kkombinati ma’ proċeduri ġusti u sempliċi sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jidentifikaw lilhom infushom skont il-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta personali; jitlob ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jidentifikaw u jneħħu l-ostakoli regolatorji għall-użu ta’ sistemi ta’ firem elettroniċi għall-abbonament ta’ servizzi finanzjarji, u jiffaċilitaw l-onboarding diġitali transkonfinali madwar l-UE;

42. Jirrimarka li l-impatt potenzjalment trasformattiv tat-teknoloġija ta’ reġistri distribwiti jeħtieġ l-iżvilupp bikri ta’ kapaċità regolatorja biex jiġu identifikati fi stadju bikri r-riskji u l-isfidi sistemiċi potenzjali għall-protezzjoni tal-konsumatur; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni toħloq task force orizzontali biex timmonitorja mill-qrib ir-riskji u tgħin biex dawn jiġu indirizzati fil-ħin;

43. Jistieden lill-Kummissjoni, b’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, sabiex tfassal pjan għall-istabbiliment ta’ netwerk ikkoordinat ta’ “punti uniċi ta’ servizz” nazzjonali, f’konformità mal-Punti ta’ Kuntatt Uniku, li jgħinu lill-impriżi finanzjarji għall-konsumatur li jixtiequ jagħmlu użu aħjar mill-opportunitajiet ta’ negozju transkonfinali;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

44. Jenfasizza l-ħtieġa li l-fornituri tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur jiġu mħeġġa jiffinanzjaw proġetti assoċjati mal-innovazzjoni u l-ambjent; jirrimarka li jista' jiġi kkunsidrat approċċ simili għal dak tal-fattur ta' sostenn lill-SMEs;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu għall-proposta tal-EIOPA għal Qafas Komuni għal Valutazzjoni tar-Riskju u Trasparenza għall-IORPs, sabiex tiġi promossa sistema soda tal-pilastru 2 fl-Unjoni kollha u komparabbiltà tal-iskemi, u biex tikkontribwixxi għal fehim aħjar tal-benefiċċji u r-riskji lill-konsumaturi permezz ta' regolaturi, superviżuri u l-konsumaturi nfushom;

46. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina approċċi ġodda bil-potenzjal li tagħti lill-kumpaniji flessibbiltà regolatorja ikbar biex jesperimentaw u jkunu jistgħu jinnovaw, filwaqt li jżommu livelli għolja ta' protezzjoni u sigurtà tal-konsumatur;

47. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta proposta dwar il-ħolqien ta' "kont ta' tfaddil tal-UE", sabiex jinfetaħ il-finanzjament fit-tul u tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni ekoloġika fl-Ewropa;

48. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiċċara l-użu tad-dispożizzjonijiet ġenerali tajba, li attwalment jistgħu jintużaw b'mod indirett mill-Istati Membri biex jimblukkaw prodotti ġodda milli jidħlu fis-suq tagħhom, u tagħti s-setgħa lill-ASE jkunu medjaturi attivi bejn l-Istati Membri meta jkunu hemm interpretazzjonijiet kunfliġġenti dwar l-użu tagħhom;

***Kunsiderazzjonijiet fuq terminu twil***

49. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja aktar il-fattibbiltà, ir-relevanza, il-benefiċċji u l-ispejjeż tat-tneħħija tal-ostakoli eżistenti għall-forniment transkonfinali ta' servizzi finanzjarji, biex b'hekk tiġi ggarantita l-portabbiltà domestika u transkonfinali f'diversi partijiet tas-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur, pereżempju, fir-rigward tal-prodotti ta' pensjoni personali u ta' assigurazzjoni;

50. Jenfasizza li d-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju qiegħda attwalment tiġi trasposta, jew hija fil-proċess li tiġi implimentata, fl-Istati Membri; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tissorvelja t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tagħha b'attenzjoni u biex tanalizza l-impatt ta' din il-leġiżlazzjoni fuq is-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur; jinnota li xorta waħda għad hemm ostakoli sinifikanti fil-ħolqien ta' suq uniku aktar b'saħħtu għall-ipoteki u l-kreditu għall-konsumaturi; għaldaqstant, jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni timxi 'l quddiem filwaqt li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, billi tibbilanċja t-tħassib dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta b'aċċess transkonfinali mtejjeb għal bażijiet ta' dejta ta' kreditu kkoordinati aħjar u billi tiżgura li ma jiġux imtennija l-inċidenti relatati mal-kreditu li permezz tagħhom il-konsumaturi kienu esposti mingħajr ebda raġuni għal riskji ta' kambju tal-munita;

51. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq mal-Istati Membri analiżi konġunta tal-implimentazzjoni u l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw fid-dettall l-ostakoli legali u ostakoli oħra li jifdal għal operazzjonijiet transkonfinali u għall-ikkompletar tas-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur tal-UE; jenfasizza li l-ispeċifiċitajiet tal-SMEs għandhom jiġu kkunsidrati f'tali analiżi;

52. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza liema dejta hija meħtieġa biex il-mutwanti jkunu jistgħu jivvalutaw l-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumaturi tagħhom u, abbażi ta' din l-analiżi, tintroduċi proposti għar-regolamentazzjoni ta' dan il-proċess ta' valutazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvestiga l-prattiki attwali tal-uffiċċji tal-kreditu fir-rigward tal-ġbir, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tad-dejta tal-konsumatur bil-ħsieb li tiżgura li jkunu adegwati u ma jkunux ta' ħsara għad-drittijiet tal-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni, jekk meħtieġ, tqis it-teħid ta' azzjoni f'dan il-qasam;

53. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li l-komunikazzjonijiet diġitali u l-bejgħ relatat ma' servizzi finanzjarji għall-konsumatur ikunu disponibbli f'forom aċċessibbli għal persuni b'diżabilitajiet, anke permezz ta' siti tal-internet u formati ta' fajls li jistgħu jitniżżlu; jappoġġja l-integrazzjoni sħiħa tas-servizzi finanzjarji għall-konsumaturi kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi (l-"Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà");

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

54. Jilqa' l-ħidma lejn trasparenza akbar fl-ipprezzar ta' servizzi tal-karozzi tal-kiri, inkluż il-bejgħ ta' assigurazzjonijiet anċillari u tariffi oħra; jenfasizza li t-tariffi jew il-miżati kollha, kemm jekk obbligatorji jew fakultattivi, marbuta mal-kiri ta' vetturi għandhom ikunu viżibbli għall-konsumatur fuq is-sit tal-internet tal-kumpanija tal-kiri jew tas-sit ta' tqabbil b'mod ċar u enfasizzat; ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li tinforza d-Direttiva dwar il-Prattiċi Kummerċjali Żleali u jilqa' l-adozzjoni reċenti ta' linji gwida ta' implimentazzjoni ġodda fid-dawl tat-tibdil teknoloġiku;

55. Ifakkar fil-ħidma li saret fir-rigward tar-Regolament dwar l-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu; jitlob lill-Kummissjoni tirrieżamina l-impatt ta' tali leġiżlazzjoni fir-rigward ta' prodotti mibjugħa lill-klijenti fil-livell tal-konsumaturi;

o

o o

56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0435

## Unjoni Ewropea tad-Difiża

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar l-Unjoni Ewropea tad-Difiża (2016/2052(INI))**

(2018/C 224/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat ta' Lisbona,

— wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Europea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 42(6) tat-TUE dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 42(7) tat-TUE dwar l-alleanza ta' difiża;

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2013 u tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2013 u tat-18 ta' Novembru 2014 dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' April 2016 dwar l-UE f'ambjent globali jinbidel – dinja iktar konnessa, kontestata u kumplessa ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar il-klawsoli ta' difiża reċiproka u ta' solidarjetà tal-UE: dimensjonijiet politiċi u operattivi ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2009 dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea 2004-2008 ([3]), li tistabbilixxi fil-paragrafu 89 tagħha "li d-drittijiet fundamentali ma jiqfux sal-bibien tal-għassa", u "li japplikaw ukoll bis-sħiħ għaċ-ċittadini bl-uniformi, u jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet fundamentali jiġu osservati wkoll fil-forzi armati",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet finali tal-Konferenzi Interparlamentari dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-Aja tat-8 ta' April 2016, ta' Lussemburgu tas-6 ta' Settembru 2015, ta' Riga tas-6 ta' Marzu 2015, ta' Ruma tas-7 ta' Novembru 2014, ta' Ateni tal-4 ta' April 2014, ta' Vilnius tas-6 ta' Settembru 2013, ta' Dublin tal-25 ta' Marzu 2013 u ta' Paphos tal-10 ta' Settembru 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) fil-laqgħa informali "Gymnich" tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE tat-2 ta' Settembru 2016, li għal darb'oħra għamlet referenza għal "tieqa ta' opportunità" biex isir progress solidu fost l-Istati Membri fil-qasam tad-difiża,

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0120.
([2]) ĠU C 419, 16.12.2015, p. 138.
([3]) ĠU C 46 E, 24.2.2010, p. 48.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

— wara li kkunsidrat id-dokument bit-titolu "Shared Vision, Common Action: A Stronger Europe – A Global Strategy for the European Union's Foreign and Security Policy" (Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa aktar b'saħħitha – Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea), ippreżentat mill-VP/RGħ fis-28 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tas-7 ta' Lulju 2014 mill-VP/RGħ u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża dwar l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2013 bl-isem 'Lejn settur tad-difiża u tas-sigurtà aktar kompetittiv u effiċjenti' (COM(2013)0542),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2014 bit-titolu "Arranġament ġdid għad-Difiża Ewropea",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni tagħha dwar id-difiża,

— wara li kkunsidra l-evalwazzjonijiet tad-Direttiva 2009/81/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u tad-Direttiva 2009/43/KE dwar trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-8 ta' Lulju 2016 tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-11 ta' Diċembru 2013 tal-VP/RGħ u l-Kummissjoni bit-titolu "L-approċċ komprensiv tal-UE rigward il-konflitti u l-kriżijiet esterni" (JOIN(2013)0030), u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2014,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Ministru tad-Difiża u tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Italja tal-10 ta' Awwissu 2016 li tagħmel appell għal Schengen tad-Difiża,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin Ġermaniż u dak Franċiż tat-28 ta' Ġunju 2016 dwar "Ewropa b'saħħitha f'dinja inċerta,

— wara li kkunsidra l-possibilità ta' seċessjoni tar-Renju Unit mill-UE,

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-Ewrobarometru 85.1 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur kif ukoll tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0316/2016),

A. billi f'dawn l-aħħar snin is-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ewropa u madwarha ħżienet b'mod sinifikanti u din ħolqot sfidi diffiċli u mingħajr preċedent li l-ebda pajjiż jew organizzazzjoni ma jistgħu jiffaċċjaw waħedhom; billi l-Ewropa, aktar minn qatt qabel, qed tiffaċċja t-theddida tat-terroriżmu fit-territorju tagħha, filwaqt li qed tkompli l-firxa tat-terroriżmu u l-pjaga tal-vjolenza kontinwa fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani; billi s-solidarjetà u r-reżiljenza jirrikjedu li l-UE tirreaġixxi u taġixxi flimkien u b'mod sistematiku, u li dan isir flimkien mal-alleati u s-sħab tagħna u ma' pajjiżi terzi; billi l-prevenzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva dwar is-sigurtà, it-tmiem tal-kunflitt armat, il-qerda tal-abbużi mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem, it-tifrix tad-demokrazija u l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra t-terroriżmu huma prijoritajiet għall-UE u ċ-ċittadini tagħha u jenħtieġ li dan ikun is-suġġett ta' impenn kemm ġewwa kif ukoll barra l-fruntieri tal-UE, inkluż permezz ta' korpi ta' inġiniera militari maħluqa biex jiġu indirizzati ċerti sfidi prattiċi ħafna dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali fil-pajjiżi terzi; billi jenħtieġ li l-Ewropa tkun aktar b'saħħitha u aktar rapida f'sitwazzjonijiet ta' theddid reali;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

B. billi t-terroriżmu, it-theddid ibridu, il-volatilità ekonomika, l-insigurtà ċibernetika u enerġetika, il-kriminalità organizzata u t-tibdil fil-klima jikkostitwixxu theddid li ġej minn dinja ta' kuljum aktar kumplessa u interkonnessa, fejn l-UE għandha tagħmel l-almu tagħha u tfittex il-mezzi sabiex tagħti garanzija ta' sigurtà u twassal il-prosperità u d-demokrazija; billi s-sitwazzjoni finanzjarja u ta' sigurtà attwali tirrikjedi li l-forzi armati Ewropej jikkollaboraw aktar mill-qrib u li l-persunal militari jitħarreġ u jaħdem aktar flimkien u aħjar; billi skont l-Ewrobarometru 85.1 ta' Ġunju 2016, madwar żewġ terzi taċ-ċittadini tal-UE jixtiequ li jkun hemm aktar parteċipazzjoni tal-UE fi kwistjonijiet ta' politika ta' sigurtà u ta' difiża; billi d-distinzjoni bejn is-sigurtà interna u esterna qed issir dejjem aktar imċajpra; billi għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-prevenzjoni tal-konflitt, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-instabilità u l-iżgurar s-sigurtà tal-bniedem; billi t-tibdil fil-klima hi theddida ewlenija għas-sigurtà globali, għall-paċi u l-istabilità li tamplifika t-theddid għas-sigurtà tradizzjonali, *inter alia* billi tnaqqas l-aċċess għall-ilma ħelu u għall-prodotti tal-ikel għal popolazzjonijiet f'pajjiżi fraġli u li qed jiżviluppaw u b'hekk iwasslu għal tensjonijiet ekonomiċi u soċjali, li jġiegħlu lin-nies jemigraw, jew joħolqu tensjonijiet politiċi u riskji għas-sigurtà;

C. billi l-VP/RGħ inkludiet is-sigurtà tal-Unjoni bħala waħda mill-ħames prijoritajiet ewlenin tagħha għal "Global Strategy for the European Union's Foreign and Security Policy" (Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea);

D. billi t-Trattat ta' Lisbona jitlob li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli kapaċitajiet ċivili u militari adatti għal missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK; billi l-kapaċità tal-bini tas-sigurtà u d-difiża stabbilita fit-Trattati bl-ebda mod mhi ottimali; billi l-istituzzjonijiet Ewropej jista' wkoll jkollhom rwol sinifikanti ħafna x'jaqdu fit-tnedija ta' inizjattivi politiċi; billi s'issa l-Istati Membri wrew nuqqas ta' rieda biex jibnu Unjoni Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża, għax beżgħu li din se jkun ta' theddida għas-sovranità nazzjonali tagħhom;

E. billi l-kost tan-non-Ewropa fid-difiża u s-sigurtà huwa stmat għal EUR 26,4 biljun fis-sena [1], b'riżultat tad-duplikazzjoni, il-kapaċità żejda u l-ostakoli għall-akkwist tad-difiża;

F. billi l-Artikolu 42 tat-TUE jirrikjedi d-definizzjoni progressiva ta' politika ta' difiża komuni f'livell tal-Unjoni fil-qafas tal-PSDK, li għandha twassal għal difiża komuni fil-livell tal-UE meta l-Kunsill Ewropew jiddeċiedi dan b'unanimità; billi l-Artikolu 42(2) tat-TUE jirrakkomanda wkoll lill-Istati Membri li jadottaw tali deċiżjoni skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom;

G. billi l-Artikolu 42 tat-TUE jipprevedi wkoll il-ħolqien ta' istituzzjonijiet ta' difiża, kif ukoll definizzjoni ta' politika Ewropea dwar il-kapaċitajiet u armamenti; billi dan l-Artikolu jeħtieġ ukoll li l-isforzi tal-UE għandhom ikunu kompatibbli u komplementari man-NATO u ta' tisħiħ reċiproku; billi politika ta' difiża komuni f'livell tal-Unjoni għandha ssaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li tippromwovi s-sigurtà fi ħdan u lil hinn mill-fruntieri tagħha, kif ukoll it-tisħiħ tas-sħubija man-NATO u r-relazzjonijiet transatlantiċi, u għaldaqstant tippermetti NATO aktar b'saħħitha, konsegwentement billi ssir promozzjoni territorjali, reġjonali u globali fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża, aktar effikaċi; billi l-aktar Dikjarazzjoni Konġunta reċenti tas-Summit ta' Varsavja tan-NATO tal-2016 dwar sħubija strateġika bejn in-NATO u l-UE rrikonoxxiet ir-rwol tan-NATO u l-appoġġ li l-UE tista' tagħti biex jintlaħqu l-għanijiet komuni; billi l-Unjoni Ewropea ta' Difiża (EDU) għandha tiżgura ż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-NU;

H. billi l-gruppi tattiċi tal-UE, li laħqu l-kapaċità operattiva sħiħa fl-2007 u li huma maħsuba biex jintużaw għal kompiti militari ta' natura umanitarja, ta' żamma ta' paċi u ta' ħolqien ta' paċi, s'issa għadhom qatt ma ntużaw, minkejja l-opportunità u l-ħtieġa li tirriżulta, minħabba ostakoli proċedurali, finanzjarji u politiċi; jenfasizza li dan jirrappreżenta opportunità mitlufa f'termini ta' tisħiħ tar-rwol tal-UE bħala attur globali importanti għall-istabilità u l-paċi;

---

[1] "The Cost of Non-Europe in Common Security and Defence Policy" (Il-Kost tan-Non-Ewropa fil-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni), Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (2013), p. 78.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

I. billi ħlief għall-ħolqien tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), ma kien stabbilit, deċiż jew implimentat l-ebda wieħed mill-elementi neqsin tal-politika ta' sigurtà u difiża komuni tal-UE; billi l-EDA għad teħtieġ bidla radikali tal-organizzazzjoni tagħha biex tkun tista' tiżviluppa l-potenzjal sħiħ tagħha u biex tixhed li tiġġenera valur miżjud, din tagħmel il-PSDK aktar effikaċi u tista' twassal għal armonizzazzjoni tal-proċessi tal-ippjanar tad-difiża nazzjonali f'dawk l-oqsma li huma rilevanti għall-operazzjonijiet militari tal-PSDK bi qbil il-kompiti ta' Petersberg kif deskritt fl-Artikolu 43 tat-TUE; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jipparteċipaw u jimpenjaw ruħhom fl-EDA sabiex ikun jista' jinkiseb dan l-għan;

J. billi Strateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà teħtieġ li l-UE sistematikament tħeġġeġ il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża, tul il-firxa sħiħa ta' kapaċitajiet, sabiex tkun tista' tirreaġixxi għall-kriżijiet esterni, tgħin fil-bini tal-kapaċitajiet ta' sħabna, biex tiggarantixxi s-sigurtà tal-Ewropa, u toħloq industrija tad-difiża Ewropea b'saħħitha, li hi kruċjali għall-awtonomija strateġika ta' deċiżjoni u azzjoni tal-Unjoni; billi għandu jintlaħaq qbil mill-membri kollha tal-Kunsill dwar kwalunkwe miżura, qabel l-implimentazzjoni tagħha;

K. billi l-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2015, li ffoka parzjalment fuq id-difiża, appella għal trawwim ta' kooperazzjoni ta' difiża Ewropea akbar u aktar sistematika bil-għan li jiġu pprovduti kapaċitajiet ewlenin, inkluż permezz tal-użu ta' fondi tal-UE fejn xieraq, filwaqt li jinnota li l-kapaċitajiet militari huma proprjetà ta' u mħaddma mill-Istati Membri;

L. billi fis-17 ta' Novembru 2015, Franza invokat l-Artikolu 42(7) tat-TUE u sussegwentement talbet u immaniġġjat l-kontributi ta' għajnuna u assistenza tal-Istati Membri l-oħra fuq bażi purament bilaterali;

M. billi l-Ktieb Abjad tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża għandu jkompli jsaħħaħ il-PSDK u jtejjeb il-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà f'konformità mat-Trattat ta' Lisbona, u jista' jkun riflessjoni utli dwar il-PSDK tal-ġejjieni u PSDK aktar effettiva; billi l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, fil-biċċa l-kbira tagħhom huma lokalizzati f'reġjuni bħal fil-Qarn tal-Afrika u fis-Saħel, li huma milquta ħafna mill-konsegwenzi negattivi tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa u d-degrad tal-art;

N. billi l-Presidenza Netherlandiża tal-Kunsill ippromwoviet l-idea ta' Ktieb Abjad tal-UE; billi l-pajjiżi Visegrád laqgħu l-idea ta' integrazzjoni Ewropea tad-difiża aktar b'saħħitha; u billi l-Ġermanja appellat għal Unjoni Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża fil-White Paper tal-2016 dwar "German Security Policy and the Future of the Bundeswehr (Il-Politika ta' Sigurtà Ġermaniża l-Futur tal-Bundeswehr)";

O. billi l-integrazzjoni gradwali tad-difiża hi l-aqwa possibilità biex nagħmlu aktar b'inqas flus, u billi l-White Paper tista' toffri opportunità unika biex jiġu proposti passi addizzjonali;

***Unjoni Ewropea tad-Difiża***

1. Ifakkar li biex l-Ewropa tiżgura s-sigurtà fit-tul tagħha, teħtieġ rieda politika u determinazzjoni li jkunu sostnuti minn ġabra estiża ta' strumenti ta' politika rilevanti, inklużi kapaċitajiet militari b'saħħithom u moderni; iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew imexxi t-tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni tal-Unjoni u biex jingħataw riżorsi finanzjarji addizzjonali li jiżguraw l-implimentazzjoni tagħha, bil-għan li din tiġi stabbilita fil-Qafas Politiku u Finanzjarju Pluriennali tal-UE (QFP); ifakkar li l-ħolqien ta' politika tad-difiża komuni tal-Unjoni ġejja mill-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni skont it-Trattat ta' Lisbona, li hija marbuta bid-dritt internazzjonali u fil-fatt hi indispensabbli biex l-UE tippromwovi l-istat tad-dritt, il-paċi u s-sigurtà internazzjonali; jilqa' f'dan ir-rigward l-attivitajiet kollha tal-Istati Membri li għadhom għaddejjin bil-għan li jiġu integrati aktar l-isforzi tagħna ta' difiża komuni, b'kont meħud ukoll tal-kontributi importanti ħafna li jista' jagħti l-Ktieb Abjad dwar is-sigurtà u d-difiża;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jużaw il-potenzjal sħiħ tat-Trattat ta' Lisbona, partikolarment fir-rigward tal-PSDK, b'referenza speċjali għall-kooperazzjoni strutturata permanenti tal-Artikolu 42(6) tat-TUE jew tal-fond ta' tnedija tal-Artikolu 41(3) tat-TUE; ifakkar li l-kompiti ta' Petersberg tal-Artikolu 43 tat-TUE jikkonsistu f'lista twila ta' kompiti militari ambizzjużi, bħal operazzjonijiet konġunti ta' diżarm, kompiti umanitarji u ta' salvataġġ, kompiti ta' għoti ta' pariri u assistenza militari, missjonijiet ta' prevenzjoni ta' konflitti u taż-żamma tal-paċi, u kompiti ta' forzi ta' kumbattiment fl-imaniġġar ta' kriżijiet, inkluż l-istabbiliment tal-paċi u ta' stabbilizzazzjoni wara l-kunflitti; ifakkar li l-istess Artikolu jiddikjara wkoll li dawn il-kompiti kollha jistgħu jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż bl-appoġġ għal pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fit-territorji tagħhom; jenfasizza li l-istat attwali tal-PSDK ma jippermettix lill-UE tissodisfa l-kompiti kollha elenkati; jemmen li fl-ordni tal-ġurnata għandha tkun il-ħidma sistematikadwar modi kif l-UE tkun tista' tissodisfa l-objettivi tat-Trattat ta' Lisbona;

3. Huwa tal-fehma li EDU tassew b'saħħitha għandha toffri garanziji u kapaċitajiet lill-Istati Membri lil hinn minn dawk individwali tagħhom;

4. Jemmen li t-triq lejn l-EDU għandha tibda minn PSDK riveduta bir-reqqa, ibbażata fuq il-prinċipju ta' difiża, finanzjament effikaċi u koordinament man-NATO; iqis li, bħala pass meħtieġ, biż-żieda tal-integrazzjoni tas-sigurtà interna u esterna, il-PSDK jeħtieġ li jimxi lil hinn mill-immaniġġar ta' kriżijiet esterni sabiex verament tkun żgurata politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni u li tippermetti l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-fażijiet kollha ta' kriżijiet u kunflitti, bl-użu tal-firxa sħiħa ta' strumenti għad-dispożizzjoni tagħha;

5. Jenfasizza l-bżonn tal-ħolqien ta' konfigurazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri tad-Difiża li jipprovdi tmexxija politika sostnuta u li jikkoordina l-ħolqien ta' qafas tal-Unjoni Ewropea tad-Difiża; jappella lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi, bħala l-ewwel pass, format ta' laqgħa permanenti li jlaqqa' flimkien lill-ministri tad-difiża tal-Istati Membri li huma impenjati favur kooperazzjoni tad-difiża aktar profonda bħala forum għall-konsultazzjoni u għat-teħid tad-deċiżjonijiet;

6. Jappella lill-President tal-Kummissjoni jistabbilixxi Grupp ta' Ħidma Permanenti ta' Membri tal-Kummissjoni taħt il-presidenza tal-VP/RGħ dwar "materji ta' difiża"; jitlob li l-Parlament Ewropew ikun assoċjat ma' rappreżentanti permanenti f'dan il-grupp; jappoġġa l-involviment ulterjuri tal-Kummissjoni fid-difiża, permezz tar-riċerka, l-ippjanar u l-implimentazzjoni iffokati sew; jistieden lill-VP/RGħ tallinja t-tibdil fil-klima fl-azzjoni esterna kollha tal-UE u partikolarment fil-PSDK;

7. Iqis li d-deterjorament tal-perċezzjoni ta' riskji u theddid fl-Ewropa jagħmlu mill-istabbiliment ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża kwistjoni ta' urġenza, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fit-taħsir tal-ambjent tas-sigurtà fil-fruntieri tal-UE, b'mod partikolari fil-viċinati tal-Lvant u tan-Nofsinhar; jinnota li dan hu rifless ukoll fl-istrateġiji ta' sigurtà tal-Istati Membri; jenfasizza li s-sitwazzjoni marret gradwalment għall-agħar b'mod partikolari fl-2014, bil-ħolqien u bl-espansjon tal-awtodikjarat Stat Iżlamiku u sussegwentement bl-użu tal-forza min-naħa tar-Russja;

8. Huwa tal-opinjoni li l-EDU għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni perjodika konġunta tat-theddid għas-sigurtà tal-Istati Membri, iżda għandha tkun ukoll flessibbli biżżejjed biex tissodisfa l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' sigurtà individwali tal-Istati Membri;

9. Huwa tal-fehma li l-Unjoni għandha tiddedika riżorsi proprji biex trawwem kooperazzjoni Ewropea dwar id-difiża akbar u aktar sistematika fost l-Istati Membri tagħha, inkluża l-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO); jinsab konvint li l-użu tal-fondi tal-UE jkun espressjoni ċara tal-koeżjoni u s-solidarjetà, u li dan ikun jippermetti lill-Istati Membri kollha jtejbu l-kapaċitajiet militari tagħhom bi sforz aktar komuni;

10. Jemmen li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea għad-difiża tista' twassal għal effikaċja, unità, u effiċjenza akbar, kif ukoll biex tingħata spinta lill-mezzi u l-kapaċitajiet tal-UE u biex tħalli effetti potenzjalment pożittivi fuq ir-riċerka fil-qasam tad-difiża u fuq il-kwistjonijiet industrijali; jenfasizza li huwa biss permezz ta' tali kooperazzjoni aktar profonda, li jmissha tiżviluppa gradwalment f'EDU reali, li l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jkunu kapaċi jiksbu l-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali meħtieġa biex jaġixxu aktar malajr kif ukoll b'mod awtonomu u effikaċi, billi jindirizzaw it-theddid attwali b'mod reattiv u effikaċi;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jassumu impenji aktar vinkolanti fil-konfront ta' xulxin billi jistabbilixxu kooperazzjoni strutturata permanenti fil-qafas tal-Unjoni. iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu forzi multinazzjonali fi ħdan il-qafas tal-PESCO, u jagħmlu dawn il-forzi disponibbli għall-PSDK; jissottolinja l-importanza u l-bżonn ta' implikazzjoni tal-Istati Membri kollha f'kooperazzjoni strutturata permanenti u effikaċi; jemmen li l-Kunsill għandu normalment jafda t-twettiq tal-kompitu taż-żamma tal-paċi, tal-prevenzjoni tal-kunflitti u tat-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali lil dawn il-forzi multinazzjonali; jissuġġerixxi li kemm fil-proċessi tat-tfassil ta' politiki fil-livell tal-UE u l-proċessi nazzjonali għandhom ikunu mfassla b'mod li jippermettu rispons rapidu għall-kriżijiet; jinsab konvint li s-sistema ta' gruppi tattiċi tal-UE għandha tingħata isem ieħor u tintuża u tkun żviluppata aktar fuq livell politiku għal dak l-għan, f'modularità u b'finanzjamenti effikaċi; jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' Kwartieri Ġenerali Operattivi tal-UE bħala prekundizzjoni għall-ippjanar, il-kmand u l-kontroll effikaċi ta' operazzjonijiet komuni; jenfasizza li l-PESCO hija disponibbli għall-Istati Membri kollha;

12. Jappella lill-Istati Membri jirrikonoxxu b'mod partikolari d-dritt tal-persunal militari li jifformaw parti u jissieħbu fi assoċjazzjonijiet professjonali u fi trade unions u jkunu involuti fi djalogu soċjali regolari flimkien mal-awtoritajiet; jistieden lill-Kunsill Ewropew jieħu passi konkreti lejn l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-forzi armati Ewropej, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tal-persunal tal-forzi armati taħt il-kappa ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża ġdida;

13. Jinnota li l-Istati Membri kollha għandhom diffikultajiet biex iżommu firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża, l-aktar minħabba limitazzjonijiet finanzjarji; jitlob, għalhekk, aktar koordinament u għażliet aktar ċari dwar liema kapaċitajiet għandhom jinżammu, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċjalizzaw f'ċerti kapaċitajiet;

14. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfittxu aktar modi għal xiri, manutenzjoni u żamma konġunta ta' forzi u ta' materjal; jissuġġerixxi li jista' jkun utli li wieħed l-ewwel iħares lejn l-akkomunament u l-kondiviżjoni ta' materjal mhux letali, bħall-vetturi u l-ajruplani għat-trasport, għal vetturi u ajruplani ta' riforniment u tagħmir ta' sostenn ieħor;

15. Jemmen li l-interoperabilità hija kruċjali jekk il-forzi tal-Istati Membri għandhom isiru aktar kompatibbli u integrati; jenfasizza, għalhekk, li l-Istati Membri għandhom jistudjaw il-possibilità ta' akkwist konġunt tar-riżorsi tad-difiża; jinnota li n-natura magħluqa u protezzjonista tas-swieq tad-difiża tal-UE tagħmel dan aktar diffiċli;

16. Jenfasizza li r-reviżjoni u t-twessigħ tal-mekkaniżmu Athena huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-missjonijiet tal-UE jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati minn fondi kollettivi minflok li l-biċċa l-kbira tal-ispejjeż li jkunu a karigu tal-Istati Membri parteċipanti individwali, u b'hekk jitneħħa xkiel potenzjali għall-Istati Membri biex jimpenjaw il-forzi tagħhom;

17. Jappella lill-Parlament Ewropew jistabbilixxi Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża veru u proprju li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strutturata permanenti;

18. Jemmen li r-rwol b'saħħtu u dejjem akbar tal-EDA huwa indispensabbli għal finijiet ta' EDU effiċjenti fil-koordinament tal-programmi u tal-proġetti mmexxija mill-kapaċitajiet u fid-definizzjoni ta' politika Ewropea komuni tal-kapaċitajiet u tal-armamenti, bil-għan li jkun hemm aktar effiċjenza, eliminazzjoni ta' duplikazzjoni u tnaqqis tal-ispejjeż u abbażi ta' katalogu ta' rekwiżiti preċiż ħafna f'termini ta' kapaċitajiet għall-operazzonijiet tal-PSDK kif ukoll ta' ppjanar u ta' proċeduri ta' akkwist għad-difiża nazzjonali armonizzati meta mqabbla ma' dawn il-kapaċitajiet speċifiċi; jemmen li dan l-approċċ għandu jkun is-segwitu ta' rieżami tad-difiża tal-forzi tal-Istati Membri u rieżami tal-attivitajiet u tal-proċeduri tal-passat tal-EDA; jistieden lill-EDA turi liema mid-diskrepanzi f'termini ta' kapaċitajiet identifikati fl-objettivi primarji u fil-pjan ta' żvilupp tal-kapaċitajiet imtlew fi ħdan il-qafas tal-Aġenzija; huwa konvint li l-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-inizjattivi u tal-proġetti huma l-ewwel passi eċċellenti lejn kooperazzjoni Ewropea msaħħa;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem f'kooperazzjoni mal-EDA biex issaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tas-settur tad-difiża, li huwa ta' importanza fundamentali għall-awtonomija strateġika Ewropea; jemmen li s-soluzzjoni għas-sostenn tal-industrija hija ż-żieda fin-nefqa fuq id-difiża mill-Istati Membri, kif ukoll biex tiżgura li l-industrija tibqa' kompetittiva globalment; jinnota li l-frammentazzjoni attwali tas-suq tirrappreżenta dgħufija għall-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża; jemmen li r-riċerka kollaborattiva tista' tgħin biex tnaqqas tali frammentazzjoni u biex tittejjeb il-kompetittività;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

20. Jemmen bil-qawwa li huwa biss approċċ konġunt fir-rigward tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet, inkluż permezz tal-konsolidament ta' clusters funzjonali bħall-Kmand Ewropew tat-Trasport bl-Ajru, li jista' jiġġenera ekonomiji ta' skala li huma meħtieġa sabiex iservu ta' bażi għal Unjoni Ewropea għad-Difiża; barra minn hekk jemmen li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-UE permezz ta' akkwist konġunt u forom oħrajn ta' akkomunament u kondiviżjoni jistgħu jagħtu spinta tant meħtieġa lill-industrija tad-difiża Ewropea, inklużi l-SMEs,; jappoġġa l-miżuri intiżi li jinċentivaw proġetti bħal dawn, sabiex jintlaħaq il-punt ta' riferiment tal-EDA ta' 35 % tan-nefqa totali tal-akkwist ta' kollaborazzjoni, kif mitlub mill-Istrateġija Globali tal-UE; jemmen li l-introduzzjoni tas-Semestru Ewropew tad-Difiża, li bih l-Istati Membri jikkonsultaw lil xulxin dwar ċikli ta' ppjanar u dwar il-pjani tal-akkwist, tista' tgħin biex jingħeleb l-istat attwali ta' frammentazzjoni tas-suq tad-difiża;

21. Jenfasizza li ċ-ċibersigurtà hija, min-natura tagħha, politika li fiha l-kooperazzjoni u l-integrazzjoni huma kruċjali, mhux biss bejn l-Istati Membri tal-UE, is-sħab ewlenin u n-NATO, iżda wkoll bejn l-atturi differenti fis-soċjetà, peress li din mhijiex biss responsabilità militari; jitlob linji gwida aktar ċari dwar kif il-kapaċitajiet difensivi u offensivi tal-UE għandhom jintużaw u f'liema kuntest; Ifakkar li l-Parlament talab ripetutament reviżjoni mill-qiegħ tar-Regolament tal-UE dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju sabiex jiġi evitat softwer u sistemi oħrajn li jistgħu jintużaw kontra l-infrastruttura diġitali tal-UE jew biex jiksru d-drittijiet tal-bniedem milli jaqgħu f'idejn ħżiena;

22. Jinnota l-pubblikazzjoni reċenti tal-Istrateġija Globali mir-Rappreżentant Għoli, li tikkostitwixxi qafas koeżiv għal prijoritajiet għal azzjoni fil-qasam tal-politika barranija u għad-definizzjoni tal-iżviluppi futuri fil-politika tad-difiża Ewropea;

23. Ifakkar l-erba' punti ta' riferiment kollettivi ta' investiment approvati mill-Bord Ministerjali ta' Tmexxija tal-EDA f'Novembru 2007, u jinsab imħasseb dwar il-livell baxx ta' kollaborazzjoni, kif muri fir-Rapport dwar id-Data tad-Difiża ippubblikat fl-2013;

24. Jitlob lill-VP/RGħ tieħu inizjattiva biex jingiebu flimkien kumpaniji ewlenin u l-partijiet interessati tal-industrija tad-difiża Ewropea bil-għan li tkun żviluppata industrija tad-droni Ewropea;

25. Jitlob lill-VP/RGħ tieħu inizjattiva biex jingiebu flimkien kumpaniji ewlenin u l-partijiet interessati tal-industrija tad-difiża Ewropea biex jiżviluppaw strateġiji u pjattaforma għall-iżvilupp konġunt ta' tagħmir tad-difiża;

26. Jappella lill-VP/RGħ biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-istrateġiji nazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà, il-kapaċitajiet u ċentri ta' kmand u lill-EDA, bħala parti minn kooperazzjoni strutturata permanenti li tgħin fil-protezzjoni kontra u fil-ġlieda kontra l-attakki ċibernetiċi;

27. Jitlob iktar żvilupp tal-Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża sabiex isaħħu kapaċitajiet ta' Difiża Ċibernertika sabiex tingħata spinta lill-kapaċitajiet ta' difiża ċibernetika, ta' kooperazzjoni operattiva u ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni;

28. Jinnota l-ħidma li għaddejja dwar l-istabbiliment ta' azzjoni preparatorja għall-programm ta' riċerka tad-difiża tal-UE fil-ġejjieni, u jħeġġeġ l-implimentazzjoni effikaċi tiegħu kemm jista' jkun malajr, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew fl-2013 u l-2015 u b'segwitu ta' proġett pilota mibdi mill-PE; jenfasizza li l-Azzjoni Preparatorja għandha tiġi pprovduta b'baġit suffiċjenti, ta' mill-inqas EUR 90 miljun għat-tliet snin li ġejjin (2017-2020); huwa tal-fehma l-azzjoni preparatorja għandha tiġi segwita minn programm ta' riċerka ewlieni ddedikat u ffinanzjat mill-UE bħala parti mill-QFP li jmiss li jibda fl-2021; jinnota li l-Programm ta' Riċerka Ewropea tad-Difiża se jeħtieġ baġit totali ta' mill-inqas EUR 500 miljun fis-sena f'dan il-perjodu, sabiex ikun kredibbli u biex jagħmel differenza sostanzjali; jappella lill-Istati Membri jiddefinixxu l-programmi futuri ta' kooperazzjoni li fihom ir-riċerka dwar id-difiża ffinanzjata mill-UE tista' tibni punti tat-tluq, u jappella għall-ħolqien ta' fond ta' tnedija għall-attivitajiet preparatorji fil-perjodu li jwassal għal operazzjonijiet militari, kif previst fit-Trattat ta' Lisbona; jinnota li l-inizjattivi tal-Kummissjoni relatati mad-difiża, bħall-Pjan ta' Azzjoni għad-Difiża, il-Politika Industrijali għad-Difiża u l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

29. Jenfasizza li t-tnedija ta' missjonijiet tal-PSDK, bħal EUNAVFOR MED, jikkontribwixxu għall-kisba ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża; jistieden lill-Unjoni tkompli u tintensifika dawn it-tip ta' operazzjonijiet;

30. Iqis li huwa importanti li l-proċedura tas-Semestru Ewropew tintuża għall-introduzzjoni ta' kooperazzjoni eqreb fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;

31. Jenfasizza l-importanza li jidħlu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa li jħeġġu suq Ewropew tad-difiża funzjonanti, ġust, aċċessibbli u trasparenti li huwa miftuħ għal oħrajn, jippromwovu l-innovazzjoni teknoloġika tal-ġejjieni, jappoġġaw l-SMEs u jistimolaw it-tkabbir u l-impjiegi, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiksbu użu massimu ħafna iktar effiċjenti u effettivi tagħhom tal-baġits ta' difiża u tas-sigurtà; jinnota li bażi industrijali u teknoloġika soda tad-difiża Ewropea teħtieġ suq intern ġust, li jiffunzjona u trasparenti, sigurtà tal-provvista, u djalogu strutturat mal-industriji rilevanti għad-difiża; jinsab imħasseb dwar ir-ritmu batut tal-progress lejn il-kompetittività mtejba, il-miżuri kontra l-korruzzjoni, u t-trasparenza akbar fis-settur tad-difiża, u li l-politika industrijali ta' difiża Ewropea soda u r-rispett tar-regoli tas-suq intern għadhom neqsin; hu tal-fehma li suq Ewropew tal-armi ta' difiża integrat u kompetittiv għandu bżonn jinċentivjippremja l-Istati Membri kollha u jforni lix-xerrejja kollha b'mezzi adegwati u aċċessibbli li jikkorrispondu għall-bżonniiet ta' sigurtà individwali tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li d-Direttiva dwar l-Akkwist tad-Difiża u d-Direttiva dwar it-Trasferimenti Intrakomunitarji jiġu applikati b'mod korrett madwar l-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu l-implimentazzjoni shiħa taż-żewġ direttivi relatati mad-difiża tal-hekk imsejjaħ "Pakkett ta' Difiża";

32. Jistieden lill-Kummissjoni taqdi r-rwol tagħha permezz ta' Pjan ta' Azzjoni għad-Difiża, biex tappoġġa bażi industrijali b'saħħtu li kapaċi tagħti riżultati f'termini ta' ħtiġijiet ta' kapaċità strateġika tal-Ewropa, u tidentifika fejn l-UE tista' tipprovdi valur miżjud;

33. Huwa konvint li fit-tfassil progressiv ta' politika tad-difiża komuni tal-Unjoni, l-UE għandha tara li bi ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, għal parteċipazzjoni fi programmi ta' kapaċità li jwettqu, inkluż il-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi, fi ħdan il-qafas tal-Unjoni;

34. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-EDA, taġixxi b'tali mod li tiffaċilita u tippermetti l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża permezz tal-mobilizzazzjoni ta' fondi u strumenti tal-UE u li huma mmirati għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża mill-Istati Membri; ifakkar li Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża għandu jkun strument strateġiku biex titrawwem il-kooperazzjoni fid-difiża fuq livell Ewropew, b'mod partikolari permezz ta' Programm ta' Riċerka dwar id-Difiża ffinanzjata mill-UE u permezz ta' miżuri li jsaħħu l-kooperazzjoni industrijali fil-katina tal-valur kollha;

35. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kunċett tal-awtonomija strateġika żviluppat mill-VP/RGħ bħala parti mill-istrateġija globali tal-UE; jemmen li dan il-kunċett għandu jiġi applikat kemm fil-prijoritajiet strateġiċi tagħna kif ukoll fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħna u tal-industrija tagħna;

36. Jilqa' b'sodisfazzjon id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni u tas-Segretarju Ġenerali tan-NATO tat-8 ta' Lulju 2016, li tenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jinsab konvint li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO jenħtieġ li tinvolvi kooperazzjoni fil-Lvant u fin-Nofsinhar, il-ġlieda kontra t-theddid ibridu u ċibernetiku, kif ukoll l-armonizzazzjoni u l-koordinament tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża; iqis li l-kooperazzjoni dwar il-kapaċitajiet militari teknoloġiċi, industrijali u militari toffri l-prospettiva tal-kompatibilità u s-sinerġija aħjar bejn iż-żewġ oqfsa, biex b'hekk tiġi żgurata aktar effiċjenza tar-riżorsi; ifakkar li implimentazzjoni rapida tad-dikjarazzjoni ta' hawn fuq hija essenzjali, u f'dan ir-rigward jistieden lis-SEAE, flimkien mal-kontropartijiet rilevanti, jiżviluppa għażliet konkreti għall-implimentazzjoni sa Diċembru 2016; iqis li l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw kapaċitajiet li jistgħu jiġu skjerati taħt il-PSDK sabiex jagħmlu possibbli azzjoni awtonoma f'każijiet fejn in-NATO ma tkunx disposta li taġixxi jew fejn l-azzjoni tal-UE hija aktar xierqa; huwa konvint li dan għandu jsaħħaħ ukoll ir-rwol tan-NATO fil-politika ta' sigurtà u ta' difiża u fid-difiża kollettiva; jissottolinja li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

NATO għall-iffaċilitar ta' industrija tad-difiża aktar b'saħħitha u effiċjenti u r-riċerka marbuta mad-difiża jirrappreżentaw prijorità strateġika u l-implimentazzjoni rapida tagħha hi kruċjali; huwa konvint li l-ħidma konġunta fuq il-prevenzjoni, l-analiżi u l-identifikazzjoni bikrija permezz ta' informazzjoni effiċjenti u l-qsim tal-għarfien se jżid il-kapaċità tal-UE kontra t-theddid, inkluż it-theddid ibridu; jibqa' konvint li n-NATO hija l-fornitur ewlieni ta' sigurtà u ta' difiża fl-Ewropa; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni bejn l-istrumenti tan-NATO u tal-UE; jemmen li l-UE għandha potenzjal wkoll f'aspetti ċivili biex tagħmel differenza importanti f'reġjuni instabbli; jinsisti, madankollu, li filwaqt li r-rwol tan-NATO huwa li tipproteġi prinċipalment l-membri Ewropej minn kull attakk estern, l-UE għandha taspira li tkun tassew kapaċi li tiddefendi lilha nnifisha u taġixxi b'mod awtonomu jekk ikun meħtieġ, u tassumi r-responsabilità akbar f'dan l-aspett billi jitjiebu t-tagħmir, it-taħriġ u l-organizzazzjoni;

37. Jinnota li filwaqt li n-NATO jeħtiġilha tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva fl-Ewropa, il-prijoritajiet politiċi bejn in-NATO u l-UE jistgħu ma jkunux dejjem l-istess, mhux l-anqas fil-kuntest tax-xaqliba tal-Istati Uniti lejn l-Asja; jinnota wkoll li l-UE għandha sett uniku ta' strumenti relatati mas-sigurtà li mhumiex disponibbli għan-NATO, u viċi versa; huwa tal-fehma li l-UE għandha tassumi responsabilità akbar għal kriżijiet ta' sigurtà fil-viċinat immedjat tagħha, u b'hekk tikkontribwixxi għal kompiti tan-NATO, speċjalment fil-kuntest ta' gwerra ibrida u tas-sigurtà marittima; jemmen li, fuq medda ta' żmien twila, ir-riforma tal-arranġamenti Berlin Plus jistgħu jkunu neċessarji, anke sabiex in-NATO tagħmel użu tal-kapaċitajiet u tal-istrumenti UE; jissottolinja li l-ambizzjoni tal-UE għal awtonomija strateġika u ta' Unjoni Ewropea għad-Difiża għandha titwettaq b'sinerġija sħiħa man-NATO, u għandha twassal għal kooperazzjoni aktar effikaċi, qsim ta' responsabilità ekwu u diviżjoni tax-xogħol produttiva bejn in-NATO u l-UE;

38. Huwa konvint li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO jenħtieġ li tinvolvi l-bini ta' reżiljenza flimkien fil-Lvant u n-Nofsinhar kif ukoll investiment fid-difiża; iqis li l-kooperazzjoni dwar il-kapaċitajiet toffri l-prospettiva ta' kompatibilità u sinerġija mtejba bejn iż-żewġ oqfsa; huwa konvint li dan għandu jsaħħaħ ukoll ir-rwol tan-NATO fil-politika ta' sigurtà u ta' difiża u fid-difiża kollettiva;

39. Jinsab imħasseb ħafna dwar rapporti li l-proċeduri amministrattivi qegħdin jnaqqsu mingħajr bżonn il-ħeffa li biha jiġu ġġenerati l-forzi għall-missjonijiet tal-PSDK u ċ-ċaqliq transfruntier ta' forzi ta' rispons rapidu ġewwa l-UE; jappella lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema pan-Ewropea għall-koordinament tal-moviment rapidu ta' persunal, tagħmir u provvisti tal-forzi ta' difiża, għall-finijiet tal-PSDK, meta tiġi invokata l-klawsola ta' solidarjetà, u meta jkun hemm l-obbligu li tingħata għajnuna u assistenza bil-mezzi kollha disponibbli għalihom, skont l-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU;

40. Jitlob l-istabbiliment ta' arranġamenti prattiċi u ta' linji gwida għall-attivazzjoni futura tal-Artikolu 42(7) tat-TUE; jappella lill-Istati Membri jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu, sabiex l-Istati Membri individwali jitħallew jimmaniġġjaw b'mod effikaċi l-kontributi ta' għajnuna u assistenza tal-Istati Membri l-oħra, jew li dawn jiġu immaniġġjati b'mod effikaċi fi ħdan il-qafas tal-Unjoni; jappella lill-Istati Membri jimmiraw għall-objettiv ta' 2 % tal-PDG fuq infiq għad-difiża, u biex jonfqu 20 % tal-baġit tagħhom għad-difiża f'tagħmir identifikat bħala meħtieġ permezz tal-EDA, inklużi r-riċerka u l-iżvilupp relatati, u b'hekk jiġi eliminat id-distakk b'erba' punti ta' riferiment għal investiment kollettiv tal-EDA;

41. Huwa tal-fehma li l-isfidi li ġejjin mil-limitazzjonijiet finanzjarji fuq il-baġits nazzjonali, fl-istess ħin huma akkumpanjati minn opportunitajiet għal progress li ġejjin minn ħtieġa ċara ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' difiża; jilqa' d-deċiżjoni ta' xi Stati Membri li jwaqqfu jew ireġġgħu lura t-tendenza ta' tnaqqis fl-infiq għad-difiża;

42. Jemmen li l-Parlament għandu jkollu rwol prominenti fl-Unjoni Ewropea tad-difiża tal-ġejjieni, u għalhekk iqis li s-Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża għandu jsir kumitat parlamentari veru u proprju;

43. Jistieden lill-VP/RGħ tniedi Ktieb Abjad tal-UE dwar is-Sigurtà u d-Difiża li ser ikun ibbażat fuq l-istrateġija globali tal-UE kif approvat mill-Kunsill Ewropew; jitlob lill-Kunsill jassenja l-kompitu tal-abbozzar ta' dan id-dokument mingħajr dewmien; jiddispjaċih bis-suġġeriment li tat ir-RGħ/VP lill-ministri tad-difiża tal-UE skont liema għandu jkun hemm biss pjan ta' implimentazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża minflok il-proċess ta' Ktieb Abjad; hu tal-fehma li tali pjan ta' implimentazzjoni għandu jkun prekursur għall-proċess ta' Ktieb Abjad regolari dwar is-sigurtà u d-difiża, li jenħtieġ li jipprovdi bażi utli għall-kwantifikazzjoni tal-kontributi possibbli tal-UE fil-politika ta' sigurtà u ta' difiża għal kull terminu leġiżlattiv b'mod speċifiku u realistiku;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

44. Huwa konvint li Ktieb Abjad tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża jenħtieġ li jkun ir-riżultat ta' proċessi u kontributi koerenti, intergovernattivi u interparlamentari, li għandu jkun sostnut minn koordinament internazzjonali mas-sħab u mal-alleati tagħna, inkluża n-NATO u b'appoġġ interistituzzjonali komprensiv; jappella lill-VP/RGħ tirrevedi l-kalendarju inizjali tagħha sabiex tibda konsultazzjoni mmirata mal-Istati Membri u mal-parlamenti;

45. Iqis li, abbażi tal-istrateġija globali tal-UE, il-Ktieb Abjad jenħtieġ li jinkludi l-istrateġija ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE, il-kapaċitajiet meqjusa bħala meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija, u l-miżuri u l-programmi kemm fil-livell tal-Istat Membru kif ukoll tal-UE għall-ksib ta' dawn il-kapaċitajiet, li għandu jkun ibbażat fuq qafas ta' politika kollaborattiva Ewropea dwar il-kapaċitajiet u l-armamenti, filwaqt li jitqies li d-difiża u s-sigurtà jibqgħu ta' kompetenza nazzjonali;

46. Huwa tal-fehma li l-ktieb abjad għandu jieħu l-forma ta' ftehim interistituzzjonali ta' natura vinkolanti li jistabbilixxi l-inizjattivi, l-investimenti, il-miżuri u l-programmi kollha tal-Unjoni, fuq qafas politiku u finanzjarju pluriennali rispettivi tal-UE; jinsab konvint li l-Istati Membri, is-sħab u l-alleati għandhom jikkunsidraw dan il-Ftehim Interistituzzjonali fl-ippjanar tas-sigurtà u tad-difiża tagħhom, bil-għan li tiġi żgurata konsistenza u komplementarjetà reċiproka;

***Inizjattivi ta' Tnedija***

47. Iqis li l-inizjattivi li ġejjin għandhom jiġu mnedija immedjatament:

— l-azzjoni preparatorja dwar riċerka fil-qasam tal-PSDK li tibda fl-2017, se jitkompla sal-2019;

— programm sussegwenti ta' riċerka dwar id-difiża aktar ambizzjuż u strateġiku, li jnaqqas id-distakk sal-QFP li jmiss, jekk l-Istati Membri jagħtu r-riżorsi finanzjarji addizzjonali meħtieġa jew permezz ta' kofinanzjament mill-Istati Membri skont l-Artikolu 185 tat-TFUE;

— Semestru Ewropew tad-Difiża li jevalwa l-progress li sar fl-isforzi baġitarji relatati mad-difiża tal-Istati Membri;

— strateġija li tiddeskrivi l-passi li għandhom jittieħdu għall-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-Unjoni Ewropea tad-Difiża;

— kunsiderazzjoni tal-ħolqien ta' Kunsill permanenti tal-Ministri tad-Difiża;

— appoġġ għall-inizjattiva min-NATO, li se tqiegħed battaljuni multinazzjonali fl-Istati Membri meta u fejn meħtieġ, b'mod partikolari l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa (inkluża l-akkomodazzjoni);

— l-iżvilupp ta' proċess ta' Ktieb Abjad regolari, għall-ewwel implimentazzjoni fil-qafas tal-ippjanar għall-QFP li jmiss;

— konferenza tal-partijiet interessati dwar is-suġġetti ta' żvilupp ta' politika Ewropea tal-armamenti u tal-kapaċitajiet u l-armonizzazzjoni tal-politiki nazzjonali rispettivi abbażi ta' rieżami tad-difiża tal-UE;

— riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet ġuridiċi li jipprevjenu l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-bini tal-kapaċità għall-promozzjoni tas-sigurtà u l-iżvilupp f'pajjiżi terzi;

— riforma tal-kunċett tal-gruppi tattiċi tal-UE, bl-għan li jitwaqqfu unitajiet permanenti li jkunu indipendenti minn kwalunkwe pajjiż mexxej u li jkunu soġġetti għal taħriġ konġunt sistematiku;

— il-ħolqien ta' fond ta' tnedija militari kif previst mill-Artikolu 41(3) tat-TUE, li għandu jgħin t-tnedija aktar rapida tal-operazzjoniiet tal-PSDK;

— pjan ta' azzjoni li jsaħħaħ u jwessa' l-mekkaniżmu Athena sabiex jġu pprovduti aktar fondi Komunitarji għal missjonijiet tal-UE;

— riforma tal-mekkaniżmu Athena bl-għan li joktor il-potenzjal tagħha għal kondiviżjoni ta' spejjeż u finanzjament komuni, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskjerament ta' gruppi tattiċi tal-UE jew ta' mezzi ta' rispons rapidu oħrajn u biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' atturi militari fil-pajjiżi sħab (taħriġ, mentoraġġ, konsulenza, forniment ta' tagħmir, titjib tal-infrastruttura u servizzi oħrajn);

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

— proċess ta' riflessjoni dwar l-investiment barrani dirett fl-industriji kritiċi fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà u dwar il-forrnituri tas-servizz, bil-għan li tiġi żviluppata leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE;

— proċess ta' riflessjoni dwar l-istandardizzazzjoni tal-użu doppju bil-ħsieb li tiġi żviluppata leġiżlazzjoni fuq il-livell tal-UE;

— riflessjoni dwar l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti ta' kmand u kontroll għall-operazzjonijiet militari tal-PSDK;

— sistema mifruxa mal-UE kollha għall-koordinament tal-moviment rapidu ta' persunal, tagħmir u provvisti tal-forzi tad-difiża;

— l-elementi inizjali ta' Pjan ta' Azzjoni Ewropea tad-Difiża, imsejsa fuq Ktieb Abjad tal-UE dwar is-Sigurtà u d-Difiża;

— l-ewwel proġetti UE-NATO fil-qasam tal-ġlieda kontra u l-prevenzjoni ta' theddid ibridu u l-bini tar-reżiljenza, kooperazzjoni fil-komunikazzjonijiet u risposti strateġiċi, kooperazzjoni operattiva, anki fuq il-baħar, u fil-qasam tal-migrazzjoni, koordinament taċ-ċibersigurtà u tad-difiża, kapaċitajiet ta' difiża, tisħiħ tal-bażi industrijali, teknoloġika u ta' riċerka fil-qasam tad-difiża, eżerċitazzjonijiet u bini tal-kapaċitajiet ta' difiża u sigurtà ta' sħabna tal-Lvant u tan-Nofsinhar;

— miżuri li jżidu l-kooperazzjoni u l-fiduċja bejn l-atturi u taċ-ċibersigurtà u tad-difiża;

48. Jipproponi li l-Unjoni Ewropea għad-Difiża titnieda b'urġenza, f'żewġ stadji u abbażi ta' sistema ta' integrazzjoni differenzjata:

(a) l-attivazzjoni ta' kooperazzjoni strutturata permanenti, li diġà ġiet approvata mill-Parlament u li ġiet inkluża fil-programm "Bidu Ġdid" tal-President tal-Kummissjoni;

(b) l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-VP/RGħ għal strateġija għal Politika Estera u ta' Sigurtà globali;

o

o o

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, l-aġenziji tal-UE fl-oqsma tal-ispazju, tas-sigurtà u tad-difiża, u lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TA(2016)0436

# Nisfruttaw il-Potenzjal tat-Trasport tal-Passiġġieri fuq l-Ilma

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar l-isfruttament tal-potenzjal tat-trasport tal-passiġġieri fuq l-ilma (2015/2350(INI))**

(2018/C 224/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS) tal-1974, kif emendata,

— wara li kkunsidra l-Protokoll tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali tal-1978 dwar il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri tal-1973,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2006,

— wara li kkunsidra l-21 Konferenza tal-Partijiet (COP 21) tal-UNFCCC u l-11-il Konferenza tal-Partijiet li se sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP11) li saru f'Pariġi mit-30 ta' Novembru sal-11 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2011 bit-titolu "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011)0144),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Jannar 2009 bit-titolu "L-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018" (COM(2009)0008),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar l-objettivi strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tal-UE tat-trasport marittimu sal-2018 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-Implimentazzjoni tal-White Paper dwar it-Trasport tal-2011: it-teħid tal-kont u t-triq 'il quddiem lejn mobbiltà sostenibbli ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 ([5]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2016 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (COM(2016)0274),

([1]) ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129.
([3]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 10.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0310.
([5]) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Settembru 2013 bit-titlu "Lejn il-kwalità fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni NAIADES II" (COM(2013)0623),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 tat-8 ta' Diċembru 1995 dwar l-amministrazzjoni tas-sigurtà tal-bastimenti tal-passiġġieri roll-on/roll-off (il-bastimenti ro-ro) ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu ([6]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ottubru 2015 bit-titolu "REFIT Aġġustament tar-Rotta: Verifika tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni dwar is-Sikurezza tal-Vapuri tal-Passiġġieri fl-UE" (COM(2015)0508),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2016 bit-titolu "Evalwazzjoni REFIT tad-Direttiva 2000/59/KE dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija" (COM(2016)0168),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0306/2016),

A. billi l-ġeografija tal-Ewropa, bil-kosti twal u d-diversi gżejjer u xmajjar tagħha, toffri opportunitajiet straordinarji għal trasport sostenibbli tal-passiġġieri fuq l-ilma;

B. billi t-trasport tal-passiġġieri fuq l-ilma fl-oqsma tat-tbaħħir kostali (fuq distanzi qosra), il-laneċ interni u marittimi, il-mobbiltà urbana u periferika, il-kruċieri u t-turiżmu joffri potenzjal kbir għall-użu ta' kapaċità eċċessiva disponibbli f'termini tal-infrastruttura kif ukoll tal-bastimenti, u għandu rwol kruċjali fir-rabta bejn ir-reġjuni differenti tal-Unjoni Ewropea, li jagħmlu fattur importanti fit-tisħiħ tal-koeżjoni; billi barra minn hekk, l-attività tal-kruċieri u l-laneċ tistimola t-turiżmu kostali, li jikkostitwixxi waħda mill-attivitajiet marittimi ewlenin fl-Ewropa;

C. billi f'dawn l-aħħar snin kien hemm tendenza lejn l-iżvilupp intensiv tal-bastimenti għal żoni differenti ta' navigazzjoni, pereżempju l-bastimenti li jinnavigaw mix-xmajjar għall-ibħra, li jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar il-bastimenti tal-baħar u li jistgħu wkoll jinnavigaw ilmijiet baxxi;

D. billi, għal darb'oħra, bis-saħħa tal-iżviluppi teknoloġiċi, it-trasport fuq l-ilma kkostitwixxa alternattiva għat-toroq ta' aċċess għaċ-ċentri tal-bliet ikkonġestjonati;

---

([1]) ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 325, 9.12.2010, p. 1.
([4]) ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35.
([5]) ĠU L 320, 30.12.1995, p. 14.
([6]) ĠU L 327, 27.11.2012, p. 1.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

E. billi t-trasport tal-passiġġieri fuq l-ilma u t-trasport tal-merkanzija fuq l-ilma qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi differenti u għandhom ħtiġijiet differenti f'dak li jikkonċerna l-infrastruttura, l-isfidi ambjentali, il-kwistjonijiet operazzjonali, is-sigurtà u r-relazzjonijiet bejn il-portijiet u l-bliet, filwaqt li ż-żewġ segmenti tas-suq huma trattati minn awtorità tal-port waħda;

F. billi l-integrazzjoni ta' ċentri ta' passiġġieri fuq l-ilma fil-politika Ewropea dwar l-infrastruttura interkonnessa, kif diġà implimentata permezz tar-Regolamenti (UE) Nru 1315/2013 u (UE) Nru 1316/2013 dwar in-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), rispettivament, se tipprovdi aktar valur miżjud Ewropew;

G. billi l-possibbiltajiet għal self u garanziji għal proġetti tat-trasport fuq l-ilma huma disponibbli wkoll fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) bħala strument komplementari għall-għotjiet tradizzjonali;

H. billi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni ġie rrikonoxxut bħala mezz tat-trasport li jirrispetta l-ambjent, li jeħtieġ attenzjoni u appoġġ speċjali, u billi l-White Paper tirrakkomanda l-promozzjoni tat-trasport marittimu u t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, biex b'hekk ikun hemm proporzjon akbar ta' tbaħħir mal-kosta u f'passaġġi tal-ilma interni u tittejjeb is-sikurezza tat-trasport;

I. billi l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-NU u l-proposta għall-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà jipprovdu gwida soda mhux biss għall-implimentazzjoni, u jekk jitlob il-każ, għar-reviżjoni futura tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010, iżda wkoll għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri f'kuntest intermodali, peress li tali leġiżlazzjoni għandha tinkludi aċċessibbiltà mingħajr ostakli għall-passiġġieri b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa;

J. billi, filwaqt li t-trasport tal-passiġġieri fuq l-ilma huwa meqjus bħala mezz ta' trasport sikur, fil-passat kien hemm diversi aċċidenti traġiċi fis-settur tat-trasport tal-passiġġieri fuq l-ilma, inkluż dawk li involvew l-*Estonia*, il-*Herald of Free Enterprise*, il-*Costa Concordia*, in-*Norman Atlantic* u l-*UND Adryatik*;

K. billi fl-istrateġija tagħha dwar il-politika tat-trasport marittimu għall-2018 l-UE tistabbilixxi l-mira tagħha li ssir il-mexxej dinji fir-riċerka u l-innovazzjoni marittima, kif ukoll il-bini tal-bastimenti, bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u l-intelligence fil-vapuri, tnaqqas l-impatt ambjentali tagħhom, tnaqqas ir-riskju ta' aċċidenti u tipprovdi kwalità aħjar tal-ħajja fuq il-baħar;

L. billi t-turiżmu tal-kruċieri fuq ix-xmajjar u t-trasport tal-passiġġieri fuq ix-xmajjar, il-kanali u passaġġi tal-ilma interni oħrajn qed jikber f'ħafna sezzjonijiet ta' xmajjar Ewropej u n-nodi urbani tul dawn ix-xmajjar;

M. billi l-UE adottat għadd ta' makrostrateġiji bbażati fuq l-użu tal-passaġġi fuq l-ilma, inklużi l-istrateġiji għad-Danubju, r-reġjun Adrijatiku-Joniku u l-Baltiku;

1. Huwa tal-fehma li t-trasport tal-passiġġieri fuq l-ilma (WPT) għandu jingħata aktar prijorità fl-aġenda dwar il-politika tat-trasport tal-UE u tal-Istati Membri tagħha; iqis, għalhekk, li huma għandhom jaħdmu lejn "żona unika għat-trasport tal-passiġġieri fuq l-ilma", pereżempju billi jissimplifikaw il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tbaħħir transkonfinali tal-passiġġieri;

***Kompetittività***

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali u lill-Kummissjoni biex iqisu d-WPT, u speċjalment biex itejbu l-infrastruttura assoċjata, kemm fin-netwerks ewlenin kif ukoll komprensivi, fit-TEN-T u s-CEF billi jsaħħu l-interkonnessjoni tagħha ma', fost oħrajn, l-infrastruttura interna tal-ferroviji, inkluża l-provvista tal-infrastruttura u l-informazzjoni sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-vjaġġaturi kollha;

3. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar anki f'pajjiżi terzi, li jippromwovu trasport multimodali effiċjenti, jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' dan il-mezz ma' netwerks u mezzi ta' trasport oħra, jeliminaw l-konġestjonijiet fl-infrastrutturi tan-netwerks ewlenin u jiżguraw il-kontinwità u l-integrazzjoni territorjali;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

4. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu eliminati l-punti ta' konġestjoni fil-konnessjonijiet bejn is-sistema ta' passaġġi tal-ilma interni fl-Ewropa tal-Punent u s-sistema eżistenti fl-Ewropa tal-Lvant, li ġarrbet degradazzjoni konsiderevoli u, f'xi nħawi, degradazzjoni totali;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika sinteżi annwali tal-proġetti tad-WPT kofinanzjati mill-UE fil-qafas tal-fondi ta' koeżjoni, strutturali, reġjonali, Interreg, Orizzont 2020, CEF u TEN-T u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika rapport ta' sinteżi dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji tal-UE fil-qasam tad-WPT;

7. Jenfasizza r-rilevanza ewlenija tad-data statistika Ewropea għat-tfassil ta' pjanijiet u politiki għas-settur tat-trasport fuq l-ilma, b'mod partikolari fir-rigward tal-għadd ta' servizzi marittimi transkonfinali u tal-passaġġi fuq l-ilma interni pprovduti mil-laneċ kif ukoll mill-vapuri tal-kruċieri, fid-dawl tal-fatt li jeżistu żoni fejn it-trasport bejn lokalitajiet differenti jista' jsir biss fuq l-ilma; jitlob lill-Eurostat biex fid-data statistika tagħhom dwar il-passiġġieri tal-kruċieri marittimi jinkludu "ż-żjarat tal-passiġġieri fil-port ta' waqfa", b'mod partikolari l-għadd ta' passiġġieri li jimbarkaw u jiżbarkaw f'kull port ta' tranżitu, u mhux biss il-passiġġieri tal-kruċiera li jimbarkaw għal btala kull sena ("turnover"); l-inklużjoni ta' dawn in-numri jagħtu stampa aktar realistika tal-valur miżjud fis-settur tal-kruċieri u tad-WPT b'mod ġenerali;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sistema ta' ġbir ta' statistika armonizzata dwar l-aċċidenti u l-inċidenti għall-bastimenti li jgħaddu minn passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż it-traffiku transkonfinali;

9. Jemmen li l-integrazzjoni tad-WPT fin-netwerks tat-trasport pubbliku urban u reġjonali tista' ttejjeb b'mod konsiderevoli l-effiċjenza fil-mobbiltà, il-prestazzjoni ambjentali, il-kwalità tal-ħajja, l-affordabbiltà, it-taffija mill-konġestjoni tan-netwerks tat-trasport fuq l-art, u l-kumdità fl-ibliet; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja b'mod sħiħ l-investiment f'infrastruttura interna ta' kwalità, li tista' tikkontribwixxi fit-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku lokali u tiżgura li n-nies lokali ma jiġux affettwati b'mod negattiv; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi listi ta' eżempji tal-aħjar prattika f'dan il-qasam;

10. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jappoġġjaw inizjattivi lokali mmirati biex jattivaw it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni bħala mezz biex jitwasslu l-forniment għall-agglomerazzjonijiet, fosthom billi jiġu żviluppati ċentri ta' distribuzzjoni f'portijiet tax-xmajjar u billi jiġi żviluppat trasport għall-passiġġieri, primarjament biex iż-żoni kkonċernati jiġbdu aktar lit-turisti;

11. Jenfasizza li d-WPT għandu jkun integrat b'mod aħjar fis-sistemi ta' informazzjoni, tal-ibbukkjar u tal-biljetti sabiex itejjeb il-kwalità tas-servizzi pubbliċi u jkompli jiżviluppa s-settur tat-turiżmu, b'mod partikolari f'żoni remoti u iżolati; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-operaturi tad-WPT jitqiesu fil-ħidma fuq is-sistema integrata Ewropea ta' bejgħ tal-biljetti;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffinanzja proġetti organizzati aħjar u aktar effiċjenti għal servizzi ta' trasport integrati, li jwasslu għal: tnaqqis progressiv fil-konsum tal-enerġija; riorganizzazzjoni tal-iskedi ta' diversi operaturi pubbliċi u privati ta' trasport bl-ajru, bil-baħar u fuq l-art bil-għan li jkun hemm ġestjoni intermodali u effiċjenti tat-trasport tal-passiġġieri; konsolidazzjoni tal-biljetti maħruġa minn operaturi pubbliċi u privati disponibbli permezz ta' applikazzjoni diġitali;

13. Jinnota li, fejn possibbli, il-prattiki li permezz tagħhom il-bastimenti għall-ġarr joffru wkoll servizzi lill-passiġġieri u viċi versa, pereżempju fil-każ tal-laneċ, għandhom jiġu promossi, peress li joffru potenzjal għall-vapuri biex jiksbu rati ta' okkupanza aħjar u effiċjenza finanzjarja ikbar, u barra minn hekk għandha titnaqqas il-konġestjoni fit-toroq;

14. Jilqa' l-isforzi tas-settur tad-WPT biex jaqleb għal vapuri aktar nodfa, aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija b'emissjonijiet aktar baxxi, żviluppati bħala parti minn qafas Ewropew bil-għan li t-trasport fuq l-ilma jsir aktar ekoloġiku; jemmen li dan se jwassal għal soluzzjonijiet irħas li huma sostenibbli, aktar attraenti u b'hekk ekonomikament aktar kompetittivi, li jagħmlu s-settur "irħis, aktar nadif, u aktar ekoloġiku" b'mod ġenerali;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

15. Jinnota li l-isfidi differenti taż-żoni kostali ewlenin fl-UE jeħtieġu azzjonijiet differenti (aktar servizzi tal-laneċ fil-Baħar tat-Tramuntana, it-titjib u l-użu tekniku tal-laneċ fil-Mediterran, eċċ.);

16. Huwa konvint li l-industrija tal-bini tal-bastimenti għall-passiġġieri tal-UE għandha tibqa' attur kompetittiv ewlieni, li jeħtieġ tiġi mħeġġa b'mod aktar attiv filwaqt li titnaqqas il-marka ambjentali tagħha billi tingħata spinta lill-attività ta' riċerka u innovazzjoni fi ħdan l-industrija;

***Sostenibbiltà ambjentali***

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintegra d-WPT fl-istrateġija tagħha u biex tieħu passi sabiex tnaqqas l-emissjonijiet $CO_2$ f'konformità mal-ftehimiet COP 21 u b'hekk tnaqqas l-ispejjeż esterni;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-istandards ambjentali bil-għan li jitnaqqas it-tniġġis tal-arja, skont l-istandards tal-Baħar Baltiku għal-limiti tal-emissjonijiet tal-kubrit, il-kwalità tal-fjuwil u magni li jaħdmu bil-fjuwil aktar effiċjenti;

19. Jenfasizza li d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport qed teħtieġ sforzi u progress sinifikanti fejn jidħlu r-riċerka u l-innovazzjoni; jappoġġja lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tagħha ta' sistemi LNG, ibridi, elettriċi u ta' fjuwils alternattivi mhux fossili bbażati fuq sorsi rinnovabbli, u l-enerġija solari u mir-riħ għall-bastimenti marittimi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tadatta r-riċerka u l-innovazzjoni b'fokus partikolari fuq il-prattikabbiltà għas-settur tad-WPT;

20. Ifakkar li, minbarra d-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi, jeħtieġ li l-portijiet marittimi tan-netwerk ewlieni TEN-T jipprovdu faċilitajiet ta' rifurniment tal-LNG għal bastimenti u vapuri li jbaħħru qabel l-2025 u għall-portijiet interni jeħtieġ li jagħmlu dan qabel l-2030;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-awtosuffiċjenza tal-enerġija bl-użu ta' pannelli solari fuq il-bini tat-terminals tal-portijiet u permezz tal-ħażna tal-enerġija prodotta matul il-jum biex tintuża aktar tard billejl;

22. Jissottolinja li s-settur tal-laneċ huwa komponent importanti għas-suq tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra (SSS) u għaldaqstant huwa kruċjali li jinżamm id-dinamiżmu u l-kompetittività tiegħu, u fl-istess ħin tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali u l-effiċjenza tiegħu fl-użu tal-enerġija;

23. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni REFIT għall-faċilitajiet tal-akkoljenza tal-portijiet bħala opportunità biex id-direttiva attwali tiġi allinjata mal-iżviluppi internazzjonali, u l-għajnuniet internazzjonali, u jħeġġeġ il-pjanijiet tagħha għal leġiżlazzjoni ġdida skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja; jindika li dan m'għandux iżomm lill-Istati Membri milli jagħtu bidu għal inizjattivi aktar sostenibbli, inklużi sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ tajba dwar l-iskart, kemm fuq il-vapuri kif ukoll fil-portijiet;

***Sikurezza u sigurtà***

24. Jenfasizza li l-prevenzjoni tat-tniġġis u l-aċċidenti hija kruċjali għar-rwol tal-Aġenzija tas-Sikurezza Marittima Ewropea fit-titjib tas-sikurezza tal-laneċ u l-kruċieri marittimi transkonfinali, kif ukoll fl-iżgurar tal-protezzjoni tal-konsumatur;

25. Ifakkar li l-persunal tal-laneċ u l-bastimenti tal-kruċieri jeħtieġ li jkun imħarreġ sabiex jassisti lill-passiġġieri b'mod effikaċi f'każ ta' emerġenza;

26. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna li tistabbilixxi standards armonizzati għall-kwalifiki tal-membri tal-ekwipaġġ u l-kaptani sabiex tittejjeb il-mobbiltà tal-ħaddiema fin-navigazzjoni interna;

**It-Tlieta 22 ta’ Novembru 2016**

27. Jenfasizza li, fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri ta’ sistemi ta’ informazzjoni bħal radar konvenzjonali, SafeSeaNet, Galielo u s-Servizzi ta’ Informazzjoni dwar ix-Xmajjar (RIS), il-fokus għandu jkun fuq it-titjib tas-sikurezza, is-sigurtà u l-interoperabbiltà, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex l-użu mis-Servizz ta’ Informazzjoni dwar ix-Xmajjar ikun obbligatorju;

28. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jipproponu qafas ċar li jalloka r-responsabbiltajiet u l-ispejjeż, bil-ħsieb li tittejjeb is-sigurtà, u li jiġu indirizzati iktar taħriġ, istruzzjoni u gwida għall-persunal, speċjalment il-kwistjoni tal-aċċettazzjoni ta’ taħriġ li juża simulaturi approvati bħala parti mill-programm ta’ taħriġ fil-qafas tar-regoli tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO); iqis li l-kwalità u s-sikurezza tas-servizzi jistgħu jittejbu bl-aqwa mod b’persunal kwalifikat;

29. Jilqa’ l-proposti leġiżlattivi l-ġodda tal-Kummissjoni biex jiġu ssimplifikati u mtejba r-regoli komuni dwar is-sikurezza tal-bastimenti li jġorru passiġġieri fl-ilmijiet tal-UE, bil-ħsieb li jittejbu s-sikurezza u l-kompetizzjoni, billi r-regoli jsiru aktar ċari, u sempliċi u jiġu konformi mal-iżviluppi legali u teknoloġiċi;

30. Jirrikonoxxi li peress li s-sigurtà hija raġuni ta’ tħassib li dejjem qiegħda tiżdied, jista’ jkun hemm bżonn ta’ miżuri addizzjonali, li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi tat-traffiku tal-bastimenti u l-operazzjonijiet fil-port sabiex jiġi żgurat l-operat bla xkiel tal-konnessjonijiet bil-laneċ li jsiru ta’ kuljum;

31. Jinnota li numru sinifikanti ta’ xmajjar jikkostitwixxu fruntieri u jħeġġeġ lill-awtoritajiet responsabbli biex jiżguraw kooperazzjoni u sikurezza integrata sew u effiċjenti, sistemi ta’ sigurtà u ta’ emerġenza li joperaw miż-żewġ naħat tal-fruntiera;

32. Jirrimarka li hemm numru ta’ ibħra magħluqa, pereżempju l-Baltiku u l-Atlantiku, li huma mdawra minn diversi Stati Membri kif ukoll minn pajjiżi li mhumiex parti mill-UE, u għaldaqstant jitlob lill-awtoritajiet responsabbli biex jipprevedu sistema effikaċi ta’ sikurezza, sigurtà u, b’mod partikolari, sistema ta’ emerġenza;

33. Jenfasizza li, meta l-laneċ marittimi internazzjonali jkunu qegħdin joperaw fl-ilmijiet territorjali tal-UE għandha tapplika l-leġiżlazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri;

***Il-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizz***

34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra l-prinċipji tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010 fil-proposta tagħha dwar id-drittijiet tal-passiġġieri intermodali, inklużi l-aspetti tal-aċċessibbiltà mingħajr ostakli għal nies b’diżabilità jew b’mobbiltà mnaqqsa, u jħeġġiġha wkoll biex fil-proposta tagħha tqis ukoll il-ħtiġijiet speċjali tal-anzjani u l-familji li jivvjaġġaw bit-tfal; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta data statistika annwali dwar l-evoluzzjoni tal-għadd ta’ passiġġieri b’diżabbiltajiet jew b’mobbiltà mnaqqsa;

35. Jenfasizza l-importanza tas-settur tad-WPT fl-iżvilupp ta’ turiżmu sostenibbli u biex tingħeleb l-istaġonalità, b’mod partikolari fir-reġjuni remoti u periferiċi tal-Unjoni bħar-reġjuni kostali, il-gżejjer, ix-xmajjar u r-reġjuni rurali; iqis, barra minn hekk, li l-SMEs għandhom ikunu l-punt fokali għall-promozzjoni tas-servizzi tat-turiżmu; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet ta’ finanzjament tal-UE għall-SMEs, inklużi sussidji għall-komunitajiet lokali fir-reġjuni mbiegħda msemmija qabel;

36. Jinnota l-potenzjal kbir li jeżisti fil-ħolqien ta’ konnessjonijiet konvenjenti bejn il-passaġġi fuq l-ilma interni u n-netwerk Ewropew tar-rotot ċiklistiċi biex tiżdied l-attraenza ta’ bosta reġjuni tal-UE għat-turisti; jisħaq fuq il-ħtieġa li jittieħed kont tal-ħtiġijiet tal-persuni li jivvjaġġaw bir-roti u li jużaw it-trasport tal-passiġġieri fuq l-ilma;

37. Iqis li t-turiżmu fir-reġjuni kostali u l-gżejjer mhuwiex żviluppat biżżejjed minħabba n-nuqqas ta’ interkonnettività; iqis li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra li f’dawn iż-żoni teżisti domanda akbar għal servizzi ta’ trasport ta’ kwalità;

38. Hu tal-fehma li s-settur tad-WPT huwa importanti anki f’żoni fejn attwalment dan mhuwiex ekonomikament vijabbli, bħal gżejjer remoti fejn il-popolazzjoni hija aktar skarsa;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

39. Ifakkar li xi konnessjonijiet bil-laneċ huma għajnuna kruċjali għall-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika fil-veru sens tal-kelma li tikkollega r-reġjuni ultraperiferiċi mal-kontinent u żoni ta' tkabbir ekonomiku u industrijali, u b'hekk jikkontribwixxu għall-koeżjoni u l-integrazzjoni Ewropea;

40. Jissottolinja li l-qafas għall-provvista tal-konnessjonijiet mal-gżejjer, ir-reġjuni tal-gżejjer u ż-żoni remoti għandu jiġi promoss, b'miżuri li jiffaċilitaw laneċ ta' kwalità aħjar u terminals adegwati;

41. Jenfasizza l-potenzjal u x-xewqa li d-WPT jiġi integrat f'qafas ta' mobbiltà multimodali, filwaqt li jitqies it-trasport pubbliku f'agglomerazzjonijiet kbar, kemm għall-vjaġġaturi kif ukoll għat-turisti; iqis f'dan il-kuntest li hemm bżonn ta' aktar titjib sabiex tiġi żviluppata skema ta' mobilità bħala servizz billi jiġu faċilitati sistemi ta' biljetti integrati sabiex titjieb l-affidabbiltà, il-kumdità, il-puntwalità u l-frekwenza, biex tittaffa l-pressjoni minn fuq il-ktajjen tal-loġistika u sabiex jinkisbu ħinijiet tat-tlugħ abbord aktar mgħaġġlin sabiex jiġu attirati l-passiġġieri;

42. Jenfasizza li, sabiex jinżamm livell għoli tal-kwalità tas-servizzi, kif ukoll fl-interess tas-sikurezza marittima, huwa essenzjali li jiġu żviluppati l-għarfien u l-kapaċità fis-settur marittimu fl-UE;

o

o o

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 22 ta’ Novembru 2016**

P8_TA(2016)0437

## It-titjib tal-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta’ Novembru 2016 dwar it-titjib tal-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (2016/2139(INI))**

(2018/C 224/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra s-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u d-dokument ta’ eżitu adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta’ Settembru 2015, bit-titolu “Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli”, u b’mod partikolari l-Għan nru 17 tal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (minn hawn ’il quddiem, l-“SDGs”) stabbiliti fih, li jimpenja lill-istati membri tan-NU favur it-tisħiħ tal-mezzi ta’ implimentazzjoni tal-aġenda u l-għoti ta’ ħajja ġdida lis-sħubija globali għall-iżvilupp sostenibbli ([1]),

— wara li kkunsidra l-Aġenda ta’ Azzjoni ta’ Addis Ababa, kif ukoll id-dokument ta’ eżitu adottat waqt it-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (Addis Ababa, l-Etjopja, 13-16 ta’ Lulju 2015) u approvat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fir-riżoluzzjoni 69/313 tagħha tas-27 ta’ Lulju 2015 ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar “It-tendenzi u l-progress fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp internazzjonali”, imressaq fis-Sessjoni tal-2016 tal-Forum ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (E/2016/65) ([3]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna li ġiet adottata waqt it-Tieni Forum ta’ Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna fl-2005, l-Aġenda ta’ Azzjoni ta’ Akkra li ġiet adottata waqt it-Tielet Forum ta’ Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna li sar fl-2008 f’Akkra (il-Ghana) ([4]), u l-eżitu tar-Raba’ Forum ta’ Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna li sar f’Busan (ir-Repubblika tal-Korea) f’Diċembru 2011 li nieda s-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp (minn hawn ’il quddiem, is-“Sħubija Globali”) ([5]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Dili tal-10 ta’ April 2010, li tikkonċerna l-bini tal-paċi u l-bini tal-istati, kif ukoll “Il-Patt il-Ġdid favur l-Involviment fi Stati Fraġli” li tnieda nhar it-30 ta’ Novembru 2011 waqt ir-Raba’ Forum ta’ Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna,

— wara li kkunsidra l-Komunikat tal-Ewwel Laqgħa ta’ Livell Għoli tas-Sħubija Globali, li ġiet organizzata fil-Belt tal-Messiku f’April 2014 ([6]),

— wara li kkunsidra t-Tieni Laqgħa ta’ Livell Għoli tas-Shubija Globali li se ssir f’Nairobi mit-28 ta’ Novembru sal-1 ta’ Diċembru 2016 ([7]),

— wara li kkunsidra r-rapport ta’ progress tal-2014 tal-OECD/UNDP “Lejn Kooperazzjoni għall-Iżvilupp Aktar Effikaċi” ([8]),

— wara li kkunsidra l-Kunsens tal-OSĊ li ntlaħaq f’Siem Reap rigward il-qafas internazzjonali għall-effikaċja tal-kontribuzzjoni tal-OSĊ għall-iżvilupp tal-2011,

---

(1) http://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E
(2) http://www.un.org/esa/ffd/wp-content/uploads/2015/08/AAAA_Outcome.pdf
(3) https://documents-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/N16/132/05/PDF/N1613205.pdf?OpenElement
(4) http://www.oecd.org/dac/effectiveness/34428351.pdf
(5) http://www.oecd.org/dac/effectiveness/49650173.pdf
(6) http://effectivecooperation.org/2014/03/draft-communique-for-the-first-high-level-meeting-of-the-global-partnership/
(7) http://effectivecooperation.org/events/2016-high-level-meeting/
(8) http://effectivecooperation.org/wp-content/uploads/2016/05/4314021e.pdf

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-TFUE, li jiddefinixxi t-tnaqqis u l-qerda tal-faqar bħala l-objettiv prinċipali tal-politika tal-UE dwar l-iżvilupp u jirrikjedi li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jonoraw l-impenji li jkunu qablu magħhom fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra kompetenti, kif ukoll iqisu l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li jimplimentaw li x'aktarx jolqtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

— wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-2005 ([1]) u l-pjanijiet biex jintlaħaq qbil dwar Kunsens ġdid fl-2017,

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Unjoni Ewropea dwar il-Komplementarjetà u t-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika dwar l-Iżvilupp ([2]),

— wara li kkunsidra t-test konsolidat tal-Qafas Operattiv dwar l-Effettività tal-Għajnuna ([3]), li huwa bbażat fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2009 dwar Qafas Operattiv dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2010 dwar id-Diviżjoni tax-Xogħol fost diversi pajjiżi u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2010 dwar Responsabilità u Trasparenza Reċiproċi,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2015 dwar it-'Tnedija tal-Qafas tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali (SWD(2015)0080), u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 dwar il-qafas tar-riżultati ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Marzu 2014 dwar il-pożizzjoni komuni tal-UE għall-Ewwel Laqgħa ta' Livell Għoli tas-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp ([5]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 dwar Sħubija Globali Ġdida għall-Qerda tal-Faqar u l-Iżvilupp Sostenibbli wara l-2015 ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2016 dwar it-Tisħiħ tal-Ipprogrammar Konġunt ([7]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2016 dwar ir-Rapport Annwali tal-2016 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp ([8]),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ġunju 2015 bir-rapport tal-2015 dwar ir-responsabbiltà tal-UE rigward il-finanzjament għall-iżvilupp – eżami tal-progress mill-UE u l-Istati Membri tagħha (SWD(2015)0128),

— wara li kkunsidra l-"Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea – Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa aktar b'saħħitha" li ġiet ippreżentata f'Ġunju 2016 mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ([9]),

([1]) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.
([2]) Konklużjonijiet tal-Kunsill 9558/07, 15.5.2007.
([3]) Dokument tal-Kunsill 18239/10.
([4]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9145-2015-INIT/mt/pdf
([5]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7805-2014-INIT/mt/pdf
([6]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9241-2015-INIT/mt/pdf
([7]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8831-2016-INIT/mt/pdf
([8]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8822-2016-INIT/mt/pdf
([9]) Dokument tal-Kunsill 10715/16

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-segwitu tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 dwar l-Effettività tal-Għajnuna ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi li qed jiżviluppaw ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-4 Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-koordinazzjoni tad-donaturi tal-UE dwar l-għajnuna għall-iżvilupp ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2015 dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' April 2016 dwar is-settur privat u l-iżvilupp ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016 dwar is-segwitu u r-rieżami tal-Aġenda 2030 ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar ir-Rapport 2015 tal-UE dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp ([8]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0322/2016),

A. billi l-prinċipji stabbiliti mid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Akkra jibqgħu kompletament validi u wrew il-valur tagħhom fit-tisħiħ tal-kwalità tal-għajnuna għall-iżvilupp, kif ukoll l-appoġġ pubbliku għaliha fil-pajjiżi donaturi;

B. billi l-impenji politiċi ta' livell għoli tal-Kunsens ta' Monterrey (2002), id-Dikjarazzjoni ta' Ruma (2003), id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi (2005), l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Akkra u r-Raba' Forum dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna f'Busan (2011) kollha huma intenzjonati biex jinkiseb l-istess għan li tittejjeb il-kwalità tal-implimentazzjoni, tal-ġestjoni u tal-użu tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp b'mod li l-impatt tagħha jiġi mmassimizzat;

C. billi l-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna kkontribwixxew b'mod ċar għall-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju f'ħafna pajjiżi, iżda l-progress għadu mhux uniformi u mhux il-prinċipji kollha ġew implimentati kompletament fil-pajjiżi kollha u mill-atturi kollha fil-qasam tal-iżvilupp f'kull ħin;

D. billi s-Sħubija Globali tista' tiżvolġi rwol kruċjali fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u fil-ksib tal-SDGs, billi l-konċentrazzjoni ma tibqax iffokata fuq il-kunċett tal-"effikaċja tal-għajnuna", b'riferiment għall-għajnuna pubblika għall-iżvilupp tradizzjonali, imma minflok tiġi ffokata fuq dak tal-"effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp";

E. billi l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem, l-"ODA") tista' tiżvolġi rwol kruċjali biex l-Aġenda 2030 trendi riżultati, b'mod partikolari fil-pajjiżi b'introjtu baxx u fil-ġlieda kontra l-faqar estrem u l-inugwaljanzi, jekk tiġi mmirata aħjar u jekk tosserva l-prinċipji ta' kooperazzjoni effikaċi għall-iżvilupp, speċifikament is-sjieda demokratika min-naħa tal-pajjiżi, l-allinjament, it-tisħiħ tal-kapaċità lokali, it-trasparenza u r-responsabilità demokratika, konċentrazzjoni fuq ir-riżultati u l-inklużività; jisħaq li l-kundizzjonalitajiet tal-għajnuna għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' sjieda demokratika;

(1) ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 100.
(2) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 38.
(3) ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 80.
(4) Testi adottati, P7_TA(2013)0558.
(5) ĠU C 353, 27.9.2016, p. 2.
(6) Testi adottati, P8_TA(2016)0137.
(7) Testi adottati, P8_TA(2016)0224.
(8) Testi adottati, P8_TA(2016)0246.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

F. billi, apparti l-għajnuna u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, hemm bżonn ta' għodda oħra fil-qasam tal-politika dwar l-iżvilupp biex b'mod effikaċi jinqered il-faqar u jiġu promossi l-SDGs;

G. billi l-appoġġ baġitarju għandu ħafna vantaġġi, bħar-responsabilità tal-istat, analiżi aktar preċiża tal-eżiti, aktar koerenza politika, tbassir aktar effikaċi fil-qasam tal-għajnuna, u użu ottimali tal-fondi disponibbli direttament għall-benefiċċju tal-popolazzjoni;

H. billi s-settur privat, flimkien mal-organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi tradizzjonali l-oħrajn fil-qasam tal-iżvilupp, qed isir sieħeb reali fl-istrateġiji tagħna dwar l-iżvilupp, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ksib ta' żvilupp inklużiv u sostenibbli;

I. billi huwa essenzjali għall-effikaċja tal-għajnuna li l-pajjiżi benefiċjarji japplikaw b'mod parallel politiki ekonomiċi li jippromwovu t-tkabbir bl-introduzzjoni ta' mekkaniżmi tal-ekonomija tas-suq, il-mobilizzazzjoni tal-kapital privat u r-riformi agrarji, kif ukoll il-ftuħ progressiv tas-swieq tagħhom għall-kompetizzjoni globali;

J. billi, skont studju tal-Kummissjoni, il-frammentazzjoni tal-għajnuna mogħtija tfisser spiża addizzjonali ta' bejn EUR 2 u 3 biljun fis-sena għall-UE;

K. billi s-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem, is-"Sħubija Globali") tipprovdi forum inklużiv li jiġbor flimkien lill-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet bilaterali u multilaterali, is-soċjetà ċivili, il-parlamenti, it-trade unions u s-settur privat bl-istess mod minn kull pajjiż;

L. billi s-Sħubija Globali tiffoka fuq l-imġiba tal-atturi fil-qasam tal-iżvilupp u r-relazzjoni bejniethom, fuq l-implimentazzjoni effikaċi tal-politiki u l-programmi fil-qasam tal-iżvilupp, u fuq il-monitoraġġ tal-progress fl-osservazzjoni tal-prinċipji kruċjali ddefiniti f'dan l-aħħar deċennju, b'mod li tittejjeb l-effikaċja tal-isforzi tal-atturi kollha favur l-iżvilupp; billi jkun tajjeb li tiġi ċċarata l-artikolazzjoni tagħha mal-arkitettura tal-iżvilupp globali li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030;

M. billi pajjiżi bħaċ-Ċina, il-Brażil, it-Turkija, ir-Russja u l-Indja qed jiżvolġu rwol dejjem iktar importanti bħala donaturi emerġenti u għat-trasferiment tal-għarfien espert u t-teknoloġija fil-qasam tal-iżvilupp, grazzi wkoll għall-esperjenza ta' żvilupp riċenti u attwali tagħhom stess; billi l-involviment tagħhom mad-donaturi aktar tradizzjonali fil-promozzjoni tal-beni pubbliċi globali u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-Sħubija Globali jistgħu jitqawwew;

N. billi l-Kummissjoni tiżvolġi rwol attiv fi ħdan il-Kumitat ta' Tmexxija tas-Sħubija Globali, u wieħed mill-kopresidenti tagħha oriġina minn Stat Membru tal-UE, in-Netherlands; billi l-Ġermanja issa qed tassumi dan ir-rwol ta' kopresidenza;

O. billi s-sjieda min-naħa tal-pajjiżi fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tirrikjedi allinjament tad-donaturi mal-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali u l-SDGs u l-objettivi li ntlaħaq qbil dwarhom fil-livell internazzjonali, kif ukoll parteċipazzjoni interna fir-rigward tad-disinn u r-responsabilità fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet u l-programmi ta' żvilupp;

P. billi l-għajnuna trendi qligħ doppju meta ma tkunx qed tiffinanzja biss proġetti fil-qasam tal-iżvilupp imma tkun qed tintefaq ukoll fil-livell lokali, fuq prodotti u servizzi lokali; billi, għaldaqstant, it-tisħiħ tas-sistemi tal-pajjiżi u s-sistemi ta' akkwist nazzjonali huwa element essenzjali għall-effikaċja tal-għajnuna bi qbil mad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Ghajnuna u għat-tqawwija tal-governanza tajba u r-responsabilità demokratika fil-pajjiżi sħab;

Q. billi, jekk l-aġendi fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiġu xprunati mill-fornitur u l-għajnuna tintrabat, inkluż fil-qasam tal-akkwist, dawn jistgħu jkunu espressjoni ta' interessi politiċi varjati li ġieli jidħlu f'kunflitt mal-politiki dwar l-iżvilupp u jista' jkun hemm ir-riskju li jdgħajfu s-sjieda u s-sostenibilità tal-assistenza għall-iżvilupp u l-progress li jkun sar fl-imgħoddi fir-rigward tal-allinjament, b'mod li jwassal għal ineffikaċja u żieda fid-dipendenza; billi s-sjieda lokali għandha rwol importanti x'tiżvolġi biex tiżgura żvilupp effikaċi għaċ-ċittadini;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

R. billi issa l-oqfsa tar-riżultati qed jintużaw dejjem iżjed biex jitkejlu l-kisbiet tal-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, iżda s-sjieda u l-użu sħaħ ta' dawk l-oqfsa mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jibqgħu sfida persistenti;

S. billi s-sessjoni ta' monitoraġġ tas-Sħubija Globali tal-2016 uriet li l-progress fl-użu tas-sistemi tal-pajjiżi għadu baxx u li ma nkisibx progress ulterjuri biex jinħall l-irbit mal-għajnuna, li għadu fil-livell massimu ta' 80 % li laħaq fl-2010;

T. billi d-deputati parlamentari mill-pajjiżi sħab, l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili għadhom qed jesprimu nuqqas ta' sodisfazzjon bil-grad ta' kemm huma involuti fil-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u ta' kemm huma informati dwarhom;

U. billi l-effikaċja tal-iżvilupp, li hija mifhuma bħala l-użu effikaċi tal-mezzi u r-riżorsi kollha orjentati lejn l-iżvilupp, inkluż it-tnaqqis tal-faqar, tiddependi kemm mill-pajjiżi li jipprovdu l-għajnuna u l-pajjiżi benefiċjarji, kif ukoll mill-eżistenza ta' istituzzjonijiet effikaċi u reattivi, politiki tajba, l-involviment tal-partijiet interessati u s-soċjetà ċivili lokali, l-istat tad-dritt, governanza demokratika inklużiva, il-preżenza ta' mekkaniżmi ta' segwitu effikaċi u trasparenti, u salvagwardji kontra l-korruzzjoni fi ħdan il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-flussi finanzjarji illeċiti fil-livell internazzjonali; billi jkun tajjeb li s-Sħubija Globali tiżvolġi rwol akbar fil-faċilitazzjoni u l-promozzjoni tal-progress rigward l-elementi ta' hawn fuq li huma determinanti għall-iżvilupp;

V. billi l-frammentazzjoni tal-għajnuna tibqa' sfida persistenti li tirriżulta mill-proliferazzjoni tad-donaturi u l-aġenziji ta' għajnuna u min-nuqqas ta' koordinament tal-attivitajiet u l-proġetti tagħhom;

W. billi l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar kompliet tikber, minkejja tnaqqis fil-veloċità tal-ekonomiji emerġenti u waqgħa fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi;

X. billi l-panorama fil-qasam tal-iżvilupp qed isir dejjem iżjed eteroġenju, b'aktar foqra jgħixu fil-pajjiżi b'introjtu medju milli f'dawk b'introjtu baxx; billi, fl-istess ħin, inbidlet in-natura nnifisha tal-isfidi fil-qasam tal-iżvilupp, bil-feġġa ta' sfidi globali ġodda bħall-migrazzjoni, is-sigurtà alimentari, il-paċi u l-istabilità, u t-tibdil fil-klima;

1. Jappella lill-atturi kollha fil-qasam tal-iżvilupp biex jikkonsolidaw l-impenji li ħadu minn Pariġi sa Busan, kif ukoll iġeddu u jqawwu l-isforzi tagħhom biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp jagħmluha kemm jista' jkun effikaċi bl-intenzjoni li jilħqu l-għanijiet u l-objettivi ambizzjużi stabbiliti fl-Aġenda 2030 u li jisfruttaw bl-aħjar mod possibbli r-riżorsi pubbliċi u privati għall-iżvilupp;

2. Jappella biex tintuża l-għodda kollha fil-qasam tal-politika dwar l-iżvilupp sabiex jinqered il-faqar u jiġu promossi l-SDGs; huwa tal-opinjoni li l-effikaċja tal-finanzjament għall-iżvilupp għandha tiġi vvalutata abbażi ta' riżultati konkreti u l-kontribut tagħha għall-politika dwar l-iżvilupp kollha kemm hi;

3. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali li tiżvolġi l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem, l-"ODA") fit-twettiq tal-aġenda dwar l-effikaċja tal-iżvilupp, kif ukoll għall-qerda tal-faqar, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, il-forniment ta' servizzi pubbliċi essenzjali u l-appoġġ għal governanza tajba; jissottolinja l-fatt li l-ODA hija aktar flessibbli, prevedibbli u responsabbli mill-flussi l-oħra li potenzjalment jikkontribwixxu għall-iżvilupp;

4. Ifakkar li l-finanzjament suffiċjenti huwa prerekwiżit għal kooperazzjoni għall-iżvilupp effikaċi; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-fornituri ta' ODA ma rrispettawx l-impenn tagħhom li jallokaw 0,7 % tal-ING għall-assistenza għall-iżvilupp sal-2015 u, b'riżultat ta' dan, aktar minn USD 2 triljun ma tqegħdux għad-dispożizzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

5. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jirrispettaw l-impenn li ilhom li ħadu li jiddedikaw 0,7 % tal-ING għall-għajnuna, li jintensifikaw l-assistenza għall-iżvilupp tagħhom, anke permezz tal-baġit tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jadottaw pjan direzzjonali effikaċi sabiex jilħqu l-objettiv tal-impenn li ħadu b'mod trasparenti, prevedibbli u responsabbli; iwissi li l-kriterji għall-ODA m'għandhomx jiġu dilwiti bil-għan li jiġu koperti spejjeż apparti dawk marbuta direttament mal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

6. Jinnota bi tħassib li, sa nofs l-2015, kienu biss ħamsa l-Istati Membri tal-UE li ppubblikaw pjanijiet ta' implimentazzjoni skont kif stabbilit f'Busan; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippubblikaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u jirrapportaw rigward l-isforzi tagħhom qabel it-Tieni Laqgħa ta' Livell Għoli tas-Sħubija Globali li se ssir f'Nairobi bejn it-28 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2016;

7. Jappella biex id-dokument ta' eżitu ta' din it-Tieni Laqgħa ta' Livell Għoli jindirizza ċarament u jassenja r-rwoli u r-responsabilitajiet differenzjati tal-atturi u l-istituzzjonijiet fil-qasam tal-iżvilupp għall-implimentazzjoni tal-aġenda u l-applikazzjoni tal-prinċipji, sabiex jissaħħaħ il-progress u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fil-ġejjieni;

8. Jinnota l-proposta Messikana għall-inklużjoni tal-ħames prinċipju tal-effikaċja tal-iżvilupp, speċifikament li "Ħadd ma jitħalla l-art"; jirrikonoxxi l-importanza li jkun hemm konċentrazzjoni qawwija fuq il-gruppi foqra, vulnerabbli u emarġinati, waqt li jitqiesu kif dovut l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-sitwazzjonijiet ta' fraġilità u ta' kunflitt, fil-kuntest tal-aġenda rigward l-effikaċja tal-iżvilupp; huwa tal-fehma li, waqt li dan il-prinċipju kieku jikkorrispondi għall-filosofija ġenerali u l-impenn predominanti tal-Aġenda 2030, ikun tajjeb li l-inklużjoni possibbli tiegħu tiġi akkumpanjata b'diskussjoni u riflessjoni serji dwar il-mod kif se jopera, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' integrazzjoni u l-indikaturi;

9. Jirrileva l-ħtieġa li s-Sħubija Globali titqiegħed f'qagħda ta' saħħa fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa; jikkunsidra li s-Sħubija Globali tista' tipprovdi valur miżjud jekk ħidmietha tinqasam f'fażijiet u titfassal strateġikament fil-prospettiva tal-ħidma u l-kalendarju tal-Forum dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-Kunsill ECOSOC tan-NU, il-Forum dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp u l-Forum Politiku ta' Livell Għoli;

10. Jisħaq li jkun tajjeb li s-Sħubija Globali tiżvolġi rwol qawwi fl-aspetti bbażati fuq l-evidenza tal-monitoraġġ u r-responsabilità fir-rigward tal-prinċipji tal-effikaċja biex jinkisbu l-SDGs u fl-appoġġ għal implimentazzjoni aktar sħiħa tagħhom mill-atturi kollha fil-livell nazzjonali; jissottolinja l-ħtieġa li s-Sħubija Globali tipprovdi kanali għall-kooperazzjoni ddefiniti b'mod ċar għal atturi speċifiċi fil-qasam tal-iżvilupp apparti d-donaturi OECD, inklużi d-donaturi emerġenti, il-gvernijiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filantropi privati, istituzzjonijiet finanzjarji, kumpaniji mis-settur privat u t-trade unions; jemmen li jkun tajjeb li l-arranġamenti għall-presidenza tas-Sħubija Globali jirriflettu d-diversità tal-partijiet interessati;

11. Ifakkar li t-tkabbir ta' 1 % fl-Afrika jirrappreżenta aktar mid-doppju tal-ammont ta' ODA;

12. Jemmen li s-Sħubija Globali jmissha tiżvolġi rwol ta' tmexxija fl-iżgurar ta' progress biex jinkiseb l-SDG 17, speċifikament rigward il-monitoraġġ u r-responsabilità, żieda fl-effikaċja tal-għajnuna, l-aspetti ta' kwalità u kapaċità tal-finanzjament għall-iżvilupp, is-sostenibilità tat-taxxa u tad-dejn, il-mobilizzazzjoni tas-settur privat u r-responsabilità tiegħu għall-iżvilupp sostenibbli, it-trasparenza, il-koerenza politika, is-sħubijiet b'diversi partijiet interessati, kif ukoll il-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u dik trijangolari;

13. Jissottolinja r-rwol important li s-Sħubija Globali għandha x'tiżvolġi fir-rigward tal-indikatur 17.16.1 tal-SDGs, b'mod partikolari biex jinkisbu sħubijiet b'diversi partijiet interessati aktar effikaċi u inklużivi għall-appoġġ u s-sostenn tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, billi tkejjel il-kwalità tal-isforzi tagħhom fil-qasam tal-iżvilupp; jilqa' s-Sessjoni ta' Monitoraġġ tal-2016, filwaqt li jinnota li n-numru ta' sħab fil-qasam tal-iżvilupp involuti f'dan l-eżerċizzju żdied, u jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni tar-Rapport ta' Progress;

14. Jinkoraġġixxi lill-partijiet għas-Sħubija Globali jikkunsidraw il-ħolqien ta' segretarjat permanenti għaliha li jkun aktar indipendenti u mogħni b'riżorsi aktar adegwati, li jkun jibni fuq il-ħidma tat-Tim ta' Appoġġ Konġunt, u jħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi sħab jaħtru punti fokali nazzjonali;

15. Jindika li jkun tajjeb li l-Parlament Ewropew jitħalla jiżvolġi kompletament ir-rwol vitali tiegħu ta' skrutinju demokratiku għall-politiki kollha tal-UE, inklużi l-politiki dwar l-iżvilupp, u jeżiġi li jiġi informat b'mod regolari u puntwali rigward il-pożizzjonijiet li tieħu l-Kummissjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija tas-Sħubija Globali;

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

16. Jilqa' l-progress li sar, u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħmel sforzi ulterjuri biex tiżgura li l-atturi kollha kkonċernati jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar it-trasparenza tal-programmazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-mekkaniżmi ta' finanzjament, il-proġetti u l-flussi tal-għajnuna, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna u l-ħolqien tas-sit "EU Aid Explorer" fuq l-internet; jindika madankollu li għad fadal passi importanti x'jittieħdu f'dan ir-rigward, u jeżiġi li jsiru b'mod urġenti sforzi sinifikanti ulterjuri mid-donaturi kollha sabiex l-informazzjoni u d-data jagħmluhom aktar aċċessibbli, puntwali u paragunabbli; jappella lil dawk l-Istati Membri li għadhom mhux qed jikkontribwixxu għall-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna biex dan jibdew jagħmluh; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jisfruttaw id-data disponibbli, u anke biex jappoġġaw lill-pajjiżi sħab billi jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward;

17. Jikkunsidra li l-monitoraġġ, ir-rieżami u l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar il-progress fl-iżvilupp għandhom importanza fundamentali fit-tisħiħ tar-responsabilità u l-impatt tal-kooperazzjoni, b'mod partikolari fil-livell tal-pajjiżi; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni tressaq rapporti, tal-anqas kull 24 xahar, dwar l-isforzi u l-pjanijiet ta' azzjoni kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri bil-ħsieb li l-prinċipji ta' Busan jiġu implimentati b'mod komprensiv; jappella lill-UE tagħti appoġġ ulterjuri lill-pajjiżi sħab fit-titjib tal-kapaċità amministrattiva u loġistika tagħhom, u b'mod partikolari tas-sistemi statistiċi tagħhom;

18. Jilqa' l-inizjattivi tal-OECD li potenzjalment jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-flussi finanzjarji illeċiti, u jappella lill-komunità internazzjonali biex issaħħaħ il-kooperazzjoni b'mod li tiżdied it-trasparenza tar-reġimi fiskali u tal-flussi finanzjarji b'mod aktar ġenerali; jinsisti fuq ir-rwol kruċjali u r-responsabilitajiet tal-kumpaniji multinazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji f'dan ir-rigward;

19. Jistieden lill-Kummissjoni, lid-delegazzjonijiet tal-UE u lill-aġenziji tal-Istati Membri jinformaw lill-parlamenti nazzjonali u, sal-livell li jkun possibbli, lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll lill-partijiet interessati privati u s-soċjetà ċivili, dwar l-impenji ta' programmazzjoni u finanzjarji relatati mal-assistenza għall-iżvilupp, billi jippubblikaw analiżijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għal kull pajjiż speċifiku, li huwa mistenni li jipprovdu ħarsa ġenerali lejn id-dokumenti strateġiċi, il-koordinament tad-donaturi, il-Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali u l-programmi attwali u dawk ippjanati, kif ukoll is-sejħiet għal proġetti u akkwisti jew il-mekkaniżmi ta' finanzjament oħra li jintużaw;

20. Jinkoraġġixxi lill-parlamenti tal-pajjiżi benefiċjarji jadottaw politiki nazzjonali dwar l-għajnuna għall-iżvilupp sabiex itejbu r-responsabilità tad-donaturi u tal-gvernijiet benefiċjarji, inkluża dik tal-awtoritajiet lokali, isaħħu l-ġestjoni finanzjarja pubblika u l-kapaċità ta' assorbiment, jeqirdu l-korruzzjoni u kull forma ta' ħela ta' għajnuna, iġibu s-sistemi fiskali effikaċi, u jtejbu l-kundizzjonijiet biex jirċievu appoġġ baġitarju, kif ukoll, fuq żmien twil, inaqqsu d-dipendenza mill-għajnuna;

21. Jikkunsidra li huwa importanti li l-parteċipazzjoni min-naħa tal-Istati Membri kollha fl-Inizjattiva Fiskali ta' Addis Ababa tiġi promossa, b'mod li l-assistenza teknika tirdoppja sal-2020 u tissaħħaħ il-kapaċità fiskali tal-pajjiżi sħab;

22. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvolvu ruħhom mal-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi sħab bil-ħsieb li jagħtu appoġġ kostruttiv għall-iżvilupp ta' tali politiki, waqt li jikkomplementawhom b'arranġamenti ta' responsabilità reċiproka; jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb r-responsabilità interna fil-kuntest tal-appoġġ baġitarju billi ssaħħaħ il-kapaċitajiet istituzzjonali tal-parlamenti nazzjonali u l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar;

23. Jissottolinja r-rwol li għandhom iċ-ċittadini, il-komunitajiet lokali, ir-rappreżentanti eletti, l-organizzazzjonijiet reliġjużi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (minn hawn 'il quddiem, l-"OSĊ"), is-settur akkademiku, it-trade unions u s-settur privat fl-iżvilupp, u jisħaq li hemm bżonn li dawk l-atturi kollha jiġu involuti fl-approfondiment u l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar l-effikaċja f'diversi livelli; jemmen li l-kontribut effikaċi tagħhom jirrikjedi minnhom involviment parteċipattiv fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni, responsabilità reċiproka u trasparenza, monitoraġġ u evalwazzjoni, u li d-donaturi għandhom itejbu l-prevedibilità u l-ħeffa meta jkun qed jaħdmu ma' dawn l-atturi bħala sħab implimentattivi u sħab għall-forniment ta' servizzi bażiċi, b'mod li ġenwinament jilħqu lill-aktar setturi vulnerabbli tal-popolazzjoni;

24. Jisħaq li l-assistenza tista' tiġi sostnuta biss meta l-benefiċjarji jkunu impenjaw ruħhom b'mod qawwi u jkunu ngħataw ir-responsabilità għaliha; jinsisti fuq l-importanza li r-responsabilità għar-riżultati fil-qasam tal-iżvilupp tiġi kondiviża, inkluż għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji ta' Istanbul, u jfakkar li s-sjieda demokratika tirrikjedi istituzzjonijiet b'saħħithom li jkunu jistgħu jiżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa min-naħa tal-atturi lokali fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' żvilupp;

**It-Tlieta 22 ta’ Novembru 2016**

25. Jissottolinja kemm huwa importanti li l-OSĊ jitħallew jeżerċitaw ir-rwol tagħhom bħala atturi indipendenti fil-qasam tal-iżvilupp, waqt li tingħata attenzjoni partikolari biex jinħoloq ambjent favorevoli li jkun konsistenti mad-drittijiet li jkunu ntlaħaq qbil dwarhom fil-livell internazzjonali u li jimmassimizza l-kontribuzzjonijiet tal-OSĊ għall-iżvilupp; jesprimi t-tħassib tiegħu rigward l-ispazju dejjem jiċkien għall-OSĊ f’ħafna mill-pajjiżi sħab; jappella lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-aċċessibilità tal-finanzjament għall-OSĊ;

26. Jilqa’ l-progress li kisbet l-UE fir-rigward tal-Ipprogrammar Konġunt u l-impenn li ħadet favurih; jinnota li l-Ipprogrammar Konġunt għandu jnaqqas il-frammentazzjoni tal-għajnuna u l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, iżid il-komplementarjetà permezz ta’ tqassim aħjar tax-xogħol, u jsaħħaħ ir-responsabilità interna u reċiproka, kif ukoll il-prevedibilità tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, biex b’hekk joffri vantaġġi ċari kemm għall-UE u kemm għall-pajjiżi sħab; josserva li l-Ipprogrammar Konġunt ġie esplorat f’59 pajjiż minn 110 pajjiżi sħab li jirċievu assistenza għall-iżvilupp mill-UE; jappella lill-Istati Membri u lill-pajjiżi sħab biex jintensifikaw l-involviment tagħhom fl-Ipprogrammar Konġunt b’mod li jisfruttaw kompletament il-vantaġġi tiegħu fil-pajjiżi kollha possibbli;

27. Ifakkar fit-talba tiegħu ([1]) għall-kodifikazzjoni u t-tisħiħ tal-mekkaniżmi u l-prattiki biex jiġu żgurati komplementarjetà aħjar u koordinament effikaċi tal-għajnuna għall-iżvilupp fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, waqt li jiġu pprovduti regoli ċari u inforzabbli għall-iżgurar ta’ sjieda interna demokratika, armonizzazzjoni, allinjament mal-istrateġiji u s-sistemi tal-pajjiżi speċifiċi, prevedibilità tal-fondi, trasparenza u responsabilità reċiproka; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar in-nuqqas ta’ segwitu għal din it-talba u tiddikjara liema miżuri alternattivi tkun ħadet jew tkun bi ħsiebha tieħu f’dan ir-rigward;

28. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom biex iħollu l-irbit mal-għajnuna tagħhom, u jirrikonoxxi l-progress li sar f’dan il-qasam; jappella biex isiru sforzi ulterjuri biex l-irbit tal-għajnuna jinħall iktar malajr fil-livell globali mill-fornituri kollha tal-għajnuna għall-iżvilupp, inklużi l-ekonomiji emerġenti; jappella lill-fornituri tal-għajnuna biex, qabel jipprovaw alternattivi oħra, jużaw is-sistemi ta’ akkwist tal-pajjiżi sħab;

29. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw inizjattivi ġodda biex jissaħħu l-proġetti emblematiċi ta’ kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u ta’ kooperazzjoni trijangolari, bl-involviment ta’ donaturi emerġenti ġodda u pajjiżi oħra b’introjtu medju, u abbażi tal-indirizzar tal-isfidi globali ta’ interess reċiproku, mingħajr ma jitilfu l-prospettiva tal-qerda tal-faqar; jirrileva l-ħtieġa li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-kooperazzjoni deċentralizzata b’mod li tiġi approfondita l-aġenda dwar l-effikaċja tal-iżvilupp, filwaqt li jiġu rispettati s-salvagwardji kollha fir-rigward tat-trasparenza, l-effikaċja u l-koerenza, u tiġi evitata frammentazzjoni ulterjuri tal-arkitettura tal-għajnuna internazzjonali;

30. Jisħaq li l-assistenza għall-iżvilupp tista’ tiżvolġi rwol importanti fil-ġlieda kontra l-faqar u kontra l-inugwaljanzi, u fil-promozzjoni tal-iżvilupp, b’mod partikolari dak tal-pajjiżi l-anqas żviluppati, kif ukoll fit-tisħiħ tal-aċċess għal servizzi pubbliċi ta’ kwalità għall-gruppi l-aktar fil-bżonn u vulnerabbli, u fil-katalizzazzjoni ta’ fatturi sistemiċi kritiċi oħra li jiffaċilitaw l-iżvilupp, bħall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri (hekk kif inhi artikolata fis-Sħubija ta’ Busan), l-edukazzjoni, u t-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, inkluża l-ġlieda kontra l-mard relatat mal-faqar, jekk jintużaw f’kuntest ta’ governanza inklużiva leġittima abbażi tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

31. Jissottolinja s-sinifikat tal-SDG 16 għall-effikaċja tal-iżvilupp kumplessiva, u jwissi li l-għajnuna għall-iżvilupp ma tistax tissodisfa l-iskop tagħha b’mod effikaċi fin-nuqqas ta’ paċi, ta’ rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, ta’ sistema ġudizzjarja imparzjali, effiċjenti u indipendenti, ta’ standards u salvagwardji lavorattivi u ambjentali rikonoxxuti fuq livell internazzjonali għall-integrità tal-istituzzjonijiet pubbliċi u ta’ dawk li jokkupaw kariga uffiċjali, ta’ proċess deċiżjonali inklużiv, parteċipattiv u rappreżentattiv fil-livelli kollha, u ta’ trasparenza u responsabilità;

32. Ifakkar li l-korruzzjoni fil-pajjiżi benefiċjarji, kemm jekk tkun marbuta direttament mal-assistenza għall-iżvilupp jew le, tikkostitwixxi ksur serju tal-leġittimità demokratika u tagħmel ħsara lill-appoġġ pubbliku għall-assistenza għall-iżvilupp fil-pajjiżi donaturi; jilqa’ għalhekk il-miżuri kollha li ttieħdu għall-promozzjoni ta’ ġestjoni finanzjarja tajba u għall-qerda tal-korruzzjoni darba għal dejjem, waqt li jinnota li, f’ħafna pajjiżi sħab, is-sitwazzjoni minnha nnifisha timplika ċertu grad ta’ riskju;

([1]) Testi adottati tal-11 ta’ Diċembru 2013, P7_TA(2013)0558.

**It-Tlieta 22 ta’ Novembru 2016**

33. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lid-donaturi l-oħra jamplifikaw l-isforzi u r-riżorsi umani tagħhom għal kunċettwalizzazzjoni aħjar tal-effikaċja u l-analiżi fil-fond fil-kuntesti ta’ fraġilità, ta’ wara kunflitt u ta’ prevenzjoni tal-kunflitti, fejn l-eżiti mixtieqa mhux dejjem jistgħu jiġu interpretati fil-forma ta’ data u fi ħdan l-oqfsa tar-riżultati;

34. Jemmen bis-sħiħ li s-settur privat huwa sieħeb importanti fil-ksib tal-SDGs u fil-mobilizzazzjoni ta’ riżorsi ulterjuri għall-iżvilupp; jisħaq li, minħabba r-rwol dejjem jikber tagħhom fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, jeħtieġ li l-atturi fis-settur privat jallinjaw rwieħhom mal-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp u jikkonformaw mal-prinċipji tar-responsabilità korporattiva tul iċ-ċiklu sħiħ ta’ ħajjet il-proġetti; jirrikonoxxi l-isforzi ta’ xi atturi mis-settur privat biex jassumu impenji favur id-drittijiet tal-bniedem, l-inklużjoni soċjali u s-sostenibilità bħala element ċentrali tal-mudelli kummerċjali tagħhom, u jappella biex dan l-approċċ jiġi ġġeneralizzat; jindika l-ħtieġa li s-settur privat jirrispetta l-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-istandards soċjali u ambjentali, kif ukoll il-Patt Globali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, l-istandards fundamentali tal-ILO fil-qasam tax-xogħol u l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni; jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-kumpaniji li joperaw minn rifuġji fiskali ma jiħdux sehem fil-proġetti ffinanzjati bl-ODA; jissottolinja b’mod parallel il-ħtieġa li l-pajjiżi sħab irawmu ambjenti favorevoli għall-impriżi, inklużi sistemi ġuridiċi u regolatorji trasparenti;

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-SEAE, lill-Parlament u l-Gvern tal-Kenja li se jospitaw it-Tieni Laqgħa ta’ Livell Għoli tas-Sħubija Globali, lill-Kopresidenti tas-Sħubija Globali, lill-Programm ta’ Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-OECD u lill-Unjoni Interparlamentari.

P8_TA(2016)0439

## Il-finalizzazzjoni ta' Basel III

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-finalizzazzjoni ta' Basel III (2016/2959(RSP))**

(2018/C 224/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet ta' wara l-kriżi tas-summits tal-G20,

— wara li kkunsidra l-komunikat tal-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tas-27 ta' Frar 2016,

— wara li kkunsidra l-komunikat tal-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tal-14 u l-15 ta' April 2016,

— wara li kkunsidra l-komunikat tal-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tat-23 u l-24 ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra l-komunikat tal-mexxejja tal-G20 tal-4 u l-5 ta' Settembru 2016,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) lill-mexxejja tal-G20 li fihom aġġornahom dwar l-implimentazzjoni tal-aġenda ta' riforma miftiehma, u b'mod partikolari r-rapport tal-BCBS ta' Novembru 2015 lill-mexxejja tal-G20 bit-titolu "Finalising post-crisis reforms: an update" (Il-finalizzazzjoni tar-riformi ta' wara l-kriżi: aġġornament) ([1]),

— wara li kkunsidra d-dokumenti konsultattivi tal-BCBS "Revisions to the Basel III leverage ratio framework" (Reviżjoni tal-qafas tal-proporzjon ta' ingranaġġ ta' Basel III) tas-6 ta' April 2016, "Reducing variation in credit risk-weighted assets – constraints on the use of internal model approaches" (It-tnaqqis tal-varjazzjoni fl-assi mwieżna għar-riskju – restrizzjonijiet fuq l-użu ta' approċċi bbażati fuq mudelli interni) tal-24 ta' Marzu 2016, u "Revisions to the Standardised Approach for credit risk" (Reviżjoni tal-approċċ standardizzat għar-riskju tal-kreditu) tal-10 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' diskussjoni u konsultazzjoni tal-BCBS bit-titolu "Regulatory treatment of accounting provisions" (It-trattament regolatorju tad-dispożizzjonijiet kontabilistiċi) ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra l-istandard tal-BCBS dwar "TLAC holdings – Amendments to the Basel III standard on the definition of capital" (Holdings TLAC – Emendi fl-istandard ta' Basel III dwar id-definizzjoni ta' kapital) ta' Ottubru 2016 ([2]),

— wara li kkunsidra l-EU Shadow Banking Monitor (eżerċizzju ta' monitoraġġ tal-ibbankjar parallel fl-UE) tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra r-riżultati tat-testijiet tal-istress imwettqa mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u ppubblikati fid-29 ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-finalizzazzjoni tar-riformi ta' Basel wara l-kriżi ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport 2016 tal-Fond Monetarju Internazzjonali dwar l-istabbiltà finanzjarja fid-dinja,

---

([1]) http://www.bis.org/bcbs/publ/d344.pdf.
([2]) https://www.bis.org/bcbs/publ/d387.htm.
([3]) http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/07/12-conclusions-banking-reform/.

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2016 dwar l-Unjoni Bankarja – Rapport Annwali 2015 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar analiżi u sfidi tar-Regolament tal-UE dwar is-Servizzi Finanzjarji: l-impatt u t-triq 'il quddiem lejn qafas tal-UE aktar effiċjenti u effikaċi għal Regolamentazzjoni Finanzjarja u Unjoni tas-Swieq Kapitali ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar ir-rwol tal-UE fil-qafas tal-istituzzjonijiet u l-korpi internazzjonali finanzjarji, monetarji u regolatorji ([3]),

— wara li kkunsidra l-istudju magħmul għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji bit-titolu "The European Union's role in International Economic Fora, Paper 5: The BCBS";

— wara li kkunsidra l-iskambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS), is-Sur Bill Coen, il-President tal-Bord Superviżorju tal-MSU, is-Sinjura Danièle Nouy, il-President tal-EBA, is-Sur Andrea Enria u l-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur Valdis Dombrovskis, dwar il-finalizzazzjoni ta' Basel III / "Basel IV";

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-approċċ standardizzat għar-riskju tal-kreditu min-naħa tal-Kumitat ta' Basel u l-iskambju ta' fehmiet sussegwenti mal-Viċi President Katainen fis-6 ta' Lulju 2016;

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar il-finalizzazzjoni ta' Basel III (O-000136/2016 – B8-1810/2016),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi sistema bankarja reżiljenti u kapitalizzata tajjeb hija kundizzjoni essenzjali għall-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja, għal garanzija ta' self adegwat lill-ekonomija reali tul iċ-ċiklu kollu u għas-sostenn tat-tkabbir ekonomiku;

B. billi wara l-kriżi finanzjarja l-mexxejja tal-G20 qablu dwar aġenda ta' riforma komprensiva li tipprevedi t-tisħiħ tal-istandards regolatorji tal-banek internazzjonali, inklużi r-rekwiżiti prudenzjali;

C. billi l-BCBS qed jiżviluppa standards minimi maqbula internazzjonalment fir-rigward tar-rekwiżiti prudenzjali għal banek kbar u attivi fil-livell internazzjonali; billi l-BCBS jissorvelja u janalizza l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards globali u jirrapporta lill-G20; billi l-gwida tiegħu hija għodda importanti biex tiġi evitata l-frammentazzjoni regolatorja madwar id-dinja;

D. billi l-Unjoni Ewropea implimentat l-istandards miftiehma internazzjonalment fil-qafas tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti Kapitali (CRR) u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali (CRD IV), għalkemm adattathom għar-realtà tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-UE, pereżempju fir-rigward tal-fattur ta' sostenn lill-SMEs, u ħalliet ċertu grad ta' flessibbiltà; billi fl-UE ġie deċiż li dawn l-istandards japplikaw għall-banek kollha, u mhux biss għall-banek il-kbar attivi internazzjonalment, filwaqt li ċerti ġurisdizzjonijiet mhux Ewropej japplikaw xi whud minnhom għall-banek il-kbar biss; billi l-progress lejn kundizzjonijiet ekwi fil-livell internazzjonali huwa importanti; billi l-Kummissjoni mistennija tressaq proposta leġiżlattiva għar-rieżami tas-CRR/CRD IV biex jiġu implimentati r-reviżjonijiet ulterjuri tal-qafas ta' Basel li ntlaħaq qbil dwarhom;

E. billi r-rekwiżiti prudenzjali għall-banek huma interkonnessi u komplementari għal rekwiżiti regolatorji oħrajn, bħall-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) u l-użu obbligatorju tal-ikklerjar ċentrali għall-istrumenti derivattivi; billi l-qafas regolatorju li jirregola s-settur bankarju tal-UE ttejjeb b'mod sinifikanti tul dawn l-aħħar snin, partikolarment bit-twaqqif tal-Unjoni Bankarja;

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0093.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0006.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0108.

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

F. billi qafas sod għall-istabbiltà u t-tkabbir finanzjarju għandu jkun komprensiv u bilanċjat b'tali mod li jkopri prattiki superviżorji dinamiċi u ma jiffukax biss fuq regolamentazzjoni statika li tirrigwarda, fil-biċċa l-kbira, aspetti kwantitattivi;

G. billi d-data turi varjabbiltà eċċessiva fil-passat fir-rigward tal-ponderazzjoni tar-riskju u "l-immudellar tar-riskju strateġiku" biex jitnaqqsu r-rekwiżiti kapitali tal-banek u d-diffikultà li kienu jsibu s-superviżuri nazzjonali fil-valutazzjoni ta' mudelli interni, li kkontribwixxa għall-kriżi finanzjarja;

H. billi l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali bankarji għal mudelli kummerċjali bankarji differenti jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli fl-ambitu u l-kumplessità, u għaldaqstant approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" ikun ineffikaċi u ta' piż sproporzjonat, b'mod partikolari għal ħafna banek iżgħar u ffukati fuq l-aspett domestiku, inqas kumplessi u interkonnessi, kif ukoll ir-regolaturi u s-superviżuri tagħhom; għaldaqstant hemm bżonn grad adegwat ta' proporzjonalità u flessibbiltà;

I. billi bħalissa l-BCBS qed jiddiskuti bidliet addizzjonali, fil-qafas prudenzjali tal-banek, li jindirizzaw ir-riskju tal-kreditu u r-riskju operazzjonali; billi dawn ir-riformi jiffukaw fuq it-tisħiħ tas-sensittività għar-riskju u r-robustezza tal-approċċ standardizzat għar-riskju tal-kreditu, restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-approċċ ibbażat fuq il-mudelli interni u l-finalizzazzjoni tad-disinn tal-proporzjon ta' ingranaġġ, u ammont minimu ta' kapital potenzjali bbażat fuq l-approċċ standardizzat;

J. billi l-maġġoranza tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Uniti jużaw l-approċċ standardizzat biex jevalwaw ir-riskju tal-kreditu, filwaqt li fl-UE ħafna banek kbar u medji jibbażaw ruħhom fuq mudelli interni;

K. billi reviżjoni xierqa tal-approċċ standardizzat u r-rispett tal-prinċipju ta' proporzjonalità huma fatturi ewlenin biex l-istandard tal-BCBS jaħdem għall-banek iż-żgħar, li huma dawk li jużawh prinċipalment;

L. billi l-G20 ta indikazzjoni li r-reviżjoni attwali m'għandhiex tiġġenera żieda sinifikanti fir-rekwiżiti kapitali globali, u din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata mill-Istati Membri waqt il-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN f'Lulju 2016;

M. billi l-banek Ewropej issa huma soġġetti għal testijiet tal-istress regolari sistemiċi min-naħa tar-regolaturi u r-riżultati ta' dawn it-testijiet jiġu ppubblikati;

N. billi r-rappreżentanti ta' ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE, pereżempju l-Ġappun, esprimew it-tħassib tagħhom rigward il-pressjoni dejjem akbar f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġenerazzjoni ta' kapital u l-indirizzar ta' spejjeż ta' konformità ogħla biex jikkonformaw mal-istandards il-ġodda li ġew stabbiliti;

O. billi d-deċiżjonijiet tal-BCBS m'għandhomx saħħa legali u jeħtieġ jiġu trasposti permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja sabiex ikollhom effett fl-UE; billi mhux l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kollha għandhom rappreżentanza fil-BCBS, iżda l-BĊE u l-MSU huma rappreżentati bħala membri sħaħ filwaqt li l-Kummissjoni u l-EBA huma osservaturi;

1. Jenfasizza l-importanza ta' standards u prinċipji globali sodi għar-regolamentazzjoni prudenzjali tal-banek, u jilqa' favorevolment il-ħidma ta' wara l-kriżi tal-BCBS f'dan il-qasam;

2. Jafferma mill-ġdid li l-banek jeħtieġ ikunu kapitalizzati tajjeb sabiex jingħata appoġġ lill-ekonomija reali, jitnaqqas ir-riskju sistemiku u tiġi evitata kwalunkwe ripetizzjoni tas-salvataġġi enormi li saru matul il-kriżi; jenfasizza l-ħtieġa ta' regolamentazzjoni adegwata tas-sistema bankarja parallela sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u stabbiltà finanzjarja;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

3. Jenfasizza li, għall-kuntrarju ta' ġurisdizzjonijiet oħra, il-banek jaqdu rwol importanti fil-finanzjament tal-ekonomija Ewropea u x'aktarx jibqgħu s-sors ta' finanzjament ewlieni għall-familji u l-intrapriżi, b'mod speċjali l-SMEs; jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dejjem ippruvat tirrifletti dan (pereżempju bl-użu tal-fattur ta' sostenn lill-SMEs) u għandha tkompli tagħmel hekk (pereżempju billi ttawwal u testendi l-fattur ta' sostenn); jirrikonoxxi, madankollu, l-importanza li jiġu diversifikati s-sorsi ta' finanzjament tal-ekonomija Ewropea, u jilqa', f'dan ir-rigward, ix-xogħol li għaddej bħalissa fil-qafas tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali;

4. Jinnota l-ħidma li għaddejja min-naħa tal-BCBS biex jiffinalizza l-qafas ta' Basel III bil-ħsieb li tiżdied is-sempliċità, il-komparabbiltà u l-konverġenza tal-qafas tal-kapital ponderat għar-riskji sabiex tiġi indirizzata l-varjabbiltà eċċessiva fl-assi mwieżna għar-riskju u jiġu applikati l-istess regoli għall-istess riskji; jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar trasparenza u responsabbiltà biex jissaħħu l-leġittimità u t-titolarità tad-deliberazzjonijiet tal-BCBS; jilqa' l-fatt li s-Segretarju Ġenerali tal-BCBS deher quddiem il-Kumitat ECON, u jħeġġeġ aktar djalogu;

5. Jenfasizza li r-reviżjoni attwali għandha tirrispetta l-prinċipju stabbilit mill-Grupp tal-Gvernaturi u l-Kapijiet tas-Superviżjoni (GHOS) li ma jiżdidux b'mod sinifikanti r-rekwiżiti kapitali kumplessivi, filwaqt li fl-istess ħin tissaħħaħ il-qagħda finanzjarja ġenerali tal-banek Ewropej;

6. Jenfasizza li prinċipju daqstant ieħor importanti li għandu jiġi rispettat mir-reviżjoni huwa l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi fil-livell globali billi jitnaqqsu – u mhux jiżdiedu – id-differenzi bejn il-ġurisdizzjonijiet u l-mudelli bankarji, u billi ma jiġix penalizzat bla bżonn il-mudell bankarju tal-UE;

7. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-analiżi bikrija tal-abbozzi reċenti tal-BCBS tindika li l-pakkett ta' riformi fl-istadju attwali tiegħu jista' ma jkunx konformi maż-żewġ prinċipji msemmija hawn fuq; jistieden lill-BCBS jirrevedi l-proposti tiegħu f'dan is-sens u lill-BĊE u l-MSU jiżguraw li dawn jiġu rispettati fil-finalizzazzjoni u l-monitoraġġ tal-istandard il-ġdid;

8. Jenfasizza li dan l-approċċ ikun strumentali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tal-istandard il-ġdid min-naħa tal-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur;

9. Ifakkar fl-importanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li għandu jiġi vvalutat mhux biss fir-rigward tad-daqs tal-istituzzjonijiet li huma rregolati, iżda wkoll fis-sens ta' bilanċ ġust bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji tar-regolamentazzjoni għal kull grupp ta' partijiet interessati;

10. Jitlob li jkun hemm djalogu u skambju tal-aħjar prattiki fost ir-regolaturi dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li jrid jiġi stabbilit fil-livell tal-UE u fil-livell internazzjonali;

11. Jistieden lill-BCBS jivvaluta bir-reqqa u b'mod komprensiv l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-impatt tar-riformi l-ġodda, filwaqt li jqis l-impatt tagħhom fuq ġurisdizzjonijiet u mudelli bankarji differenti qabel l-adozzjoni tal-istandard min-naħa tal-Kumitat; iqis li din il-valutazzjoni għandha tqis ukoll ir-riformi preċedenti suġġeriti mill-Kumitat; jistieden lill-BCBS iwettaq l-aġġustamenti meħtieġa jekk jimmaterjalizzaw ruħhom żbilanċi waqt din l-analiżi;

12. Ifakkar fl-importanza ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju fir-rigward tar-regolamentazzjoni, bl-istess regoli applikati għall-istess riskji, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jiċċekken l-ambitu għall-arbitraġġ regolatorju u l-varjabbiltà eċċessiva fl-assi mwieżna għar-riskju; jistieden lill-BCBS iħares is-sensittività għar-riskju tar-regolamentazzjoni prudenzjali, inkluż billi jiżgura li r-reviżjoni tal-approċċ standardizzat u l-ambitu għall-applikazzjoni tal-IRBA jegħlbu r-riskji ta' arbitraġġ regolatorju u jirriflettu tajjeb l-ispeċifiċitajiet ta' forom differenti ta' finanzjament, bħas-self fuq il-proprjetà immobbli, il-finanzjament tal-infrastruttura u s-self speċjalizzat, u billi jiġu evitati effetti sproporzjonati għall-ekonomija reali; jesprimi tħassib, f'dan ir-rigward, dwar l-effetti potenzjali fuq l-ekonomija reali jekk jittieħed is-suġġeriment li jiġu introdotti ammonti minimi ta' produzzjoni;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

13. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa u b'mod komprensiv l-impatt kwalitattiv u kwantitattiv ta' riformi reċenti u ġodda, fosthom dawk dwar il-finanzjament tal-ekonomija reali fl-Ewropa u dwar il-proġetti leġiżlattivi Ewropej previsti bħalma hija l-Unjoni tas-Swieq Kapitali; jistieden lill-Kummissjoni tutilizza l-konklużjonijiet li jirriżultaw mis-sejħa għall-evidenza u l-fluss ta' ħidma dwar l-ewwel valutazzjoni tar-rendikont dwar ir-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji li għandha ssir sa tmiem l-2016; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti l-ġodda tal-BCBS jew l-implimentazzjoni tagħhom ma jfixklux dawk l-inizjattivi; jenfasizza li din il-valutazzjoni m'għandhiex timmina l-kisbiet leġiżlattivi magħmula s'issa u m'għandhiex titqies bħala appell favur id-deregolamentazzjoni;

14. Jitlob li fid-definizzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġġ jitqiesu b'mod sħiħ ir-rekwiżiti għall-ikklerjar ċentrali obbligatorju tal-prodotti derivattivi sabiex titħeġġeġ il-prattika tal-ikklerjar ċentrali;

15. Ifakkar li għandhom jitqiesu b'mod adegwat l-ispeċifiċitajiet tal-mudelli bankarji Ewropej, is-swieq li joperaw fihom, il-qisien differenti tal-istituzzjonijiet u l-profili tar-riskju differenti kemm fil-valutazzjonijiet tal-impatt u kemm fil-kalibrazzjoni tal-istandards, sabiex titħares id-diversità meħtieġa tas-settur bankarju Ewropew u tiġi rispettata l-proporzjonalità; jistieden lill-Kummissjoni tqis dawn il-prinċipji kollha fid-definizzjoni tal-ambitu tal-implimentazzjoni u fit-traduzzjoni tal-proposti tal-BCBS fid-dritt tal-UE;

16. Jenfasizza r-rwol ċentrali tas-superviżuri bankarji Ewropej u nazzjonali biex tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja fl-UE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-adegwatezza tar-regoli għal mudelli bankarji differenti; jenfasizza l-importanza ta' informazzjoni affidabbli u komparabbli dwar is-sitwazzjoni tal-istituzzjonijiet sorveljati sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jitwettaq b'mod effikaċi u affidabbli; jenfasizza li għandu jitħares id-dritt għall-użu ta' mudelli interni; jistieden lill-MSU u l-EBA jkomplu x-xogħol superviżorju tagħhom sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti ta' mudelli interni u l-kapaċità tagħhom li jirriflettu b'mod adegwat ir-riskji tal-mudelli kummerċjali tal-banek, itejbu l-konverġenza fil-mod kif jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tagħhom u jipproponu bidliet fejn meħtieġ;

17. Ifakkar fl-interazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali għall-banek ma' standards bankarji ewlenin oħrajn, pereżempju l-introduzzjoni tal-istandard TLAC fl-UE u l-armonizzazzjoni tiegħu mar-rekwiżit MREL fil-qafas tal-BRRD, kif ukoll l-applikazzjoni tal-istandard tal-kontabbiltà IFRS 9 fil-futur qrib u l-qafas tal-Unjoni Bankarja; jenfasizza, għalhekk, li d-diskussjoni dwar ir-riformi tar-regolamentazzjoni prudenzjali għandha tqis dawn l-elementi differenti kollha u l-effetti rispettivi u kombinati tagħhom;

18. Ifakkar li, f'dawn l-aħħar snin, diversi banek ewlenin fl-UE ħallsu dividendi lill-azzjonisti waqt li baqgħu sottokapitalizzati ferm u mingħajr ma naddfu l-karti bilanċjali tagħhom b'mod konsistenti;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-ħidma fuq "qafas għall-banek iż-żgħar" għall-inqas mudelli bankarji riskjużi, u testendi din il-ħidma għal valutazzjoni tal-fattibbiltà ta' qafas regolatorju prospettiv li jikkonsisti f'regoli prudenzjali inqas kumplessi u aktar xierqa u proporzjonali, adattati speċifikament għal tipi differenti ta' mudelli bankarji;

20. Jenfasizza l-importanza tar-rwol tal-Kummissjoni, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Awtorità Bankarja Ewropea fl-involviment tagħhom fil-ħidma tal-BCBS u l-għoti ta' aġġornamenti trasparenti u komprensivi dwar l-iżviluppi fid-diskussjonijiet tal-BCBS; jappella biex dan ir-rwol jingħata aktar viżibbiltà waqt il-laqgħat tal-ECOFIN u biex tiżdied ir-responsabbiltà fil-konfront tal-Kumitat ECON tal-PE, b'rapporti regolari min-naħa tar-rappreżentanti tal-UE preżenti għad-diskussjonijiet;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0440

## L-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (abbażi tar-Rapport Annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni) (2016/2067(INI))**

(2018/C 224/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) (abbażi tar-Rapport Annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 42(6) u 46 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) dwar l-istabbiliment ta' kooperazzjoni strutturata permanenti,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-politika barranija u ta' sigurtà komuni (RGħ/VP) lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) (13026/2016), b'mod partikolari l-partijiet dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 u t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 21, 36, 42(2), 42(3) u 42(7) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-25 ta' Novembru 2013, tat-18 ta' Novembru 2014, tat-18 ta' Mejju 2015, tas-27 ta' Ġunju 2016 u tas-17 ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Diċembru 2013 u tas-26 ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-21 ta' Mejju 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni ([1]), u tal-21 ta' Mejju 2015 dwar l-impatt tal-iżviluppi fis-swieq Ewropej tad-difiża dwar is-Sigurtà u l-kapaċitajiet ta' difiża fl-Ewropa ([2]), tal-11 ta' Ġunju 2015 dwar is-sitwazzjoni militari strateġika fil-Baċir tal-Baħar l-Iswed wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja ([3]), tat-13 ta' April 2016 dwar l-UE f'ambjent globali jinbidel – f'dinja dejjem aktar konnessa, kontestata u kumplessa ([4]), u tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi – impenn tal-UE man-NU u mal-Unjoni Afrikana ([5]),

— wara li kkunsidra d-dokument bit-titolu "Shared Vision, Common Action: A Stronger Europe – A Global Strategy for the European Union's Foreign and Security Policy" (Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa aktar b'saħħitha – Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea), ippreżentat mill-VP/RGħ Federica Mogherini fis-28 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra lil-pjan ta' implimentazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża ppreżentat mill-VP/RGħ Federica Mogherini fl-14 ta' Novembru 2016 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija globali tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu (JOIN(2016)0018) u l-konklużjonijet relevanti tal-Kunsill tad-19 ta' April 2016,

([1]) ĠU C 353, 27.9.2016, p. 59.
([2]) ĠU C 353, 27.9.2016, p. 74.
([3]) ĠU C 407, 4.11.2016, p. 74.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0120.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2016)0249.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni tat-28 ta' April 2015 dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għas-sigurtà u l-iżvilupp (JOIN(2015)0017) u l-proposta tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2016 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (COM(2016)0447),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2016 dwar elementi għal qafas strateġiku għall-UE kollha biex tiġi appoġġata r-riforma tas-settur tas-sigurtà (JOIN(2016)0031),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjattaforma ta' Missjoni ta' Appoġġ tat-18 ta' April 2016,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummisssjoni tat-28 ta' April 2015 bit-titolu "l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" (COM(2015)0185),

— wara li kkunsidra "l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea" għall-perjodu 2015-2020 u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill tal-15-16 ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2016 bit-titolu "Azzjoni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Siġurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina" (COM(2016)0230),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-11 ta' Diċembru 2013 tal-VP/RGħ u tal-Kummissjoni dwar l-approċċ komprensiv tal-UE rigward il-kunflitti u l-kriżijiet esterni (JOIN(2013)0030), u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2014,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża [1], wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 2013 dwar "L-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur" (JOIN(2013)0001); wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qafas ta' Politika għaċ-Ċiberdifiża tal-UE tat-18 ta' Novembru 2014,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2016 bit-titolu "Insaħħu r-Reżiljenza tal-UE għaċ-Ċibersigurtà u Nrawmu Industrija taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva" (COM(2016)0410),

— wara li kkunsidra l-Arranġament Tekniku bejn il-Kapaċità ta' Rispons tan-NATO għal Inċidenti relatati mal-Kompjuters (il-NCIRC) u l-Iskwadra ta' Rispons tal-Unjonji Ewropea għal Emerġenza relatata mal-Kompjuters (CERT-EU), iffirmat fl-10 ta' Frar 2016, li jiffaċilita aktar kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-inċidenti ċibernetiċi,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-UE u tan-NATO ffirmata fit-8 ta' Lulju 2016 fil-kuntest tas-Summit ta' Varsavja 2016 tan-NATO (dikjarazzjoni konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana),

— wara li kkunsidra l-Komunikat tas-Summit ta' Varsavja maħruġ mill-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern li pparteċipaw fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana f'Varsavja fit-8-9 ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-Ewrobarometru 85.1 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 132(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0317/2016),

[1] ĠU C 419, 16.12.2015, p. 145.

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

***Il-kuntest strateġiku***

1. Jinnota li l-ambjent ta' sigurtà tal-UE mar għall-agħar b'mod konsiderevoli, qiegħed isir aktar fluwidu, aktar kumpless, aktar perikoluż u inqas prevedibbli; jinnota li t-theddidiet huma kemm konvenzjonali, kif ukoll ibridi, iġġenerati kemm minn atturi Statali, kif ukoll minn dawk mhux Statali, li ġejjin min-Nofsinhar u mil-Lvant, u li jaffettwaw lill-Istati Membri b'mod differenti;

2. Ifakkar li s-sigurtà tal-Istati Membri tal-UE hija profondament interkonnessa, u jinnota li dawn jirreaġixxu għat-theddid u r-riskji komuni b'mod frammentat u mhux ikkoordinat, u b'hekk jikkumplikaw, u spiss ixekklu, approċċ aktar komuni; jenfasizza li dan in-nuqqas ta' koordinazzjoni huwa wieħed mill-vulnerabbiltajiet tal-azzjoni tal-Unjoni; Jinnota li l-Ewropa m'għandhiex ir-reżiljenza meħtieġa biex tittratta b'mod effettiv it-theddid ibridu, li spiss għandu dimensjoni transfruntiera;

3. Iqis li l-Ewropa issa trid tirreaġixxi għal serje ta' kriżijiet dejjem aktar kumplessi: fl-Afrika tal-Punent, fis-Saħel, fil-Qarn tal-Afrika u fil-Lvant Nofsani, fl-Ukraina tal-Lvant u fil-Kawkasu; iqis li l-UE għandha tintensifika d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fir-reġjun, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet reġjonali u sub-reġjonali; jenfasizza li l-UE għandha tkun lesta tindirizza bidliet strutturali fix-xena tas-sigurtà internazzjonali u sfidi li jinkludu kunflitti interstatali, kollass tal-istati u attakki ċibernetiċi, kif ukoll l-implikazzjonijiet tas-sigurtà tal-bidla fil-klima;

4. Jinnota bi tħassib li t-terroriżmu li qed isir minn organizzazzjonijiet Iżlamiċi radikali u minn individwi qiegħed ipoġġi lill-Ewropa fil-mira fuq skala mingħajr preċedent, li jqiegħed l-istil ta' ħajja Ewropew taħt pressjoni; jenfasizza li, konsegwentement, is-sigurtà tal-individwu issa saret prijorità, li tnaqqas id-distinzjoni tradizzjonali bejn id-dimensjonijiet esterni u interni tagħha;

5. Jistieden lill-UE tadatta għal dawn l-isfidi għas-sigurtà, b'mod partikolari bl-użu aktar effiċjenti tal-għodod eżistenti tal-PSDK, b'koerenza ma' strumenti esterni u interni oħra; jitlob għal koperazzjoni u koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri, speċjalment fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu;

6. Jitlob li jkun hemm politika komprensiva ta' prevenzjoni bbażata fuq programmi ta' deradikalizzazzjoni; jinnota l-ħtieġa fundamentali li nkunu aktar attivi fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-propaganda terroristika, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll fir-relazzjonijiet esterni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tiġi indirizzata d-distribuzzjoni tal-kontenut online ta' natura estremista u tippromwovi kooperazzjoni ġudizzjarja aktar attiva bejn is-sistemi tal-ġustizzja kriminali, inkluż il-Eurojust, fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu fl-Istati Membri kollha;

7. Jinnota li għall-ewwel darba mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn il-fruntieri fl-Ewropa ġew mibdula bil-forza; jenfasizza l-impatt detrimentali ta' okkupazzjoni militari fuq is-sigurtà tal-Ewropa kollha kemm hi; itenni li kwalunkwe bidla tal-fruntieri fl-Ukrajna li ssir bil-forza mhijiex konsistenti mal-prinċipji tal-Att Finali ta' Ħelsinki u l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

8. Jenfasizza li skont l-Ewrobarometru 85.1, ippubblikat f'Ġunju 2016, madwar żewġ terzi taċ-ċittadini tal-UE jixtiequ li jkun hemm impenn akbar tal-UE fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u difiża;

9. Huwa tal-fehma li politika estera u ta' sigurtà Ewropea aktar unifikata u, għalhekk aktar effettiva, fil- tista' tagħti kontribut deċiżiv biex titnaqqas l-intensità tal-ġlied armat fl-Iraq u s-Sirja, u biex jiġi eliminat lil awtoproklamat l-Istat Iżlamiku;

***Verżjoni riveduta u aktar b'saħħitha tal-PSDK***

10. Huwa konvint b'ċertezza li, b'riżultat ta' dan, reviżjoni bir-reqqa u sostanzjali tal-PSDK hija meħtieġa sabiex tippermetti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkontribwixxu b'mod deċiżiv għas-sigurtà tal-Unjoni, għall-ġestjoni ta' kriżijiet internazzjonali, u sabiex tafferma l-awtonomija strateġika tal-UE; ifakkar li l-ebda pajjiż ma jista' jiffaċċja waħdu l-isfidi attwali tas-sigurtà;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

11. Jemmen li reviżjoni b'suċċess tal-PSDK ser ikollha tintegra bis-sħiħ lill-Istati Membri tal-UE fil-proċess mill-bidu nett sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' staġnar fil-futur; jenfasizza l-benefiċċji prattiċi u finanzjarji ta' aktar kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża Ewropej, u jinnota l-inizjattivi attwali, li għandhom jiġu segwiti bi proposti konkreti fil-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2016 dwar id-Difiża; jistieden ukoll lill-Istati Membri u lill-UE biex jinvestu b'mod xieraq fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;

12. Jenfasizza li stabbiliment ta' struttura ta' kooperazzjoni permanenti (l-Artikolu 42(6) tat-TUE) se tagħmilha possibbli li tiġi żviluppata struttura għall-awtodifiża jew struttura permanenti għall-awtodifiża li tista' ssaħħaħ l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet;

13. Jenfasizza li, minħabba li l-Ewropa m'għadhiex f'kontroll sħiħ tas-sigurtà ambjentali tagħha, l-għażla taż-żmien u l-post ta' azzjoni, l-UE, permezz ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, kif ukoll strumenti rilevanti oħra, għandha tkun kapaċi tintervjeni tul l-ispettru sħiħ tal-ġestjoni tal-kriżijiet, inkluż il-prevenzjoni tal-kriżijiet u r-riżoluzzjoni tal-kriżijiet, u b'hekk tinkludi l-istadji kollha taċ-ċiklu ta' kunflitt, kif ukoll li tipparteċipa bi sħiħ biex l-Ewropa tinżamm sikura u tiġi żgurata s-sigurtà u tad-difiża komuni taż-żona kollha ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew biex tibda tiżviluppa politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni lejn difiża komuni kif stipulat fl-Artikolu 42(2) tat-TUE; huwa tal-fehma li waħda mill-għanijiet importanti tal-PSDK għandu jkun li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE;

14. Jilqa' l-pjan direzzjonali dwar il-PSDK ippreżentat mill-VP/RGħ bi skeda ta' żmien konkreta u passi; jilqa' l-fatt li dan il-pjan direzzjonali jikkumplimenta il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża futur; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ il-komponent militari tal-PSDK; jappoġġa bil-qawwa li l-Istati Membri jikkoordinaw l-investiment fis-sigurtà u d-difiża, kif ukoll jiżdied l-appoġġ finanzjarju għar-riċerka dwar id-difiża fil-livell tal-UE;

15. Jenfasizza, bl-istess mod, li l-PSDK għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' difiża kollettiva u l-finanzjament effiċjenti u li għandha tiġi implimentata f'koordinazzjoni ma' istituzzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, u b'komplementarjetà sħiħa man-NATO; iqis li l-UE għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jilħqu l-miri ta' kapaċità tan-NATO, li jirrikjedu livell minimu ta' nfiq għad-difiża ta' 2 % tal-PDG, kif affermat mill-ġdid fis-Summits ta' Wales u ta' Varsavja;

16. Ifakkar li l-kunflitti u l-kriżijiet fl-Ewropa u fil-madwar qed iseħħu kemm fl-ispazju fiżiku kif ukoll dak ċibernetiku, u jenfasizza li ċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża għalhekk għandhom jiġu integrati bħala l-elementi ewlenin tal-PSDK u integrati b'mod sħiħ fil-politiki interni u esterni tal-UE;

17. Jilqa' b'sodisfazzjon il-preżentazzjoni min-naħa tal-VP/RGħ ta' Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (EUGS) bħala neċessarja u żvilupp pożittiv f'qafas istituzzjonali li fih se joperaw u jiżviluppaw il-PESK u s-PSDK; jiddispjaċih mill-involviment baxx tal-Istati Membri fit-tħejjija tal-EUGS;

18. Jenfasizza li l-impenn qawwi, is-sjieda u l-appoġġ min-naħa tal-Istati Membri u tal-parlamenti nazzjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi rilevanti kollha tal-UE, huma meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida u effettiva tal-politika tal-EUGS fil-livell ta' ambizzjoni, prijoritajiet u approċċ komprensiv fil-forma ta' Ktieb Abjad tal-UE dwar is-Sigurtà u d-Difiża ppreċedut mill-Pjan ta' Implimentazzjoni għas-Sigurtà u d-Difiża; jenfasizza r-rabta mill-qrib bejn il-Pjan ta' Implimentazzjoni u l-implimentazzjoni usa' tal-EUGS, bil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża futur tal-Kummissjoni u l-implimentazzjoni ta' Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Varsavja bejn l-UE u n-NATO; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma attwali tal-VP/RGħ u tal-Istati Membri fil-proċess ta' implimentazzjoni; jenfasizza l-fatt li jridu jiġu allokati riżorsi xierqa għall-implimentazzjoni tal-EUGS u għal PSDK aktar robusta u effettiva;

19. Iqis l-iżvilupp ta' strateġija settorjali bħala segwitu għall-EUGS, li għandu jiġu miftiehem u ppreżentat mill-Kunsill Ewropew, li għandu jispeċifika ulterjorment il-livell ta' ambizzjoni ċivili u militari, il-kompiti, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-kapaċità; itenni l-appelli preċedenti tiegħu għall-iżvilupp ta' Ktieb Abjad tal-UE dwar is-Sigurtà Ewropea u jħeġġeġ lill-Kunsill biex jipprepara dan id-dokument mingħajr dewmien; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-pjan ta' implimentazzjoni propost dwar is-sigurtà u d-difiża ma laħqitx l-aspettattivi parlamentari u dawk tal-pubbliku; itenni l-indiviżibilità tas-sigurtà tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

20. Jinnota l-Patt dwar is-Sigurtà Ewropea, propost mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Ġermanja u ta' Franza, u jappoġġa *inter alia* l-idea ta' analiżi komuni tal-ambjent strateġiku Ewropew, li l-valutazzjoni tat-theddid issir attività komuni perjodika, u b'hekk jinkiseb rispett reċiproku għat-tħassib ta' xulxin u l-appoġġ għal kapaċitajiet u azzjoni komuni; jilqa' wkoll l-inizjattivi reċenti tal-Istati Membri l-oħra dwar l-iżvilupp tal-PSDK; jinnota b'dispjaċir, madankollu, in-nuqqas ta' awtovalutazzjoni tal-inattività tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-impenji Ewropej preċedenti fil-qasam tad-difiża;

21. Josserva li, għal dan l-għan, il-kooperazzjoni ma' attivitajiet simili tan-NATO hija meħtieġa; jenfasizza li impenn serju, u skambji ulterjuri u aktar effiċjenti ta' intelligence u ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri huma indispensabbli;

22. Jinnota li, peress li s-sigurtà interna u esterna qed isiru dejjem aktar integrati u li d-distinzjoni bejn spazji fiżiċi u dawk ċibernetiċi qed isiru dejjem aktar diffiċli biex tiddefinixxi, l-integrazzjoni tal-inventarji rispettivi tagħhom qed issir meħtieġ, li tagħti s-setgħa lill-UE li taġixxi tul l-ispettru sħiħ ta' strumenti, sal-livell tal-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

***Il-PSDK u l-approċċ integrat għall-kriżijiet***

23. Jenfasizza l-importanza tal-ħolqien ta' kwartieri ġenerali permanenti tal-UE għal missjonijiet u operazzjonijiet ċivili u militari tal-PSDK, minn fejn il-persunal operattiv integrat ikun jista' jappoġġa ċ-ċiklu kollu tal-ippjanar, mill-ewwel kunċett politiku sal-pjanijiet dettaljati; jenfasizza li dan mhux ser ikun replika ta' strutturi tan-NATO, iżda minflok jikkostitwixxi arranġament istituzzjonali meħtieġ biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-ippjanar u tat-twettiq tal-kapaċitajiet tal-PSDK;

24. Jenfasizza l-kontribut tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, inklużi l-assistenza fil-fruntieri, il-bini tal-kapaċità, it-taħriġ militari tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet navali, għall-paċi u l-istabbiltà internazzjonali;

25. Jiddispjaċih li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK komplew jitħarbtu minn nuqqasijiet strutturali, li jipperikolaw l-effiċjenza tagħhom; iqis li dawn għandhom ikunu għodod ġenwini u li jistgħu jiġu integrata aħjar fl-EUGS;

26. Jinnota, f'dan ir-rigward, il-livell ta' ambizzjoni politika stabbilita mill-EUGS favur approċċ komprensiv għall-kunflitti u l-kriżijiet li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-istadji kollha taċ-ċiklu ta' kunflitt permezz tal-prevenzjoni, tar-riżoluzzjoni u tal-istabilizzazzjoni, kif ukoll tal-impenn biex jiġi evitat diżimpenn prematur; iqis li l-UE għandha tappoġġa b'mod koerenti l-Istati Membri involuti fil-koalizzjoni kontra dawk li jsejħu lilhom infushom l-Istat Iżlamiku permezz tat-twaqqif ta' operazzjoni tal-PSDK, b'fokus fuq taħriġ, fl-Iraq;

27. Jilqa' b'sodisfazzjon l-idea ta' missjonijiet tal-PSDK "reġjonalizzati" preżenti fis-Sahel, b'mod partikolari minħabba li jikkorrispondu għar-rieda ta' pajjiżi fis-subreġjun li tiżdied il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà permezz pjattaforma? tal-G5 tas-Sahel; huwa konvint li dan jista' jirrappreżenta opportunità biex tissaħħaħ l-effiċjenza u r-rilevanza tal-missjonijiet tal-PSDK (EUCAP Sahel Mali u EUCAP Sahel Niger) preżenti fil-post; jemmen bil-qawwa li dan il-kunċett ta' "reġjonalizzazzjoni" għandu jiddependi fuq għarfien fil-post, objettivi definiti u l-mezzi biex dawn jintlaħqu, u m'għandhomx ikunu definiti biss mill-impetu ta' konsiderazzjonijiet politiċi;

28. Jenfasizza li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-missjonijiet u l-operazzjonijiet futuri għandhom jipprijoritizzaw l-impenn tal-UE f'kunflitti li jaffettwaw direttament is-sigurtà tal-UE jew ta' sħab u reġjuni fejn l-UE għandha r-rwol li tipprovdi s-sigurtà; iqis li d-deċiżjoni biex isir impenn għandu jkun imsejjes fuq analiżi komuni u fehim tal-ambjent strateġiku u fuq l-interessi strateġiċi komuni tal-Istati Membri, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-azzjonijiet ta' alleati oħra u organizzazzjonijiet bħan-NU u n-NATO; iqis li missjonijiet għall-bini tal-kapaċità tal-PSDK għandhom jiġu kkoordinati max-xogħol li jsir mill-Kummissjoni fuq is-settur tas-sigurtà u l-istat tad-dritt;

29. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 (li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi) sabiex l-assistenza tal-Unjoni tiġi estiża għal atturi militari f'pajjiżi sħab, u jqis li dan il-kontribut huwa indispensabbli għar-reżiljenza tagħhom, u b'hekk titnaqqas il-possibilità li, għal darb'oħra, isiru objettivi ta' kunflitt u żoni ta' kenn għal attivitajiet ostili kontra l-UE; jenfasizza li dan għandu jsir f'ċirkostanzi eċċezzjonali, kif deskritt fl-Artikolu 3a tal-proposta msemmija hawn fuq li temenda r-Regolament (UE) Nru 230/2014, sabiex jingħata

kontribut għall-iżvilupp sostenibbli, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva CBSD biex jitjiebu l-effikaċja u s-sostenibbiltà tal-missjonijiet tal-PSDK;

30. Jenfasizza l-ħtieġa wkoll li jiġu identifikati strumenti finanzjarji oħra biex tissaħħaħ il-bini tal-kapaċità tal-isħab fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex jiżguraw koerenza u koordinazzjoni sħiħa sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati u tiġi evitata d-duplikazzjoni fil-post;

31. Jinnota, f'dan ir-rigward, li l-kompiti ta' Petersberg għandhom jiġu riveduti u l-gruppi tattiċi militari għandhom isiru strument militari aktar impjegabbli permezz tal-modularità u ta' finanzjament aktar funzjonali; jinnota li n-nuqqas ta' attitudni kostruttiva fost l-Istati Membri tkompli sservi bħala xkiel politiku u operattiv għall-iskjerament ta' gruppi tattiċi; iħeġġeġ lill-Kunsill jibda t-twaqqif ta' fond ta' tnedija (previst mill-Artikolu 41(3) tat-TUE) bil-għan li jiġu ffinanzjati b'mod urġenti l-fażijiet inizjali tal-operazzjonijiet militari;

32. Jappella għal aktar flessibbiltà fir-regoli finanzjarji tal-UE, biex jappoġġaw il-kapaċità tagħha biex tirreaġixxi għall-kriżijiet, u għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona eżistenti; jitlob li ssir reviżjoni tal-mekkaniżmu Athena sabiex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għall-ispejjeż kollha relatati, primarjament, mal-operazzjonijiet ta' reazzjoni rapida u l-użu tal-gruppi tattiċi tal-UE, u mbagħad l-operazzjonijiet militari kollha;

***Kollaborazzjoni man-NATO u sħab oħra***

33. Ifakkar li n-NATO u l-UE jikkondividu l-istess interessi strateġiċi u jaffaċċaw l-istess sfidi fil-Lvant u fin-Nofsinhar; jinnota l-importanza tal-klawżola ta' difiża reċiproka, l-Artikolu 42(7), għall-Istati Membri tal-UE, kemm jekk huma membri tan-NATO jew le; jinnota li l-UE għandha tkun tista' tipproteġi l-membri tagħha stess, kemm jekk huma membri tan-NATO jew le, fl-istess livell permezz tal-mezzi tagħha stess; jinnota l-objettiv tal-EUSG li jkun hemm livell xieraq ta' awtonomija strateġika fl-UE u jenfasizza li ż-żewġ organizzazzjonijiet għandhom ikunu komplementari fil-mezzi tagħhom; iqis li l-"awtonomija strateġika" tal-UE għandha ssaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa għall-promozzjoni tas-sigurtà fi ħdan u lil hinn mill-fruntieri tagħha, kif ukoll issaħħaħ is-sħubija man-NATO u r-relazzjonijiet transatlantiċi;

34. Iqis li s-sisien għall-kooperazzjoni qariba u effettiva bejn l-UE u n-NATO huma pprovduti mill-komplementarjetà tal-missjonijiet tagħhom u, konsegwentement, mill-inventarji tagħhom tal-istrumenti; jenfasizza li r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet għandhom jibqgħu kooperattivi u mhux kompetittivi; iqis li l-UE għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri jilħqu l-miri ta' kapaċità tan-NATO, li jirrikjedu livell minimu ta' nfiq għad-difiża ta' 2 % tal-PDG;

35. Jenfasizza li n-NATO hija mgħammra bl-aħjar mod għal finijiet ta' dissważjoni u difiża, u hija lesta biex timplimenta d-difiża kollettiva (Artikolu V tat-Trattat ta' Washington) fil-każ ta' aggressjoni kontra wieħed mill-membri tagħha, filwaqt li l-PSDK għandha tiffoka, bħalma hi llum, fuq iż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali (Artikolu 42 tat-TUE) u li l-UE għandha mezzi addizzjonali biex jittrattaw l-isfidi għas-sigurtà interna tal-Istati Membri, inkluż is-sovverżjoni, li mhumiex koperti mill-Artikolu V; itenni li l-"klawżola ta' solidarjetà" fl-Artikolu 222 tat-TFUE għandu l-għan li jiżgura protezzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-popolazzjoni ċivili f'każ ta' attakk terroristiku;

36. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni konġunta ffirmata bejn l-UE u n-NATO f'Varsavja u jappoġġa bis-sħiħ kollaborazzjoni fl-oqsma msemmija fih; jinnota li d-dikjarazzjoni tiddeskrivi l-prattiki informali stabbiliti sew minflok il-koperazzjoni bejn l-UE u n-NATO tinġieb għal livell ġdid; jenfasizza l-ħtieġa partikolari li tiġi approfondita u kkumplentata ulterjorment il-kooperazzjoni fil-bini tal-kapaċità fir-rigward tat-theddid ibridu, dak ċibernetiku u r-riċerka; jilqa' l-għan iddikjarat tal-Pjan Direzzjonali ta' Bratislava biex id-Dikjarazzjoni Konġunta tibda tiġi implimentata immedjatament;

37. Jappoġġa bis-sħiħ aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża ma' sħab istituzzjonali oħra, inkluż in-NU, l-Unjoni Afrikana u l-OSKE, kif ukoll is-sħab bilaterali strateġiċi, b'mod partikolari l-Istati Uniti, f'oqsma bħat-theddid ibridu, is-sigurtà marittima, ir-reazzjoni rapida, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u s-sigurtà ċibernetika;

**L-Erbgħa 23 ta’ Novembru 2016**

***Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża***

38. Iqis li l-iżvilupp ta’ industrija tad-difiża aktar b’saħħitha ssaħħaħ l-indipendenza teknoloġika u l-awtonomija strateġika tal-UE; huwa konvint li t-titjib tal-istatus tal-UE bħala fornitur tas-sigurtà fil-viċinat tal-Ewropa jeħtieġ kapaċitajiet suffiċjenti u industrija tad-difiża kompetittiva, effiċjenti u trasparenti li tiżgura katina ta’ provvista sostenibbli; jinnota li s-settur tad-difiża Ewropew huwa kkaratterizzat minn frammentazzjoni u duplikazzjoni, li jeħtieġ li jiġu eliminati gradwalment permezz ta’ proċess ta’ proviżjoni ta’ inċentivi u premjijiet għall-komponenti nazzjonali kollha, filwaqt li titqies il-perspettiva fit-tul tas-suq tad-difiża integrata;

39. Jiddispjaċih li l-Qafas ta’ Politika għall-Kooperazzjoni Sistematika u fit-tul fil-Qasam tad-Difiża għadu ma ġiex implimentat mill-Istati Membri bl-impenn meħtieġ u li l-inizjattiva ta’ akkomunament u kondiviżjoni għadha ma wasslitx għal riżultati tanġibbli; jitlob li l-Kunsill jintroduċi dibattiti regolari kull sentejn dwar id-difiża u jipprovdi gwida strateġika u impetu politiku għall-PSDK u għall-kooperazzjoni tad-difiża Ewropea;

40. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ ulterjorment il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża ċibernetika u li tiġi żgurata ċ-ċiberreżiljenza tal-missjonijiet tal-PSDK; iħeġġeġ lill-Kunsill jinkorpora d-difiża ċibernetika bħala parti integrali tad-dibattiti tiegħu dwar id-difiża; jemmen li hemm bżonn ta’ strateġiji nazzjonali fil-qasam taċ-ċiberdifiża; jitlob lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċibernetiċi taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) u biex jużaw iċ-Ċentru ta’ Eċċellenza fil-qasam taċ-Ċiberdifiża Kooperattiva (CCDCOE) tan-NATO;

41. Jinnota li l-Istati Membri kollha għandhom diffikultà biex iżommu firxa wiesgħa ħafna ta’ kapaċitajiet difensivi kompletament operazzjonali, l-aktar minħabba diffikultajiet finanzjarji; jitlob, għaldaqstant, għal iżjed koordinazzjoni u għażliet aktar ċari dwar liema kapaċitajiet għandhom jinżammu, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċjalizzaw f’ċerti kapaċitajiet;

42. Jemmen li l-interoperabbiltà hija kruċjali biex il-forzi tal-Istati Membri jkunu aktar kompatibbli u integrati; jenfasizza, għalhekk, li l-Istati Membri għandhom jesploraw il-possibilità ta’ akkwist konġunt tar-riżorsi tad-difiża; jinnota li n-natura protezzjonista u magħluqa tas-swieq tad-difiża tal-UE tagħmilha aktar diffiċli biex dan isir;

43. Ifakkar li bażi industrijali u teknoloġika b’saħħitha tad-difiża Ewropea, li tinkludi faċilitajiet għall-SMEs, hija sies fundamentali tal-PSDK u prerekwiżit għal suq komuni, li se tippermettu lill-UE tibni l-awtonomija strateġika tagħha;

44. Jinnota b’dispjaċir li l-Istati Membri japplikaw id-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, id-Direttiva 2009/43/KE dwar it-trasferimenti ta’ prodotti relatati mad-difiża intra-Unjoni Ewropea f’livelli totalment differenti; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tapplika n-nota ta’ gwida dwar l-Artikolu 346, u tassumi r-rwol tagħha bħala l-gwardjan tat-Trattati billi tibda timplimenta proċeduri ta’ ksur meta jinkisru d-Direttivi; jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-isforzi multinazzjonali fuq in-naħa tad-domanda tal-akkwist militari, u fuq l-industriji Ewropej fuq in-naħa tal-fornitur sabiex isaħħu l-pożizzjonijiet tas-swieq globali permezz ta’ koordinazzjoni aħjar u l-konsolidazzjoni industrijali;

45. Jitħasseb bid-deklin kostanti favur il-finanzjament ta’ riċerka fl-Istati Membri kollha, li qed tpoġġi f’riskju l-bażi industrijali u teknoloġika u, konsegwentement, l-awtonomija strateġika tal-Ewropa; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu l-armati tagħhom b’tagħmir manifatturat mill-industrija Ewropea tad-difiża, minflok mill-kompetituri industrijali tagħhom;

46. Huwa konvint li t-tisħiħ tar-rwol tal-EDA fil-koordinazzjoni bbażata fuq il-kapaċità ta’ programmi, proġetti u attivitajiet, jibbenefika PSDK effiċjenti; iqis li l-EDA għandha tiġi sostnuta fit-twettiq tal-għanijiet tagħha bis-sħiħ, inkluż b’mod partikolari l-prijoritajiet li ġejjin u r-rwoli fil-kuntest ta’ Pjan ta’ Azzjoni Ewropew għad-Difiża (EDAP) u r-Riċerka tad-Difiża Ewropea (EDRP); jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri jirrevedu l-organizzazzjoni, il-proċeduri u l-attivitajiet tal-Aġenzija, u jifthu aktar possibbiltajiet għal kooperazzjoni u integrazzjoni ulterjuri; jistieden lill-Istati Membri jagħtu gwida lill-EDA dwar il-koordinamentta’ reviżjoni tal-Pjan ta’ Żvilupp tal-Kapaċitajiet, skont l-istrateġija tal-EUGS u dik settorjali;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

47. Jenfasizza li ċ-ċibersigurtà hija, min-natura tagħha, qasam ta' politika fejn il-kooperazzjoni u l-integrazzjoni huma kruċjali, mhux biss bejn l-Istati Membri tal-UE, mas-sħab ewlenin u n-NATO, iżda wkoll bejn l-atturi differenti fis-soċjetà, peress li din mhijiex esklussivament responsabbiltà militari; jitlob linji gwida aktar ċari dwar kif il-kapaċitajiet difensivi u offensivi tal-UE għandhom jintużaw u f'liema kuntest; ifakkar li l-Parlament Ewropew talab ripetutament għal reviżjoni mill-qiegħ tar-Regolament tal-UE dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju sabiex jiġi evitat softwer u sistemi oħrajn li jistgħu jintużaw kontra l-infrastruttura diġitali tal-UE jew biex jiksru d-drittijiet tal-bniedem milli jaqgħu f'idejn ħżiena; jitlob lill-UE tiddefendi fil-fora internazzjonali, inklużi, iżda mhux limitati għal, il-forums tal-governanza tal-internet, il-prinċipju li l-infrastruttura ewlenija tal-internet għandha tkun żona newtrali fejn il-gvernijiet, li jsegwu l-interessi nazzjonali tagħhom, huma pprojbiti milli jindaħlu;

48. Jappoġġa lill-Kummissjoni għall-inizjattivi relatati mad-difiża bħalma huma l-Pjan ta' Azzjoni għad-Difiża u l-Politika Industrijali tad-Difiża, li għandhom jibdew wara l-preżentazzjoni ta' Ktieb Abjad tal-UE dwar is-Sigurtà u d-Difiża; jappoġġa l-involviment ulterjuri tal-Kummissjoni għad-difiża, permezz tar-riċerka, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ffokati sew u estensivi; jilqa' l-Azzjoni Preparatorja għar-riċerka relatata mal-PSDK u jitlob għal finanzjament adegwat għall-bqija tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali (QFP); jappoġġa l-iżvilupp ta' Programm ta' Riċerka tad-Difiża tal-UE fil-QFP li jmiss (2021-2027);

49. Iqis li Programm ta' Riċerka tad-Difiża futur tal-UE għandu jiffinanzja proġetti ta' riċerka minn oqsma ta' prijorità li għandu jintlaħaq qbil fuqhom mill-Istati Membri u li l-Fond Ewropew tad-difiża jistgħu jappoġġaw il-finanzjament ta' kapaċitajiet miftehma b'mod konġunt bejn l-Istati Membri u b'valur miżjud tal-UE;

50. Jitlob li l-liġi Ewropea tiġi riformata biex tippermetti lill-industrij Ewropej tad-difiża li jibbenefikaw mill-istess għajnuniet statali bħal dawk li jgawdu minnhom industriji tal-Istati Uniti;

o

o o

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-President fil-kariga tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), lill-President tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE.

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0441

# Komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn partijiet terzi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn partijiet terzi (2016/2030(INI))**

(2018/C 224/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-2 ta' April 2009 dwar il-kuxjenza Ewropea u t-totalitarjaniżmu ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Summit ta' Strasburgu/Kehl tal-4 ta' April 2009 adottata fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tan-NATO,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar strateġija dwar il-libertà diġitali fil-politika barranija tal-UE ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin kontra t-terroriżmu tad-9 ta' Frar 2015,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu 2015,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Reġjonali tal-UE għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll għat-theddida tal-ISIL/Daesh, tas-16 ta' Marzu 2015, li ġew ikkonfermati mill-ġdid mill-Kunsill Affarijiet Barranin fit-23 ta' Mejju 2016,

— wara li kkunsidra r-rapport tat-18 ta' Mejju 2015 tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ): L-Unjoni Ewropea f'ambjent globali jinbidel – aktar konnessa, kontestata u kumplessa, u l-ħidma li għaddejja dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Globali l-ġdida tal-UE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2015 dwar l-istat tar-relazzjonijiet UE-Russja ([3]),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Komunikazzjoni Strateġika (Ref. Ares(2015)2608242 – 22.6.2015),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ([4]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Summit tan-NATO li sar f'Wales tal-5 ta' Settembru 2014,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi ([5]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-28 ta' April 2015 dwar l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà (COM(2015)0185),

---

([1]) ĠU C 137 E, 27.5.2010, p. 25.
([2]) ĠU C 434, 23.12.2015, p. 24.
([3]) ĠU C 407, 4.11.2016, p. 35.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0272.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2015)0410.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-6 ta' April 2016 bit-titolu "Qafas konġunt biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu: reazzjoni tal-Unjoni Ewropea" (JOIN(2016)0018),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill tal-20 ta' April 2016 dwar azzjoni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina (COM(2016)0230),

— wara li kkunsidra l-istudju ta' fattibbiltà tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija dwar Inizjattivi tal-Midja bil-Lingwa Russa fis-Sħubija tal-Lvant u lil hinn, intitolat "Bringing Plurality and Balance to the Russian Language Media Space" (it-twassil tal-pluralità u tal-bilanċ fl-ispazju tal-midja bil-lingwa Russa),

— wara li kkunsidra r-Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali waqt il-ġlieda kontra t-terroriżmu (A/HRC/31/65),

— wara li kkunsidra l-Kumment Ġenerali Nru 34 tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (CCPR/C/GC/34),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0290/2016),

A. billi l-UE hija impenjata sabiex tiggwida l-azzjonijiet tagħha fix-xena internazzjonali b'konformità ma' prinċipji bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll il-libertà tal-midja, l-aċċess għall-informazzjoni, il-libertà ta' espressjoni u l-pluraliżmu tal-midja, b'din tal-aħħar madankollu tista' sa ċertu punt tkun limitata kif stipulat fid-dritt internazzjonali, inklużi fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; billi l-atturi ta' partijiet terzi li għandhom l-għan li jiskreditaw l-Unjoni, ma jikkondividux l-istess valuri;

B. billi l-UE, l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħha qegħdin taħt pressjoni sistematika dejjem tikber biex jittrattaw kampanji ta' informazzjoni, diżinformazzjoni u miżinformazzjoni u propaganda minn pajjiżi u atturi mhux statali, bħal organizzazzjonijiet kriminali u terroristiċi transnazzjonali fil-viċinat tagħha, li għandhom l-għan li jdgħajfu l-kunċett innifsu ta' informazzjoni oġġettiva jew ġurnaliżmu etiku, filwaqt li jiġġudikaw l-informazzjoni kollha bħala ppreġudikata jew strument ta' poter politiku, u li jiffukaw ukoll fuq valuri u interessi demokratiċi;

C. billi l-libertà tal-midja, l-aċċess għall-informazzjoni u l-libertà ta' espressjoni huma l-pilastri bażiċi ta' sistema demokratika, fejn it-trasparenza tas-sjieda tal-midja u s-sorsi ta' finanzjament tal-midja huma ta' importanza kbira; billi strateġiji biex jiżguraw il-ġurnaliżmu ta' kwalità, il-pluraliżmu tal-midja u l-iċċekjar tal-fatti jistgħu jkunu effettivi biss sakemm il-fornituri tal-informazzjoni jgawdu l-fiduċja u l-kredibbiltà; billi, fl-istess ħin, għandu jkun hemm valutazzjoni kritika ta' kif jiġu ttrattati s-sorsi tal-midja li għandhom rekord ippruvat li ripetutament kienu involuti fi strateġija ta' qerq deliberat u diżinformazzjoni, speċjalment fil-"midja l-ġdida", in-netwerks soċjali u l-qasam diġitali;

D. billi l-gwerra tal-informazzjoni hija fenomenu storiku antik daqs il-gwerra nnifisha; billi l-gwerra ta' informazzjoni mmirata kienet tintuża b'mod estensiv matul il-Gwerra Bierda, u minn dak iż-żmien 'l hawn kienet parti integrali mill-gwerra ibrida moderna, li hija taħlita ta' miżuri ta' natura militari u mhux militari ta' natura moħbija u evidenti, użata biex tiddestabbilizza s-sitwazzjoni politika, ekonomika u soċjali tal-pajjiż taħt attakk, mingħajr dikjarazzjoni formali ta' gwerra, li timmira mhux biss lis-sħab tal-UE, iżda wkoll lill-UE nnifisha, l-istituzzjonijiet tagħha u l-Istati Membri kollha u ċ-ċittadini irrispettivament min-nazzjonalità u r-reliġjon tagħhom;

E. billi permezz tal-annessjoni tal-Krimea min-naħa tar-Russja u l-gwerra ibrida mmexxija mir-Russja f'Donbass, il-Kremlin eskala l-konfrontazzjoni mal-UE; billi l-Kremlin żied ilpropoganda tiegħu, filwaqt li r-Russja qed taqdi rwol ikbar fl-ambjent tal-midja Ewropea bil-għan li toħloq appoġġ politiku fl-opinjoni pubblika Ewropea għall-azzjoni tar-Russja u ddgħajjef il-koerenza tal-politika estera tal-UE;

F. billi l-propaganda għall-gwerra u kwalunkwe promozzjoni ta' mibegħda nazzjonali, razzjali jew reliġjuża li tikkostitwixxi inċitament għad-diskriminazzjoni, l-ostilità jew il-vjolenza huma pprojbiti bil-liġi skont l-Artikolu 20 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

G. billi l-kriżi finanzjarja u l-avvanz ta' forom ġodda ta' midja diġitali ħolqu sfidi serji għal ġurnaliżmu ta' kwalità, u dan iwassal għal tnaqqis fil-ħsieb kritiku fost l-udjenzi, li b'hekk saru aktar suxxettibbli għad-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni;

H. billi l-propoganda u l-intrużjoni tal-midja Russa huma partikolarment b'saħħithom u ħafna drabi m'hemmx min jikkompetilhom fil-pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant; billi l-midja nazzjonali f'dawn il-pajjiżi ħafna drabi hija dgħajfa u mhijiex kapaċi tlaħħaq mas-saħħa u s-setgħa tal-midja Russa;

I. billi t-teknoloġiji tal-gwerra tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni qed jitħaddmu sabiex jilleġittimizzaw azzjonijiet li jheddu s-sovranità tal-Istati Membri tal-UE, l-indipendenza politika, is-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom u l-integrità territorjali tagħhom;

J. billi l-UE ma tirrikonoxxix lill-ISIL/Daesh bħala stat jew organizzazzjoni simili għal stat;

K. billi l-ISIL/Daesh, l-Al-Qaeda u gruppi terroristiċi ġihadisti vjolenti jużaw b'mod sistematiku strateġiji ta' komunikazzjoni u propaganda diretta kemm offline kif ukoll online bħala parti mill-ġustifikazzjoni tal-azzjonijiet tagħhom kontra l-UE u l-Istati Membri u kontra l-valuri Ewropej, kif ukoll bil-għan li jsaħħu r-reklutaġġ taż-żgħażagħ Ewropej;

L. billi wara d-Dikjarazzjoni tas-Summit tan-NATO fi Strasburgu/Kehl li enfasizzat l-importanza dejjem tikber li n-NATO tikkomunika b'mod xieraq, f'waqtu, preċiż u rapidu fuq ir-rwoli, l-objettivi u l-missjonijiet tagħha li qed jevolvu, ġie stabbilit iċ-Ċentru ta' Eċċellenza għall-Komunikazzjonijiet Strateġiċi tan-NATO (NATO StratCom CoE) fil-Latvja fl-2014, fatt li ntlaqa' mid-Dikjarazzjoni tas-Summit tan-NATO li sar f'Wales;

***Komunikazzjoni Strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn partijiet terzi***

1. Jenfasizza li l-propoganda ostili kontra l-UE tieħu ħafna suriet differenti u tuża diversi strumenti, spiss imfassla biex iqabblu l-profili tal-Istati Membri tal-UE, bl-għan li tfixkel il-veritajiet, toħloq dubju, tifred lill-Istati Membri, tfassal firda strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u s-sħab tagħha tal-Amerika ta' Fuq u tipparalizza l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, tiskredita l-istituzzjonijiet tal-UE u s-sħubijiet transatlantiċi, li jaqdu rwol rikonoxxut fl-arkitettura Ewropea tas-sigurtà u dik ekonomika fl-għajnejn u l-imħuħ taċ-ċittadini tal-UE u taċ-ċittadini tal-pajjiżi ġirien, u xxekkel u tkisser in-narrattiva Ewropea bbażata fuq il-valuri demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; ifakkar li waħda mill-iktar għodod importanti użata hija l-inċitament ta' biża' u inċertezza fiċ-ċittadini tal-UE, kif ukoll li atturi ostili tal-istat u dawk mhux statali jiġu ppreżentati ħafna aktar b'saħħithom milli huma fir-realtà;

2. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jirrikonoxxu li l-komunikazzjoni strateġika u l-gwerra tal-informazzjoni mhijiex biss kwistjoni esterna tal-UE iżda wkoll waħda interna, u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-għadd ta' multiplikaturi ta' propoganda ostili li jinsabu fl-Unjoni; jinsab imħasseb dwar l-għarfien limitat fost xi Stati Membri tagħha li huma l-udjenzi u l-areni ta' propaganda u diżinformazzjoni; jistieden f'dan ir-rigward lill-atturi tal-UE biex jindirizzaw in-nuqqas attwali ta' ċarezza u ftehim dwar x'għandu jitqies bħala propaganda u diżinformazzjoni, biex jiżviluppaw b'kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-midja u esperti mill-Istati Membri tal-UE sett komuni ta' definizzjonijiet u jiġbru data u informazzjoni dwar il-konsum ta' propaganda;

3. Jinnota li d-diżinformazzjoni u l-propaganda jagħmlu parti mill-gwerra ibrida; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li titqajjem kuxjenza u tintwera assertività permezz tal-komunikazzjoni istituzzjonali/politika, ir-riċerka ta' gruppi ta' riflessjoni/ akkademiċi, kampanji tal-midja soċjali, inizjattivi tas-soċjetà ċivili, il-litteriżmu medjatiku u azzjonijiet utli oħra;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

4. Jenfasizza li l-istrateġija ta' propaganda u ta' diżinformazzjoni kontra l-UE minn pajjiżi terzi tista' tieħu diversi forom u tinvolvi, b'mod partikolari, il-midja tradizzjonali, in-netwerks soċjali, il-programmi skolastiċi u l-partiti politiċi, kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha;

5. Jinnota n-natura multidimensjonali tal-komunikazzjoni strateġika attwali tal-UE f'diversi livelli, inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, diversi korpi tan-NATO u tan-NU, l-NGOs u l-organizzazzjonijiet ċiviċi, u jitlob li jkun hemm l-aħjar koordinazzjoni possibbli u skambju ta' informazzjoni bejn dawn il-partijiet; jappella għal aktar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn id-diversi partijiet li esprimew tħassib dwar dawn l-isforzi ta' propaganda u jixtiequ jfasslu strateġiji għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni; jemmen li, fil-kuntest tal-UE, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiġu fdati b'tali koordinazzjoni;

6. Jirrikonoxxi li l-UE għandha tikkunsidra l-isforzi ta' komunikazzjoni strateġika tagħha bħala prijorità, li għandha tinvolvi riżorsi rilevanti; itenni li l-UE hija mudell ta' suċċess ta' integrazzjoni li għalkemm fi kriżi, għadha tattira l-pajjiżi li jixtiequ jirreplikaw dan il-mudell u jsiru parti minnha; jenfasizza, għaldaqstant, li l-UE jeħtiġilha tikkomunika l-messaġġ pożittiv tagħha dwar is-suċċessi, il-valuri u l-prinċipji tagħha b'determinazzjoni u kuraġġ, u għandha bżonn tkun offensiva fin-narrattiva tagħha, u mhux difensiva;

***Nirrikonoxxu u nesponu d-diżinformazzjoni Russa u l-gwerra ta' propaganda***

7. Jinnota b'dispjaċir li r-Russja tuża kuntatti u laqgħat mal-kontropartijiet tal-UE għal skopijiet ta' propaganda u biex iddgħajjef pubblikament il-pożizzjoni komuni tal-UE, aktar milli biex tistabbilixxi djalogu reali;

8. Jirrikonoxxi li l-gvern Russu qed juża firxa wiesgħa ta' għodod u strumenti, bħal gruppi ta' riflessjoni u fondazzjonijiet speċjali (pereżempju Russkiy Mir), awtoritajiet speċjali (Rossotrudnichestvo), stazzjonijiet tat-televiżjoni multilingwi (pereżempju RT), aġenziji taparsi tal-aħbarijiet u servizzi multimedjali (pereżempju Sputnik), gruppi transkonfinali soċjali u reliġjużi, hekk kif ir-reġim irid jippreżenta ruħu bħala l-uniku difensur tal-valuri Nsara tradizzjonali, li l-midja soċjali u t-trolls tal-internet jisfidaw il-valuri demokratiċi, li jifred l-Ewropa, jiġbor appoġġ intern u joħloq il-perċezzjoni ta' stati falluti fil-viċinat tal-Lvant tal-UE; jenfasizza li r-Russja tinvesti r-riżorsi finanzjarji tagħha fuq strumenti ta' diżinformazzjoni u propaganda li jintużaw jew direttament mill-istat jew minn kumpaniji u organizzazzjonijiet ikkontrollati mill-Kremlin; jenfasizza li, minn naħa l-waħda, il-Kremlin qed jiffinanzja partiti politiċi u organizzazzjonijiet oħra fi ħdan l-UE bil-ħsieb li jimmina l-koeżjoni politika, u li, min-naħa l-oħra, il-propoganda tal-Kremlin timmira direttament lejn ġurnalisti, politiċi u individwi speċifiċi fl-UE;

9. Ifakkar li s-servizzi tas-sigurtà u l-intelligence jikkonkludu li r-Russja għandha l-kapaċità u l-intenzjoni li twettaq operazzjonijiet maħsuba biex jiddestabilizzaw pajjiżi oħra; jirrimarka li dan sikwit jieħu l-għamla ta' appoġġ ta' politiċi estremisti u diżinformazzjoni u kampanji tal-midja tal-massa fuq skala kbira; jinnota, barra minn hekk, li tali kumpaniji tal-midja huma preżenti u attivi fl-UE;

10. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-istrateġija ta' informazzjoni tal-Kremlin tikkomplementa l-politika tiegħu li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali, il-kooperazzjoni ekonomika u proġetti konġunti ma' Stati Membri individwali tal-UE sabiex idgħajjef il-koerenza u jimmina l-politiki tal-UE;

11. Jargumenta li l-komunikazzjoni strateġika Russa hija parti minn kampanja sovversiva akbar tal-UE biex tiddgħajjef il-kooperazzjoni u s-sovranità tal-UE, kif ukoll l-indipendenza politika u l-integrità territorjali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha; iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-Istati Membri joqogħdu attenti għal operazzjonijiet ta' informazzjoni Russi fuq territorju Ewropew u jżidu l-kondiviżjoni tal-kapaċità u l-isforzi ta' kontrospjunaġġ immirati biex jiġġieldu tali operazzjonijiet;

12. Jesprimi l-kritika qawwija tiegħu għall-isforzi tar-Russja biex tfixkel il-proċess ta' integrazzjoni tal-UE u jiddeplora, f'dan ir-rigward, l-appoġġ tar-Russja għal forzi kontra l-UE fi ħdan l-UE fir-rigward, b'mod partikolari, tal-partiti tal-lemin estrem, il-forzi populisti u l-movimenti li jopponu l-valuri bażiċi ta' demokraziji liberali;

13. Jinsab serjament imħasseb dwar l-espansjoni rapida ta' attivitajiet ispirati mill-Kremlin fl-Ewropa, inklużi diżinformazzjoni u propaganda li jfittxu li jżommu jew iżidu l-influwenza tar-Russja biex iddgħajjef u taqsam l-UE; jenfasizza li parti kbira tal-propaganda tal-Kremlin għandha l-għan li tgħid li xi pajjiżi Ewropej jappartjenu għall-"isfera tradizzjonali tal-influwenza Russa"; jinnota li waħda mill-istrateġiji ewlenin tagħha hija li tiċċirkola u timponi narrattiva

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

alternattiva, spiss ibbażata fuq interpretazzjoni manipulata ta' avvenimenti storiċi u mmirata biex tiġġustifika l-azzjonijiet esterni tagħha, u l-interessi ġeopolitiċi; jinnota li l-falsifikazzjoni ta' ġrajjiet storiċi hi waħda mill-istrateġiji ewlenin tagħha; jinnota f'dan ir-rigward il-ħtieġa li titqajjem kuxjenza dwar ir-reati ta' reġimi komunisti permezz ta' kampanji pubbliċi u sistemi edukattivi, u li jiġu appoġġati attivitajiet ta' riċerka u dokumentazzjoni, speċjalment f'dawk li qabel kienu Membri tal-blokk Sovjetiku, biex jegħlbu n-narrativa tal-Kremlin;

14. Jenfasizza li r-Russja qed tisfrutta n-nuqqas ta' qafas internazzjonali legali f'oqsma bħaċ-ċibersigurtà, u n-nuqqas ta' responsabbiltà fir-regolament dwar il-midja, u qed iddawwar favuriha kull ambigwità f'dawn il-kwistjonijiet; jenfasizza li attivitajiet aggressivi tar-Russja fil-qasam ċibernetiku jiffaċilitaw il-gwerra tal-informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex jagħtu attenzjoni lir-rwol tal-Punti ta' Skambju tal-Internet bħala infrastruttura kritika fl-istrateġija ta' sigurtà tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa kruċjali li tkun żgurata r-reżiljenza tas-sistemi ta' informazzjoni fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, speċjalment kontra ċaħdiet u tfixkil li jista' jkollhom rwol ċentrali f'kunflitt ibridu u l-ġlieda kontra l-propaganda, u biex jikkooperaw mill-qrib f'dan ir-rigward man-NATO, b'mod partikolari maċ-Ċentru ta' Eċċellenza fil-qasam taċ-Ċiberdifiża Kooperattiva tan-NATO;

15. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw mekkaniżmi koordinati ta' komunikazzjoni strateġika biex jappoġġaw l-attribuzzjoni u jiġġieldu kontra d-diżinformazzjoni u l-propoganda sabiex jesponu t-theddid ibridu;

***Nifhmu u nindirizzaw il-gwerra tal-informazzjoni tal-ISIL/Daesh, il-metodi ta' diżinformazzjoni u ta' radikalizzazzjoni***

16. Huwa konxju tal-firxa ta' strateġiji impjegati mill-ISIL/Daesh kemm fil-livell reġjonali u kemm dak globali biex jippromwovu n-narrativi politiċi, reliġjużi, soċjali, ta' mibegħda u vjolenti tagħhom; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżviluppaw kontronarrativa għall-ISIL/Daesh li tinvolvi s-sistema tal-edukazzjoni u tinkludi l-għoti tas-setgħa u ż-żieda fil-viżibbiltà ta' studjużi Musulmani ewlenin li huma kredibbli biex jiddeleġittimizzaw il-propaganda tal-ISIL/Daesh; jilqa' l-isforzi tal-Koalizzjoni Globali biex tiġġieled kontra l-ISIL/Daesh u jappoġġja f'dan ir-rigward l-Istrateġija Reġjonali tal-UE għas-Sirja u l-Iraq; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jxerrdu kontronarrativa li tindirizza l-propaganda ġihadista, b'enfasi partikolari fuq dimensjoni edukattiva li turi kif il-promozzjoni tal-Iżlam radikali hija teoloġikament korrotta;

17. Jinnota li organizzazzjonijiet terroristiċi Iżlamiċi, speċjalment l-ISIL/Daesh u l-Al-Qaeda, huma involuti f'kampanji ta' informazzjoni attivi bl-għan li jimminaw u jżidu l-livell ta' mibegħda kontra l-valuri u l-interessi Ewropej; jinsab imħasseb dwar l-użu mifrux mill-ISIL/Daesh tal-għodod tal-midja soċjali u speċjalment Twitter u Facebook biex javvanzaw l-objettivi ta' propoganda u ta' reklutaġġ tagħhom, speċjalment fost iż-żgħażagħ; jenfasizza l-importanza li tiġi inkluża l-istrateġija ta' kontropropaganda kontra l-ISIL/Daesh fi ħdan strateġija reġjonali usa' u komprensiva li tgħaqqad għodod diplomatiċi, soċjoekonomiċi, tal-iżvilupp u tal-prevenzjoni tal-kunflitti; jilqa' l-ħolqien ta' Task Force StratCom iddedikata għan-Nofsinhar, li għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi b'mod effettiv biex tkisser u tiġġieled il-propoganda estremista u l-influwenza tal-ISIL/Daesh;

18. Jenfasizza li l-UE u ċ-ċittadini Ewropej huma mira ewlenija għall-ISIL/Daesh u jappella lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jaħdmu aktar mill-qrib sabiex iħarsu lis-soċjetà, b'mod partikolari liż-żgħażagħ, mir-reklutaġġ, u b'hekk titjieb ir-reżiljenza tagħhom kontra r-radikalizzazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa għal enfasi aktar imsaħħa fuq it-titjib tal-għodod u l-metodi tal-UE, l-aktar fil-qasam ċibernetiku; iħeġġeġ lil kull Stat Membru, b'ħidma mill-qrib maċ-Ċentru ta' Eċċellenza tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni stabbilit f'Ottubru 2015, jinvestiga u jindirizza b'mod effettiv ir-raġunijiet soċjodemografiċi sottostanti li huma l-kawża ewlenija tal-vulnerabbiltà għar-radikalizzazzjoni kif ukoll l-arranġamenti istituzzjonali multidimensjonali (li jgħaqqdu r-riċerka universitarja, l-amministrazzjonijiet tal-ħabsijiet, il-pulizija, il-qrati, is-servizzi soċjali u s-sistemi edukattivi) u jiġġilidhom; jenfasizza li l-Kunsill appella għall-promozzjoni ta' miżuri ta' reazzjoni tal-ġustizzja kriminali biex jiġġieled ir-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti;

19. Jistieden lill-Istati Membri jaħdmu biex iwaqqfu l-aċċess tal-ISIL/Daesh għall-finanzjament u għall-fondi u jippromwovu dan il-prinċipju fl-azzjoni esterna tal-UE, u jenfasizza l-bżonn li jesponu in-natura vera tal-ISIL/Daesh u jirrinunzjaw il-leġittimizzazzjoni ideoloġika tagħhom;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

20. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jieħdu azzjoni konsistenti mal-UE kollha kontra d-diskors ta' mibegħda li qed jiġi promoss b'mod sistematiku minn predikaturi intolleranti u radikali permezz ta' priedki, kotba, programmi televiżivi, l-internet u mezzi oħra ta' komunikazzjoni li joħolqu art għammiela biex jirnexxu organizzazzjonijiet terroristiċi bħall-ISIL/Daesh u l-Al-Qaeda;

21. Jenfasizza l-importanza li l-UE u l-Istati Membri jikkooperaw ma' fornituri tas-servizzi tal-midja soċjali biex il-propaganda tal-ISIL/Daesh tinfirex permezz ta' mezzi tal-midja soċjali;

22. Jenfasizza li l-organizzazzjonijiet terroristiċi Iżlamiċi, speċjalment l-ISIL/Daesh u l-Al-Qaeda, huma involuti f'kampanji ta' diżinformazzjoni attivi bil-għan li jimminaw il-valuri u l-interessi Ewropej; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' strateġija speċifika biex jiġu miġġielda l-propaganda u d-diżinformazzjoni Iżlamisti kontra l-UE;

23. Jenfasizza li komunikazzjoni mhux ippreġudikata, affidabbli u oġġettiva u flussi ta' informazzjoni bbażati fuq il-fatti dwar l-iżviluppi fil-pajjiżi tal-UE jipprevjenu t-tixrid tal-propaganda mħeġġa minn partijiet terzi;

### *L-istrateġija tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda*

24. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Komunikazzjoni Strateġika; jilqa' l-komunikazzjoni konġunta dwar il-Qafas Konġunt biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu u jappella li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jiġu approvati u implimentati mingħajr dewmien; jenfasizza li l-azzjonijiet proposti jirrikjedu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-atturi rilevanti kollha fil-livell tal-UE u dak nazzjonali; huwa tal-opinjoni li approċċ komprensiv biss jista' jwassal għas-suċċess tal-isforzi tal-UE; jistieden lill-Istati Membri li jkollhom il-presidenza b'rotazzjoni tal-UE biex dejjem jinkludu l-komunikazzjonijiet strateġiċi bħala parti mill-programm tagħhom sabiex jiżguraw il-kontinwità tal-ħidma dwar dan is-suġġett; jilqa' l-inizjattivi u l-kisbiet tal-Presidenza Latvjana f'dan ir-rigward; jistieden lill-VP/RGħ tiżgura komunikazzjoni frekwenti fil-livell politiku mal-Istati Membri sabiex l-azzjonijiet tal-UE jiġu koordinati aħjar; jenfasizza li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fil-qasam tal-komunikazzjoni strateġika għandha tissaħħaħ b'mod sostanzjali; jilqa' l-intenzjoni tal-Presidenza Slovakka li torganizza konferenza dwar it-totalitarjaniżmu fl-okkażjoni tal-Jum Ewropew għat-tifkira tal-vittmi tar-reġimi totalitarji;

25. Jitlob lill-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE u lill-awtoritajiet jimmonitorjaw mill-qrib s-sorsi ta' finanzjament ta' propaganda kontra l-Ewropa;

26. Jenfasizza li huwa meħtieġ aktar finanzjament biex tiġi appoġġata l-libertà tal-midja fil-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti demokratiċi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward tiżgura l-isfruttament sħiħ tal-istrumenti eżistenti bħalma huma l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), il-PEV, l-Osservatorju tal-Libertà tal-Midja tas-Sħubija tal-Lvant u l-EED fir-rigward tal-ħarsien tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja;

27. Jinnota r-riżorsi enormi ddedikati għal attivitajiet ta' propaganda mir-Russja u l-impatt possibbli ta' propaganda ostili dwar proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-UE u d-dgħufija tal-fiduċja pubblika, it-trasparenza u d-demokrazija; ifaħħar il-ħidma sinifikanti mwettqa mit-Task Force għall-Komunikazzjoni Strateġika tal-UE; jitlob għalhekk li t-Task Force għall-Komunikazzjoni Strateġika tal-UE għall-komunikazzjoni tissaħħaħ billi ssir unità kompluta fi ħdan is-SEAE, responsabbli għall-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, b'persunal u b'riżorsi baġitarji adegwati, possibbilment permezz ta' linja tal-baġit speċifika addizzjonali; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa bejn is-servizzi tal-intelligence tal-Istati Membri, bil-għan li tiġi vvalutata l-influwenza eżerċitata minn pajjiżi terzi li qed ifittxu li jimminaw il-bażi demokratika u l-valuri tal-UE; jappella għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Parlament u s-SEAE dwar il-komunikazzjoni strateġika, inkluż permezz tal-użu tal-kapaċitajiet analitiċi tal-Parlament u l-Uffiċċji ta' Informazzjoni fl-Istati Membri;

28. Jenfasizza li huwa essenzjali li l-UE tkompli tippromwovi b'mod attiv ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali permezz tal-azzjonijiet esterni tagħha; iqis li l-appoġġ għal-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' għaqda, id-dritt tal-aċċess għall-informazzjoni u l-indipendenza tal-midja fil-pajjiżi ġirien għandhom jirfdu l-azzjonijiet tal-UE fil-ġlieda kontra l-propaganda;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

29. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-pluralità tal-midja u l-oġġettività, l-imparzjalità u l-indipendenza tal-midja fl-Unjoni Ewropea u fil-viċinat tagħha, inklużi l-atturi mhux statali, fost l-oħrajn permezz ta' appoġġ għall-ġurnalisti u l-iżvilupp ta' programmi ta' bini tal-kapaċità għall-atturi tal-midja, bit-trawwim ta' sħubiji u netwerks ta' skambju ta' informazzjoni, bħalma huma pjattaformi ta' kondiviżjoni tal-kontenut, riċerka relatata mal-midja, opportunitajiet ta' mobbiltà u ta' taħriġ għall-ġurnalisti u kollokamenti ma' entitajiet tal-midja bbażati fl-UE biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-aqwa prattiki;

30. Jenfasizza r-rwol importanti ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità fil-ġurnaliżmu ġewwa u barra l-UE bil-għan li jiġu prodotti analiżijiet ġurnalistiċi ta' kwalità u standards editorjali għoljin; jisħaq li l-promozzjoni tal-valuri tal-UE tal-libertà tal-istampa u ta' espressjoni u l-pluralità tal-midja tinkludi l-għoti ta' appoġġ lill-ġurnalisti ppersegwitati u li qed jinżammu l-ħabs u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi;

31. Iħeġġeġ kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, il-Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), il-Kunsill tal-Ewropa u l-Istati Membri sabiex tiġi evitata duplikazzjoni u tiġi żgurata sinerġija f'inizjattivi simili;

32. Jesprimi d-dispjaċir tiegħu fir-rigward tal-problemi ewlenin relatati mal-indipendenza u l-libertà tal-midja f'ċerti Stati Membri, kif rappurtat minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħal Reporters mingħajr fruntieri; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jadottaw miżuri xierqa biex itejbu s-sitwazzjoni eżistenti fis-settur tal-midja, bil-ħsieb li tiġi żgurata li l-azzjoni esterna tal-UE favur il-libertà, l-imparzjalità u l-indipendenza tal-midja tkun kredibbli;

33. Jitlob lit-Task Force għall-Komunikazzjoni Strateġika, imsaħħa kif propost u taħt l-isem tal-utent ta' Twitter @EUvsDisInfo, twaqqaf spazju fuq l-internet fejn il-pubbliku inġenerali jista' jsib firxa ta' għodod għall-identifikazzjoni ta' diżinformazzjoni, bi spjegazzjoni ta' kif jaħdmu, u li jistgħu jservu ta' mezz ta' trażmissjoni għall-bosta inizjattivi tas-soċjetà ċivili ffukati fuq din il-kwistjoni;

34. Jafferma li strateġija ta' komunikazzjoni effiċjenti għandha tinkludi lill-komunitajiet lokali f'diskussjonijiet dwar l-azzjonijiet tal-UE, tipprovdi appoġġ għal kuntatt interpersonali, u tagħti kunsiderazzjoni adegwata lill-iskambji kulturali u soċjali bħala pjattaformi ewlenin fil-ġlieda kontra l-preġudizzji tal-popolazzjonijiet lokali; ifakkar f'dan ir-rigward, li d-delegazzjonijiet tal-UE għandhom iżommu kuntatt dirett mal-partijiet ikkonċernati fil-livell lokali u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili;

35. Jenfasizza li l-inċitament għall-mibegħda, il-vjolenza jew il-gwerra ma jistax "jinħeba" wara l-libertà ta' espressjoni; jinkoraġġixxi li jittieħdu inizjattivi ġuridiċi f'dan ir-rigward biex ikun hemm aktar responsabbiltà fit-trattament tad-diżinformazzjoni;

36. Jenfasizza l-importanza li l-politiki tal-UE jiġu kkomunikati b'mod koerenti u effettiv, kemm internament kif ukoll esternament, u li jiġu pprovduti komunikazzjonijiet imfassla apposta lil reġjuni speċifiċi, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni bil-lingwi lokali; jilqa' f'dan il-kuntest, il-varar tas-sit web tas-SEAE bir-Russu bħala l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba, u jħeġġeġ li s-sit web tas-SEAE jiġi tradott għal aktar lingwi, bħalma huma l-Għarbi u t-Tork;

37. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jkunu attivi, preventivi u kooperattivi fil-ġlieda kontra operazzjonijiet ta' informazzjoni ostili fit-territorji tagħhom jew immirati li jimminaw l-interessi tagħhom; iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni strateġiċi tagħhom;

38. Jistieden lil kull Stat Membru biex iż-żewġ bullettini ta' kull ġimgħa, *The Disinformation Digest* u *The Disinformation Review* tat-Task Force għall-Komunikazzjoni Strateġika tal-UE, isiru disponibbli għaċ-ċittadini tagħhom sabiex tinħoloq sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku inġenerali dwar il-metodi ta' propoganda użati minn partijiet terzi;

39. Jinsisti fuq id-differenza bejn propaganda u kritika;

40. Jenfasizza li filwaqt li mhux neċessarjament il-kritika kollha tal-UE jew il-politiki tagħha tikkostitwixxi propaganda jew diżinformazzjoni, partikolarment meta din issir fil-kuntest tal-espressjoni politika, każijiet ta' manipulazzjoni jew appoġġ marbuta ma' pajjiżi terzi u intenzjonati biex jagħtu n-nar jew jaggravaw lil din il-kritika jagħtu lok biex wieħed jiddubita l-affidabbiltà ta' dawn il-messaġġi;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

41. Jenfasizza li filwaqt li wieħed għandu jieħu pożizzjoni rigward il-propaganda u d-diżinformazzjoni kontra l-UE minn pajjiżi terzi, dan ma għandux jixħet dubju fuq l-importanza li jinżammu relazzjonijiet kostruttivi mal-pajjiżi terzi u li dawn isiru sħab strateġiċi fl-indirizzar ta' sfidi komuni;

42. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Komunikazzjoni Strateġika u l-istabbiliment tat-Tim StratCom tal-Lvant fi ħdan is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), bil-għan li jikkomunika l-politiki tal-UE u jiġġieled il-propaganda u d-diżinformazzjoni kontra l-UE; jitlob biex tiġi intensifikata aktar il-komunikazzjoni strateġika; jemmen li l-effiċjenza u t-trasparenza tal-ħidma tat-Tim StratCom tal-Lvant jeħtieġ li jittejbu aktar; jistieden lis-SEAE jiżviluppa kriterji biex ikejjel l-effiċjenza ta' ħidmietu; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati finanzjament suffiċjenti u persunal adegwat għat-Tim StratCom tal-Lvant;

43. Jinnota li l-Analiżi tad-Diżinformazzjoni, ippubblikata mit-Task Force StratCom tal-Lvant trid tissodisfa l-istandards ipprovduti fid-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ġurnalisti (IFJ) dwar l-Imġiba tal-Ġurnalisti; jenfasizza li din l-analiżi għandha tiġi abbozzata b'mod xieraq, mingħajr l-użu ta' lingwaġġ offensiv jew ġudizzji ta' valur; jistieden lit-Task Force StratCom tal-Lvant teżamina mill-ġdid il-kriterji użati għall-abbozzar ta' din l-analiżi;

44. Jemmen li strateġija effiċjenti biex wieħed jiġġieled il-propaganda kontra l-UE tista' tkun l-adozzjoni ta' miżuri biex tingħata informazzjoni adegwata u interessanti lill-udjenza fil-mira dwar l-attivitajiet tal-UE, il-valuri Ewropej u kwistjonijiet oħra ta' interess pubbliku, u jenfasizza li għal skopijiet bħal dawn jistgħu jintużaw teknoloġiji moderni u netwerks soċjali;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tipproċedi b'ċerti inizjattivi legali sabiex tkun aktar effettiva u responsabbli meta tittratta d-diżinformazzjoni u l-propaganda u tuża r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat biex tippromwovi t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-midja bħala prijorità strateġika; jistieden lill-Kummissjoni twettaq rieżami bir-reqqa tal-effiċjenza ta' strumenti finanzjarji eżistenti tal-UE u tippreżenta proposta għal soluzzjoni komprensiva u flessibbli li tista' tipprovdi appoġġ dirett għall-mezzi tax-xandir indipendenti, il-gruppi ta' riflessjoni u l-NGOs speċjalment fil-lingwa materna tal-grupp fil-mira, u tippermetti l-użu ta' riżorsi addizzjonali lill-organizzazzjonijiet li għandhom il-kapaċità jagħmlu dan, bħall-Fond Ewropew għad-Demokrazija, filwaqt li tnaqqas il-flussi finanzjarji mmirati lejn l-iffinanzjar ta' individwi u entitajiet involuti f'attivitajiet StratCom, l-inċitament għall-vjolenza u l-mibegħda; jistieden lill-Kummissjoni twettaq awditjar bir-reqqa tal-effiċjenza ta' proġetti tal-midja fuq skala kbira ffinanzjati mill-UE, bħal Euronews;

46. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm sensibilizzazzjoni, edukazzjoni, midja online u litteriżmu tal-informazzjoni fl-UE u fil-Viċinat, bil-għan li ċ-ċittadini jingħataw is-setgħa janalizzaw b'mod kritiku l-kontenut tal-midja sabiex jidentifikaw il-propaganda; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza li jissaħħaħ l-għarfien fil-livelli kollha tas-sistema edukattiva; jenfasizza l-ħtieġa li n-nies jiġu mħeġġa favur ċittadinanza attiva u jiżviluppaw l-għarfien tagħhom bħala konsumaturi tal-midja; jenfasizza r-rwol ewlieni ta' għodod online, speċjalment il-midja soċjali fejn it-tixrid ta' informazzjoni ħażina u t-tnedija ta' kampanji ta' diżinformazzjoni huma aktar faċli u ħafna drabi ma jiffaċċjaw l-ebda ostaklu; ifakkar li l-ġlieda kontra l-propaganda permezz ta' propaganda hija kontroproduttiva, u għalhekk jifhem li l-UE, bħala entità sħiħa, u l-Istati Membri, fil-livell individwali, jistgħu jiġġieldu l-propaganda minn partijiet terzi biss billi jiskreditaw kampanji ta' diżinformazzjoni u jagħmlu użu minn messaġġi u informazzjoni pożittivi, u għandhom jiżviluppaw strateġija verament effettiva li tkun divrenzjata u adattata għan-natura tal-atturi li qed ixerrdu l-propaganda; jirrikonoxxi li l-kriżi finanzjarja u l-avvanz ta' forom ġodda ta' midja diġitali ħolqu sfidi serji għal ġurnaliżmu ta' kwalità;

47. Jesprimi tħassib dwar l-użu tal-midja soċjali u l-pjattaformi online għal diskors ta' mibegħda kriminali u l-inċitament għall-vjolenza, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jadattaw u jaġġornaw il-leġiżlazzjoni sabiex jindirizzaw l-iżviluppi li għaddejjin, jew jimplimentaw u jinfurzaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar id-diskors ta' mibegħda, kemm offline kif ukoll online; jisħaq li tinħtieġ kollaborazzjoni akbar mal-pjattaformi online u mal-kumpaniji ewlenin tal-internet u tal-midja;

48. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu u jiżguraw il-qafas meħtieġ għal ġurnaliżmu ta' kwalità u għal varjetà ta' informazzjoni billi jiġġieldu kontra l-konċentrazzjonijiet tal-midja, li għandhom impatt negattiv fuq il-pluraliżmu tal-midja;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

49. Jinnota li l-edukazzjoni fil-midja tipprovdi għarfien u ħiliet, u tagħti s-setgħa liċ-ċittadini biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni, janalizzaw b'mod kritiku l-kontenut tal-midja u jirreaġixxu għad-diżinformazzjoni; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tad-diżinformazzjoni permezz ta' azzjonijiet ta' litteriżmu medjatiku fil-livelli kollha, inkluż permezz ta' kampanja ta' informazzjoni Ewropea dwar l-etika medjatika, ġurnalistika u editorjali u billi titrawwem kooperazzjoni aħjar mal-pjattaformi soċjali u jiġu promossi inizjattivi konġunti biex jiġu indirizzati d-diskors ta' mibegħda, l-inċitament għall-vjolenza u d-diskriminazzjoni online;

50. Jinnota li l-ebda strateġija ta' setgħa ta' persważjoni ma tista' tirnexxi mingħajr id-diplomazija kulturali u l-promozzjoni tad-djalogu interkulturali bejn u fi ħdan il-pajjiżi, fl-UE u lil hinn minnha; jinkoraġġixxi, għaldaqstant, azzjonijiet u inizjattivi diplomatiċi pubbliċi u kulturali fit-tul, bħalma huma boroż ta' studju u programmi ta' skambju għall-istudenti u l-professjonisti żgħażagħ, inklużi inizjattivi biex jingħata appoġġ lid-djalogu interkulturali, jissaħħu r-rabtiet kulturali mal-UE u jiġu promossi r-rabtiet kulturali u l-wirt kulturali komuni, u l-għoti ta' taħriġ adatt għall-persunal tad-delegazzjonijiet tal-UE u tas-SEAE biex jgħammruhom b'ħiliet interkulturali adegwati;

51. Jemmen li l-midja pubblika għandha tagħti eżempju ta' kif tingħata informazzjoni imparzjali u oġġettiva f'konformità mal-aħjar prattiki u l-etika tal-ġurnaliżmu;

52. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-teknoloġiji ġodda – inklużi x-xandir diġitali, il-komunikazzjonijiet mobbli, il-midja online u n-netwerks soċjali, inklużi dawk ta' natura reġjonali – li jiffaċilitaw it-tixrid ta' informazzjoni dwar il-valuri Ewropej imnaqqxa fit-Trattati u jiffaċilitaw ukoll l-għarfien akbar tagħhom; ifakkar li komunikazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu tal-ogħla standard, jinkludu l-aqwa prattiki konkreti u jenfasizzaw l-impatt tal-UE fuq pajjiżi terzi, inkluża l-assistenza umanitarja tal-UE kif ukoll l-opportunitajiet u l-benefiċċji li assoċjazzjoni u kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-UE jġibu għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, bħalma huma l-ivvjaġġar mingħajr viża jew il-bini tal-kapaċità, programmi ta' mobbiltà u ta' skambju fejn applikabbli;

53. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-portal il-ġdid tal-PEV – li bħalissa qiegħed jiġi żviluppat fil-qafas tal-Programm tal-Viċinat OPEN – ma jakkumulax biss kontenut indirizzat lill-komunitajiet esperti, iżda jkun fih ukoll taqsima mfassla apposta għal udjenzi akbar; huwa tal-opinjoni li l-portal għandu jinkludi taqsima dwar is-Sħubija tal-Lvant, li tiġbor flimkien informazzjoni dwar inizjattivi li bħalissa hija frammentata bejn għadd ta' siti web;

54. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-potenzjal tal-kultura popolari u tad-divertiment għall-edukazzjoni (EE) bħala mezz biex jiġu espressi l-valuri umani kondiviżi u kkomunikati l-politiki tal-UE;

55. Jenfasizza l-appoġġ tiegħu għal inizjattivi bħalma huma ċ-Ċentru Baltiku ta' Eċċellenza fil-Midja, li jinsab f'Riga, iċ-Ċentru ta' Eċċellenza tan-NATO għall-Komunikazzjonijiet Strateġiċi (NATO StratCom COE) jew iċ-Ċentru ta' Eċċellenza tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jintużaw is-sejbiet u l-analiżi tagħhom u li jissaħħu l-kapaċitajiet analitiċi tal-UE fil-livelli kollha; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibdew proġetti simili, jieħdu sehem fit-taħriġ tal-ġurnalisti, jappoġġaw mezzi tax-xandir indipendenti u d-diversità tal-midja, jinkoraġġixxu n-netwerking u l-kooperazzjoni bejn il-midja u gruppi ta' riflessjoni u jaqsmu l-aħjar prattiki u l-informazzjoni f'dawn l-oqsma;

56. Jikkundanna t-trażżin regolari fil-konfront tal-midja indipendenti, il-ġurnalisti u l-attivisti tas-soċjetà ċivili fir-Russja u fit-territorji okkupati, inkluż fil-Krimea minn meta saret l-annessjoni illegali tagħha; jenfasizza li mill-1999 'l hawn fir-Russja, għexieren ta' ġurnalisti nqatlu, għebu mingħajr ħjiel jew tqiegħdu l-ħabs; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-protezzjoni tal-ġurnalisti fir-Russja u fil-Viċinat tal-UE u jappoġġaw is-soċjetà ċivili Russa u jinvestu f'kuntatti interpersonali; jappella għall-ħelsien immedjat tal-ġurnalisti; jinnota li l-UE qiegħda ssaħħaħ ir-relazzjonijiet mas-sħab tagħha tal-Lvant u pajjiżi ġirien oħra, u qed iżżomm miftuħa l-linji ta' komunikazzjoni mar-Russja; jirrikonoxxi li l-ikbar ostaklu għall-kampanji ta' diżinformazzjoni Russi jkun l-eżistenza ta' midja ħielsa u indipendenti fir-Russja nnifisha; iqis li dan għandu jkun l-għan tal-UE; jitlob li jingħataw attenzjoni speċjali u riżorsi suffiċjenti għall-pluraliżmu tal-midja, il-midja lokali, il-ġurnaliżmu investigattiv, u l-midja f'lingwi barranin, partikolarment bir-Russu, l-Għarbi, il-Farsi, it-Tork u l-Urdu, kif ukoll b'lingwi oħrajn mitkellma minn popolazzjonijiet vulnerabbli għall-propaganda;

57. Jappoġġa l-kampanji ta' komunikazzjoni mwettqa minn atturi rilevanti fis-Sirja, l-Iraq u fir-reġjun (inklużi f'pajjiżi tal-oriġini tal-ġellieda barranin) biex tkun skreditata l-ideoloġija tal-ISIL/Daesh u jiġi ddenunzjat il-ksur tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem, u biex ikun miġġieled l-estremiżmu vjolenti u d-diskors ta' mibegħda marbut ma' gruppi oħrajn fir-reġjun; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex, fid-djalogu tagħhom mal-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta' Fuq, jenfasizzaw li l-governanza tajba, ir-responsabbiltà, it-trasparenza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma prerekwiżiti essenzjali biex jipproteġu lil dawn is-soċjetajiet mit-tixrid ta' ideoloġiji vjolenti u intolleranti li jispiraw organizzazzjonijiet terroristiċi bħall-ISIL/Daesh u l-Al-Qaeda; jenfasizza, fid-dawl taż-żieda fit-theddid terroristiku mill-ISIL/Daesh u organizzazzjonijiet terroristiċi internazzjonali oħra, il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' sigurtà ma' pajjiżi li għandhom esperjenza estensiva fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;

58. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kunsill jikkonfermaw l-appoġġ sħiħ tal-UE għall-proċess ta' implimentazzjoni li għaddej u jikkontribwixxu finanzjarjament għat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet tal-istudju ta' fattibbiltà dwar l-Inizjattivi tal-Midja bil-Lingwa Russa fis-Sħubija tal-Lvant u lil hinn, li sar mill-Fond Ewropew għad-Demokrazija fl-2015;

o

o o

59. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-SEAE u lin-NATO.

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0442

## Il-lingwa tas-sinjali u l-interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-lingwa tas-sinjali u l-interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali (2016/2952(RSP))**

(2018/C 224/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 5, 9, 10, 19, 168 u 216(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikoli 2 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 1988 dwar il-lingwi tas-sinjali għal persuni neqsin missmigħ ([1]), u tat-18 ta' Novembru 1998 dwar il-lingwi tas-sinjali ([2]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (is-CRPD) tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dħul fis-seħħ tagħha fl-UE fil-21 ta' Jannar 2011 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, b'riferiment partikolari għall-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD ([4]),

— wara li kkunsidra l-Kumment Ġenerali Nru 4 (2016) tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà dwar id-dritt għal edukazzjoni inklużiva ([5]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ("id-Direttiva") ([6]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar il-programm Erasmus+ u strumenti oħra sabiex titrawwem il-mobilità fl-ETV – approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja ([8]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' politika tal-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni ([9]),

---

([1]) ĠU C 187, 18.7.1988, p. 236.
([2]) ĠU C 379, 7.12.1998, p. 66.
([3]) ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0318.
([5]) http://www.ohchr.org/Documents/HRBodies/CRPD/GC/RighttoEducation/CRPD-C-GC-4.doc
([6]) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.
([7]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.
([8]) Testi adottati, P8_TA(2016)0107.
([9]) http://www.youthforum.org/assets/2016/04/0099-16_Policy_Paper_Equality_Non-discrimination_FINAL2.pdf

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-2 ta' Diċembru 2015, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (COM(2015)0615),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku (COM(2012)0721),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali ([1]),

— wara li kkunsidra l-Eżiti tat-Tagħlim u l-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Forum Ewropew tal-Interpreti tal-Lingwa tas-Sinjali (efsli) għall-opportunitajiet indaqs ta' taħriġ għal interpreti tal-lingwa tas-sinjali u servizzi ta' kwalità għal ċittadini neqsin mis-smigħ madwar l-Unjoni kollha ([2]),

— wara li kkunsidra l-linji gwida efsli/EUD għall-interpreti tal-lingwa tas-sinjali għal laqgħat fuq livell internazzjonali/Ewropew ([3]),

— wara li kkunsidra l-linji gwida AIIC għall-interpreti tal-lingwa mitkellma li jaħdmu f'timijiet imħallta ([4]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-efsli dwar id-drittijiet għal servizzi ta' interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali waqt studju jew xogħol f'pajjiż barrani ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, bħala ċittadini sħaħ, il-persuni kollha b'diżabilità, b'mod partikulari n-nisa u t-tfal, inklużi l-persuni neqsin mis-smigħ u b'diffikultajiet ta' smigħ, inklużi dawk li jużaw il-lingwa tas-sinjali u dawk li ma jużawhiex, għandhom drittijiet ugwali u huma intitolati għal dinjità indiskutibbli, trattament ugwali, għajxien indipendenti, awtonomija u parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà;

B. billi t-TFUE jobbliga lill-Unjoni tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha (l-Artikolu 10) u jagħtiha s-setgħa li tadotta leġiżlazzjoni li tindirizza tali diskriminazzjoni (l-Artikolu 19);

C. billi l-Artikoli 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxu b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità u jipprevedu l-parteċipazzjoni ugwali tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà;

D. billi hemm madwar miljun utent nieqes mis-smigħ tal-lingwa tas-sinjali fl-UE ([6]) u 51 miljun ċittadin b'diffikultajiet ta' smigħ ([7]), li ħafna minnhom huma wkoll persuni li jużaw il-lingwa tas-sinjali;

E. billi l-lingwi tas-sinjali nazzjonali u reġjonali huma lingwi naturali kompluti bil-grammatika u s-sintassi tagħhom ugwali għal lingwi mitkellma ([8]);

(1) ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1.
(2) http://efsli.org/publications
(3) http://efsli.org/efsliblu/wp-content/uploads/2012/09/SL-Interpreter-Guidelines.pdf
(4) http://aiic.net/page/6701/guidelines-for-spoken-language-interpreters-working-in-mixed-teams/lang/1
(5) http://efsli.org/efsliblu/wp-content/uploads/2012/09/R1101-The-right-to-sign-language-interpreting-services-when-working-or-studying-abroad.pdf
(6) http://europa.eu/rapid/press-release_IP-13-511_en.htm
(7) European Federation of Hard of Hearing People (Federazzjoni Ewropea tal-Persuni neqsin mis-smigħ) (EFHOH) http://www.efhoh.org/about_us
(8) Brentari, D., ed. (2010) Sign Languages. Cambridge University Press.
Pfau, R., Steinbach M. & Bencie W., eds. (2012) Sign Language: An International Handbook. De Gruyter.

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

F. billi l-politika ta' multilingwiżmu tal-UE tippromwovi t-tagħlim ta' lingwi barranin u billi wieħed mill-għanijiet tagħha hu li kull Ewropew ikun jaf jitkellem b'żewġ lingwi oħra minbarra l-lingwa omm tiegħu; billi t-tagħlim u l-promozzjoni tal-lingwi tas-sinjali nazzjonali u reġjonali jistgħu jappoġġjaw dan l-objettiv;

G. billi l-aċċessibbiltà hija prerekwiżit sabiex il-persuni b'diżabilitajiet ikunu jistgħu jgħixu indipendentement u jipparteċipaw bis-sħiħ u b'mod ugwali fis-soċjetà ([1]);

H. billi l-aċċessibbiltà mhijiex limitata biss għall-aċċessibilità fiżika tal-ambjent iżda testendi għall-aċċessibilità ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż fil-forma ta' forniment tal-kontenut fil-lingwa tas-sinjali ([2]);

I. billi l-interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali huma ugwali għall-interpreti tal-lingwa mitkellma f'termini ta' kompiti u funzjonijiet;

J. billi s-sitwazzjoni tal-interpreti tal-lingwa tas-sinjali hija eteroġenja fost l-Istati Membri, u tvarja minn appoġġ informali għall-familja sa interpreti professjonisti b'formazzjoni universitarja u kompletament ikkwalifikati;

K. billi hemm nuqqas ta' interpreti ikkwalifikati u professjonali tal-lingwa tas-sinjali fl-Istati Membri kollha u billi l-proporzjon ta' dawk li jużaw il-lingwa tas-sinjali u l-interpreti tal-lingwa tas-sinjali jvarja bejn 8:1 u 2 500:1, b'medja ta' 160:1 ([3]);

L. billi tressqet petizzjoni ([4]) quddiem il-Parlament li talbitu jippermetti li jiġu ppreżentati petizzjonijiet bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali u reġjonali tal-UE;

M. billi d-Dikjarazzjoni ta' Brussell dwar il-Lingwi tas-Sinjali fl-Unjoni Ewropea ([5]) tippromwovi approċċ nondiskriminatorju għall-użu ta' lingwa tas-sinjali naturali, kif meħtieġ skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li ġiet ratifikata mill-UE u l-Istati Membri kollha tal-UE minbarra wieħed;

N. billi l-livell u l-kwalità ta' sottotitoli fuq it-televiżjoni pubblika u privata tvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri, li tvarja minn anqas minn 10 % sa kważi 100 %, u bi standards ta' kwalità li jvarjaw ħafna ([6]); billi hemm nuqqas ta' dejta fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fir-rigward tal-livell ta' interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali fuq it-televiżjoni;

O. billi l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda tal-lingwa jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal dawk li jużaw il-lingwa tas-sinjali;

P. billi, skont is-CRPD, iċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli tikkostitwixxi diskriminazzjoni u billi, skont id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi, għandha tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli sabiex tiġi ggarantita l-konformità mal-prinċipju tat-trattament ugwali;

Q. billi bħalissa ċ-ċittadini torox, torox-għomja jew neqsin mis-smigħ m'għandhom l-ebda aċċess għal komunikazzjoni diretta għall-Membri tal-Parlament Ewropew u għall-amministraturi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u, viċi versa, għal persuni neqsin mis-smigħ jew neqsin mis-smigħ fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE;

---

([1]) Kumment Ġenerali Nru 2 tal-Kumitat għad-drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, CRPD/C/GC/2.
([2]) Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD), Artikolu 9.
([3]) WIT, M. de (2016, għadu mhux ippubblikat). Sign Language Interpreting in Europe, edizzjoni tal-2016.
([4]) Petizzjoni Nru 1056-16.
([5]) Id-Dikjarazzjoni ta' Brussell (2010), l-Unjoni Ewropea tal-Persuni Torox (EUD) http://www.eud.eu/files/8514/5803/7674/brussels_declaration_FINAL.pdf
([6]) EFHOH (2015). State of subtitling access in EU. Disponibbli fuq: http://media.wix.com/ugd/c2e099_0921564404524507bed2f-f3648781a3c.pdf

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

***Interpreti kwalifikati u professjonali tal-lingwa tas-sinjali***

1. Jenfasizza l-ħtieġa ta' interpreti kwalifikati u professjonali tal-lingwa tas-sinjali, li tista' biss tiġi ssodisfata fuq il-bażi tal-approċċ li ġej:

(a) rikonoxximent uffiċjali tal-lingwa(i) tas-sinjali nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri u fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE,

(b) taħriġ formali (università jew simili, ekwivalenti għal 3 snin ta' studji full-time, li jikkorrispondu għat-taħriġ meħtieġ għall-interpreti tal-lingwa mitkellma) ([1]),

(c) ir-reġistrazzjoni (akkreditazzjoni uffiċjali u sistema ta' kontroll ta' kwalità, bħal pereżempju l-iżvilupp professjonali kontinwu),

(d) rikonoxximent formali tal-professjoni;

2. Jirrikonoxxi li l-għoti ta' servizzi ta' interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali ta' kwalità għolja:

(a) jiddependi fuq valutazzjoni tal-kwalità oġġettiva li tinvolvi lill-partijiet interessati kollha,

(b) huwa bbażat fuq il-kwalifiki professjonali,

(c) jinvolvi rappreżentanti esperti mill-komunità tal-persuni neqsin mis-smigħ,

(d) huwa dipendenti fuq riżorsi suffiċjenti biex jitħarrġu u jiġu impjegati interpreti tal-lingwa tas-sinjali;

3. Jirrikonoxxi li l-interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali tikkostitwixxi servizz professjonali li jeħtieġ remunerazzjoni xierqa;

***Id-distinzjoni bejn l-aċċessibbiltà u l-akkomodazzjoni raġonevoli*** ([2])

4. Japprezza li l-aċċessibbiltà hija ta' benefiċċju għal ċerti gruppi u hija bbażata fuq sett ta' standards li jiġu implimentati gradwalment;

5. Huwa konxju li l-isproporzjonalità jew il-piż eċċessiv mhux dovut ma jistgħux jintużaw bħala argument biex wieħed jiddefendi n-nuqqas li jipprovdi aċċessibbiltà;

6. Jirrikonoxxi li l-akkomodazzjoni raġonevoli tirrigwarda l-individwu u timxi id f'id mal-obbligu tal-aċċessibilità;

7. Jinnota wkoll li individwu jista' jitlob miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli anki jekk l-obbligu tal-aċċessibbiltà jkun ġie sodisfat;

8. Jifhem li l-forniment ta' interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali jista' jikkostitwixxi miżura ta' aċċessibbiltà jew miżuri raġonevoli ta' akkomodazzjoni, skont is-sitwazzjoni;

***L-aċċessibbiltà***

9. Jenfasizza li ċ-ċittadini neqsin mis-smigħ, neqsin mis-smigħ-għomja u b'diffikultajiet ta' smigħ jeħtieġ li jkollhom aċċess għall-istess informazzjoni u komunikazzjoni daqs il-pari tagħhom fil-forma ta' interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali, is-sottotitoli, il-konverżjoni tal-kliem mitkellem f'kitba (speech-to-text) u/jew forom alternattivi ta' komunikazzjoni, inklużi interpreti orali;

([1]) efsli (2013), Learning Outcomes for Graduates of a Three Year Interpreting Training Programme.
([2]) CRPD/C/GC/4, paragrafu 28.

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

10. Jenfasizza li jeħtieġ li s-servizzi pubbliċi u governattivi, inkluż il-kontenut online tagħhom, ikunu aċċessibbli b'mod dirett permezz ta' intermedjarji bħal interpreti tal-lingwa tas-sinjali fuq il-post, iżda wkoll permezz ta' servizzi remoti alternattivi bbażati fuq l-internet, fejn xieraq;

11. Itenni l-impenn tiegħu li jagħmel il-proċess politiku kemm jista' jkun aċċessibbli, inkluż bil-forniment ta' interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali; jinnota li dan jinkludi elezzjonijiet, konsultazzjonijiet pubbliċi u avvenimenti oħrajn, kif xieraq;

12. Jenfasizza r-rwol dejjem jikber tat-teknoloġiji lingwistiċi fl-għoti ta' aċċess ugwali għal kulħadd għall-ispazju diġitali;

13. Jirrikonoxxi l-importanza ta' standards minimi biex jiżguraw l-aċċessibbiltà, speċjalment fid-dawl ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti, bħalma huwa l-forniment ta' servizzi ta' interpretazzjoni u ta' sottotitoli bil-lingwa tas-sinjali bbażati fuq l-internet;

14. Jinnota li, filwaqt li l-għoti tal-kura tas-saħħa hija kompetenza tal-Istati Membri, din għandha taqdi l-ħtiġijiet ta' pazjenti neqsin mis-smigħ, neqsin mis-smigħ-għomja u b'diffikultajiet ta' smigħ, pereżempju billi tipprovdi interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali u taħriġ ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u t-tfal;

15. Jirrikonoxxi li l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għaċ-ċittadini neqsin mis-smigħ, neqsin mis-smigħ-għomja u b'diffikultajiet ta' smigħ, tista' tiġi żgurata biss permezz tal-forniment ta' interpreti kwalifikati b'mod xieraq u professjonali tal-lingwa tas-sinjali;

16. Jinsab konxju tal-importanza ta' servizzi ta' interpretazzjoni u ta' traduzzjoni akkurati u preċiżi, b'mod partikolari fil-qorti u f'ambjenti legali oħra; itenni, għalhekk, l-importanza ta' interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali speċjalizzati u bi kwalifiki għolja, partikolarment f'dawk il-kuntesti;

17. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-appoġġ u d-dispożizzjonijiet speċifiċi, bħall-interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali u l-informazzjoni bbażata fuq it-test aċċessibbli f'ħin reali fil-każ ta' diżastri, għall-persuni b'diżabilitajiet f'sitwazzjonijiet ta' kunflitti armati, emerġenzi umanitarji u diżastri naturali ([1]);

### *Impjiegi, edukazzjoni u taħriġ*

18. Jinnota li, sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-impjieg, l-edukazzjoni u t-taħriġ, jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli, li jinkludu l-forniment ta' interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali;

19. Jenfasizza li jeħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni bilanċata u olistika dwar il-lingwa tas-sinjali u xi jfisser li persuna tkun nieqsa mis-smigħ sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati fl-aħjar interess tat-tfal tagħhom;

20. Jenfasizza li l-programmi ta' intervent bikri huma kruċjali għat-tfal fl-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħajja, inklużi l-ħiliet lingwistiċi; jinnota, barra minn hekk, li dawk il-programmi għandhom idealment jinkludu persuni neqsin mis-smigħ bħala mudelli eżemplari;

21. Jenfasizza li l-istudenti neqsin mis-smigħ, neqsin mis-smigħ-għomja u b'diffikultajiet ta' smigħ u l-ġenituri tagħhom jeħtieġ li jingħataw l-opportunità li jitgħallmu l-lingwa tas-sinjali nazzjonali jew reġjonali tal-ambjent tagħhom permezz ta' servizzi ta' qabel l-iskola u fl-iskola ([2]);

---

([1]) Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD), Artikolu 11.
([2]) http://www.univie.ac.at/designbilingual/downloads/De-Sign_Bilingual_Findings.pdf

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

22. Jenfasizza li l-lingwa tas-sinjali għandha tiġi inkluża fil-kurrikuli edukattivi sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-lingwa tas-sinjali u jiżdied l-użu tagħha;

23. Jenfasizza li jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiġi rikonoxxuta u promossa l-identità lingwistika tal-komunità nieqsa mis-smigħ ([1]);

24. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu t-tagħlim tal-lingwa tas-sinjali bl-istess mod bħal-lingwi barranin;

25. Jenfasizza li l-interpreti kkwalifikati tal-lingwa tas-sinjali u l-għalliema b'kompetenza fil-lingwa tas-sinjali u mgħammra bil-ħiliet biex jaħdmu effettivament f'ambjenti ta' edukazzjoni inklużiva bilingwi jiffurmaw parti essenzjali tal-kisba akkademika tat-tfal u ż-żgħażagħ neqsin mis-smigħ, u jwasslu għal riżultati edukattivi ogħla u rati ta' qgħad aktar baxxi fuq medda twila ta' żmien;

26. Jenfasizza n-nuqqas mifrux ta' kotba tal-iskola u materjal tat-tagħlim tas-sinjali bilingwi f'lingwi u formati aċċessibbli;

27. Iħeġġeġ sabiex il-prinċipju tal-libertà tal-moviment għall-persuni torox, torox-għomja u b'diffikultajiet ta' smigħ fl-UE jkun iggarantit, speċjalment fil-kuntest tal-programm Erasmus + u ta' programmi ta' mobilità relatati, billi jiġi żgurat li fuq il-parteċipanti ma jaqax il-piż sproporzjonat li jkollhom jieħdu ħsieb tal-arranġamenti għall-interpretazzjoni tagħhom stess;

28. Jilqa' l-proġett pilota Karta Ewropea tad-Diżabilità; jiddispjaċih għall-esklużjoni tal-interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali fil-proġett peress li dan ifixkel b'mod sinifikanti l-libertà tal-moviment tal-ħaddiema u studenti neqsin mis-smigħ, neqsin mis-smigħ-għomja u b'diffikultajiet ta' smigħ fl-UE;

***Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja***

29. Jirrikonoxxi li l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġ li jirrappreżentaw eżempji tal-aħjar prattika għall-persunal, uffiċjali eletti u apprendisti tagħhom u vis-à-vis iċ-ċittadini tal-UE fir-rigward tal-forniment ta' akkomodazzjoni raġonevoli u aċċessibbiltà, li tinkludi l-forniment ta' interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali;

30. Jilqa' l-fatt li l-istituzzjonijiet tal-UE diġà, fuq bażi ad hoc, qed jipprovdu aċċessibbiltà għall-avvenimenti pubbliċi u laqgħat tal-kumitati; huwa tal-fehma li s-sottotitoli u il-konverżjoni tal-kliem mitkellem f'kitba għandhom jitqiesu bħala miżura alternattiva iżda ugwali u meħtieġa għall-persuni b'diffikultajiet ta' smigħ li ma jużawx il-lingwa tas-sinjali, u li dan huwa wkoll rilevanti għall-impjegati tal-istituzzjonijiet tal-UE f'termini tal-forniment ta' akkomodazzjoni raġonevoli skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol;

31. Jirrikonoxxi li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom sistema stabbilita li tipprovdi interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali permezz tad-dipartimenti tal-interpretazzjoni rispettivi tagħhom għall-finijiet ta' aċċessibilità; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet jużaw dawn is-sistemi eżistenti anki meta jipprovdu akkomodazzjoni raġonevoli għall-persunal u/jew uffiċjali eletti, u b'hekk effettivament jimminimizzaw il-piż amministrattiv fuq l-individwu u l-istituzzjonijiet;

32. Iħeġġeġ b'saħħa lill-istituzzjonijiet jagħtu formalment lill-interpreti tal-lingwa tas-sinjali l-istess status bħall-interpreti tal-lingwa mitkellma fir-rigward tas-servizzi ta' interpretazzjoni li huma jipprovdu lill-istituzzjonijiet u/jew lill-impjegati u l-uffiċjali maħturin tagħhom, inkluż l-aċċess għal appoġġ teknoloġiku u materjali u dokumenti preparatorji;

33. Iħeġġeġ lill-Eurostat jiżgura li l-istituzzjonijiet tal-UE jingħataw statistika dwar l-utenti neqsin mis-smigħ, neqsin mis-smigħ-għomja u b'diffikultajiet ta' smigħ sabiex ikunu jistgħu jiddefinixxu, jimplimentaw u janalizzaw aħjar il-politiki lingwistiċi u dwar id-diżabilità tagħhom;

34. Iħeġġeġ lis-servizz tal-viżitaturi tal-Parlament jaqdi l-ħtiġijiet tal-viżitaturi neqsin mis-smigħ, neqsin mis-smigħ-għomja u b'diffikultajiet ta' smigħ, billi b'mod dirett jipprovdu aċċess b'lingwa tas-sinjali nazzjonali jew reġjonali u b'servizzi ta' konverżjoni tal-kliem mitkellem f'kitba;

([1]) Kumment Ġenerali Nru 4 tal-Kumitat għad-drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, CRPD/C/GC/4, disponibbli fuq: http://www.ohchr.org/Documents/HRBodies/CRPD/GC/RighttoEducation/CRPD-C-GC-4.doc

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

35. Jitlob lill-istituzzjonijiet jimplimentaw bis-sħiħ il-proġett pilota INSIGN tal-UE, li huwa tweġiba għad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar l-implimentazzjoni ta' applikazzjoni u servizz fil-ħin reali tal-lingwa tas-sinjali, u li għandu l-għan li jtejjeb il-komunikazzjoni bejn persuni neqsin mis-smigħ u b'diffikultajiet ta' smigħ u l-istituzzjonijiet tal-UE ([1]);

o

o o

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) http://www.eud.eu/projects/past-projects/insign-project/

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0443

## Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva bentażon

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva bentażon, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (D047341/00 – 2016/2978(RSP))**

(2018/C 224/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva bentażon, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (D047341/00,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 11 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjoni mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva bentażon ([3]),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sustanza attiva bentażon taġixxi bħala erbiċida selettiva post-emerġenti kontra ħaxix ħażin bil-weraq wiesa' f'firxa kbira ta' wċuħ tar-raba' u tintuża b'mod komuni fl-agrikoltura;

B. billi s-sustanza attiva bentażon għandha potenzjal kbir li tnixxi direttament fl-ilma ta' taħt l-art minħabba l-karatteristiċi inerenti tagħha;

C. billi data mill-Aġenzija Ambjentali tar-Renju Unit turi li s-sustanza attiva bentażon hija l-pestiċida approvata li l-aktar li tiġi identifikata fl-ilma ta' taħt l-art fir-Renju Unit, u tinsab ukoll fl-ilmijiet tal-wiċċ; billi teżisti sitwazzjoni simili madwar l-Ewropa;

D. billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/549 tat-8 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 estenda l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva bentażon sat-30 ta' Ġunju 2017 għax il-valutazzjoni tas-sustanza ġiet posposta;

E. billi l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva bentażon skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (minn hawn 'il quddiem l- "abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni") jipprevedi, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni xjentifika mwettqa mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), l-awtorizzazzjoni ta' bentażon sal-31 ta' Jannar 2032, jiġifieri, għall-itwal żmien possibbli;

(1) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
(2) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
(3) EFSA Journal 2015; 13(4):4077.

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

F. billi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, ġew inklużi ċerti kundizzjonijiet u restrizzjonijiet fl-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-ħtieġa li tiġi pprovduta aktar informazzjoni ta' konferma;

G. billi wara kunsiderazzjoni tal-kummenti riċevuti fuq ir-Rapport ta' Valutazzjoni tat-Tiġdid (RAR), ġie konkluż li għandha tintalab informazzjoni addizzjonali mill-applikanti;

H. billi wara kunsiderazzjoni tal-kummenti riċevuti dwar l-RAR, ġie konkluż li l-EFSA għandha twettaq konsultazzjoni ta' esperti fl-oqsma tat-tossikoloġija tal-mammiferi, ir-residwi, id-destin u l-imġiba tal-ambjent u l-ekotossikoloġija u għandha tadotta konklużjoni dwar jekk is-sustanza attiva bentażon tistax tkun mistennija tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

I. billi l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu informazzjoni ta' konferma fir-rigward tat-testijiet ta' livell 2/3 attwalment indikati fil-Qafas Kunċettwali tal-OECD biex jiġi indirizzat il-potenzjal għal modalità ta' azzjoni b'medjazzjoni endokrinali fir-rigward tal-effetti b'rabta mal-iżvilupp osservati fi studju ta' tossiċità tal-iżvilupp fil-firien (żieda ta' telf wara l-impjantazzjoni, għadd imnaqqas ta' feti ħajjin u żvilupp fetali tard fin-nuqqas ta' tossiċità materna ċara li tissuġġerixxi li l-klassifikazzjoni bħala reprotossika fil-kategorija 2 tista' tkun adegwata);

J. billi l-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumatur ma ġietx finalizzata għax id-definizzjonijiet proposti ta' residwu għall-valutazzjoni tar-riskju fil-pjanti u għall-infurzar fil-bhejjem kienu meqjusa bħala proviżorji minħabba li ġew identifikati lakuni fid-data;

K. billi l-valutazzjoni tal-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art għall-bentażon prinċipali u l-metabolit N-metil-bentażon ma ġietx iffinalizzata; billi m'hemmx informazzjoni dwar il-potenzjal għall-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art meta r-rati ta' applikazzjoni annwali jkunu 'l fuq minn 960 g a.s./ha. (intalbu użi rappreżentattivi ta' massimu ta' 1 440 g a.s./ha);

L. billi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova sustanza attiva filwaqt li fl-istess ħin titlob data li tikkonferma s-sigurtà tagħha (magħrufa bħala proċedura ta' data konfermatorja) tippermetti li s-sustanza attiva titqiegħed fis-suq qabel mal-Kummissjoni tkun kisbet id-data kollha meħtieġa biex tappoġġa dik id-deċiżjoni;

M. billi d-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tat-18 ta' Frar 2016 fil-kawża12/2013/MDC dwar il-prattiki tal-Kummissjoni dwar l-awtorizzazzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (pestiċidi), appellat lill-Kummissjoni biex tuża l-proċedura ta' data konfermatorja b'mod restrittiv u strettament f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli u biex, fi żmien sentejn mid-Deċiżjoni tal-Ombudsman, tibgħat rapport li juri li l-għadd ta' deċiżjonijiet b'informazzjoni konfermatorja naqas b'mod sostanzjali meta mqabbel mal-approċċ attwali;;

N. billi l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jonqos milli jimplimenta l-proposti tal-Ombudsman Ewropew għal soluzzjoni biex titjieb is-sistema tal-approvazzjoni tal-pestiċidi tal-Kummissjoni;

O. billi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi m'għandux ikun għal perjodu ta' aktar minn 15-il sena; billi l-perjodu ta' approvazzjoni għandu jkun proporzjonali mar-riskji inerenti possibbli fl-użu ta' tali sustanzi; billi l-prinċipju ta' prekawzjoni li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandu jiġi applikat, jitlob li l-Kummissjoni tiżgura li ma tapprovax sustanzi attivi f'każijiet fejn is-saħħa pubblika jew l-ambjent jistgħu jkunu f'periklu;

P. billi l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-EFSA jipproponi li s-sustanza attiva bentażon tiġi kklassifikata bħala tossika għar-riproduzzjoni ta' kategorija 2 skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

Q. billi kwistjoni tkun elenkata bħala qasam kritiku ta' tħassib meta jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli biex issir valutazzjoni għall-użi rappreżentattivi f'konformità mal-Prinċipji Uniformi skont l-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u kif stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 546/2011, u fejn din il-valutazzjoni ma tippermettix li jiġi konkluż li għal mill-inqas wieħed mill-użi rappreżentattivi jista' jkun mistenni li prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva mhu se jkollu l-ebda effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew fuq l-ilma ta' taħt l-art jew xi influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent;

R. billi skont il-konklużjonijiet tal-EFSA, ġew identifikati oqsma kritiċi ta' tħassib, b'mod partikolari l-fatt li l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku propost għaż-żewġ applikanti ma kinitx paragunabbli mal-materjali użati fl-ittestjar biex joħorġu l-valuri tossikoloġiċi ta' referenza u ma ntweriex li l-materjal tekniku użat fl-istudji dwar l-ekotossiċità jirrappreżenta kif xieraq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għaż-żewġ applikanti;

1. Iqis li l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jisboq is-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

2. Iqis li l-valutazzjoni dwar l-użi rappreżentattivi tas-sustanza attiva bentażon mhijiex biżżejjed biex tikkonkludi li, għal mill-inqas wieħed mill-użi rappreżentattivi, prodott għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva bentażon jista' jkun mistenni li mhux se jkollu xi effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew fuq l-ilma ta' taħt l-art jew xi influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffinanzjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni fir-rigward ta' soluzzjonijiet alternattivi sostenibbli u kosteffiċjenti għal prodotti għall-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara, bil-ħsieb li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent;

4. Iqis li, bl-applikazzjoni tal-proċedura ta' data konfermatorja għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva bentażon, il-Kummissjoni kisret id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u kisret il-prinċipju ta' prekawzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex qabel ma tieħu deċiżjoni dwar l-approvazzjoni, titlob u tivvaluta kwalunkwe informazzjoni nieqsa rilevanti bħala kwistjoni ta' prijorità;

6. Jitlob lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tagħha u tippreżenta abbozz ġdid lill-kumitat;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0444

## Il-każ ta' Gui Minhai, pubblikatur inkarċerat fiċ-Ċina

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar il-każ ta' Gui Minhai, pubblikatur inkarċerat fiċ-Ċina (2016/2990(RSP))**

(2018/C 224/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fiċ-Ċina, b'mod partikolari dawk tal-4 ta' Frar 2016 dwar il-każ tal-pubblikaturi tal-kotba neqsin f'Hong Kong ([1]), tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar ir-relazzjonijiet UE-Ċina ([2]) u tat-13 ta' Marzu 2014 dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-25 Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-7 ta' Jannar 2016 tal-kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar l-għajbien ta' individwi assoċjati mad-dar ta' pubblikazzjoni Mighty Current f'Hong Kong,

— wara li kkunsidra t-18-il Rapport Annwali tal-Kummissjoni Ewropea u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali (RAS) ta' Hong Kong ta' April 2016,

— wara li kkunsidra d-djalogu UE-Ċina rigward id-drittijiet tal-bniedem, imniedi fl-1995, u l-34 sessjoni li ġiet organizzata f'Beijing fit-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-16 ta' Frar 2016 tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tas-SEAE lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Elements for a new EU strategy on China" (Elementi għal strateġija ġdida tal-UE dwar iċ-Ċina), tat-22 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-Liġi Bażika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (minn hawn 'il quddiem "il-Liġi Bażika"), b'mod partikolari l-artikoli dwar il-libertajiet personali u l-libertà tal-istampa, kif ukoll l-Ordinanza dwar id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet ta' Hong Kong (Hong Kong Bill of Rights Ordinance),

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-adozzjoni tal-liġi ġdida dwar is-sigurtà nazzjonali mill-Kumitat Permanenti tal-Kungress Popolari Nazzjonali Ċiniż fl-1 ta' Lulju 2015, l-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar il-ġestjoni tal-NGOs barranin mill-Kungress Popolari Nazzjonali fit-28 ta' April 2016 u l-adozzjoni tal-liġi ġdida dwar iċ-ċibersigurtà fis-7 ta' Novembru 2016,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Gui Minhai, pubblikatur tal-kotba u azzjonist tad-dar ta' pubblikazzjoni u ta' ħanut tal-kotba li jbigħ xogħlijiet letterarji li jikkritikaw lil Beijing, għeb f'Pattaya, it-Tajlandja, fis-17 ta' Ottubru 2015 mingħajr traċċa;

B. billi bejn Ottubru u Diċembru 2015 erba' residenti oħra ta' Hong Kong (Lui Bo, Zhang Zhiping, Lam Wing-Kee u Lee Bo) li kienu jaħdmu fl-istess ħanut tal-kotba għebu wkoll;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0045.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0458.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2014)0252.

C. billi Gui Minhai huwa ċittadin Żvediż ta' oriġini Ċiniża u għalhekk ċittadin tal-UE;

D. billi fis-17 ta' Jannar 2016 Gui Minhai deher f'xandira tat-televiżjoni Ċiniża u apparentement irrikonoxxa li kien irritorna volontarjament fiċ-Ċina kontinentali sabiex jiġi ġġudikat għal allegat reat li kien jinvolvi inċident bil-karozza fl-2003; billi hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li l-apparizzjoni tiegħu fuq it-televiżjoni kienet orkestrata u li kien ingħata dokument li kellu jaqra minnu;

E. billi Gui Minhai ilu taħt arrest għal aktar minn sena, f'iżolament, u billi mhux magħruf fejn jinsab; billi Gui Minhai huwa l-uniku bejjiegħ tal-kotba tal-grupp li għadu l-ħabs;

F. billi l-awtoritajiet Żvediżi talbu l-appoġġ sħiħ tal-awtoritajiet Ċiniżi biex jitħarsu d-drittijiet taċ-ċittadin tagħhom, kif ukoll tal-individwi l-oħra li "għebu"; billi la l-familja ta' Gui Minhai u lanqas il-Gvern Żvediż ma ġew infurmati b'xi akkuża formali miġjuba kontrih, jew dwar il-post formali tad-detenzjoni tiegħu;

G. billi Lui Bo u Zhang Zhiping tħallew jirritornaw Hong Kong, rispettivament fl-4 ta' Marzu u fit-8 ta' Marzu 2016, wara li kienu detenuti fiċ-Ċina kontinentali; billi huma talbu lill-pulizija jwaqqgħu l-kawżi rispettivi tagħhom u marru lura fiċ-Ċina kontinentali fl-istess jum li kienu waslu; billi Lee Bo mar lura Hong Kong fl-24 ta' Marzu 2016 u jiċħad li kien inħataf; billi Lam Wing-Kee rritorna Hong Kong fis-16 ta' Ġunju 2016;

H. billi f'Ġunju 2016, Lam Wing-Kee, wieħed mill-pubblikaturi, mar lura Hong Kong biex jagħlaq l-inkjesta dwar l-għajbien tiegħu, iżda minflok ma rritorna lejn il-kontinent qal lill-midja li kien inħataf mis-servizzi ta' sigurtà Ċiniżi, inżamm iżolat u ġie mġiegħel jistqarr li wettaq reati li ma kienx ikkommetta quddiem il-kameras tat-televiżjoni;

I. billi Hong Kong jiddefendi u jipproteġi l-libertajiet tal-kelma, ta' espressjoni u ta' pubblikazzjoni; billi l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe materjal li jikkritika lill-mexxejja Ċiniżi hija legali f'Hong Kong, għalkemm hija pprojbita fiċ-Ċina kontinentali; billi l-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi" jiggarantixxi l-awtonomija ta' Hong Kong minn Beijing fir-rigward ta' tali libertajiet li huma minquxa fl-Artikolu 27 tal-Liġi Bażika;

J. billi fir-Rapport Annwali tal-2015 dwar ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, is-SEAE u l-Kummissjoni jqisu l-każ tal-ħames pubblikaturi tal-kotba bħala l-aktar sfida serja għal-Liġi Bażika ta' Hong Kong u, l-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi" minn meta Hong Kong reġgħet ingħaqdet mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ) fl-1997; billi l-aġenziji tal-infurzar legali biss f'Hong Kong għandhom l-awtorità legali biex jinfurzaw il-liġi f'Hong Kong;

K. billi l-Kumitat tan-NU kontra t-Tortura rrapporta t-tħassib serju tiegħu dwar rapporti konsistenti minn diversi sorsi dwar il-kontinwazzjoni ta' prattika ta' detenzjoni illegali f'postijiet ta' detenzjoni li la huma rikonoxxuti u lanqas huma uffiċjali, l-hekk imsejħa "ħabsijiet suwed"; billi huwa esprima wkoll it-tħassib serju tiegħu dwar rapporti konsistenti li jindikaw li l-prattika tat-tortura u tat-trattament ħażin għada integrata sew fis-sistema tal-ġustizzja kriminali, li hija dipendenti żżejjed fuq il-konfessjonijiet bħala bażi għall-kundanni;

L. billi ċ-Ċina ffirmat iżda għadha ma rratifikatx il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), billi ċ-Ċina la ffirmat u lanqas ma rratifikat il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat;

M. billi s-17-il Summit UE-Ċina tad-29 ta' Ġunju 2015 tella' r-relazzjonijiet bilaterali fuq livell ġdid, u billi l-UE, fil-qafas strateġiku tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, wiegħdet li se tqiegħed id-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi terzi kollha, inklużi s-sħab strateġiċi tagħha; billi t-18-il Summit UE-Ċina tat-12-13 ta' Lulju 2016 ikkonkluda b'dikjarazzjoni li tgħid li se jkun hemm ċiklu ieħor ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina qabel tmiem l-2016;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar in-nuqqas ta' għarfien dwar fejn jinsab Gui Minhai; jappella għall-pubblikazzjoni immedjata ta' informazzjoni dettaljata dwar fejn jinsab Gui Minhai u jitlob li dan jinħeles minnufih b'mod sikur u li jingħata d-dritt li jikkomunika;

2. Jinnota bi tħassib l-allegazzjonijiet li l-aġenziji tal-infurzar taċ-Ċina kontinentali qegħdin joperaw f'Hong Kong; ifakkar lill-awtoritajiet Ċiniżi li kwalunkwe operazzjoni tal-aġenziji tagħhom tal-infurzar tal-liġi f'Hong Kong tkun inkonsistenti mal-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi";

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet rilevanti fit-Tajlandja, iċ-Ċina u Hong Kong biex jiċċaraw iċ-ċirkostanzi tal-għajbien f'konformità mal-istat tad-dritt;

4. Jikkundanna bil-qawwa l-każijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-arresti arbitrarji, il-konsenji, il-konfessjonijiet sfurzati, id-detenzjoni sigrieta, id-detenzjoni f'iżolament u l-vjolazzjonijiet tal-libertà ta' pubblikazzjoni u ta' espressjoni; ifakkar li l-indipendenza tal-edituri tal-kotba, tal-ġurnalisti u tal-bloggers trid tiġi ssalvagwardata; jitlob it-tmiem immedjat tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-intimidazzjoni politika;

5. Jikkundanna r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' espressjoni u l-kriminalizzazzjoni tagħha, u jiddeplora r-restrizzjonijiet aktar stretti fuq il-libertà tal-espressjoni; jistieden lill-Gvern Ċiniż jieqaf joħnoq il-fluss liberu ta' informazzjoni, inkluż billi jirrestrinġi l-użu tal-internet;

6. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward il-liġi ġdida dwar iċ-ċibersigurtà, adottata fis-7 ta' Novembru 2016, li tinforza u tistituzzjonalizza l-prattiki ta' ċensura u monitoraġġ taċ-ċiberspazju, u rigward il-liġi dwar is-sigurtà nazzjonali li ġiet adottata u l-abbozz ta' liġi dwar l-antiterroriżmu; jinnota l-biżgħat tal-avukati riformisti u d-difensuri tad-drittijiet ċivili Ċiniżi li dawn il-liġijiet se jkomplu jirrestrinġu l-libertà ta' espressjoni u li l-awtoċensura se tikber;

7. Jistieden liċ-Ċina biex teħles lil dawk kollha li jikkritikaw il-gvern b'mod paċifiku, lill-attivisti li jimmilitaw kontra l-korruzzjoni, kif ukoll lill-avukati u lill-ġurnalisti, u biex twaqqa' l-akkużi kollha kontrihom;

8. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dħul fis-seħħ imminenti tal-Liġi ġdida dwar il-Ġestjoni tal-NGOs Barranin fl-1 ta' Jannar 2017, meta jitqies li din se xxekkel drastikament l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili Ċiniża u tirrestrinġi serjament il-libertajiet ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni fil-pajjiż, inkluż billi tipprojbixxi NGOs barranin li mhumiex reġistrati mal-Ministeru Ċiniż tas-Sigurtà Pubblika u billi timpedixxi li d-dipartimenti tas-sigurtà pubblika provinċjali jiffinanzjaw lil kwalunkwe individwu Ċiniż jew organizzazzjoni Ċiniża, u billi tipprojbixxi lil gruppi Ċiniżi milli jwettqu "attivitajiet" f'isem l-NGOs barranin li ma jkunux irreġistrati, inklużi dawk ibbażati f'Hong Kong u l-Macao, jew bl-awtorizzazzjoni ta' tali NGOs; jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi jipprovdu ambjent sikur u ġust u proċessi trasparenti li jippermettu lill-NGOs joperaw b'mod ħieles u effettiv fiċ-Ċina;

9. Jissottolinja l-impenn tal-Unjoni Ewropea għat-tisħiħ tad-demokrazija, inkluż l-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, it-trasparenza, u l-libertà ta' informazzjoni u ta' espressjoni f'Hong Kong;

10. Jitlob liċ-Ċina tirratifika l-ICCPR u tiffirma u tirratifika l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat mingħajr dewmien;

11. Jenfasizza l-impenn tal-Unjoni Ewropea għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari t-trasparenza u l-libertà tal-kelma u ta' espressjoni, fil-pajjiżi kollha li magħhom għandha relazzjonijiet bilaterali; jemmen li jeħtieġ li jiġi stabbilit djalogu sinifikanti u miftuħ dwar id-drittijiet tal-bniedem, ibbażat fuq ir-rispett reċiproku; jemmen li relazzjonijiet b'saħħithom u kontinwi bejn l-UE u ċ-Ċina jridu jipprovdu pjattaforma effettiva għal djalogu matur, sinifikanti u miftuħ dwar id-drittijiet tal-bniedem abbażi tar-rispett reċiproku;

12. Jinsisti li r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi huma importanti biex tingħata spinta lill-benesseri rispettiv tagħna; ifakkar li tali relazzjonijiet jistgħu jevolvu biss *bona fide* u b'fiduċja reċiproka; jenfasizza li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u t-trasparenza huwa parti mill-ftehimiet kummerċjali moderni;

13. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE jaġixxu bil-ħeffa u jpoġġu l-każ ta' Gui Minhai fuq l-aġenda li jmiss tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem UE-Ċina;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lill-Kap Eżekuttiv u lill-Assemblea tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong.

**Il-Ħamis 24 ta’ Novembru 2016**

P8_TA(2016)0445

# Is-sitwazzjoni tal-Guarani-Kaiowá fl-Istat Brażiljan ta’ Mato Grosso Do Sul

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Novembru 2016 dwar is-sitwazzjoni tal-Guarani-Kaiowá fl-Istat Brażiljan ta’ Mato Grosso do Sul (2016/2991(RSP))**

(2018/C 224/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-ħtieġa li jitħarsu d-drittijiet tal-popli indiġeni tal-Brażil, b’mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-popli indiġeni tal-Brażil tal-15 ta’ Frar 1996 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta’ Ottubru 1995 dwar is-sitwazzjoni tal-popli indiġeni tal-Brażil ([2]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni adottata mill-Assemblea Ġenerali fit-13 ta’ Settembru 2007,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-10 ta’ Diċembru 1948,

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU ta’ Settembru 2015,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Globali tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Popli Indiġeni u Tribali (il-Konvenzjoni 169), kif adottata fis-27 ta’ Ġunju 1989, u ffirmata mill-Brażil,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, Federica Mogherini, fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Popli Indiġeni tad-Dinja, tad-9 ta’ Awwissu 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1998, il-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR),

— wara li kkunsidra r-rapport mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet ta’ popli indiġeni, Victoria Tauli Corpuz, dwar il-missjoni tagħha fil-Brażil mis-7 sas-17 ta’ Marzu 2016 (A/HRC/33/42/Add.1),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2016 tal-Kunsill Missjunarju Indiġenu (CIMI),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet magħmula mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem matul id-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Brażil,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kostituzzjoni Brażiljana attwali tal-1988, li ġiet innegozjata mal-popli indiġeni, tagħraf id-drittijiet ta’ tali popli li jżommu t-tradizzjonijiet kulturali tagħhom u tirrikonoxxi d-dritt oriġinali tagħhom għat-territorji tal-antenati tagħhom; billi huwa d-dmir tal-Istat li jirregola u jipproteġi dan id-dritt;

---

([1]) ĠU C 65, 4.3.1996, p. 164.
([2]) ĠU C 287, 30.10.1995, p. 202.

B. billi, skont ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet ta' popli indiġeni, matul dawn l-aħħar tmien snin ġie rrappurtat nuqqas ta' progress preokkupanti fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tan-NU u tar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet li ilhom għaddejjin u li huma ta' interess fundamentali għall-popli indiġeni fil-Brażil, bħall-omologazzjoni tat-territorji tagħhom, kif ukoll ir-rigressjoni inkwetanti fil-ħarsien tad-drittijiet tal-popli indiġeni;

C. billi matul l-aħħar 14-il sena, skont id-data uffiċjali tas-Segretarjat Speċjali għas-Saħħa Indiġena (SESAI) u tad-distrett tas-saħħa indiġenu ta' Mato Grosso do Sul (DSEI-MS) dwar il-qtil ta' persuni indiġeni Guarani-Kaiowá fl-Istat ta' Mato Grosso do Sul, inqatlu mill-anqas 400 persuna indiġena u 14-il mexxej indiġenu, inkluż Simiao Vilharva u Clodiodi de Souza, fit-tentattivi tagħhom biex jieħdu lura l-artijiet tal-antenati tagħhom fi protesti paċifiċi;

D. billi, skont l-Istħarriġ Nazzjonali dwar is-Saħħa u n-Nutrizzjoni tal-Popli Indiġeni fil-Brażil, li sar bejn l-2008 u l-2009, ir-rata ta' malnutrizzjoni kronika fost it-tfal indiġeni kienet ta' 26 %, meta mqabbla ma' medja ta' 5,9 % fost tfal mhux indiġeni; billi, skont riċerka reċenti mwettqa mill-FIAN tal-Brażil u mill-Kunsill Missjunarju Indiġenu (CIMI), 42 % tal-persuni fil-komunitajiet Guarani u Kaiowá jsofru minn malnutrizzjoni kronika;

E. billi nuqqas ta' għoti ta' kura tas-saħħa, edukazzjoni u servizzi soċjali xierqa u n-nuqqas ta' demarkazzjoni tal-artijiet indiġeni kellhom impatt fuq is-suwiċidju fost iż-żgħażagħ u l-mortalità tat-trabi; billi matul l-aħħar 15-il sena mill-anqas 750 individwu, l-aktar żgħażagħ, ikkommettew suwiċidju u aktar minn 600 tifel u tifla taħt l-età ta' 5 snin mietu, li bosta minnhom mietu minn mard li seta' ġie evitat u trattat faċilment;

F. billi 98,33 % tal-artijiet indiġeni fil-Brażil jinsabu fir-reġjun tal-Amażonja, fejn il-popolazzjonijiet indiġeni jgħinu fil-ħarsien tal-bijodiversità fir-reġjun u b'hekk għandhom rwol fil-prevenzjoni tat-tibdil fil-klima; billi, skont l-istudju "Toward a Global Baseline of Carbon Storage in Collective Lands: An Updated Analysis of Indigenous Peoples' and Local Communities' Contributions to Climate Change Mitigation" (Lejn linja bażi globali ta' ħażna tal-karbonju f'artijiet kollettivi: Analiżi aġġornata tal-kontribut ta' popli indiġeni u ta' komunitajiet lokali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima), mill-Inizjattiva tad-Drittijiet u r-Riżorsi, iċ-Ċentru ta' Riċerka Woods Hole u l-Istitut World Resources, ippubblikat fl-1 ta' Novembru 2016, l-espansjoni tad-drittijiet għall-art tal-indiġeni jista' jkollha rwol importanti fil-ħarsien tal-foresti, tal-bijodiversità u tal-ekosistemi;

G. billi l-Ministeru Federali Pubbliku u l-Fondazzjoni Nazzjonali għall-Appoġġ tal-Popli Indiġenu (FUNAI) fl-2007 ffirmaw it-Termini ta' Aġġustament ta' Kondotta (TAC) bl-għan li jiġu identifikati u demarkati 36 territorju tal-komunità Guarani-Kaiowá f'Mato Grosso do Sul sal-2009;

H. billi għadd ta' inizjattivi għar-riforma, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni Federali Brażiljana għadhom għaddejjin, u billi dawn il-bidliet possibbli jistgħu jpoġġu f'riskju d-drittijiet tal-indiġeni rikonoxxuti mill-Kostituzzjoni;

1. Jirrikonoxxi s-sħubija fit-tul bejn l-UE u l-Brażil, li hija mibnija fuq il-fiduċja reċiproka u r-rispett għall-prinċipji u l-valuri demokratiċi; ifaħħar lill-Gvern Brażiljan għall-progress li għamel f'materji bħar-rwol kostruttiv tal-FUNAI, is-serje ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema Federali li jipprevjenu l-iżgumbramenti, il-bosta sforzi biex jiġu implimentati servizzi differenzjati fl-oqsma tas-saħħa u tal-edukazzjoni, il-kisbiet sinifikanti fir-rigward tad-demarkazzjoni tal-art fir-reġjun tal-Amażonja, l-organizzazzjoni tal-ewwel Konferenza Nazzjonali dwar il-Politika dwar l-Indiġeni u l-istabbiliment tal-Kunsill Nazzjonali għall-Politika dwar l-Indiġeni;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza mwettqa kontra l-komunitajiet indiġeni tal-Brażil; jiddeplora s-sitwazzjoni tal-faqar u tad-drittijiet tal-bniedem tal-popolazzjoni Guarani-Kaiowá f'Mato Grosso do Sul;

3. Jitlob lill-awtoritajiet Brażiljani jieħdu azzjoni immedjata biex iħarsu s-sigurtà tal-popli indiġeni u biex jiżguraw li jitwettqu investigazzjonijiet indipendenti dwar il-qtil u l-attakki fuq il-popli indiġeni fit-tentattivi tagħhom biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u territorjali tagħhom, b'tali mod li l-awturi jkunu jistgħu jiġu arrestati u jitressqu l-qorti;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

4. Ifakkar lill-awtoritajiet Brażiljani dwar ir-responsabilitajiet tagħhom fir-rigward tal-ħarsien u l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Brażiljana dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwu u dwar id-drittijiet tal-minoranzi u ta' gruppi etniċi vulnerabbli fir-rigward tal-popolazzjoni Guarani-Kaiowá;

5. Ifakkar lill-awtoritajiet Brażiljani dwar l-obbligu tagħhom li jirrispettaw l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem dwar il-popli indiġeni, kif meħtieġ b'mod partikolari mill-Kostituzzjoni Federali Brażiljana u l-Liġi 6.001/73 dwar "L-Istatut Indjan";

6. Jirrikonoxxi r-rwol tal-Qorti Suprema Federali Brażiljana biex tkompli tipproteġi d-drittijiet oriġinali u kostituzzjonali tal-popli indiġeni, u jistieden lill-Kunsill Nazzjonali biex jiżviluppa mekkaniżmi u azzjonijiet li jħarsu aħjar il-ħtiġijiet ta' popolazzjonijiet vulnerabbli;

7. Jistieden lill-awtoritajiet Brażiljani jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni wara l-missjoni tagħha fil-Brażil f'Marzu 2016;

8. Jitlob lill-awtoritajiet Brażiljani jiżviluppaw pjan ta' ħidma biex tingħata prijorità lit-tlestija tad-demarkazzjoni tat-territorji kollha mitluba mill-poplu ta' Guarani-Kaiowá u biex joħolqu kundizzjonijiet tekniċi u operattivi għal dan l-iskop, minħabba li ħafna mill-qtil huwa dovut għal rappreżalji fil-kuntest tal-okkupazzjoni mill-ġdid tal-artijiet tal-antenati;

9. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet Brażiljani jipprovdu baġit suffiċjenti għall-ħidma tal-FUNAI u jsaħħuha bir-riżorsi meħtieġa għall-għoti ta' servizzi bażiċi li fuqhom jiddependu l-popli indiġeni;

10. Jesprimi tħassib dwar l-emenda kostituzzjonali proposta 215/2000 (PEC 215), li l-popli indiġeni Brażiljani qegħdin jopponu bil-qawwa, peress li jekk tiġi approvata hija se tippreġudika d-drittijiet fuq l-art ta' popli indiġeni, billi tagħmilha possibbli għall-interessi kontra l-Indjani relatati mal-industriji agrokummerċjali, tal-injam, tal-minjieri u tal-enerġija biex iwaqqfu milli jiġu rikonoxxuti t-territorji indiġeni ġodda; jemmen bil-qawwa li l-kumpaniji għandhom jinżammu responsabbli għal kwalunkwe ħsara ambjentali u għal kwalunkwe abbuż tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu responsabbli għalihom, u li l-UE u l-Istati Membri għandhom jiddefendu dan bħala prinċipju bażiku billi jinkluduh bħala dispożizzjoni vinkolanti fil-politiki kummerċjali kollha;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-President u lill-Gvern tal-Brażil, lill-President tal-Kungress Nazzjonali Brażiljan, lill-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana u lill-Forum Permanenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kwistjonijiet Indiġeni.

P8_TA(2016)0446

# Il-każ ta' Ildar Dadin, priġunier minħabba twemmin fir-Russja

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar il-każ ta' Ildar Dadin, priġunier minħabba twemmin fir-Russja (2016/2992(RSP))

(2018/C 224/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapporti, r-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni lill-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet komuni rigward il-viżi għal uffiċjali Russi involuti fil-każ ta' Sergei Magnitsky [1]; ir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar l-istat tad-dritt fir-Russja [2], tat-13 ta' Marzu 2014 dwar ir-Russja: kundanna tad-dimostranti involuti fil-ġrajjiet tal-Pjazza Bolotnaya [3], ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill tat-2 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet komuni rigward il-viża għal uffiċjali Russi involuti fil-każ ta' Sergei Magnitsky [4]; u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2014 dwar l-għeluq tal-NGO "Memorial" (rebbieħ tal-Premju Sakharov 2009) fir-Russja [5], tat-12 ta' Marzu 2015 dwar l-omiċidju tal-kap tal-oppożizzjoni Russu Boris Nemtsov u l-istat tad-demokrazija fir-Russja [6], tal-10 ta' Ġunju 2015 dwar l-istat tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja [7], u tal-10 ta' Settembru 2015 dwar ir-Russja, b'mod partikolari l-każijiet ta' Eston Kohver, Oleg Sentsov u Olexander Kolchenko [8],

— wara li kkunsidra r-riżultati tas-Samit bejn l-UE u r-Russja tat-3 u l-4 ta' Ġunju 2013 u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem tad-19 ta' Mejju 2013,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni Russa, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, li jipproteġi l-libertà ta' espressjoni, u l-Artikolu 31, li jinkludi d-dritt għall-għaqda paċifika,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fil-bidu ta' Diċembru 2015 l-attivist Russu tal-oppożizzjoni Ildar Dadin ġie kkundannat għal tliet snin ħabs wara li organizza għadd ta' protesti u għaqdiet paċifiċi kontra l-gwerra, u dan għamlu bħala l-ewwel persuna fir-Russja li nstabet ħatja taħt liġi dwar l-għaqda pubblika iebsa adottata fl-2014;

B. billi Ildar Dadin ġie kkundannat għal tliet snin ħabs, kundanna li tmur lil hinn mis-sentenza rakkomandata mill-prosekuzzjoni ta' sentejn ħabs; billi s-sentenza tnaqqset b'appell għal sentejn u nofs;

C. billi matul il-priġunerija tiegħu li għadha għaddejja, is-Sur Dadin allegatament sofra tortura, swat, trattament inuman u theddid ta' qtil ripetuti min-naħa tal-awtoritajiet Russi, fil-kolonja penali numru 7 f'Karelia;

D. billi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) approvat it-talba tal-avukat tas-Sur Dadin u obbligat lill-Federazzjoni Russa tiżgura investigazzjoni effettiva, tressaq lis-Sur Dadin f'penitenzjarju differenti u tiżgura l-komunikazzjoni tiegħu mar-rappreżentant legali tiegħu;

(1) ĠU C 68 E, 7.3.2014, p. 13.
(2) ĠU C 65, 19.2.2016, p. 150.
(3) Testi adottati, P7_TA(2014)0253.
(4) Testi adottati, P7_TA(2014)0258.
(5) ĠU C 274, 27.7.2016, p. 21.
(6) ĠU C 316, 30.8.2016, p. 126.
(7) ĠU C 407, 4.11.2016, p. 35.
(8) Testi adottati P8_TA(2015)0314.

E. billi l-każ ta' Ildar Dadin mhuwiex iżolat, u rapporti kredibbli dwar id-drittijiet tal-bniedem jindikaw l-użu sistematiku tat-tortura, trattament ħażin u trattament inuman fis-sistema penali Russa; billi dawk li jwettqu u li huma responsabbli mit-tortura u l-abbuż ta' dawk fil-ħabs jew f'faċilitajiet penali u ta' detenzjoni ta' spiss igawdu minn impunità;

F. billi fit-3 ta' Novembru 2016, Thorbjørn Jagland, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, esprima t-tħassib tiegħu dwar l-allegazzjonijiet ta' trattament ħażin tas-Sur Dadin lil Alexander Konovalov, Ministru tal-Ġustizzja tal-Federazzjoni Russa;

G. billi n-numru ta' priġunieri politiċi fir-Russja żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin u, skont il-Memorial Human Rights Centre, issa huwa ta' 102 priġunier, fosthom Alexander Kostenko Fedorovic, Ivan Nepomnyaschih, Dmitry Buchenkov, Vladimir Ionov, Maxim Panfilov u oħrajn; billi fl-2015 ir-Russja nstabet li kisret il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 109 darbiet, fi kliem ieħor aktar minn kwalunkwe pajjiż ieħor;

H. billi kienu rreġistrati 197 mewta fil-kustodja tal-pulizija fl-2015, inklużi 109 dovuti għal "deterjorament f'daqqa tal-kundizzjonijiet tas-saħħa" u 62 suwiċidju, u dan jista' jindika abbuż, tortura u trattament ħażin mifruxa ta' priġunieri fis-sistema penitenzjarja tal-Federazzjoni Russa;

I. billi fis-26 ta' Ottubru 2016 qorti f'Moska imponiet multa ta' 300 000 rubli liċ-Ċentru Analitiku Yuriy Levada (Ċentru Levada), waħda mit-tliet organizzazzjonijiet prinċipali li jistudjaw l-opinjoni pubblika fir-Russja, minħabba li dan kien naqas milli jirreġistra bħala "aġent barrani";

J. billi l-President Putin dan l-aħħar iffirma digriet li bih ir-Russja minn issa 'l quddiem tirrifjuta li tipparteċipa fl-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI); billi f'dikjarazzjoni, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Russu iddeskriva x-xogħol tal-QKI bħala "ineffiċjenti u parzjali" u esprima tħassib dwar l-investigazzjoni tagħha rigward l-avvenimenti ta' Awwissu 2008 fl-Ossezja tan-Nofsinhar; billi l-prosekuturi tal-QKI ressqu rapport fuq il-websajt tal-qorti li jiddikjara li "l-okkupazzjoni Russa kienet akkumpanjata minn fastidju u intimidazzjoni tat-Tatari tal-Krimea";

K. billi f'Ottubru 2016 il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li ma jerġax jeleġġi lir-Russja bħala membru, wara li aktar minn 80 organizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-għajnuna internazzjonali ffirmaw ittra li tħeġġeġ lill-membri tan-NU jimblukkaw l-elezzjoni tar-Russja f'dan il-korp;

1. Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta' Ildar Dadin u ta' dawk kollha li ġew arrestati fuq akkużi foloz jew mhux sostanzjati jew għaliex użaw id-dritt tagħhom tal-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda;

2. Huwa mħasseb profondament li l-Kodiċi Kriminali tal-Federazzjoni Russa ġie emendat permezz ta' artikolu li jqiegħed restrizzjonijiet ġodda fuq il-laqgħat pubbliċi u jipprovdi biex tali laqgħat jitqiesu bħala att kriminali;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi jwettqu investigazzjoni dettaljata u trasparenti dwar l-allegazzjonijiet magħmula minn Ildar Dadin ta' tortura u trattament ħażin, bil-parteċipazzjoni ta' esperti indipendenti dwar id-drittijiet tal-bniedem; jitlob li ssir investigazzjoni indipendenti dwar l-allegazzjonijiet ta' tortura, abbuż u trattament degradanti u inuman min-naħa ta' uffiċjali tal-Istat Russu f'faċilitajiet ta' detenzjoni, kampijiet tax-xogħol u ħabsijiet;

4. Jistieden lill-Federazzjoni Russa, f'dan ir-rigward, biex twettaq reviżjoni fil-fond tas-sistema penitenzjarja tagħha bl-għan li tinbeda riforma profonda tas-sistema, u li jiġu implimentati bis-sħiħ l-istandards maqbula skont il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti;

5. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu ma' dawk li ġew arrestati fir-Russja u fit-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna, inklużi t-Tatari tal-Krimea, abbażi ta' akkużi foloz u mhux sostanzjati, u jitlob il-ħelsien immedjat tagħhom;

6. Ifakkar lir-Russja dwar l-importanza tal-konformità sħiħa mal-obbligi legali internazzjonali tagħha, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, u mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mal-istat tad-dritt kif minquxa f'diversi trattati u ftehimiet internazzjonali li r-Russja iffirmat u hija firmatarja tagħhom; jenfasizza li l-Federazzjoni Russa tista' titqies bħala sieħeb affidabbli fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali unikament jekk timxi mal-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali; f'dan ir-rigward, jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-digriet presidenzjali li jirtira lir-Russja mill-Istatut ta' Ruma tal-QKI;

7. Jistieden lill-gvern tar-Russja biex jieħu passi konkreti u immedjati biex jikkonforma mas-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kontra r-Russja; f'dan ir-rigward jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Federazzjoni Russa, b'leġiżlazzjoni ġdida adottata f'Diċembru 2015, tat is-setgħa lill-Qorti Kostituzzjonali tagħha li tbiddel is-sentenzi tal-QEDB;

8. Iħeġġeġ lill-Kunsill jiżviluppa politika komuni fir-rigward tar-Russja li timpenja lit-28 Stat Membru tal-UE u lill-istituzzjonijiet tal-UE li jibagħtu messaġġ komuni qawwi dwar ir-rwol tad-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja u r-rispett tad-dritt internazzjonali; jistieden lill-VP/RGħ biex, flimkien mas-SEAE u l-Kummissjoni, tiżviluppa strateġija sostantiva u konkreta li tappoġġa lis-soċjetà ċivili u lill-organizzazzjonijiet Russi, bl-użu tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem;

9. Jistieden lill-Kunsill jadotta sensiela ta' sanzjonijiet immirati biex jikkastigaw lil dawk responsabbli għal dan it-trattament ħażin ta' Ildar Dadin u ta' attivisti oħra tad-drittijiet tal-bniedem;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lis-SEAE, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, u lill-President, lill-Gvern u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa.

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0449

## Sitwazzjoni fis-Sirja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja (2016/2933(RSP))**

(2018/C 224/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja, inkluża dik tas-6 ta' Ottubru 2016 ([1]),

— wara li kkunsidra l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-protokoll addizzjonali tagħhom,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Da'esh u l-Front al-Nusra u dawk dwar il-kunflitt fir-Repubblika Gharbija Sirjana, b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet 2118 (2013), 2139 (2014), 2165 (2014), 2191 (2014), 2199 (2015), 2254 (2015), 2258 (2015) u 2268 (2016),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2016 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Frar 2016 u tal-20 u tal-21 ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Federica Mogherini, u l-Kummissarju għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili, Christos Stylianidis, tas-16 ta' Settembru 2016 dwar is-Sirja, tal-20 ta' Settembru 2016 dwar attakki mill-ajru kontra l-konvoj tal-għajnuna umanitarju tan-NU/tan-Nofs Qamar Aħmar tar-Repubblika Sirjana, tal-24 ta' Settembru 2016 dwar is-sitwazzjoni f'Aleppo, tat-2 ta' Ottubru 2016 dwar l-inizjattiva umanitarja ta' emerġenza f'Aleppo u tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar l-urġenza biex l-għajnuna umanitarja tilħaq Aleppo,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Internazzjonali Indipendenti dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana, stabbilita mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana tas-27 ta' Settembru 2016 u tal-21 ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-17 ta' Novembru 2016 tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli Federica Mogherini dwar ir-Russja u l-Qorti Kriminali Internazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi sitt snin ta' kunflitt, vjolenza u brutalità estrema fis-Sirja wasslu għall-mewt ta' aktar minn 400 000 ruħ, filwaqt li aktar minn 13-il miljun ruħ jinsabu fi bżonn ta' għajnuna umanitarja; billi 8,7 miljun persuna huma mbassra li jkunu ġew spostati ġewwa s-Sirja fl-2016 u 4,8 miljun persuna ħarbu mill-pajjiż;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0382.

B. billi l-battalji u l-bombardamenti għadhom għaddejin bl-istess intensità fis-Sirja u billi s-sitwazzjoni umanitarja kompliet tmur għall-agħar; billi Aleppo tibqa' l-epiċentru tal-kunflitt Sirjana, iżda jibqa' għaddej il-ġlied f'Hama, f'Idlib, fil-Majjistral tas-Sirja, fis-subborgi ta' Damascus u f'Dier ez-Zor; billi aktar minn erba' miljun ruħ qed jgħixu fi bliet assedjati u f'żoni li diffiċli jintlaħqu fejn l-infrastruttura essenzjali tal-elettriku u tal-ilma ġiet meqruda; billi minkejja l-pawżi umanitarji unilaterali ddikjarati mir-reġim ta' Assad u mir-Russja, il-popolazzjonijiet tal-Lvant ta' Aleppo u ta' bliet assedjati oħrajn qed isofru minn nuqqas kbir ta' ikel u provvisti mediċi bażiċi, fosthom il-belt ta' Zabadani li hija okkupata mir-ribelli, u l-irħula ta' Kefraya u Foua, li huma kkontrollati mill-gvern, fil-provinċja ta' Idlib; billi l-ebda assistenza umanitarja ma kienet kapaċi tilħaq il-partijiet tal-Lvant ta' Aleppo assedjati minn Lulju 2016;

C. billi hemm kriżi ta' saħħa permanenti f'Aleppo u madwar is-Sirja; billi, skont l-UNICEF, aktar minn żewġ terzi ta' Sirjani fir-reġjun m'għandhomx aċċess regolari għall-ilma u kważi 6 miljun tifel u tifla jinsabu fi bżonn urġenti ta' għajnuna vitali;

D. billi l-partijiet kollha fil-kunflitt wettqu vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali, iżda dawk l-aktar serji twettqu mir-reġim ta' Assad appoġġat mir-Russja u l-Iran, inkluż l-użu ta' armi mingħajr distinzjoni, bombi inċendjarji, bombi barmil u li jkissru l-bunkers, f'żoni ċivili, kif ukoll sustanzi mniżżla bħala armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom; billi ma kien hemm l-ebda rispett tal-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' proporzjonalità; billi kien hemm żoni ċivili, skejjel, sptarijiet, ħaddiema umanitarji u kampijiet tar-rifuġjati li sfaw intenzjonalment fil-mira; billi d-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità m'għandhomx jgħaddu mingħajr ma jiġu kkastigati;

E. billi l-Kummissjoni ta' Inkjesta Internazzjonali Indipendenti dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana, b'mandat min-Nazzjonijiet Uniti, flimkien ma' gruppi tad-drittijiet tal-bniedem, ġabru provi li mill-inqas 200 000 persuna ġew arrestati mill-Gvern Sirjan f'kundizzjonijiet inumani ta' detenzjoni; billi eluf ta' Sirjani mietu fil-kustodja tal-Gvern Sirjan f'dawn l-aħħar snin dovut għat-tortura u l-mard; billi l-għajbien sfurzat u abbużi orribbli fuq il-ħabsin huma mifruxa; billi l-awtoritajiet Sirjani ppruvaw iżommu informazzjoni dwar il-faċilitajiet ta' detenzjoni sigrieti tagħhom, billi irrifjutaw l-aċċess għal osservaturi tad-detenzjoni rikonoxxuti b'mod internazzjonali; billi l-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA), sa mill-2011, tħalla biss iżur ftit ħabsijiet;

F. billi d-dinja kienet ripetutament ixxukkjata bl-atroċitajiet imwettqa mid-Da'esh u minn gruppi ġihadisti oħra, bl-użu ta' eżekuzzjonijiet brutali, kif ukoll b'vjolenza sesswali terribbli, ħtif, tortura, konverżjonijiet sfurzati u skjavitù tan-nisa u l-bniet; billi tfal ġew reklutati u użati f'attakki terroristiċi; billi d-Da'esh għadha qed tikkontrolla partijiet kbar tas-Sirja u tal-Iraq; billi d-Da'esh iwettaq il-ġenoċidju kontra minoranzi reliġjużi u etniċi, iwettaq atti ta' tortura estrema u jeqred il-wirt kulturali; billi hemm tħassib serju dwar il-benessri tal-popolazzjoni li bħalissa tinsab taħt il-kontroll tad-Da'esh u dwar l-użu possibbli tagħhom bħala tarki umani matul il-kampanja għall-ħelsien;

G. billi l-Jabhat Fateh al-Sham, preċedentement magħruf bħala l-Front Al-Nusra, l-affiljat tal-al-Qaeda fis-Sirja, huwa organizzazzjoni terroristika li tirrifjuta tranżizzjoni politika negozjata u futur demokratiku u inklużiv għas-Sirja;

H. billi s-Sirja ffirmat iżda ma rratifikatx l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI); billi s-Segretarju Ġenerali tan-NU, Ban Ki-moon, kemm-il darba ħeġġeġ lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jirreferi s-sitwazzjoni fis-Sirja lill-QKI; billi r-Russja u ċ-Ċina jimblokkaw kull progress dwar ir-responsabbiltà fis-Sirja billi jużaw il-veto tagħhom għal kull riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà li tagħti lill-Qorti l-mandat biex tinvestiga d-delitti atroċi mwettqa matul il-kunflitt fis-Sirja; billi fis-16 ta' Novembru 2016 ir-Russja ddeċidiet li tirtira l-firma tagħha mill-Istatut ta' Ruma; billi dan in-nuqqas ta' responsabbiltà jagħti lok għal aktar atroċitajiet u jkompli jżid it-tbatija tal-vittmi;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

I. billi l-pajjiżi u l-partijiet kollha involuti fil-kunflitt iridu jiġu mfakkra dwar l-obbligi tagħhom skont ir-Riżoluzzjoni 2254 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari l-obbligu li jwaqqfu kull attakk kontra ċivili u infrastruttura ċivili u l-obbligu li jiżguraw l-aċċess umanitarju madwar il-pajjiż; billi l-Unjoni Ewropea trid tuża l-istrumenti kollha tagħha, inkluż l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi, sabiex tiżgura konformità sħiħa mill-partijiet kollha ma' din ir-riżoluzzjoni;

J. billi l-UE hija fost il-kontributuri ewlenin ta' għajnuna umanitarja għan-nies li qed jaħarbu l-vjolenza u l-qerda storiċi fis-Sirja; billi n-nuqqas ta' għaqda internazzjonali jagħmilha ferm aktar diffiċli li jintlaħaq tmiem innegozjat għall-gwerra fis-Sirja;

1. Jesprimi għal darb' oħra t-tħassib mill-aktar serju tiegħu dwar il-ġlied u l-bombardamenti li qed ikomplu fis-Sirja u s-sitwazzjoni umanitarja li marret għall-agħar; jikkundanna bil-qawwa l-attakki kollha fuq iċ-ċivili u fuq l-infrastruttura ċivili, il-kontinwazzjoni tal-assedji kollha fis-Sirja u n-nuqqas ta' aċċess umanitarju għall-poplu Sirjan fil-bżonn; jistieden lill-partijiet kollha biex jippermettu aċċess umanitarju mingħajr xkiel u kontinwu u l-forniment ta' oġġetti ta' emerġenza, b'mod partikolari liż-żoni assedjati u li diffiċli jintlaħqu; jishaq li l-ikkawżar intenzjonat tal-ġuħ fost il-popolazzjonijiet huwa pprojbit mid-dritt umanitarju internazzjonali u jħeġġeġ lill-partijiet kollha biex jippermettu l-evakwazzjonijiet mediċi immedjatament mil-Lvant ta' Aleppo u miż-żoni assedjati l-oħra kollha;

2. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-atroċitajiet u l-vjolazzjonijiet fuq skala kbira tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mwettqa mill-forzi ta' Assad bl-appoġġ tar-Russja u l-Iran, kif ukoll l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali minn gruppi terroristiċi armati mhux statali, b'mod partikolari d-Da'esh, Jabhat Fateh al-Sham/il-Front al-Nusra u gruppi ġihadisti oħrajn;

3. Jitlob għall-waqfien immedjat ta' bumbardamenti u ta' attakki indiskriminati kontra nies ċivili; jenfasizza l-ħtieġa li l-partijiet kollha juru l-akbar attenzjoni u jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jipproteġu liċ-ċivili, irrispettivament mill-identità etnika jew mit-twemmin reliġjuż jew konfessjonali tagħhom; jikkundanna bil-qawwa l-isparar bla distinzjoni ta' għadd kbir ta' rokits minn gruppi armati ta' oppożizzjoni fuq subborgi ċivili fil-Punent ta' Aleppo; jenfasizza li ħafna ċivili, inklużi tfal, ġew irrappurtati feruti u maqtula; jitlob lill-partijiet kollha fil-kunflitt jieħdu l-passi xierqa kollha biex jipproteġu liċ-ċivili, b'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż billi jwaqqfu l-attakki diretti kontra faċilitajiet ċivili bħalma huma ċ-ċentri mediċi, l-iskejjel u l-istazzjonijiet tal-ilma, billi jiddemilitarizzaw immedjatament dawn il-faċilitajiet, billi jfittxu li jevitaw li jistabbilixxu pożizzjonijiet militari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni u billi jippermettu l-evakwazzjoni taċ-ċivili mweġġa' u ta' dawk kollha li jixtiequ jitilqu miż-żoni assedjati; jenfasizza li r-reġim Sirjan għandu r-responsabbiltà primarja li jipproteġi l-popolazzjoni Sirjana;

4. Ifaħħar l-isforzi tal-ħaddiema tal-għajnuna umanitarja li jagħmlu ħilithom biex iwasslu l-għajnuna, l-ikel, l-ilma u l-mediċini tant meħtieġa lin-nies maqbuda fil-kunflitt, u jħeġġeġ lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt biex jiżguraw lill-aġenziji umanitarji aċċess bla xkiel għall-persuni ċivili affettwati mill-gwerra;

5. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ sħiħ lin-NU u lill-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) biex ikomplu jinvestigaw l-użu u l-qerda tal-armi kimiċi min-naħat kollha fis-Sirja; jinsisti bil-qawwa li dawk responsabbli għall-użu tal-armi kimiċi jridu jinżammu responsabbli; jappoġġa l-estensjoni tal-mandat tal-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt tal-OPCW, bil-ħsieb li tiġi stabbilita r-responsabbiltà għall-użu tal-armi kimiċi fis-Sirja;

6. Jesprimi tħassib dwar id-detenzjoni illegali, it-tortura, it-trattament ħażin, l-għajbien sfurzat u l-qtil tad-detenuti fil-ħabsijiet ta' reġim u fiċ-ċentri ta' detenzjoni sigrieta mmexxija minn milizzji appoġġati minn barra l-pajjiż; jistieden lill-awtoritajiet Sirjani li jiġġestixxu dawn iċ-ċentri ta' detenzjoni biex iwaqqfu l-eżekuzzjonijiet kollha kif ukoll it-trattament inuman;

7. Jappella għar-rilaxx immedjat ta' dawk miżmuma b'mod arbitrarju u għat-tmiem tal-użu tat-tortura u trattament ħażin ieħor kif ukoll il-prattika ta' għajbien sfurzat, b'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2139 tat-22 ta' Frar 2014; jappella għall-aċċess immedjat u bla xkiel għall-osservaturi tad-detenzjoni internazzjonali – bħall-KISA – biex jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tad-detenuti kollha fis-Sirja u biex jipprovdu informazzjoni u jappoġġaw lill-familji tad-detenuti;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

8. Ifakkar il-kundanna qawwija tiegħu fil-konfront tal-atroċitajiet imwettqa mir-reġim ta' Assad, Da'esh, Jabhat Fateh al-Sham/Al-Nusra u organizzazzjonijiet terroristiċi oħra, li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala delitti serji tal-gwerra u delitti kontra l-umanità; jappoġġa s-sejħa min-nazzjonijiet Quint (l-Istati Uniti, Franza, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit) u mill-VP/RGħ dwar il-gruppi armati kollha li qed jiġġieldu fis-Sirja biex iwaqqfu kwalunkwe kollaborazzjoni ma' Jabhat Fateh al-Sham; jenfasizza l-importanza li, b'mod effikaċi, jitnaqqas l-aċċess għall-iffinanzjar u l-finanzjament tal-attivitajiet ta' Da'esh, jiġu arrestati l-ġellieda barranin u jitwaqqaf il-fluss tal-armi lill-gruppi ġiħadisti; jistieden lill-oppożizzjoni Sirjana biex b'mod ċar titbiegħed minn dawn l-elementi u l-ideoloġiji estremisti; ifakkar li l-isforzi għandhom ikunu ffukati fuq ir-rebħa kontra Da'esh u gruppi oħra ddeżinjati bħala terroristiċi min-NU; jitlob li tittieħed azzjoni għall-prevenzjoni ta' appoġġ materjali u finanzjarju milli jilħaq lil individwi, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati ma' gruppi ddeżinjati bħala terroristiċi min-NU;

9. Itenni t-talba tiegħu li dawk ħatja li wettqu delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità jbatu l-konsegwenzi u jinżammu responsabbli; jenfasizza li dawk li jwettqu delitti kontra gruppi reliġjużi, etniċi u oħrajn, filwaqt li minoranzi u gruppi oħrajn għandhom ukoll jitressqu quddiem il-ġustizzja; jibqa' konvint li la jista' jkun hemm riżoluzzjoni tal-kunflitti effikaċi u lanqas paċi sostenibbli fis-Sirja mingħajr ma tittieħed ir-responsabbiltà tad-delitti li jkunu twettqu; huwa tal-fehma li l-kwistjoni tar-responsabbiltà għad-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità m'għandhiex tiġi ppoliticizzata: l-obbligu li jiġi rrispettat id-dritt umanitarju internazzjonali f'kull ċirkostanza jirreferi għall-partijiet kollha involuti fil-kunflitt u kull min iwettaq dawn id-delitti jrid ikun konxju li f'xi mument jew ieħor se jiffaċċja il-ġustizzja;

10. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li dawk kollha responsabbli għal vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali jiffaċjaw il-ġustizzja permezz ta' mekkaniżmi tal-ġustizzja internazzjonali jew qrati tal-ġustizzja li huma xierqa u imparzjali u permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ġurisdizzjoni universali; itenni l-appoġġ tiegħu għar-riferiment tal-każ tas-Sirja lill-QKI iżda, fid-dawl tan-nuqqas ta' abilità tal-Kunsill tas-Sigurtà biex jiddelibera dwar din il-kwistjoni, itenni t-talba tiegħu biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jmexxu l-isforzi fi ħdan l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u biex jesploraw il-ħolqien ta' tribunal għad-delitti tal-gwerra fis-Sirja wara riferiment lill-QKI; ladarba l-kunflitt jintemm, u bil-għan li tiġi promossa r-rikonċiljazzjoni, jenfasizza l-importanza tas-sjieda Sirjana tal-proċess;

11. Jilqa' u jissottolinja l-importanza kritika tal-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali u internazzjonali fid-dokumentazzjoni tal-evidenza ta' delitti tal-gwerra, ta' delitti kontra l-umanità u vjolazzjonijiet oħra, inkluż il-qerda tal-wirt kulturali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprovdu aktar għajnuna u għajnuna kompluta lil dawn il-parteċipanti;

12. Jiddeplora d-deċiżjoni tal-President Russu Vladimir Putin li jirtira mill-QKI, filwaqt li jinnota li l-Federazzjoni Russa għadha qatt ma rratifikat l-Istatut ta' Ruma u li ż-żmien li fih ittieħdet id-deċiżjoni jimmina l-kredibbiltà tal-pajjiż u jwassal biex jitfasslu konklużjonijiet dwar l-impenn tiegħu favur il-ġustizzja internazzjonali;

13. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja tas-17 ta' Ottubru 2016, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar is-Sirja tal-20 u l-21 ta' Ottubru 2016; jappoġġa s-sejħa tal-UE għat-tmiem tat-titjiriet militari kollha fuq il-belt ta' Aleppo; jieqfu b'mod immedjat l-ostilitajiet u li dan jiġi ssorveljat minn mekkaniżmu b'saħħtu u trasparenti; waqfien tal-assedji; kif ukoll aċċess umanitarju sħiħ, sostenibbli u mingħajr xkiel fil-pajjiż kollu, mogħti mill-partijiet kollha;

14. Jilqa' r-rieżami tal-miżuri restrittivi tal-UE kontra s-Sirja u individwi li jaqsmu r-responsabbiltà għar-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili fil-pajjiż; jenfasizza li l-UE għandha tikkunsidra l-għażliet disponibbli kollha, inkluża żona mingħajr titjir fuq il-belt ta' Aleppo, li jiġu stabbiliti konsegwenzi għall-vjolazzjonijiet u l-abbużi l-aktar brutali tad-drittijiet tal-bniedem mill-awturi kollha jekk l-atroċitajiet u n-nuqqas ta' rispett sfaċċat għad-dritt umanitarju jibqgħu għaddejja;

15. Jeżiġi li kulħadd jirrispetta d-dritt tal-minoranzi etniċi u reliġjużi fis-Sirja, inklużi l-Insara, biex jibqgħu jgħixu fl-art storika u tradizzjonali fejn twieldu b'dinjità, ugwaljanza u sikurezza, u li jipprattikaw bis-sħiħ ir-reliġjon u t-twemmin tagħhom b'mod liberu mingħajr ma jkunu soġġetti għal ebda tip ta' ġegħil, vjolenza jew diskriminazzjoni; jappoġġa d-djalogu interreliġjuż sabiex jiġi promoss il-fehim reċiproku u jiġi miġġieled il-fundamentaliżmu;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

16. Iħeġġeġ lill-parteċipanti kollha fil-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja (ISSG) biex jissuktaw in-negozjati b'tali mod li jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' tregwa stabbli u jintensifikaw il-ħidma għas-sejbien ta' soluzzjoni politika dejjiema fis-Sirja; jenfasizza li l-atturi reġjonali, b'mod partikolari l-pajjiżi ġirien, għandhom responsabbiltà speċjali;

17. Itenni t-talba tiegħu lill-VP/RGħ biex iġġedded l-isforzi lejn strateġija komuni tal-UE dwar is-Sirja; jilqa' u jappoġġa bis-sħiħ l-inizjattivi diplomatiċi reċenti tal-VP/RGħ Federica Mogherini, b'konformità mal-mandat tal-Kunsill Ewropew, bil-għan li jġibu lura fuq il-mejda tan-negozjati lill-partijiet involuti fil-kunflitt u biex jitnieda mill-ġdid il-proċess politiku f'Ġinevra; jinnota b'interess it-taħditiet reġjonali li kellha mal-Iran u l-Arabja Sawdija, u jqis l-attivitajiet tagħha bħala ta' valur miżjud u ta' kontribut siewi għall-isforzi tal-Mibgħut Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Staffan de Mistura; iħeġġeġ lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt sabiex ikomplu u jintensifikaw in-negozjati politiċi malajr kemm jista' jkun f'antiċipazzjoni li titwaqqaf tregwa ġdida u stabbli, li għandha tinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw il-ġustizzja tranżitorja wara l-kunflitti fis-Sirja; jenfasizza li dawn it-taħditiet ta' paċi għandhom iwasslu għal waqfien mill-ġlied u tranżizzjoni politika mmexxija mis-Sirjani u bi sjieda Sirjana; jenfasizza r-rwol li jista' jkollha l-UE fir-rikostruzzjoni u r-rikonċiljazzjoni ta' wara l-kunflitt;

18. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu favur l-inizjattiva umanitarja attwali tal-UE għal Aleppo, u jħeġġeġ lill-partijiet kollha jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħha;

19. Jilqa' l-prijoritajiet tas-sħubija u l-patti mal-Ġordan għall-perjodu 2016-2018 u mal-Libanu għall-perjodu 2016-2020; jinnota li l-patti huma l-qafas li permezz tiegħu l-impenji reċiproċi li saru fil-Konferenza ta' Londra tal-4 ta' Frar 2016 dwar "l-Appoġġ għas-Sirja u r-Reġjun" huma msarrfa f'azzjonijiet; jinnota li l-ħtiġijiet finanzjarji dejjem ikbar u d-diskrepanza persistenti fil-finanzjament fir-rigward tal-għajnuna umanitarja pprovduta lill-pajjiżi ġirien tas-Sirja; jistieden lill-Istati Membri tal-UE jżommu l-wegħdiet tagħhom u jipprovdu l-appoġġ tant meħtieġ lin-NU, lill-aġenziji speċjalizzati tagħha u atturi umanitarji oħra fil-provvista ta' għajnuna umanitarja lil miljuni ta' Sirjani spostati kemm internament kif ukoll f'pajjiżi u komunitajiet ospitanti;

20. Jagħti istruzzjonijiet lil-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-membri tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja, u lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt fis-Sirja.

P8_TA(2016)0450

# Relazzjonijiet UE-Turkija

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Novembru 2016 dwar ir-relazzjonijiet UE-Turkija (2016/2993(RSP))

(2018/C 224/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b’mod partikolari dawk tas-27 ta’ Ottubru 2016 dwar is-sitwazzjoni tal-ġurnalisti fit-Turkija ([1]) u tal-14 ta’ April 2016 dwar ir-rapport 2015 dwar it-Turkija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali 2016 dwar it-Turkija, ippubblikat mill-Kummissjoni fid-9 ta’ Novembru 2016 (SWD(2016)0366),

— wara li kkunsidra l-Qafas ta’ Negozjar tal-UE għat-Turkija tat-3 ta’ Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2016 dwar it-Turkija,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni (IPA II) ([3]),

— wara li kkunsidra d-dritt għal-libertà tal-espressjoni minqux fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), li tagħhom it-Turkija hija stat parti,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-26 ta’ Lulju 2016 mill-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar miżuri meħuda taħt l-istat ta’ emerġenza fit-Turkija,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta’ Proċedura,

A. billi l-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew ikkundannaw bil-qawwa l-kolp ta’ stat militari fallut fit-Turkija u rrikonoxxew ir-responsabbiltà leġittima tal-awtoritajiet Torok li jipprosegwixxu lil dawk responsabbli u involuti f’dan l-attentat;

B. billi t-Turkija hija sieħba importanti u, bħala pajjiż kandidat, mistennija tirrispetta l-ogħla standards tad-demokrazija, inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istat tad-dritt, tal-libertajiet fundamentali u tad-dritt universali għal proċess ġust; billi t-Turkija ilha membru tal-Kunsill tal-Ewropa mill-1950 u għaldaqstant hija marbuta bil-KEDB;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0423.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0133.
([3]) ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11.

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

C. billi l-miżuri repressivi tal-Gvern Tork taħt l-istat ta' emerġenza huma sproporzjonati u jmorru kontra d-drittijiet u l-libertajiet bażiċi protetti mill-Kostituzzjoni Torka, il-valuri demokratiċi li fuqhom tissejjes l-Unjoni Ewropea u l-ICCPR; billi, mill-attentat ta' kolp 'il hawn, l-awtoritajiet arrestaw 10 membri tal-Gran Assemblea Nazzjonali Torka li jappartjenu għall-partit tal-oppożizzjoni HDP u madwar 150 ġurnalist (l-akbar għadd ta' arresti ta' dan it-tip fid-dinja); billi 2 386 imħallef u prosekutur u 40 000 persuna oħra ġew detenuti, li minnhom aktar minn 31 000 għadhom arrestati; billi 129 000 impjegat pubbliku għadhom jew sospiżi (66 000) jew tkeċċew (63 000), skont ir-rapport 2016 tal-Kummissjoni dwar it-Turkija, u billi l-parti l-kbira ta' dawn sal-lum għadha ma saritilhom l-ebda akkuża formali;

D. billi l-President Erdogan u membri tal-Gvern Tork ripetutament għamlu dikjarazzjonijiet dwar ir-reintroduzzjoni tal-piena tal-mewt; billi l-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Lulju 2016 dwar it-Turkija, fakkar li r-rifjut inekwivoku tal-piena tal-mewt huwa element essenzjali tal-acquis tal-Unjoni;

E. billi tqajjem tħassib serju dwar il-kundizzjonijiet tal-persuni detenuti u arrestati wara l-attentat ta' kolp ta' stat u dwar ir-restrizzjonijiet severi fuq il-libertà tal-espressjoni u fuq l-istampa u l-midja fit-Turkija;

F. billi l-paragrafu 5 tal-Qafas ta' Negozjar jistipula li, fil-każ ta' ksur serju u persistenti fit-Turkija tal-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt li fuqhom l-Unjoni hija msejsa, il-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' terz mill-Istati Membri, għandha tirrakkomanda s-sospensjoni tan-negozjati u tipproponi l-kundizzjonijiet biex dawn eventwalment jissuktaw;

G. billi waqfien temporanju tan-negozjati jkun ifisser li t-taħditiet kurrenti jiġu ffriżati, li ma jinfetaħ l-ebda kapitolu ġdid u li ma tittieħed l-ebda inizjattiva ġdida bi rbit mal-Qafas ta' Negozjar tal-UE għat-Turkija;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-miżuri repressivi sproporzjonati li ilhom jittieħdu fit-Turkija mill-falliment tal-kolp ta' stat f'Lulju 2016; għadu impenjat li jżomm lit-Turkija ankrata mal-UE; jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri, madankollu, jagħtu bidu għall-iffriżar temporanju tan-negozjati ta' adeżjoni li għaddejjin mat-Turkija;

2. Jimpenja ruħu li jerġa' jeżamina l-pożizzjoni tiegħu meta l-miżuri sproporzjonati taħt l-istat ta' emerġenza fit-Turkija jitneħħew; se jibbaża l-analiżi tiegħu fuq jekk l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem jkunux reġgħu ġew stabbiliti fil-pajjiż kollu; iqis li żmien xieraq biex jagħti bidu għal tali rieżami jkun meta jitneħħa l-istat ta' emerġenza;

3. Itenni li reintroduzzjoni tal-piena tal-mewt mill-Gvern Tork jkollha twassal għal sospensjoni formali tal-proċess ta' adeżjoni;

4. Jinnota li, sal-lum, it-Turkija ma wettqitx sebgħa mit-72 punt ta' riferiment tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża, li wħud minnhom huma ta' importanza partikolari;

5. Jinnota li t-titjib tal-unjoni doganali huwa importanti għat-Turkija; jenfasizza li s-sospensjoni tal-ħidma fuq it-titjib tal-unjoni doganali jkollha konsegwenzi ekonomiċi serji għall-pajjiż;

6. Jinsab imħasseb serjament dwar id-dikjarazzjonijiet li jikkontestaw it-Trattat ta' Lausanne, illi jiddefinixxi l-fruntieri tat-Turkija moderna u illi kkontribwixxa għas-salvagwardja tal-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun għal kważi seklu;

7. Jitlob li l-Kummissjoni tirrifletti fuq l-aħħar żviluppi fit-Turkija fir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu tal-IPA, li huwa previst għall-2017; jitlob li l-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà li s-soċjetà ċivili Torka tingħata aktar appoġġ taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem;

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-Kummissjoni ta' Venezja biex joffru assistenza ġudizzjarja addizzjonali lill-awtoritajiet Torok;

9. Jissottolinja l-importanza strateġika tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija għaż-żewġ naħat; jirrikonoxxi li, filwaqt li t-Turkija hija sieħba importanti tal-UE, ir-rieda politika li jkun hemm kooperazzjoni trid tiġi miż-żewġ naħat tas-sħubija; jemmen li t-Turkija mhijiex turi din ir-rieda politika, peress li l-azzjonijiet tal-gvern qed ikomplu jiddevjaw lit-Turkija minn triqitha lejn l-Ewropa;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Gvern u lill-Parlament tat-Turkija.

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0451

# L-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa (2016/2966(RSP))**

(2018/C 224/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 8, 19, 157 u 216 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 21, 23, 24 u 25 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni adottata mir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995, u d-dokumenti ta' eżitu sussegwenti adottati fis-sessjonijiet speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Beijing + 5 (2000), Beijing + 10 (2005), Beijing + 15 (2010) u Beijing + 20 (2015),

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti legali tan-NU fl-isfera tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw id-drittijiet tan-nisa, bħall-Karta tan-NU, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patti Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni dwar is-Soppressjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin u l-Isfruttament tal-Prostituzzjoni ta' Oħrajn, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti, il-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u l-prinċipju ta' non-refoulement, u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11(1)(d) tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU bir-Riżoluzzjoni 34/180 tat-18 ta' Diċembru 1979,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2009 dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa ([2]), ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' April 2011 dwar prijoritajiet u punti prinċipali ta' qafas politiku ġdid tal-UE rigward il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa ([3]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2013 dwar is-57 sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW) tan-NU: l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-Vjolenza Fuq in-Nisa ([5]),

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Marzu 2011,

([1]) ĠU C 407, 4.11.2016, p. 2.
([2]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 53.
([3]) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 26.
([4]) ĠU C 24, 22.1.2016, p. 8.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2014)0126.

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom,

— wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew ([1]),

— wara li kkunsidra l-Programm "Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza" għall-perjodu 2014-2020,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2015 bit-titolu "Strategic engagement for gender equality 2016-2019" (SWD(2015)0278),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tas-7 ta' Diċembru 2015 min-Netherlands, is-Slovakkja u Malta,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali bit-titolu "Violence against women: an EU-wide survey", ippubblikat f'Marzu 2014,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/99/UE dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni ([3]) u r-Regolament (UE) Nru 606/2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu ([5]) u d-Direttiva 2011/92/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI ([6]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),

— wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni dwar il-possibbiltà ta' adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul, ippubblikat f'Ottubru 2015,

— wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, mill-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa (COM(2016)0111 u COM(2016)0109),

— wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa (O-000121/2016 – B8-1805/2016 u O-000122/2016 – B8-1806/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija valur fundamentali tal-UE – kif rikonoxxut fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – li l-UE impenjat ruħha li tintegra fl-attivitajiet kollha tagħha, u billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija essenzjali, bħala objettiv strateġiku, biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali ta' Ewropa 2020 ta' tkabbir, impjiegi u inklużjoni soċjali;

---

([1]) PE 504.467.
([2]) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.
([3]) ĠU L 338, 21.12.2011, p. 2.
([4]) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 4.
([5]) ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
([6]) ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

B. billi d-dritt għal trattament ugwali u għan-nondiskriminazzjoni huwa dritt fundamentali determinanti li huwa rikonoxxut fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea u li għandu għeruq profondi fis-soċjetà Ewropea, u billi dan id-dritt huwa essenzjali għall-iżvilupp ulterjuri tas-soċjetà u għandu japplika fil-leġiżlazzjoni, fil-prattika, fil-ġurisprudenza u fil-ħajja ta' kuljum;

C. billi fid-Direttiva 2012/29/EU li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija definita bħala vjolenza li hija diretta kontra persuna minħabba l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru ta' dik il-persuna jew li taffettwa lil persuni ta' ġeneru partikolari b'mod sproporzjonat; billi din tista' tirriżulta fi ħsara fiżika, sesswali, emozzjonali jew psikoloġika, jew f'telf ekonomiku, għall-vittmi, filwaqt li jkollha impatt fuq il-familji u l-qraba tagħhom, u fuq is-soċjetà inġenerali; billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija forma estrema ta' diskriminazzjoni u ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali tal-vittma, li huma kemm il-kaġun u l-konsegwenza ta' inugwaljanzi bejn is-sessi; u billi l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet tinkludi l-vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, il-vjolenza sesswali (inklużi l-istupru, l-attakk sesswali u l-fastidju sesswali), it-traffikar tal-bnedmin, l-iskjavitù, inklużi forom ġodda ta' abbuż kontra n-nisa u l-bniet fuq l-internet, u forom differenti ta' prattiki ta' ħsara, bħaż-żwiġijiet sfurzati, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u l-hekk imsejħa "reati tal-unur";

D. billi l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru għadhom fenomeni mifruxa fl-UE; billi l-istħarriġ tal-2014 tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-vjolenza fuq in-nisa jistma, bi qbil ma' studji eżistenti oħra, li terz tan-nisa kollha fl-Ewropa esperjenzaw atti ta' vjolenza fiżika jew sesswali tal-anqas darba matul il-ħajja adulta tagħhom, 20 % tan-nisa żgħażagħ (bejn 18 u 29 sena) esperjenzaw fastidju sesswali online, waħda minn kull ħames nisa (18 %) kienu vittmi ta' stalking, waħda minn kull għoxrin nisa ġew stuprati u aktar minn waħda minn kull għaxra ġarrbu vjolenza sesswali li tinvolvi n-nuqqas ta' kunsens jew l-użu tal-forza; billi dan l-istħarriġ jispjega wkoll li l-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' vjolenza ma jiġu rrappurtati lill-ebda awtorità, li juri li l-istħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni huwa essenzjali flimkien ma' statistika amministrattiva sabiex tinkiseb stampa sħiħa tad-diversi forom ta' vjolenza fuq in-nisa; u billi jinħtieġu aktar miżuri biex in-nisa li jkunu vittmi tal-vjolenza jiġu mħeġġa jirrappurtaw l-esperjenzi tagħhom u jfittxu l-għajnuna, u biex ikun żgurat li l-fornituri tas-servizzi jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-vittmi u jinfurmawhom dwar id-drittijiet tagħhom u l-forom eżistenti ta' appoġġ;

E. billi, skont il-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew, l-ispiża annwali għall-UE tal-vjolenza fuq in-nisa u tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru ġiet stmata li tammonta għal EUR 228 biljun fl-2011 (i.e. 1,8 % tal-PDG tal-UE), li minnhom EUR 45 biljun kienu fil-forma ta' nfiq fuq servizzi pubbliċi u statali u EUR 24 biljun fi produzzjoni ekonomika mitlufa;

F. billi l-Kummissjoni enfasizzat, fl-impenn strateġiku tagħha għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019, li l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li huma ta' ħsara għas-saħħa u l-benesseri tan-nisa, il-ħajja tax-xogħol tagħhom, l-indipendenza finanzjarja tagħhom u l-ekonomija, huma waħda mill-problemi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati sabiex tinkiseb ugwaljanza reali bejn is-sessi;

G. billi l-vjolenza fuq in-nisa spiss wisq titqies bħala kwistjoni privata u tiġi ttollerata wisq faċilment; billi fil-fatt tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali u reat serju li jrid jiġi kkastigat bħal tali; billi l-impunità tal-awturi trid tintemm sabiex jinkiser iċ-ċirku vizzjuż tas-silenzju u s-solitudni għan-nisa u l-bniet li jkunu vittmi tal-vjolenza;

H. billi l-ebda intervent uniku mhu se jelimina l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, iżda kombinazzjoni ta' azzjonijiet infrastrutturali, ġuridiċi, ġudizzjarji, ta' infurzar, kulturali, edukattivi, soċjali, tas-saħħa u azzjonijiet oħra relatati mas-servizzi jistgħu jqajmu kuxjenza u jnaqqsu l-vjolenza u l-konsegwenzi tagħha b'mod sinifikanti;

I. billi, minħabba fatturi bħall-etniċità, ir-reliġjon jew it-twemmin, is-saħħa, l-istat ċivili, l-akkomodazzjoni, l-istatus ta' immigrant, l-età, id-diżabilità, il-klassi, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru, in-nisa jista' jkollhom ħtiġijiet speċifiċi u jkunu aktar vulnerabbli għal diskriminazzjoni multipla, u dan ifisser li għandhom jingħataw protezzjoni speċjali;

J. billi l-adozzjoni ta' linji gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni kontrihom, kif ukoll il-kapitolu speċifiku dwar il-protezzjoni tan-nisa mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru fil-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, juru r-rieda politika ċara tal-UE li tittratta s-suġġett tad-drittijiet tan-nisa bħala prijorità u li tieħu azzjoni fit-tul f'dak il-qasam; billi l-koerenza bejn id-dimensjonijiet interni u esterni fil-politiki li jikkonċernaw id-drittijiet tal-bniedem xi kultant tista' tesponi distakk bejn ir-retorika u l-imġiba;

K. billi ċ-ċittadini u r-residenti fl-Unjoni mhumiex protetti bl-istess mod mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru, minħabba n-nuqqas ta' qafas koerenti u politiki u leġiżlazzjoni li jvarjaw bejn l-Istati Membri fir-rigward ta', inter alia, id-definizzjoni ta' reati u l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, u għalhekk huma anqas protetti mill-vjolenza;

L. billi fl-4 ta' Marzu 2016 il-Kummissjoni pproponiet l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul, l-ewwel strument legalment vinkolanti dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa f'livell internazzjonali;

M. billi l-Istati Membri kollha tal-UE ffirmaw il-konvenzjoni, iżda erbatax minnhom biss irratifikawha;

N. billi r-ratifika tal-Konvenzjoni mhijiex se tikseb riżultati sakemm ma jiġix żgurat infurzar xieraq u sakemm ma jiġux allokati riżorsi finanzjarji u umani xierqa għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-protezzjoni tal-vittmi;

O. billi l-Konvenzjoni ta' Istanbul issegwi approċċ olistiku, billi tindirizza l-kwistjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru minn firxa wiesgħa ta' perspettivi, bħall-prevenzjoni, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, miżuri tad-dritt penali biex tiġi miġġielda l-impunità, il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi, il-protezzjoni tat-tfal, il-protezzjoni tan-nisa li jfittxu l-asil u tar-rifuġjati nisa, jew il-ġbir aħjar tad-data; billi dan l-approċċ ifisser l-adozzjoni ta' politiki integrati, u l-kombinazzjoni ta' azzjonijiet f'diversi oqsma mmexxija minn bosta partijiet ikkonċernati (ġudizzjarji, tal-pulizija u tal-awtoritajiet soċjali, NGOs, assoċjazzjonijiet lokali u reġjonali, gvernijiet, eċċ.) fil-livelli kollha tal-governanza;

P. billi l-Konvenzjoni ta' Istanbul hija ftehim imħallat li jippermetti l-adeżjoni tal-UE b'mod parallel mal-adeżjoni tal-Istati Membri, peress li l-UE hija kompetenti f'oqsma li jinkludu d-drittijiet tal-vittmi u l-ordnijiet ta' protezzjoni, l-asil u l-migrazzjoni, kif ukoll fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali;

1. Ifakkar li l-Kummissjoni hija marbuta bl-Artikolu 2 TUE u bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li tiggarantixxi, tippromwovi u tieħu azzjoni favur l-ugwaljanza bejn is-sessi;

2. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tiġi ffirmata u konkluża l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul, iżda jiddeplora l-fatt li n-negozjati fil-Kunsill mhumiex mexjin bl-istess ħeffa;

3. Jenfasizza li l-adeżjoni tal-UE tiggarantixxi qafas ġuridiku Ewropew koerenti biex tiġi evitata u miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u biex jiġu protetti l-vittmi tal-vjolenza; jenfasizza li tipprovdi koerenza u effiċjenza akbar fil-politiki interni u esterni tal-UE, tiżgura monitoraġġ, interpretazzjoni u implimentazzjoni aħjar tal-liġijiet, il-programmi u l-fondi tal-UE rilevanti għall-Konvenzjoni, kif ukoll ġbir aktar adegwat u aħjar ta' data diżaggregata paragunabbli dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru f'livell tal-UE, u tirrinforza r-responsabbiltà tal-UE f'livell internazzjonali; jenfasizza wkoll li l-adeżjoni tal-UE tapplika pressjoni politika mġedda fuq l-Istati Membri biex jirratifikaw dan l-istrument;

4. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jħaffu n-negozjati dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul;

5. Jappoġġja l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul fuq bażi wiesgħa u mingħajr riżervi;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li l-Parlament ikun involut bis-sħiħ fil-proċess ta' monitoraġġ tal-Konvenzjoni wara l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul, kif previst fl-Artikolu 218 TFUE;

7. Ifakkar li l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul ma teżonerax lill-Istati Membri mir-ratifika nazzjonali tal-Konvenzjoni; għalhekk, jistieden lill-Istati Membri kollha li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul malajr;

8. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw infurzar xieraq tal-Konvenzjoni u jallokaw riżorsi finanzjarji u umani xierqa għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-protezzjoni tal-vittmi;

9. Iqis li l-isforzi tal-UE biex tinqered il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet iridu jkunu parti minn pjan komprensiv biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' inugwaljanzi bejn is-sessi; jitlob li titfassal strateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

10. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni, magħmula fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2014, li tinkludi rakkomandazzjonijiet biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa, biex tippreżenta att legali li jipprovdi sistema koerenti għall-ġbir ta' data statistika kif ukoll approċċ imsaħħaħ mill-Istati Membri għall-prevenzjoni u t-trażżin tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u sabiex l-aċċess iffaċilitat għall-ġustizzja jkun possibbli;

11. Jitlob lill-Kunsill jattiva l-klawsola passerelle, billi jadotta deċiżjoni unanima li tidentifika l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet (u forom oħra ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru) bħala qasam ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) TFUE;

12. Jirrikonoxxi l-ħidma importantissima mwettqa mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex tiġi evitata u miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u biex jiġu protetti u assistiti l-vittmi tal-vjolenza;

13. Jistieden lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex, filwaqt li jaħdmu mal-Kummissjoni u l-NGOs tan-nisa u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jgħinu fit-tixrid ta' informazzjoni dwar il-Konvenzjoni, il-programmi tal-UE u l-fondi disponibbli taħthom biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u biex il-vittmi jiġu protetti;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkooperaw mal-Parlament biex jidentifikaw il-progress li sar rigward l-ugwaljanza bejn is-sessi, u jitlob lit-Triju ta' Presidenzi jagħmlu sforzi sostanzjali biex jissodisfaw l-impenji tagħhom f'dan ir-rigward; jitlob li jsir Summit tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-sessi u d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet biex jiġġeddew l-impenji;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.

P8_TA(2016)0452

# L-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2015

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar ir-rapport annwali li jikkonċerna l-attivitajiet tal-Ombudsman fis-sena 2015 (2016/2150(INI))

(2018/C 224/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2015,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman ([1]),

— wara li kkunsidra l-Kodiċi Ewropew ta' Kondotta Amministrattiva Tajba kif adottat mill-Parlament Ewropew fis-6 ta' Settembru 2001 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar il-Kooperazzjoni li ġie konkluż bejn il-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Marzu 2006, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006,

— wara li kkunsidra l-prinċipji ta' trasparenza u integrità fl-attivitajiet tal-illobbjar ippubblikati mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 220(2), it-tieni u t-tielet sentenzi, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0331/2016),

A. billi r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2015 tressaq formalment lill-President tal-Parlament fit-3 ta' Mejju 2016, u l-Ombudsman, Emily O'Reilly, ippreżentat ir-rapport lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fl-20 ta' Ġunju 2016;

B. billi l-Artikolu 15 tat-TFUE jiddikjara li sabiex tiġi promossa t-tmexxija tajba u sabiex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi ta' l-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ;

---

([1]) ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.
([2]) ĠU C 72 E, 21.3.2002, p. 331.

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

C. billi l-Artikolu 24 tat-TFUE jistabbilixxi l-prinċipju li kull ċittadin tal-Unjoni jista' jressaq rikors quddiem l-Ombudsman stabbilit skont l-Artikolu 228 tat-TFUE;

D. billi l-Artikolu 228 tat-TFUE jagħti s-setgħa lill-Ombudsman Ewropew li tilqa' l-ilmenti li jinvolvu każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha;

E. billi l-Artikolu 258 tat-TFUE jistabbilixxi r-rwol tal-Kummissjoni bħala l-gwardjana tat-Trattati; billi n-nuqqas jew it-tħollija barra tal-eżerċizzju ta' din ir-responsabilità tista' titqies bħala każ ta' amministrazzjoni ħażina;

F. billi, skont l-Artikolu 298 tat-TFUE "l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti", u billi l-istess artikolu jipprevedi l-adozzjoni, għal dak il-għan, ta' leġiżlazzjoni sekondarja speċifika fil-forma ta' regolamenti applikabbli għall-oqsma kollha tal-amministrazzjoni tal-UE;

G. billi l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiddikjara li "Kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni";

H. billi l-Artikolu 43 tal-Karta jiddikjara li "Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru għandu d-dritt li jirrikorri għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet, tal-korpi jew ta' l-aġenziji ta' l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha";

I. billi, fl-2015, l-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew, stabbilit bit-Trattat ta' Maastricht, iċċelebra l-20 anniversarju tiegħu wara li ttratta 48 840 ilment mill-2005 'l hawn;

J. billi skont l-Ewrobarometru Flash dwar id-Drittijiet ta' Ċittadinanza tal-UE ta' Ottubru 2015, 83 % taċ-ċittadini Ewropej huma konxji li ċittadin tal-UE għandu d-dritt li jressaq ilment lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew jew lill-Ombudsman Ewropew;

K. billi l-amministrazzjoni ħażina hija definita mill-Ombudsman Ewropew bħala amministrazzjoni li ma saritx kif suppost jew li saret b'mod mhux ġust, li sseħħ jekk istituzzjoni jew korp pubbliku jonqsu milli jaġixxu b'mod konformi mal-liġi jew ma' xi regola jew prinċipju vinkolanti għalihom, jonqsu milli jirrispettaw il-prinċipji ta' amminstrazzjoni tajba, jew jiksru d-drittijiet tal-bniedem;

L. billi l-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba hija mmirata biex tipprevjeni li sseħħ amministrazzjoni ħażina; billi l-utilità ta' din l-għodda hija limitata minħabba n-natura mhux vinkolanti tagħha;

M. billi huwa kruċjali li jkun hemm trasparenza kbira sabiex jinkisbu l-leġittimità u l-fiduċja li d-deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq l-interess pubbliku ġenerali;

N. billi l-opaċità f'dak li jikkonċerna fajls li jimplikaw impatt kbir fuq il-mudell soċjoekonomiku tal-UE, li wkoll spiss għandhom implikazzjonijiet maġġuri fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-ambjent, għandha t-tendenza li tiġġenera nuqqas ta' fiduċja fost iċ-ċittadini u fl-opinjoni pubblika b'mod ġenerali;

O. billi l-informaturi jaqdu rwol kruċjali meta jiżvelaw każijiet ta' amministrazzjoni ħażina u anke ta' korruzzjoni politika f'xi każijiet; billi dawn il-każijiet jimminaw severament il-kwalità tad-demokrazija tagħna; billi l-informaturi spiss iħabbtu wiċċhom ma' inkwiet sever bħala konsegwenza u spiss wisq jiġu esposti għal konsegwenzi personali negattivi f'ħafna livelli, mhux biss professjonalment iżda anke kriminalment; billi fin-nuqqas ta' salvagwardji ulterjuri dawn l-esperjenzi magħrufa tal-passat jista' jkollhom it-tendenza li jiddiswadu lill-individwi milli fil-ġejjieni jsegwu t-triq etika tal-iżvelar ta' informazzjoni protetta;

P. billi l-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew kiseb rata ta' konformità ta' 90 % bid-deċiżjonijiet u/jew ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fl-2014, rata li hija 10 punti perċentwali ogħla miċ-ċifra tal-2013;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

Q. billi, fir-rigward tal-inkjesti mibdija mill-Ombudsman fl-2015, jistgħu jiġu identifikati t-temi ewlenin li ġejjin: it-trasparenza fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, kwistjonijiet etiċi, il-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, ir-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni, u d-drittijiet fundamentali;

R. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jikkostitwixxi membru attiv tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen; billi, bħala tali, il-Kumitat irċieva 42 ilment mill-Ombudsman Ewropew immarkati għal aktar trattament bħala petizzjonijiet;

1. Japprova r-rapport annwali għall-2015 ippreżentat mill-Ombudsman Ewropew;

2. Jifraħ lil Emily O'Reilly għall-ħidma eċċellenti tagħha u għall-isforzi kontinwi tagħha biex ittejjeb il-kwalità tas-servizz offrut liċ-ċittadini mill-amministrazzjonijiet Ewropej; jirrikonoxxi l-importanza tat-trasparenza bħala element fundamentali tal-ksib tal-fiduċja u tal-amministrazzjoni tajba, ħaġa li hija sottolinjata wkoll mill-perċentwal għoli ta' lmenti dwar it-trasparenza (22,4 %), u li tagħti lil dan is-suġġett l-ogħla klassifika minnhom kollha; jirrikonoxxi r-rwol tal-inkjesti strateġiċi fl-iżgurar ta' amministrazzjoni tajba u jappoġġja lil dawk li twettqu s'issa mill-Uffiċċju tal-Ombudsman f'dan il-qasam;

3. Jilqa' l-isforzi kontinwi tal-Ombudsman Ewropew biex iżżid it-trasparenza fin-negozjati tat-TTIP permezz ta' proposti lill-Kummissjoni; ifaħħar il-pubblikazzjoni li rriżultat minnhom, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' għadd ta' dokumenti tat-TTIP, li b'hekk tħeġġet it-trasparenza bħala wieħed mit-tliet pilastri tal-istrateġija kummerċjali l-ġdida tal-Kummissjoni; jenfasizza mill-ġdid il-ħtieġa ta' trasparenza msaħħa fi ftehimiet internazzjonali bħalma huma t-TTIP, is-CETA u oħrajn, kif mitlub minn ħafna ċittadini mħassba li indirizzaw lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jitlob li jsiru sforzi aktar b'saħħithom u aktar wiesgħa f'dan ir-rigward, bil-għan li tiġi salvagwardjata l-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej;

4. Jistieden lill-Ombudsman Ewropew tinvestiga sa liema punt l-istabbiliment tal-kmamar għall-qari sikuri huwa konformi mad-dritt tal-aċċess għad-dokumenti u mal-prinċipji tal-amministrazzjoni tajba;

5. Ifakkar li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jibni fuq il-prinċipju ta' "l-akbar aċċess possibbli"; jenfasizza, għalhekk, li t-trasparenza u l-aċċess sħiħ għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE għandhom ikunu r-regola sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod sħiħ id-drittijiet demokratiċi tagħhom; jenfasizza li, kif diġà ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-eċċezzjonijiet għal dik ir-regola għandhom jiġu interpretati kif jixraq, filwaqt li jitqies l-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar u fil-ħtiġijiet tad-demokrazija, l-involviment aktar mill-qrib taċ-ċittadini fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, il-leġittimità tal-governanza, l-effiċjenza u l-obbligu ta' rendikont lejn iċ-ċittadini;

6. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu s-setgħa lill-Ombudsman Ewropew billi jagħtuha l-kapaċità li toħroġ dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mid-diversi istituzzjonijiet tal-UE, bil-kundizzjoni li dawn id-dokumenti ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 u l-Artikolu 9(1) tar-Regolament; jappoġġja l-idea li l-Ombudsman għandu jkollha s-setgħa li tieħu deċiżjoni dwar ir-rilaxx tad-dokumenti rilevanti, wara investigazzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità;

7. Jiddispjaċih li r-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tinsab wieqfa; jemmen li għandu jsir progress mingħajr aktar dewmien, peress li r-Regolament m'għadux jirrifletti s-sitwazzjoni ġuridika jew il-prattiki istituzzjonali attwali;

8. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u jappoġġja l-investigazzjoni mill-Ombudsman Ewropew dwar negozjati informali bejn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE ("it-trilogi"), u l-varar ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-kwistjoni; jappoġġja l-pubblikazzjoni tad-dokumenti tat-trilogu, b'kunsiderazzjoni dovuta għall-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

9. Jiddispjaċih li l-Kumitat Parlamentari ta' Inkjesta dwar il-kejl tal-emissjonijiet fis-settur awtomobilistiku (EMIS) ġie fornut mill-Kummissjoni b'dokumentazzjoni parzjali biss, imfassla b'tali mod li ċerta informazzjoni meqjusa mill-Kummissjoni bħala irrelevanti kienet nieqsa; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-ogħla preċiżjoni fil-ħidma tagħha u trasparenza sħiħa fir-rigward tad-dokumentazzjoni fornuta, b'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera, sabiex tiggarantixxi li l-Kumitat EMIS ikun jista' jeżerċita s-setgħat ta' investigazzjoni tiegħu b'mod sħiħ u effettiv;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

10. Jappoġġja d-determinazzjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħmel il-ħidma tal-Bank Ċentrali Ewropew aktar trasparenti u konformi ma' standard għoli ta' governanza, speċjalment bħala membru tat-Trojka/Kwadriga li tissorvelja l-programmi ta' konsolidazzjoni fiskali fil-pajjiżi tal-UE; jilqa' d-deċiżjoni tal-BĊE li jippubblika listi tal-laqgħat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv tiegħu; jappoġġja l-prinċipji ta' gwida ġodda għall-impenji ta' għoti ta' diskorsi u l-istabbiliment ta' "perijodu kalm" fir-rigward ta' informazzjoni sensittiva għas-suq qabel ma jsiru l-laqgħat tal-Kunsill Governattiv.

11. Jinnota l-istatus tal-BĊE kemm bħala awtorità monetarja u kemm bħala membru konsultattiv tat-Trojka/Kwadriga, u jappella lill-Ombudsman Ewropew biex issalvagwardja l-interessi tal-amministrazzjoni tajba ta' waħda mill-awtoritajiet finanzjarji l-aktar importanti;

12. Jappella għal trasparenza akbar fil-laqgħat tal-Grupp tal-Euro, lil hinn mill-passi li diġà ttieħdu mill-President tiegħu wara intervent mill-Ombudsman Ewropew;

13. Japprova l-investigazzjoni tal-Ombudsman dwar l-għamla u t-trasparenza tal-ħidma tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni; jinnota l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiftaħ dawn il-gruppi għall-pubbliku, u jenfasizza li hemm il-ħtieġa ta' aktar azzjonijiet biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa; itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill, inklużi l-korpi preparatorji tiegħu, biex jissieħbu fir-Reġistru tar-Rappreżentanti ta' Gruppi ta' Interess malajr kemm jista' jkun u jtejbu t-trasparenza tal-ħidma tagħhom;

14. Jagħti l-appoġġ tiegħu għall-isforzi li qed tagħmel l-Ombudsman biex trendi l-illobbjar aktar trasparenti; jiddispjaċih minħabba n-nuqqas ta' rieda min-naħa tal-Kummissjoni li tippubblika informazzjoni dettaljata dwar il-laqgħat mal-lobbisti tat-tabakk; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel l-operazzjonijiet tagħha kompletament trasparenti ħalli l-pubbliku jikseb fiduċja akbar fil-ħidma tagħha;

15. jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-informazzjoni kollha dwar l-influwenza tal-lobbisti disponibbli mingħajr ħlas, u b'mod li l-pubbliku jkun jista' jifhimha għalkollox u jkollu aċċess faċli għaliha, permezz ta' bażi tad-data onlajn ċentralizzata unika;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq, sa tmiem is-sena 2017, proposta għal Reġistru tar-Rappreżentanti ta' Gruppi ta' Interess liema reġistru jkun mandatarju bis-sħiħ u ġuridikament vinkolanti mmirat biex jagħlaq il-lakuni kollha u jikseb reġistru mandatorju għalkollox tal-lobbisti kollha;

17. Jappoġġja l-isforzi biex jiġu implimentati linji gwida dwar it-trasparenza tal-illobbjar li jkunu japplikaw mhux biss għall-istituzzjonijiet tal-UE iżda għall-amministrazzjonijiet nazzjonali wkoll;

18. Jiġbed l-attenzjoni lejn it-tħassib taċ-ċittadini fir-rigward ta' kif il-Kummissjoni tittratta l-proċeduri ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u n-nuqqas ta' trasparenza fl-istadji rilevanti tal-proċess; jenfasizza li d-dritt għal amministrazzjoni tajba, kif imnaqqax fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jinkludi l-obbligu li jingħata raġunament suffiċjenti fil-każijiet fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tiftaħx proċedura ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; jilqa' l-inkjesta strateġika min-naħa tal-Ombudsman Ewropew dwar il-kwistjonijiet sistemiċi misjuba fl-EU Pilot;

19. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftuħ tal-inkjesta tal-Ombudsman (Kawża OI/5/2016/AB) dwar it-trattament min-naħa tal-Kummissjoni ta' lmenti ta' ksur taħt il-proċeduri tal-EU Pilot fir-rwol tagħha bħala l-gwardjana tat-Trattati; ifakkar fit-talbiet preċedenti li għamel il-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar li jiġi żgurat aċċess għad-dokumenti proċedurali tal-EU Pilot u għal dawk ta' ksur, peress li spiss il-petizzjonijiet iwasslu għall-ftuħ ta' proċeduri bħal dawn;

20. Jilqa' t-tkomplija tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew f'każijiet tat-tip "bibien iduru" fil-Kummissjoni; jirrikonoxxi l-fatt li b'riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet il-Kummissjoni tat informazzjoni aqwa rigward l-ismijiet tal-uffiċjali għolja li telqu minn magħha biex jaħdmu fis-settur privat; iħeġġeġ li l-ismijiet u data oħra ta' persuni bħal dawn jiġu ppubblikati aktar spiss; jesprimi t-tama tiegħu li istituzzjonijiet u aġenziji Ewropej oħra se jagħmlu l-istess; jilqa' r-rieda min-naħa tal-Kummissjoni li tippubblika informazzjoni dwar l-impjiegi ta' wara tmiem il-mandat ta' dawk li kienu Kummissarji; jesprimi tħassib kbir dwar il-fatt li l-ex-President tal-Kummissjoni Barroso inħatar bħala konsulent u President mhux eżekuttiv ta' Goldman Sachs International; jistieden lill-Ombudsman tagħti bidu għal inkjesta strateġika dwar il-mod kif il-Kummissjoni ttrattat il-każ "revolving door" ta' Barroso, inkluża l-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jiġi rriformat il-kodiċi ta' kondotta f'konformità mal-prinċipji tal-amministrazzjoni tajba u r-rekwiżiti tat-Trattat li jinsabu fl-Artikolu 245 tat-TFUE;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

21. Ifakkar li l-kunflitt ta' interess għandu ambitu usa' mill-każijiet tat-tip 'bieb idur'; jenfasizza li l-indirizzar determinat u b'mod effettiv tal-għejun kollha ta' kunflitt ta' interess huwa kruċjali sabiex tinkiseb amministrazzjoni tajba u tiġi żgurata l-kredibilità tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u tekniċi; iqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari fil-livell tal-UE, abbażi ta' standards għolja u miżuri konkreti li ma jħallu l-ebda dubju rigward xi kunflitt ta' interess, fil-ħatra tal-kandidati għall-pożizzjonijiet fl-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni;

22. Jilqa' l-fatt li fl-2015 l-istituzzjonijiet kollha tal-UE introduċew regoli interni għall-protezzjoni tal-informaturi, skont l-Artikolu 22(a) sa (c) tar-Regolamenti tal-Persunal, u b'hekk ħeġġew l-iżvelar ta' informazzjoni protetta ta' tip regolat; jinnota li l-protezzjoni tal-informaturi kontra r-ritaljazzjoni tista' tkun aktar effettiva; għal dan il-għan, iħeġġeġ l-adozzjoni ta' regoli komuni għall-inkoraġġiment tal-iżvelar ta' informazzjoni protetta u l-introduzzjoni ta' garanziji minimi u salvagwardji għall-informaturi.

23. Jitlob li jkun hemm direttiva dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta liema direttiva tistabbilixxi kanali u proċeduri xierqa għad-denunzjar tal-forom kollha ta' għemil ħażin, kif ukoll garanziji minimi adegwati u salvagwardji ġuridiċi għall-informaturi kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat;

24. Jilqa' l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' lmenti għall-ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali fil-Frontex, wara investigazzjoni mill-Ombudsman li għadha għaddejja dwar il-prattiki użati mill-Frontex u mill-Istati Membri fir-ritorni furzati konġunti ta' migranti irregolari; ifaħħar l-inklużjoni ta' tali mekkaniżmu fir-regolament il-ġdid tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta;

25. Ifaħħar lill-Ombudsman Ewropew talli investigat jekk l-Istati Membri humiex jirrispettaw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali meta jkunu qed jimplimentaw azzjonijiet iffinanzjati mill-fondi tal-UE, bħalma huma proġetti li jistituzzjonalizzaw lill-persuni b'diżabilità u mhux jintegrawhom fis-soċjetà; Iħeġġeġ lill-Ombudsman Ewropew tkompli b'tali investigazzjonijiet, bil-għan li tiżgura t-trasparenza u l-valur miżjud tal-proġetti;

26. Jilqa' l-kooperazzjoni ta' bejn l-Ombudsman u l-Parlament Ewropew fil-Qafas tal-UE għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, b'mod partikulari billi talbet l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni fil-livell tal-UE u li jiġu allokati għal dan riżorsi suffiċjenti; jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromulgaw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni fil-livell tal-UE;

27. Jappoġġja l-isforzi tal-Ombudsman fit-trattament tal-każijiet ta' diskriminazzjoni, id-drittijiet tal-gruppi ta' minoritarji, u d-drittijiet tal-anzjani fis-seminar tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen dwar "L-Ombudsmen kontra d-Diskriminazzjoni";

28. Jappoġġja l-isforzi tal-Ombudsman biex tiżgura l-imparzjalità fit-teħid tad-deċiżjonijiet min-naħa tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' kompetizzjoni;

29. Jirrikonoxxi li d-dritt taċ-ċittadini li jkollhom vuċi fit-tfassil tal-politika tal-UE issa huwa aktar importanti minn qatt qabel; jilqa' l-linji gwida proposti mill-Ombudsman biex jittejjeb il-funzjonament tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, speċjalment fejn jidħol ir-raġunament solidu min-naħa tal-Kummissjoni fir-rifjut ta' inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej; jirrikonoxxi, madankollu, li hemm nuqqasijiet sinifikanti li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod determinat u solvuti bil-għan li l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ssir aktar effettiva; jafferma li l-inklużjoni akbar taċ-ċittadini fid-determinazzjoni tal-politiki tal-UE se żżid il-kredibilità tal-istituzzjonijiet Ewropej;

30. Jinnota b'mod pożittiv id-djalogu kontinwu u r-relazzjonijiet mill-qrib li għandha l-Ombudsman ma' firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-Parlament Ewropew, kif ukoll korpi oħra, bil-għan li tiżgura kooperazzjoni u l-koeżjoni amministrattivi; ifaħħar ukoll l-isforzi tal-Ombudsman biex tiżgura l-komunikazzjoni kontinwa u miftuħa mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

31. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-aġenziji tal-UE jirrispettaw l-istess standards għoljin ta' trasparenza, responsabbiltà, u etika bħall-istituzzjonijiet l-oħra kollha; jinnota b'apprezzament il-ħidma importanti mwettqa mill-Ombudsman Ewropew f'diversi aġenziji madwar l-UE; jappoġġja l-proposta mressqa quddiem l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) li r-reġistranti għandhom juru li huma ppruvaw minn kollox biex jevitaw l-ittestjar tal-annimali u biex jipprovdu informazzjoni dwar kif jiġi evitat l-ittestjar tal-annimali;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

32. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman li jgħidu li l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għandha tirrevedi r-regoli u l-proċeduri tagħha dwar il-kunflitt ta' interess sabiex tiżgura konsultazzjoni u parteċipazzjoni pubblika xierqa;

33. Ifakkar li l-Ombudsman għandha wkoll il-kapaċità, u għaldaqstant id-dmir, li tiskrutinja l-ħidma tal-Parlament bil-għan li taħdem lejn l-għan li tiżgura l-amministrazzjoni tajba għaċ-ċittadini tal-UE;

34. Jitlob li l-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba jiġi aġġornat b'mod effettiv billi matul dan il-mandat leġiżlattiv jiġi adottat regolament vinkolanti dwar il-kwistjoni;

35. Jistieden lill-Ombudsman Ewropew biex mar-rapporti annwali futuri żżid kategorizzazzjoni ta' lmenti li jaqgħu barra l-mandat tal-uffiċċju tal-Ombudsman, peress li dan ikun jippermetti lill-Membri tal-Parlament Ewropew li jkollhom ħarsa ġenerali tal-problemi li jolqtu liċ-ċittadini tal-UE;

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-ombudsmen tal-Istati Membri jew lill-entitajiet kompetenti simili.

P8_TA(2016)0453

# Lejn sistema definittiva ta' VAT u l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar lejn sistema definittiva ta' VAT u l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT (2016/2033(INI))

(2018/C 224/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni dwar il-VAT ippreżentat mill-Kummissjoni fis-7 ta' April 2016 (COM(2016)0148),

— wara li kkunsidra r-rapport speċjali Nru 24/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-3 ta' Marzu 2016 bit-titolu "L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni",

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-futur tal-VAT ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (COM(2012)0363),

— wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (COM(2013)0534),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ([2]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) (COM(2013)0535),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0307/2016),

A. billi s-Suq Uniku, stabbilit fl-1 ta' Jannar 1993, neħħa l-kontrolli mal-fruntieri għall-kummerċ intra-Komunitarju u billi, skont l-Artikoli 402 sa 404 tad-Direttiva tal-VAT attwali, l-arranġamenti tal-VAT tal-Unjoni Ewropea fis-seħħ mill-1993 huma biss ta' natura provviżorja u tranżizzjonali;

B. billi, skont l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kunsill għandu, b'mod unanimu, jadotta direttivi għall-ikkompletar tas-sistema komuni tal-VAT u, b'mod partikolari, għat-tneħħija jew għar-revoka progressivi tal-eżenzjonijiet minn din is-sistema;

C. billi l-Kummissjoni hija meħtieġa li kull erba' snin tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tas-sistema attwali tal-VAT u, b'mod partikolari, dwar l-arranġamenti tranżizzjonali;

---

([1]) ĠU C 94 E, 3.4.2013, p. 5.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2014)0234.
([3]) ĠU C 346, 21.9.2016, p. 27.

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

D. billi l-VAT, li d-dħul minnha għas-sena 2014 kien ta' kważi EUR triljun, hija sors ta' dħul ewlieni u li qiegħed jikber fl-Istati Membri u tikkontribwixxi għar-riżorsi proprji tal-UE, bid-dħul totali tal-UE mir-riżorsi proprji tal-VAT ikun ta' EUR 17 667 miljun u jammonta għal 12,27 % tad-dħul totali tal-UE fl-2014 ([1]);

E. billi s-sistema tal-VAT attwali, peress li hi applikata minn korporazzjonijiet kbar għal tranżazzjonijiet transfruntieri, hija vulnerabbli għall-frodi, għall-istrateġiji tal-evitar tat-taxxa, għall-VAT li ma tinġabarx minħabba insolvenzi, jew għall-kalkolu ħażin; billi d-"diskrepanza tal-VAT" stmata tammonta għal madwar EUR 170 biljun kull sena, u teknoloġiji diġitali aħjar qed isiru disponibbli biex jgħinu fit-tnaqqis ta' din id-diskrepanza;

F. billi, skont studju tal-Kummissjoni ([2]), il-frodi MTIC (frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes, komunement imsejjaħ frodi karusell) waħdu huwa responsabbli għal telf fid-dħul tal-VAT ta' madwar EUR 45 biljun sa EUR 53 biljun kull sena;

G. billi l-Istati Membri jvarjaw fl-effikaċja li biha huma kapaċi jindirizzaw il-frodi tal-VAT u l-evitar tal-VAT, peress li d-diskrepanza tal-VAT hija stmata li tvarja minn inqas minn 5 % sa aktar minn 40 % skont il-pajjiż ikkunsidrat;

H. billi, skont l-istimi tal-Europol, bejn EUR 40 biljun u EUR 60 biljun tat-telf fid-dħul annwali mill-VAT tal-Istati Membri huwa kkawżat minn gruppi ta' kriminalità organizzata, u 2 % ta' dawk il-gruppi huma wara 80 % tal-frodi MTIC;

I. billi l-kejl tat-telf fid-dħul li jirriżulta minn frodi tal-VAT transfruntiera hija sfida iebsa ħafna minħabba li żewġ Stati Membri biss, ir-Renju Unit u l-Belġju, jiġbru u jiddisseminaw statistika dwar din il-kwistjoni;

J. billi bosta Stati Membri taħt il-koordinazzjoni tal-Eurojust u tal-Europol reċentement wettqu tliet Operazzjonijiet Vertigo konsekuttivi u ta' suċċess li kixfu skema ta' frodi karusell li tammonta għal EUR 320 miljun;

K. billi l-ispejjeż amministrattivi kbar ikkawżati mis-sistemi tal-VAT preżenti, speċjalment fir-rigward ta' tranżazzjonijiet transfruntiera, jistgħu jitnaqqsu b'mod sinfikanti għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, anke permezz ta' mekkaniżmi ta' simplifikazzjoni bl-użu ta' għodod ta' rappurtar diġitali u databases komuni;

L. billi hemm ħafna lok għal titjib fit-tnaqqis tal-ostakoli amministrattivi u fiskali li jolqtu, b'mod partikolari, il-proġetti ta' kooperazzjoni transfruntiera;

M. billi l-VAT hija taxxa fuq il-konsum li hija bbażata fuq sistema ta' ħlasijiet frazzjonati li tippermetti awtoregolamentazzjoni mill-persuni responsabbli għall-ħlas, u billi trid titħallas biss mill-konsumatur finali sabiex tiġi żgurata n-newtralità għan-negozji; billi huwa f'idejn l-Istati Membri li jorganizzaw il-mod prattiku li bih jiċċarġjaw il-VAT sabiex jiżguraw li din titħallas mill-konsumatur finali;

N. billi 23 sena wara l-introduzzjoni tad-Direttiva tal-VAT, l-hekk imsejħa "derogi ta' sospensjoni" ma għadhomx rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ekonomija diġitali moderna;

O. billi, fl-aħħar żewġ deċennji, il-Kummissjoni fetħet aktar minn 40 proċedura ta' ksur kontra aktar minn żewġ terzi tal-Istati Membri minħabba ksur tad-Direttiva;

P. billi ma tistax tintlaħaq maġġoranza favur il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini rigward sistema tal-VAT definittiva, peress li dan ikun jeħtieġ livell ogħla ta' armonizzazzjoni tar-rati tat-taxxa biex jiġu evitati distorsjonijiet massivi fil-kompetizzjoni;

Q. billi l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa hija waħda mill-isfidi ewlenin fil-qasam tat-taxxa li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri;

(1) Kummissjoni Ewropea, rapport finanzjarju 2014.
(2) http://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/resources/documents/common/publications/studies/ey_study_destination_principle.pdf

R. billi l-frodi tal-VAT hija prattika li tagħmel ħafna ħsara peress li tiddevja ammonti sinifikanti tad-dħul tal-baġit tal-Istati Membri filwaqt li xxekkel l-isforzi tagħhom biex jikkonsolidaw il-finanzi pubbliċi;

S. billi l-frodi tal-VAT f’livell transfruntier lill-Istati Membri u lill-kontribwenti Ewropej tagħna tiswielhom madwar EUR 50 biljun fis-sena;

T. billi t-tipoloġiji ta’ frodi tal-VAT huma multidimensjonali, kontinwament jevolvu u jirrigwardaw ħafna setturi ekonomiċi, u, għaldaqstant, jirrikjedu adattament rapidu tal-leġiżlazzjoni rilevanti bil-għan li tinqabad it-triq lejn sistema tal-VAT sempliċi u sostenibbli li tippermetti li jiġu evitati l-frodi u t-telf potenzjali tad-dħul mit-taxxa;

U. billi ebda proġett pilota tar-reverse charge m’għandu joħloq jew iwassal għal dewmien fl-istabbiliment ta’ sistema definittiva tal-VAT kif previst mill-pjan direzzjonali tal-Pjan ta’ Azzjoni tal-Kummissjoni;

V. billi t-teknika ta’ frodi tal-VAT l-iktar użata hija l-frodi “karusell”; billi dan it-tip ta’ frodi, komuni ħafna fis-setturi tal-komponenti elettroniċi, tat-telefonija mobbli u tal-kummerċ tat-tessuti, il-merkanzija tgħaddi minn diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti, fejn jittieħed vantaġġ mill-fatt li ma hemm ebda taxxa imposta fuq il-provvista ta’ merkanzija fi ħdan l-UE;

W. billi l-isforzi ta’ kooperazzjoni msaħħa u kostanti bejn l-Istati Membri huma meħtieġa b’mod urġenti biex jitfasslu strateġiji komprensivi u integrati fil-ġlieda kontra l-frodi, partikolarment fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji attwali tal-UE, u ż-żieda tal-kummerċ elettroniku u tal-kummerċ fuq l-Internet, li dgħajfet il-kontroll territorjali fuq il-ġbir tal-VAT;

X. billi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri hija element fundamentali tal-aġenda politika tal-Unjoni sabiex tikkonsolida u ssaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini u tiggarantixxi li flushom qed jintużaw b’mod xieraq;

Y. billi l-frodi tal-VAT tirriżulta f’telf ta’ dħul għall-Istati Membri, u għalhekk għall-UE, toħloq distorsjoni fl-ambjent fiskali li tagħmel ħsara b’mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, u tintuża minn organizzazzjonijiet kriminali li jieħdu vantaġġ minn lakuni leġiżlattivi eżistenti bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji kompetenti tagħhom;

Z. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonkludiet fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 24/2015 li l-frodi tal-VAT hija prinċipalment ikklassifikata bħala prattika kriminali li jeħtieġ li titwaqqaf;

AA. billi fil-kawża “Taricco u Oħrajn” (C105/14), il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja stqarret li l-kunċett ta’ “frodi” kif definit fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ikopri d-dħul mill-VAT;

1. Jilqa’ l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi sistema tal-VAT definittiva sal-2017 li hija sempliċi, ġusta, robusta, effiċjenti u inqas suxxettibbli għall-frodi;

2. Jenfasizza li hemm bżonn ta’ sistema sempliċi għall-VAT li titlob inqas eżenzjonijiet, għall-funzjonament xieraq tas-suq uniku diġitali;

3. Hu tal-fehma li l-parir espert li fuqu hija bbażata l-proposta tal-Kummissjoni għall-programm ta’ azzjoni fih rakkomandazzjonijiet importanti; jenfasizza li l-lista ta’ proposti tal-Kummissjoni mmirati lejn il-kisba ta’ sistema tal-VAT robusta, sempliċi u reżistenti għall-frodi, mhijiex eżawrjenti;

4. Jilqa’ l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta’ April 2016 u l-miżuri addizzjonali mbassra ddisinjati biex jevitaw il-frodi u jgħinu jtejbu s-sistema tal-VAT eżistenti;

5. Hu tal-fehma li t-titjib tas-sistema eżistenti huwa wkoll importanti, u jitlob riformi fundamentali bil-ħsieb li jneħħu jew għall-inqas inaqqsu b’mod sostanzjali l-problemi li jaffettwawha, u b’mod partikolari l-problema Ewropea tal-ġbir tal-VAT;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

6. Hu tal-fehma li l-Kummissjoni għandha teżamina l-għażliet kollha possibbli bl-istess mod mingħajr ma tippreġudika l-eżitu u għandha tinkludihom fil-proċess leġiżlattiv;

7. Jirrikonoxxi li hemm bżonn ta' sforzi konġunti bejn l-Istati Membri biex ikun hemm qbil dwar sistema tal-VAT definittiva;

8. Jirrikonoxxi li l-unanimità se tkun prekundizzjoni neċessarja biex jintlaħaq ftehim dwar sistema li tiffunzjona tajjeb għall-VAT, u għalhekk jitlob viżjoni ċara rigward is-sempliċità u inqas eċċezzjonijiet flimkien ma' approċċ prammatiku li jirrispetta l-interessi tal-ekonomija diġitali li qed tiżviluppa b'rata mgħaġġla;

9. Jirrikonoxxi li huwa essenzjali għall-Istati Membri li jadottaw politika tat-tassazzjoni kkoordinata kif ukoll itejbu l-ħeffa u l-frekwenza tal-iskambju ta' informazzjoni tagħhom dwar il-kummerċ intra-Komunitarju sabiex jiġġieldu b'mod effikaċi l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa u biex finalment tingħalaq d-"diskrepanza tal-VAT";

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-aġenziji tal-gvern jesploraw u jittestjaw teknoloġiji ġodda, bħar-reġistru tat-teknoloġija distribwit u superviżjoni f'ħin reali, bħala parti minn aġenda RegTech bil-għan li titnaqqas b'mod sinifikanti u sostanzjali id-"diskrepanza tal-VAT" eżistenti u sinifikanti fl-Unjoni;

11. Jenfasizza li hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istati Membri individwali li jiżguraw li l-VAT titħallas b'mod sempliċi u faċli għall-SMEs, li jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' aktar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali;

12. Hu tal-fehma li, fil-passat, il-kooperazzjoni u l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa individwali tal-Istati Membri ma kinux adegwati u l-attivitajiet tal-Eurofisc sa issa ma wasslux għal riżultati sodisfaċenti; huwa tal-opinjoni li l-informazzjoni skambjata permezz tal-Eurofisc għandha tkun immirata aħjar lejn il-frodi; jistenna bil-ħerqa l-proposta li jmiss tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-funzjonament tal-Eurofisc;

13. Jinnota li s-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT (VIES) uriet li hija għodda utli fil-ġlieda kontra l-frodi billi tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa jirrikonċiljaw id-data fuq negozjanti bejn il-pajjiżi, iżda li għad hemm nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tagħha, b'mod partikolari rigward il-puntwalità tal-informazzjoni pprovduta, il-ħeffa tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet u l-veloċità tar-reazzjoni għall-iżbalji identifikati; jirrakkomanda għalhekk li l-Istati Membri jagħtu kunsiderazzjoni dovuta sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet;

14. Jinnota li d-data pprovduta lill-Eurofisc mill-awtoritajiet nazzjonali mhijiex iffiltrata b'mod li tittrasferixxi biss każijiet suspetti, u għalhekk ixxekkel il-funzjonament ottimali tal-grupp; jappoġġja l-inizjattiva minn diversi Stati Membri li jisħqu favur it-twaqqif ta' għodod nazzjonali ta' analiżi tar-riskju li jippermettu l-iffiltrar ta' data mingħajr ma jidħlu f'riskju li jeliminaw każijiet suspettużi fi kwalunkwe Stat Membru u jippermettu lill-Eurofisc jirreaġixxi b'ħeffa kontra l-frodi tal-VAT transfruntiera;

15. Jenfasizza li hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istati Membri individwali li jiżguraw li l-VAT titħallas b'mod xieraq u sempliċi;

16. Ifakkar li l-Istati Membri jiddependu l-aktar fuq informazzjoni li tasal minn Stati Membri oħra dwar il-kummerċ fi ħdan l-UE sabiex ikunu jistgħu jiġbru l-VAT fit-territorju tagħhom; jitlob lill-awtoritajiet responsabbli biex b'mod awtomatiku jiskambjaw informazzjoni partikolarment dwar il-VAT u d-dazji kif ukoll biex jużaw mezzi teknoloġiċi affidabbli u faċli għall-utent, bħal formoli standard elettroniċi, biex ikollhom rekord tal-konsenji ta' merkanzija u ta' servizzi lill-utenti finali; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-użu ta' Numri ta' Lokazzjoni tal-VAT (VLNs), li skonthom il-konsumaturi ma jistgħux inaqqsu t-taxxa tal-input jekk il-VAT hija indikata fuq fattura mingħajr VLN validu, jista' jkun strument utli;

17. Jemmen li n-nuqqas ta' data komparabbli u ta' indikaturi rilevanti adegwati biex ikejlu l-prestazzjoni tal-Istati Membri jaffettwa l-effikaċja tas-sistema tal-UE biex tindirizza l-frodi tal-VAT fi ħdan l-UE, u għalhekk jistieden lill-awtoritajiet tat-taxxa jistabbilixxu, f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni, sistema komuni biex jiġi stmat id-daqs tal-frodi fi ħdan l-UE u mbagħad jistabbilixxu miri biex jitnaqqas, peress li dan jippermetti l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fl-indirizzar ta' din il-kwistjoni;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

18. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw ukoll l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi bħalma huma l-Europol u l-OLAF, kif rakkomandat mill-Qorti tal-Awdituri;

19. Jinnota li l-Proċedura Doganali 42, li tipprevedi għal eżenzjoni mill-VAT fuq merkanzija impurtata fi Stat Membru wieħed meta sussegwentement dawn għandhom jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor, uriet li hija vulnerabbli għal abbuż frawdolenti; jinnota li l-kontroverifiki effikaċi tad-data miżmuma mill-awtoritajiet tat-taxxa b'data miżmuma mill-awtoritajiet doganali huma kruċjali biex jidentifikaw u jeliminaw dan it-tip ta' frodi; jitlob għalhekk lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu ħalli jiffaċilitaw il-fluss ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u dawk doganali dwar l-importazzjonijiet taħt il-Proċedura Doganali 42, kif rakkomandat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

20. Jappoġġja l-għan tal-pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi żona unika Ewropea tal-VAT, li għandha tkun pilastru għal suq intern aktar profond u aktar ekwu u biex tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ġustizzja fiskali, il-konsum sostenibbli, l-impjiegi, it-tkabbir, l-investiment u l-kompetittività, filwaqt li tillimita wkoll il-possibbiltà ta' frodi tal-VAT;

21. Jitlob f'dan ir-rigward li s-servizzi jiġu inkorporati b'mod sħiħ fis-sistema l-ġdida malajr kemm jista' jkun, b'mod partikolari, li s-servizzi finanzjarji jkunu soġġetti għall-VAT;

22. Jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li s-sistema definittiva tal-VAT għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tat-tassazzjoni fil-pajjiż li hu d-destinazzjoni finali tal-merkanzija u s-servizzi, minħabba li l-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini ma setax jiġi implimentat;

23. Huwa favur li l-prinċipju tal-pajjiż tad-destinazzjoni jiġi applikat bħala regola ġenerali fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod lil individwi, u li jiġu introdotti miżuri armonizzati għan-negozji ż-żgħar;

24. Jappella għal żviluppi teknoloġiċi fid-dinja diġitali li għandhom jiġu inkorporati fil-mudelli fiskali eżistenti meta s-sistema tal-VAT li ttieħdet deċiżjoni dwarha tiġi introdotta, sabiex is-sistema tkun adegwata għas-seklu 21;

25. Jinnota li l-eċċess attwali fir-rati tal-VAT joħloq ħafna inċertezza għall-kumpaniji involuti f'kummerċ transfruntier, b'mod partikolari fis-settur tas-servizzi u għall-SMEs; jinnota li l-inċertezza hija kkawżata wkoll mill-kwistjoni dwar min hu responsabbli għall-ġbir tal-VAT, il-prova ta' provvista fi ħdan il-komunità, ir-riskju li tkun involut fil-frodi b'negozjant nieqes, kwistjonijiet ta' fluss tal-flus u r-rati tal-VAT differenti għal kategoriji ta' merkanzija differenti fi ħdan l-istess pajjiż; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tistudja l-impatt sa nofs l-2017 tal-frodi b'negozjant nieqes; jistieden lill-Istati Membri jaqblu fuq li jżidu l-konverġenza fir-rati tal-VAT;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tan-nuqqas li tarmonizza r-rati tat-taxxa fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar attivitajiet transfruntiera, u biex tivvaluta l-possibbiltajiet biex jitneħħew dawn l-ostakoli;

27. Jappoġġja l-għażla kif proposta mill-Kummissjoni ta' rieżami regolari tal-lista' ta' merkanzija u ta' servizzi eliġibbli għal rati mnaqqsa li għandu jintlaħaq qbil dwarha mill-Kunsill; jappella biex din il-lista tqis il-prijoritajiet politiċi bħall-aspetti soċjali, tas-sessi, tas-saħħa, ambjentali, nutrizzjonali u kulturali;

28. Hu tal-fehma li t-tneħħija kompleta tar-rati tat-taxxa minimi bħala alternattiva, kif proposta mill-Kummissjoni, tista' tikkawża distorsjonijiet konsiderevoli għall-kompetizzjoni u problemi fis-suq uniku; hu tal-fehma li għandha titqies il-ħtieġa għal aktar armonizzazzjoni, li hija neċessarja għall-funzjonament xieraq tas-suq uniku;

29. Jitlob eżami dwar jekk tistax tiġi adottata lista unika Ewropea ta' merkanzija u ta' servizzi mnaqqsa bil-għan li tinstab alternattiva għas-sistema attwali ta' rati tal-VAT imnaqqsa li tista' ttejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza tas-sistema tal-VAT, u tippermetti għal sistema aktar strutturata milli hu l-każ bħalissa;

30. Hu tal-fehma li inqas eżenzjonijiet huma importanti fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT u li l-aħjar u l-aktar mod effiċjenti biex tiġi indirizzata l-frodi hija sistema tal-VAT sempliċi b'rata kemm jista' jkun baxxa;

31. Hu tal-fehma li s-sistema kkumplikata preżenti tista' tiġi ssimplifikata b'mod konsiderevoli jekk il-merkanzija u s-servizzi eliġibbli għal rati tat-taxxa mnaqqsa jitnaqqsu u wħud mill-merkanzija u s-servizzi eliġibbli għal rati tat-taxxa mnaqqsa jiġu determinati b'mod konġunt mill-Istati Membri fil-livell tal-UE, filwaqt li jiġi permess lill-Istati Membri jiddeċiedu dwar ir-rati tat-taxxa sakemm ikunu konformi mar-rati tat-taxxa minimi fid-Direttiva tal-VAT u sakemm dan ma joħloqx riskji ta' kompetizzjoni inġusta;

32. Jitlob li l-merkanzija tkun soġġetta għall-prinċipju tal-pajjiż tad-destinazzjoni ta' tassazzjoni ekwa irrispettivament minn liema forma jieħdu jew fuq liema pjattaforma jinxtraw u jekk humiex fornuti b'mod diġitali jew b'mod fiżiku;

33. Jinnota li llum, problema kbira għall-SMEs hija li l-Istati Membri għandhom interpretazzjonijiet differenti rigward x'jista' jiġi deskritt bħala merkanzija jew bħala servizz; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni tkun aktar ċara u distinta fid-definizzjonijiet tagħha;

34. Jistieden lill-Istati Membri japplikaw il-VAT b'mod ekwu ma' kumpaniji privati u pubbliċi f'oqsma li fihom jikkompetu ma' xulxin;

35. Jirrimarka li s-sistema ta' pagamenti frazzjonata għall-VAT intgħażlet bħala r-referenza għat-tassazzjoni indiretta fil-proġett BEPS tal-OECD (Azzjoni 1) peress li tiżgura li l-ġbir tat-taxxi jkun effikaċi u, min-natura tagħha, tippermetti l-awtoregolamentazzjoni mill-operaturi;

36. Jinnota li l-Artikoli 199 u 199a tad-Direttiva tal-VAT jipprovdu għal applikazzjoni temporanja u mmirata tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għal tranżazzjonijiet transfruntiera u għal ċerti setturi domestiċi b'riskju għoli fl-Istati Membri;

37. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa l-konsegwenzi tal-mekkaniżmu tar-reverse charge u teżamina jekk din il-proċedura hix se tissimplifika s-sitwazzjoni għall-SMEs u tnaqqas il-frodi tal-VAT;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-effetti tal-proċedura tar-reverse charge, u mhux biss għas-setturi individwali li huma partikolarment suxxettibbli għall-frodi, f'termini ta' benefiċċji, spejjeż ta' konformità, frodi, effikaċja u problemi ta' implimentazzjoni, u vantaġġi u żvantaġġi fuq terminu twil permezz ta' proġetti pilota, kif mitlub minn uħud mill-Istati Membri u sadanittant ikkonfermat espliċitament mill-Kummissjoni, anke jekk dan ma kienx inkluż fil-pjan ta' azzjoni tagħha; jishaq, madankollu, li ebda tali proġett pilota m'għandu bi kwalunkwe mod joħloq jew iwassal għal dewmien fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-reġim tal-VAT permanenti kif previst mill-pjan direzzjonali tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni;

39. Hu tal-fehma li l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa jridu jieħdu aktar responsabbiltà biex jiżguraw konformità mar-regoli tat-taxxa u jnaqqsu l-opportunitajiet għall-evażjoni fl-implimentazzjoni ġenerali tal-prinċipju tal-pajjiż tad-destinazzjoni; jaqbel mal-Kummissjoni li għad hemm ħafna lok għal titjib fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT permezz ta' miżuri amministrattivi konvenzjonali u titjib fil-kapaċità u l-ħiliet tal-persunal tal-Istati Membri fil-ġbir u fl-ispezzjoni tat-taxxa; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-ispezzjonijiet u s-sanzjonijiet tat-taxxa fuq l-akbar frodisti; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat f'dan ir-rigward;

40. Hu tal-fehma li l-Kummissjoni għandha timmonitorja mill-qrib il-prestazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa u ttejjeb il-koordinazzjoni bejniethom;

41. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li se tespandi l-Punt Uniku ta' Servizz Żgħir f'punt uniku ta' servizz komplut; jinnota l-importanza kbira li dan ikun faċli għall-utent u ugwalment effiċjenti fit-28 Stat Membru kollha; jinnota li l-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz itaffi l-piżijiet amministrattivi li ma jħallux lill-kumpaniji joperaw lil hinn mill-fruntieri u jnaqqas l-ispejjeż għall-SMEs (COM(2016)0148);

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

42. Jinnota li "punt uniku ta' servizz" huwa essenzjali jekk il-prinċipju tal-pajjiż tad-destinazzjoni jiġi impost u biex isir inqas suxxettibbli għall-frodi; jappella għal titjib tal-punt uniku ta' servizz abbażi tal-esperjenza attwali tal-Punti Uniċi ta' Servizz Żgħar għal prodotti diġitali; jinnota li anke bil-Punt Uniku ta' Servizz Żgħir, in-negozji żgħar u mikro jistgħu jaffaċċjaw piż amministrattiv sinifikanti taħt il-prinċipju tad-destinazzjoni l-ġdid; jilqa', għalhekk, il-proposta fi ħdan il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-VAT li tintroduċi miżura komuni ta' simplifikazzjoni madwar l-UE (livell limitu tal-VAT); jappella għal definizzjoni ċara ta' liema Stat Membru huwa responsabbli għall-ispezzjoni tat-taxxa f'każ ta' tranżazzjonijiet transfruntiera; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tneħħi l-Ħelsien mit-Taxxa għal Kunsinni ta' Valur Baxx bħala parti mill-pjan ta' azzjoni tagħha dwar il-VAT;

43. Jirrikonoxxi li reġimi differenti tal-VAT madwar l-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu perċepiti wkoll bħala ostakolu nontariffarju fis-Suq Uniku, jissottolinja li l-Punt Uniku ta' Servizz Żgħir (VAT MOSS) huwa mod tajjeb li jgħin sabiex jingħeleb dan l-ostakolu u b'mod partikolari biex l-SMEs jiġu appoġġjati fl-attività transfruntiera tagħhom; jirrikonoxxi li għad hemm xi kwistjonijiet problematiċi żgħar bil-VAT MOSS; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiffaċilita l-ħlas tal-obbligi tal-VAT minn kumpaniji madwar l-UE;

44. Jinnota s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-97/09 *(Ingrid Schmelz v Finanzamt Waldviertel)*; jieħu nota tat-28 livell limitu differenti għall-eżenzjoni mit-taxxa tal-VAT; jieħu nota tad-diffikultajiet finanzjarji sussegwenti li jaffaċċjaw l-SMEs u l-mikrointrapriżi li skont is-sistemi nazzjonali tagħhom ikunu eżentati; jistieden lill-Kummissjoni twettaq studji ulterjuri dwar l-iffissar ta' livell limitu għall-eżenzjoni mill-ħlas tal-VAT għall-mikrointrapriżi;

45. Jitlob li jiġu eżaminati l-proposti kollha biex il-piż amministrattiv tat-taxxi fuq id-dħul minn negozju għall-MSMEs jiġi minimizzat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward biex tinvestiga wkoll l-aħjar prattiki internazzjonali, bħalma huma l-iskemi tal-"gold card" applikabbli f'Singapore u l-Awstralja, filwaqt li tirrikonoxxi li r-riskju ta' frodi min-naħa ta' xi fornituri huwa baxx ħafna;

46. Jilqa' n-notifika tal-Kummissjoni li fl-2017 se tissottometti pakkett għall-SMEs għall-VAT; jirrakkomanda, madankollu, li l-implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid għandha tkun gradwali peress li se tiskatta spejjeż amministrattivi addizzjonali (bħal infrastruttura tal-IT jew proċessi tal-VAT);

47. Jinnota s-sistema kumplessa ta' filing li timponi piż qawwi fuq l-SMEs u b'hekk tiskoraġġixxi l-kummerċ transfruntier; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fil-pakkett tagħha għall-SMEs proposta għal sistema unifikata ta' filing tal-VAT u rekwiżiti armonizzati ta' rappurtar u skadenzi;

48. Jenfasizza l-ħtieġa ta' ambjent tal-VAT armonizzat għal bejgħ mill-bogħod "minn negozju għal negozju" u "minn negozju għal konsumatur"; jinnota li l-livell limitu tal-VAT mhuwiex implimentat bl-istess suċċess fl-Istati Membri differenti minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni;

49. Jenfasizza li trid titfassal sistema ġdida ssimplifikata tal-VAT b'mod li l-SMEs ikunu jistgħu jsegwu r-regoli għall-kummerċ transfruntier faċilment u f'kull Stat Membru jkunu jistgħu jsibu appoġġ mhux biss dwar kif jadottawhom iżda wkoll il-ġestjoni tal-proċeduri tal-VAT;

50. Jappella, fuq perjodu qasir, għal portal tal-internet komprensiv u pubblikament aċċessibbli għall-kumpaniji u għall-utenti finali biex isibu, b'mod ċar u faċli, informazzjoni dettaljata dwar ir-rati tal-VAT applikabbli għall-merkanzija u s-servizzi individwali fl-Istati Membri; jenfasizza li l-lingwaġġ u t-tfassil ta' dan il-portal għandhom ikunu faċli biex jinftiehmu u jintużaw; itenni l-konvinzjoni tiegħu li jekk il-kumpaniji jiġu megħjuna biex ikollhom fehim ċar tar-regoli applikabbli tal-VAT fl-Istati Membri dan ikompli jsaħħaħ il-miżuri kontra l-frodi tal-VAT; jinnota wkoll li softwer tat-taxxa ċertifikat jista' jgħin sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' tipi speċifiċi ta' frodi u irregolaritajiet oħra u jista' jipprovdi ċertezza lil negozji onesti involuti fi tranżazzjonijiet domestiċi u transfruntiera; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida għall-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa dwar il-klassifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet fir-rigward tar-rata tal-VAT applikata sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità u l-kwistjonijiet ġuridiċi; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' informazzjoni pubbliċi, bħal portal tal-internet dwar il-VAT, sabiex jagħmlu disponibbli informazzjoni affidabbli;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi lista b'informazzjoni aġġornata dwar ir-regoli tal-VAT f'kull wieħed mill-Istati Membri; jissottolinja, fl-istess ħin, li hija r-responsabilità tal-Istati Membri li jirrapportaw ir-regoli u r-rati tagħhom lill-Kummissjoni;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

52. Jieħu nota li, fir-rigward tal-bejgħ bil-kummerċ elettroniku, in-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell limitu tal-VAT iwassal għal spejjeż għoljin ta' tranżazzjoni għall-SMEs li joperaw f'attivitajiet ta' kummerċ elettroniku meta aċċidentalment jew involontarjament jaqbżu l-livell limitu;

53. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu b'mod urġenti lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar ir-rati tal-VAT, ir-rekwiżiti speċjali u l-eżenzjonijiet rispettivi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiġbor din l-informazzjoni u tagħmilha disponibbli lill-kumpaniji u lill-konsumaturi;

54. Hu tal-fehma li l-pjanijiet ta' riforma tal-VAT imħabbra mill-Kummissjoni fil-programm ta' azzjoni jridu jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi u sodi b'input mix-xjenza, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membru tal-UE, l-SMEs u l-kumpaniji fl-UE;

55. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni fiskali hija kompetenza esklusiva tal-Istati Membri; jenfasizza li skont l-Artikolu 329(1) tat-TFUE, grupp ta' mill-inqas disa' Stati Membri jistgħu jidħlu f'kooperazzjoni mtejba; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja proposti għal kooperazzjoni mtejba bil-għan li tiġġieled il-frodi u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi f'termini ta' VAT;

56. Hu tal-fehma li soluzzjoni fi ħdan il-qafas tal-OECD hija iktar mixtieqa minn miżuri awtonomi li jeħtieġ li jiġu armonizzati mar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD u mal-pjan ta' azzjoni dwar il-BEPS;

57. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020: Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika" (COM(2016)0179);

58. Josserva li l-pjan ta' azzjoni l-ġdid jinkludi aktar passi 'l quddiem lejn reġim definittiv aktar effiċjenti u reżistenti għall-frodi li jkun aktar favorevoli għall-impriżi fl-era tal-ekonomija diġitali u tal-kummerċ elettroniku;

59. Jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li skontha l-VAT fuq il-bejgħ transfruntier (ta' merkanzija jew ta' servizzi) tinġabar mill-awtorità tat-taxxa tal-pajjiżi tal-oriġini, f'rata applikabbli fil-pajjiż tal-użu, u tiġi ttrasferita fil-pajjiż fejn il-merkanzija u s-servizzi jiġu finalment ikkunsmati;

60. Jissottolinja l-importanza tal-preżentazzjoni ta' proposta leġiżlattiva biex il-Mekkaniżmu Elettroniku Uniku (għar-reġistrazzjoni u għall-pagament tal-VAT għan-negozji transfruntiera) jiġi estiż biex jinkludi l-bejgħ online tal-konsumatur ta' merkanzija fiżika sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, wieħed mill-ostakoli ewlenin li n-negozji jaffaċċjaw meta joperaw matul il-fruntieri;

61. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-problema tal-piż amministrattiv fuq in-negozji maħluq mir-reġim frammentat tal-VAT billi tippreżenta proposti leġiżlattivi għall-estensjoni tal-Punt Uniku ta' Kuntatt Żgħir attwali biex tinkludi oġġetti tanġibbli mibjugħin online, b'hekk l-impriżi jkunu jistgħu jagħmlu dikjarazzjonijiet uniċi u pagamenti tal-VAT fl-Istat Membru tagħhom stess;

62. Jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw is-sistemi nazzjonali tat-taxxa tagħhom, u jagħmluhom aktar konsistenti u robusti, b'tali mod li jiffaċilitaw il-konformità, jevitaw, jiskoraġġixxu u jissanzjonaw il-frodi u l-evażjoni tat-taxxa, u jagħtu spinta lill-effiċjenza tal-ġbir tal-VAT;

63. Huwa mħasseb bil-fatt li l-għan tas-simplifikazzjoni tas-sistema ta' akkontabilità għall-VAT bħala riżorsa proprja ma ntlaħaqx totalment; ifakkar fil-bżonn ta' aktar simplifikazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni relatata mar-riżorsi proprji bil-għan li jonqsu l-possibbiltajiet ta' żbalji u frodi; jiddispjaċih li l-pjan ta' azzjoni l-ġdid ma jindirizzax l-impatt fuq ir-riżorsa proprja tal-VAT;

64. Jirrimarka li d-diskrepanzi tal-VAT tal-Istati Membri, u t-telf stmat fil-ġbir tal-VAT fi ħdan l-Unjoni, ammontaw għal EUR 170 biljun fl-2015, skont l-istimi, u jissottolinja l-fatt li fi 13-il Stat Membru mis-26 eżaminati fl-2014, it-telf stmat medju tal-VAT qabeż il-15,2 %; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mis-setgħat eżekuttivi tagħha sabiex kemm tikkontrolla kif ukoll tgħin lill-Istati Membri; jirrimarka li l-azzjoni effikaċi biex tonqos id-diskrepanza tal-VAT teħtieġ approċċ miftiehem u multidixxiplinari, peress li din id-diskrepanza hija r-riżultat mhux biss ta' frodi iżda ta' kombinament ta' fatturi, fosthom il-falliment u l-insolvenza, l-iżbalji statistiċi, il-pagament tardiv, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex b'mod rapidu tippromwovi malajr leġiżlazzjoni dwar il-livell minimu ta' protezzjoni għall-informaturi fl-UE u, biex tinvestiga u tiskoraġġixxi b'mod aħjar il-frodi, tistabbilixxi appoġġ finanzjarju favur il-ġurnaliżmu investigattiv transfruntier, li wera biċ-ċar l-effikaċja tiegħu fl-iskandli "LuxLeaks", "Dieselgate" u "Panama Papers";

65. Jiddispjaċih li l-frodi tal-VAT, u b'mod partikolari l-hekk imsejħa frodi "karusell" jew tan-"negozjant nieqes", tikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni u ċċaħħad lill-baġits nazzjonali minn riżorsi sinifikanti, kif ukoll tkun ta' detriment għall-baġit tal-Unjoni; jinsab imħasseb li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda data affidabbli dwar il-"frodi karusell" tal-VAT; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tagħti bidu għal sforz ikkoordinat min-naħa tal-Istati Membri biex tkun stabbilita sistema konġunta ta' ġbir tal-istatistika dwar il-"frodi karusell" tal-VAT; jirrimarka li tali sistema tista' tkun mibnija fuq prattiki diġà użati f'ċerti Stati Membri;

66. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti bidu għall-istabbiliment ta' sistema komuni li tippermetti stima aktar irfinata tal-kobor tal-frodi tal-VAT fi ħdan l-UE billi tiġi kumpilata l-istatistika rigward il-frodi tal-VAT fi ħdan l-UE, li tkun tippermetti lill-Istati Membri individwali jevalwaw il-prestazzjonijiet rispettivi tagħhom f'dan ir-rigward abbażi ta' indikaturi preċiżi u affidabbli dwar it-tnaqqis tal-VAT fi ħdan l-UE u taż-żieda fl-identifikazzjoni tal-frodi u l-irkupru tat-taxxa korrellativ; huwa tal-fehma li l-approċċi tal-awditjar il-ġodda, bħall-awditjar uniku jew l-awditjar konġunt, għandhom ikunu estiżi ulterjorment biex jinkludu operazzjonijiet transfruntieri;

67. Jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati strateġiji ġodda, u li jsir użu aktar effiċjenti mill-istrutturi eżistenti tal-UE, biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT; jissottolinja l-fatt li aktar trasparenza, li tippermetti skrutinju xieraq, u l-adozzjoni ta' approċċ aktar strutturat u msejjes fuq approċċ "ibbażat fuq ir-riskju", huma fundamentali għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-iskemi tal-frodi u tal-korruzzjoni;

68. Jiddispjaċih li l-kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT għadha mhijiex effiċjenti meta tiġi biex tindirizza l-evażjoni u l-mekkaniżmi ta' frodi tal-VAT fi ħdan l-UE, jew biex tiġġestixxi t-tranżazzjonijiet jew il-kummerċ transfruntieri; jisħaq fuq il-bżonn ta' sistema tal-VAT li tkun simplifikata, effikaċi u aċċessibbli u li tħalli lill-Istati Membri kollha jnaqqsu l-piżijiet tal-VAT tagħhom u jiġġieldu l-frodi tal-VAT; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, twettaq aktar żjarat ta' monitoraġġ fl-Istati Membri, magħżulin fuq il-bażi tar-riskju, matul il-valutazzjoni tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni amministrattiva; jitlob lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tiffoka, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-arranġamenti amministrattivi, fuq it-tneħħija tal-ostakli ġuridiċi li jipprevjenu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u tal-UE; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri jintroduċu analiżi komuni tar-riskji li tinkludi l-użu ta' analiżi tan-netwerks soċjali tiżgura li l-informazzjoni skambjata permezz tal-Eurofisc tkun immirata kontra l-frodi; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu penali effikaċi, proporzjonati u dissważivi kif ukoll itejbu s-sistema ta' skambju tal-informazzjoni attwalment użata;

69. Jenfasizza l-bżonn li Eurofisc jissaħħaħ sabiex jitħaffu l-iskambji ta' informazzjoni; jirrimarka li għad hemm problemi fir-rigward tal-eżattezza, tal-kompletezza u tal-puntwalità tal-informazzjoni; iqis li huwa meħtieġ li jkunu akkomunati l-azzjonijiet, u jkunu kkoordinati l-istrateġiji, tal-awtoritajiet tat-taxxa, ġudizzjarji u tal-pulizija tal-Istati Membri kif ukoll tal-korpi Ewropej – bħall-Europol, il-Eurojust u l-OLAF – fil-ġlieda kontra l-frodi, il-kriminalità organizzata u l-ħasil ta' flus; jinkoraġġixxi lill-partijiet interessati kollha jkomplu jqisu mudelli sempliċi u komprensibbli ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni f'ħin reali bil-għan li jippermettu reazzjonijiet rapidi jew miżuri ta' mitigazzjoni għall-ġlieda kontra skemi ta' frodi eżistenti jew emerġenti ġodda;

70. Iqis bħala essenzjali għall-Istati Membri kollha li jipparteċipaw fil-Eurofisc f'kull qasam ta' attività tagħhom, bil-għan li jitħallew jittieħdu miżuri effikaċi għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT;

71. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti li jippermettu kontroverifiki effikaċi bejn data mill-awtoritajiet tat-taxxa u dawk doganali, u tiffoka l-monitoraġġ tagħha tal-Istati Membri fuq miżuri indikattivi tat-titjib tal-puntwalità tar-risposti tagħhom għat-talbiet għall-informazzjoni u dwar l-affidabbiltà tas-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT (VIES);

72. Jitlob lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan biex jattwaw sistema ta' n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT fuq żewġ livelli (jiġifieri numru allokati lin-negozjanti li jixtiequ jieħdu sehem fil-kummerċ intra-Komunitarju li huwa differenti min-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT domestiku) u biex iwettqu l-verifiki stabbiliti fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, filwaqt li joffru konsulenza bla ħlas lin-negozjanti;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

73. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sistemi elettroniċi ta' approvazzjoni doganali tal-Istati Membri huma kapaċi u jwettqu verifika awtomatika tan-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT;

74. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi emenda għad-Direttiva tal-VAT bil-għan li tinkiseb aktar armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar dwar il-VAT tal-Istati Membri għall-forniment fi ħdan l-UE ta' merkanzija u ta' servizzi;

75. Jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-obbligazzjoni in solidum f'każijiet ta' kummerċ transfruntier ma ġietx adottata mill-Kunsill; jirrimarka li dan inaqqas id-deterrenza kontra t-twettiq ta' negozji man-negozjanti frawdolenti; iqis li l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-VAT, fir-rigward tal-perjodu ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet rikapitolattivi, mhijiex uniformi fost l-Istati Membri, u li dan il-fatt iżid il-piż amministrattiv fuq in-negozjanti li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed; iħeġġeġ lill-Kunsill, għalhekk, japprova l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-obbligazzjoni in solidum;

76. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkunu aktar attivi fil-livell internazzjonali, isaħħu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi mhux tal-UE kif ukoll jinfurzaw il-ġbir effiċjenti tal-VAT, bil-għan li jiġu stabbiliti standards u strateġiji ta' kooperazzjoni bbażati prinċipalment fuq il-prinċipji ta' trasparenza, governanza tajba u skambju ta' informazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiskambjaw bejniethom l-informazzjoni li taslilhom mill-pajjiżi mhux tal-UE bil-għan li jkun faċilitat l-infurzar tal-ġbir tal-VAT, partikolarment fil-kummerċ elettroniku;

77. Iħeġġeġ lill-Kunsill jinkludi l-VAT fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali ("id-Direttiva PIF") bil-għan li jinstab qbil dwar il-kwistjoni mill-aktar fis possibbli;

78. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta d-dħul iġġenerat minn organizzazzjonijiet kriminali permezz tal-frodi tal-VAT, u biex tippreżenta strateġija komprensiva, komuni u multidixxiplinari fil-ġlieda kontra l-mudelli kummerċjali ta' organizzazzjonijiet kriminali bbażati fuq il-frodi tal-VAT, anke permezz ta' timijiet investigattivi konġunti fejn meħtieġ;

79. Iqis kruċjali li jiġi żgurat l-istabbiliment ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) uniku, b'saħħtu u indipendenti, li jkun kapaċi jinvestiga, iħarrek u jressaq il-qorti dawk li jwettqu reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-frodi tal-VAT, kif definit fid-Direttiva PIF ta' hawn fuq, u jemmen li kwalunkwe soluzzjoni aktar dgħajfa tkun spiża għall-baġit tal-Unjoni; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li jkun żgurat li t-tqassim tal-kompetenza bejn l-UPPE u l-awtoritajiet investigattivi tal-Istati Membri ma jwassalx għal reati b'impatt sinifikanti fuq il-baġit tal-Unjoni li ma jaqax taħt il-kompetenza tal-UPPE;

80. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex jippubblikaw stimi dwar it-telf minħabba frodi tal-VAT fi ħdan l-UE, biex jindirizzaw id-dgħufijiet fil-Eurofisc, u biex jikkoordinaw aħjar il-politiki tagħhom dwar ir-reverse charging tal-VAT fuq merkanzija u servizzi;

81. Iqis li huwa kruċjali li l-Istati Membri jużaw kontrolli multilaterali (MLCs) – kontroll ikkoordinat minn żewġ Stati Membri jew aktar tal-obbligi tat-taxxa ta' persuna taxxabbli relatata waħda jew aktar – bħala għodda utli biex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT;

82. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

P8_TA(2016)0454

# Pjan ta’ azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Novembru 2016 tadwar il-pjan ta’ azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta’ organiżmi selvaġġi (2016/2076(INI))**

(2018/C 224/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Pjan ta’ Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta’ Organiżmi Selvaġġi” (COM(2016)0087),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Jannar 2014 dwar il-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta’ Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), implimentata fl-UE permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta’ speċi ta’ fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 tas-6 ta’ Marzu 2015 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta’ Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) ([2]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni tal-2003,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2000 kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) u l-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Selvaġġa Ewropea u tal-Ħabitats Naturali (Bern Convention),

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Kriminalità Dinjija marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi tal-2016 tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 69/314 tat-30 ta’ Lulju 2015 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-organiżmi selvaġġi,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2/14 tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent dwar il-kummerċ illegali fl-organiżmi selvaġġi u fil-prodotti mill-organiżmi selvaġġi,

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2015-2030,

— wara li kkunsidra l-Konsorzju Internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-Kriminalità marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi (ICCWC), li jinkludi s-CITES, l-Interpol, l-UNODC, il-Bank Dinji u l-Organizzazzjoni Doganali Dinjija,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ffirmata fil-Konferenza ta’ Londra tal-2014 dwar il-Kummerċ Illegali tal-Organiżmi Selvaġġi,

[1] Testi adottati, P7_TA(2014)0031.
[2] ĠU L 75, 19.3.2015, p. 1.

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Palazz ta' Buckingham tal-2016 dwar il-prevenzjoni tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi fis-settur tat-trasport,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (1), u r-rapport tal-2016 tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) (2),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 605/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti (3) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 206/2009 tal-5 ta' Marzu 2009 (4) li jippermetti l-importazzjoni ta' 20 kg ta' prodotti tal-ħut għall-konsum personali,

— wara li kkunsidra l-importanza tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, fil-ġlieda kontra l-qbid u l-bejgħ illegali ta' speċijiet akwatiċi,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (5),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/22/KE tad-29 ta' Marzu 1999 dwar iż-żamma ta' annimali selvaġġi fiż-żoos (6),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (7),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (8),

— wara li kkunsidra l-istudju dwar il-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi ppubblikat mid-Dipartiment Tematiku għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel f'Marzu 2016,

— wara li kkunsidra n-netwerk Natura 2000, li jinvolvi siti importanti ta' tnissil u ta' mistrieħ għal speċijiet rari jew mhedda, u xi tipi ta' ħabitats naturali rari li huma protetti fihom infushom,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-proġett ta' riċerka Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Reati Ambjentali (EFFACE) tal-2014,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni tan-NU għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u għall-Ġustizzja Kriminali tal-4 ta' Marzu 2003 intitolat "Illicit trafficking in protected species of wild flora and fauna and illicit access to genetic resources" (Traffikar illeċitu ta' speċijiet protetti ta' fawna u flora selvaġġa u aċċess illeċitu għar-riżorsi ġenetiċi),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2016, dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi,

---

(1) ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.
(2) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.
(3) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 1.
(4) ĠU L 77, 24.3.2009, p. 1.
(5) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28.
(6) ĠU L 94, 9.4.1999, p. 24.
(7) ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.
(8) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni ta' rispons rapidu tal-2016 mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) u l-Interpol intitolat "The Rise of Environmental Crime" (Iż-Żieda fir-Reati Ambjentali),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għas-Sajd u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0303/2016),

A. billi t-traffikar illegali ta' organiżmi selvaġġi huwa reat tal-kriminalità internazzjonali organizzata, li huwa stmat li jiswa madwar EUR 20 biljun kull sena u li żdied madwar id-dinja f'dawn l-aħħar snin, u sar waħda mill-akbar u l-aktar forom ta' profitt tal-kriminalità organizzata transkonfinali; billi t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi jiffinanzja u huwa marbut mill-qrib ma' forom oħra ta' kriminalità serja u organizzata;

B. billi t-telf tal-bijodiversità globali huwa ħaġa serja peress li jikkorrispondi mas-sitt mewġa ta' estinzjoni tal-massa tal-ispeċijiet;

C. billi l-bijodiversità globali u s-servizzi tal-ekosistema huma mhedda minħabba l-bidliet fl-użu tal-art, l-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi naturali, it-tniġġis u t-tibdil fil-klima; billi, b'mod partikolari, ħafna speċijiet mhedda qed jiffaċċjaw sfidi akbar minn qatt qabel minħabba l-urbanizzazzjoni mgħaġġla, it-telf tal-ħabitats u l-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi;

D. billi t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi għandu impatti negattivi kbar fuq il-bijodiversità, l-ekosistemi eżistenti, il-wirt naturali tal-pajjiżi ta' oriġini, ir-riżorsi naturali u l-konservazzjoni tal-ispeċijiet;

E. billi t-traffikar illegali ta' organiżmi selvaġġi huwa theddida serja u li qed tikber għas-sigurtà globali, għall-istabbiltà politika, l-iżvilupp ekonomiku, l-għajxien lokali u l-istat tad-dritt, u għalhekk jirrikjedi approċċ strateġiku u koordinat tal-UE li jinvolvi lill-atturi kollha kkonċernati;

F. billi t-twaqqif tat-traffikar fi speċijiet mhedda u ta' flora u fawna u prodotti derivati minnhom huwa essenzjali sabiex jinkisbu l-miri ta' żvilupp sostenibbli tan-NU;

G. billi s-CITES hija ftehim internazzjonali kbir li jkopri 35 000 speċi ta' annimali u pjanti, li ilu fis-seħħ mill-1975 u ġie ffirmat minn 183 parti (inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE u, minn Lulju 2015, l-UE nnifisha);

H. billi l-politiki tal-kummerċ u tal-iżvilupp għandhom, inter alia, iservu bħala mezz biex itejbu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, tal-benessri tal-annimali u tal-ħarsien tal-ambjent;

I. billi l-Iskambju ta' Informazzjoni dwar il-Kummerċ tal-Organiżmi Selvaġġi tal-UE (EU-TWIX) ilu jimmonitorja l-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi mill-2005 billi ħoloq bażi ta' data tal-konfiski u mezzi ta' komunikazzjoni bejn l-uffiċjali madwar il-pajjiżi Ewropej;

J. billi n-nuqqas ta' għarfien u ta' impenn politiku huma ostakli kbar għall-effikaċja tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi;

K. billi l-Aġenda tal-UE dwar is-Sigurtà għall-2015-2020 tidentifika l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi bħala forma ta' reat organizzat li għandu jiġi indirizzat fil-livell tal-UE billi jiġu kkunsidrati aktar sanzjonijiet kriminali fl-UE permezz ta' rieżami tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar ir-reati ambjentali;

L. billi l-Operazzjoni COBRA III li saret f'Mejju 2015 kienet l-ikbar operazzjoni ta' infurzar tal-liġi internazzjonali li qatt ġiet ikkoordinata u kellha fil-mira tagħha l-kummerċ illegali fi speċijiet fil-periklu u rriżultat f'139 arrest u aktar minn 247 konfiska, li kienu jinkludu avorju tal-iljunfanti, pjanti mediċinali, qrejjen tar-rinoċeronti, pangolini, rosewood, fkieren u bosta eżemplari ta' pjanti u annimali oħra;

M. billi d-domanda għal prodotti illegali ta' organiżmi selvaġġi fi swieq tad-destinazzjoni tippromwovi l-korruzzjoni fil-katina tal-provvista tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi;

N. billi l-UE hija destinazzjoni sinifikanti tas-suq u rotta ta' tranżitu għall-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi iżda wkoll sors ta' traffikar ta' ċerti speċijiet ta' flora u fawna Ewropej fil-periklu;

O. billi r-riżoluzzjoni tal-Kummissjoni tan-NU għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u għall-Ġustizzja Kriminali ta' April 2013, approvata mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU fil-25 ta' Lulju 2013, tħeġġeġ "lill-Istati Membri tagħha biex iqisu t-traffikar illeċitu ta' speċijiet protetti ta' fawna u flora selvaġġi bħala reat serju meta jkunu involuti gruppi tal-kriminalità organizzata", u b'hekk ipoġġuh fuq l-istess livell bħat-traffikar tal-bnedmin u t-traffikar tad-droga;

***Kummenti ġenerali***

1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi, li jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjonijiet koordinati sabiex jiġu indirizzati l-kawżi tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi, biex jiġu implimentati u infurzati b'mod effikaċi r-regoli eżistenti, u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni globali bejn il-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni;

2. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-aġenziji tal-UE Europol u Eurojust jagħrfu li l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi hija theddida serja u dejjem tikber u jindirizzawha bl-akbar urġenza politika; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċi komprensivi u koordinati fl-oqsma kollha ta' politika, inklużi l-kummerċ, l-iżvilupp, l-affarijiet barranin, it-trasport u t-turiżmu, il-ġustizzja u l-affarijiet interni;

3. Jenfasizza li l-identifikazzjoni u l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u umani adegwati huma essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji adegwati fil-baġit tal-UE u fil-baġits nazzjonali sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-pjan;

4. Jirrikonoxxi l-importanza tal-Pjan ta' Azzjoni, iżda jenfasizza n-nuqqasijiet tiegħu fir-rigward tal-inkorporazzjoni tal-ispeċijiet akkwatiċi;

5. Jinsisti dwar l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-elementi kollha tal-Pjan ta' Azzjoni sabiex tiġi riflessa l-ħtieġa urġenti li jitwaqqfu l-prattiki illegali u mhux sostenibbli u li jiġi evitat li jkun hemm aktar tnaqqis tal-ispeċijiet; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi ta' kull sena lill-Parlament u lill-Kunsill aġġornamenti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni u twaqqaf mekkaniżmu dettaljat u kontinwu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex ikejjel il-progress, inklużi l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu u jtejbu l-protezzjoni tal-ħabitats ta' speċijiet fil-mira u jenfasizza li għandha tkun żgurata protezzjoni akbar għaż-żoni nominati bħala Ekosistemi Vulnerabbli tal-Baħar, Żoni tal-Baħar Ekoloġikament jew Bijoloġikament Sinifikanti u siti tan-netwerk Natura 2000;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi uffiċċju ddedikat għall-Koordinatur kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi, li jirrifletti l-mudell użat fil-qlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, sabiex tiżgura li jkun hemm sforz konġunt bejn is-servizzi differenti tal-Kummissjoni u l-Istati Membri;

8. Ifakkar lill-Kummissjoni li ħafna speċijiet akkwatiċi jinsabu wkoll fil-periklu li jiġu estinti, u dan se jaffettwa s-sostenibilità ta' ħafna ekosistemi;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu aktar studji xjentifiċi dwar l-adattamenti teknoloġiċi ta' rkapti tas-sajd sabiex tiġi evitata l-qabda aċċessorja, minħabba l-fatt li għadd ta' speċijiet, inklużi l-fkieren, huma mhedda kemm mill-qabda aċċessorja kif ukoll mit-traffikar tal-organiżmi selvaġġi;

***Il-prevenzjoni tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi u l-indirizzar tal-kawżi prinċipali tiegħu***

10. Jappella għal serje mmirata u kkoordinata ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mill-UE, pajjiżi terzi, partijiet interessati u s-soċjetà ċivili bil-għan li titnaqqas id-domanda marbuta mal-kummerċ illegali ta' prodotti tal-ħajja selvaġġa permezz ta' bidla fl-imġiba individwali u kollettiva reali u dejjiema; jagħraf ir-rwol li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jista' jkollhom fl-appoġġ tal-Pjan ta' Azzjoni;

11. Jistieden lill-UE tappoġġja inizjattivi li jippromovu l-iżvilupp ta' għajxien sostenibbli u alternattiv għall-komunitajiet rurali qrib tal-organiżmi selvaġġi, li jżidu l-benefiċċji tal-miżuri ta' konservazzjoni fuq livell lokali, jimminimizzaw il-kunflitti bejn il-bniedem u l-ħajja selvaġġa u jippromwovu l-ħajja selvaġġa bħala dħul ta' valur għall-kommunità; jemmen li dawn l-inizjattivi, meta jittieħdu f'konsultazzjoni mal-komunitajiet ikkonċernati, se jżidu l-appoġġ għall-konservazzjoni u jikkontribwixxu għall-irkupru, il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-popolazzjonijiet tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats tagħhom;

12. Jenfasizza li l-protezzjoni tal-organiżmi selvaġġi għandha tkun element ewlieni tal-istrateġiji għat-tnaqqis tal-faqar globali tal-UE u jappella sabiex id-diversi ftehimiet ta' kooperazzjoni nnegozjati ma' pajjiżi terzi jipprevedu azzjonijiet li jippermettu lill-komunitajiet lokali jibbenefikaw direttament meta jimpenjaw ruħhom għall-protezzjoni tal-organiżmi selvaġġi;

13. Ifakkar lill-Kummissjoni li t-traffikar illegali tal-ispeċijiet akkwatiċi jaffettwa wkoll lill-iżvilupp ekonomiku tal-komunitajiet kostali u l-adattabilità ambjentali tal-ilmijiet tagħna;

14. Jistieden lill-UE tindirizza b'urġenza l-korruzzjoni u n-nuqqasijiet tal-miżuri ta' governanza internazzjonali tul il-katina tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi; jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom ma' pajjiżi sħab permezz tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC) u fora oħra biex jindirizzaw il-problema fil-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni; jistieden lill-Istati Membri kollha jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-UNCAC u jimplimentawhom b'mod effikaċi; jilqa' l-impenn internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni skont l-Artikolu 10 tar-Riżoluzzjoni 69/314 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU ta' Lulju 2015;

15. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jingħataw assistenza, gwida u taħriġ lill-awtoritajiet fil-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u tad-destinazzjoni dwar l-investigazzjoni, l-infurzar u l-proċeduri legali f'livell lokali, reġjonali u nazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li dawn l-isforzi jiġu kkoordinati b'mod effiċjenti fost l-aġenziji kollha involuti f'din il-ħidma; jistieden lill-UE tappoġġja l-iskambju tal-aħjar prattiki u tippermetti li jingħata tagħmir speċjalizzat u kompetenza fejn ikunu meħtieġa;

16. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi tal-20 ta' Ġunju 2016, filwaqt li jagħraf li l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi hija theddida serja u dejjem tikber għall-bijodiversità u l-ambjent iżda wkoll għas-sigurtà globali, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli; jiddispjaċih ħafna dwar in-nuqqas ta' impenji ċari min-naħa tal-Istati Membri; jenfasizza r-rwol deċiżiv tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni sħiħa u koerenti tal-Pjan ta' Azzjoni fil-livell nazzjonali u sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fih;

17. Iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-pajjiżi fornituri biex: (i) itejbu l-istat tad-dritt u joħolqu deterrenti effikaċi permezz tat-tisħiħ tal-investigazzjonijiet kriminali, il-prosekuzzjonijiet u l-għoti tas-sentenzi; (ii) jippromulgaw liġijiet aktar b'saħħithom li jittrattaw it-traffikar illegali tal-organiżmi selvaġġi bħala "reat serju" li jistħoqqlu l-istess livell ta' attenzjoni u ta' gravità bħal forom oħra ta' kriminalità organizzata transnazzjonali; (iii) jallokaw aktar riżorsi għall-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi, b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-infurzar tal-liġi dwar l-organiżmi selvaġġi, il-kontrolli tal-kummerċ, il-monitoraġġ, id-detezzjoni doganali u s-sekwestri; (iv) jimpenjaw ruħhom għal politika ta' tolleranza żero fir-rigward tal-korruzzjoni;

***Implimentazzjoni u infurzar aktar effikaċi***

18. Jistieden lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ pjanijiet ta' azzjoni għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi li jistipulaw il-politiki ta' infurzar u sanzjonijiet, u jippubblikaw u jikkondividu l-informazzjoni dwar il-konfiski u l-arresti relatati mar-reati marbuta mal-organiżmi selvaġġi, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u approċċi armonizzati fost l-Istati Membri; jappoġġja t-twaqqif ta' mekkaniżmu li jipprovdi lill-Kummissjoni aġġornamenti regolari ta' data u informazzjoni dwar is-sekwestri u l-arresti fl-Istati Membri u li jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

19. Jinsisti dwar l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar tar-Regolamenti tal-UE dwar il-Kummerċ ta' Organiżmi Selvaġġi;

20. Jipproponi li l-penali għat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi, speċjalment f'żoni b'ekosistemi vulnerabbli tal-baħar jew li jaqgħu fin-netwerk Natura 2000, għandhom ikunu severi biżżejjed b'tali mod li jiskoraġġixxu lil trasgressuri potenzjali;

21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, is-servizzi tal-prosekuzzjoni u l-ġudikaturi nazzjonali jkollhom ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa u l-għarfien espert xieraq sabiex jiġġieldu l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex iħarrġu u jqajmu l-kuxjenza fost l-aġenziji u l-istituzzjonijiet rilevanti kollha;

22. Jilqa' l-isforzi tan-Netwerk għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali tal-Unjoni Ewropea (IMPEL), in-Netwerk Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent (ENPE), il-Forum tal-Imħallfin għall-Ambjent tal-UE (EUFJE) u n-netwerk tal-uffiċjali tal-pulizija li jiffoka fuq l-indirizzar tar-reati ambjentali (EnviCrimeNet);

23. Jinnota l-inklużjoni tal-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi fl-Aġenda għas-Sigurtà tal-UE 2015-2020 li tagħraf li l-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi jhedded il-bijodiversità fir-reġjuni ta' oriġini, l-iżvilupp sostenibbli u l-istabbiltà reġjonali;

24. Jissuġġerixxi li l-Istati Membri jinvestu d-dħul li jagħmlu mill-multi imposti għat-traffikar fil-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-flora u l-fawna selvaġġa;

25. Jitlob bidla radikali fil-ġbir tal-intelligence, fit-tfassil u l-infurzar tal-liġijiet, u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-rigward tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi fl-Istati Membri u f'pajjiżi oħra ta' destinazzjoni u ta' tranżitu; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni mill-qrib lil dawn l-aspetti ta' ġestjoni u monitoraġġ tal-infurzar ta' standards internazzjonali fir-rigward tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi;

26. Jenfasizza li sabiex tiġi evitata l-"migrazzjoni" ta' netwerks kriminali marbuta mal-organiżmi selvaġġi, l-armonizzazzjoni ta' linji politiċi u ta' oqfsa legali fir-rigward tal-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi hija partikolarment importanti;

27. Jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni aħjar bejn l-aġenziji u għall-kondiviżjoni ta' data funzjonali u f'waqtha bejn l-aġenziji ta' implimentazzjoni u ta' infurzar fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE; jappella għall-ħolqien ta' netwerks strateġiċi ta' infurzar kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri sabiex tali kooperazzjoni tiġi ffaċilitata u mtejba; jistieden lill-Istati Membri kollha jistabbilixxu unitajiet kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni fost id-diversi aġenziji;

28. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lill-Europol intelligence u data kontinwi u rilevanti; iħeġġeġ lill-Europol jikkunsidra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi fil-Valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA) tal-UE li jmiss; jappella għat-twaqqif ta' Unità speċjalizzata kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi fi ħdan l-Europol li jkollha setgħat u responsabbiltajiet transnazzjonali u riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti, li tippermetti li l-analiżi u l-informazzjoni jiġu ċentralizzati u li jiġu kkoordinati l-istrateġiji ta' infurzar u l-investigazzjonijiet;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi s-sistema EU-TWIX bħala għodda ppruvata u li tiffunzjona tajjeb għall-Istati Membri biex jikkondividu d-data u l-informazzjoni, filwaqt li tiżgura impenn finanzjarju fit-tul lejha; jemmen li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jista' jkollhom rwol importanti fil-monitoraġġ, fl-infurzar u fir-rappurtar tal-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi; jappella għal kooperazzjoni akbar mill-UE u l-Istati Membri biex jappoġġjaw dawn l-isforzi tal-NGOs;

30. Jinnota r-rabtiet bejn il-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi u forom oħra ta' kriminalità organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus, u l-finanzjament ta' milizzji u gruppi terroristiċi, u jqis il-kooperazzjoni internazzjonali għall-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti bħala prijorità; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jużaw l-istrumenti rilevanti kollha, inkluża l-kooperazzjoni mas-settur finanzjarju, u jissorveljaw u jwettqu riċerka dwar l-effetti tal-prodotti u prattiki finanzjarji emerġenti li huma involuti f'din l-attività;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u jistabbilixxu livelli xierqa ta' sanzjonijiet għar-reati kontra l-organiżmi selvaġġi; huwa mħasseb li xi Stati Membri għadhom ma implimentawx b'mod sħiħ id-Direttiva u jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni f'kull Stat Membru, speċjalment f'termini ta' sanzjonijiet, u tipprovdi gwida; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel rieżami tad-Direttiva 2008/99/KE, b'mod partikolari rigward l-effikaċja tagħha fil-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi, fil-limiti ta' żmien stipulati fl-Aġenda tal-UE dwar is-Sigurtà, kif ukoll tressaq proposta biex tirrevediha kif xieraq; Jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi lejn l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' regoli minimi komuni dwar id-definizzjoni tar-reati u s-sanzjonijiet kriminali relatati mat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE fir-rigward ta' kriminalità partikolarment serja b'dimensjoni transkonfinali;

32. Iqis li d-dimensjoni doganali tal-Pjan ta' Azzjoni għandha tiġi enfasizzata aktar, kemm fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab kif ukoll għall-implimentazzjoni aħjar u aktar effikaċi fi ħdan l-Unjoni; jistenna bil-ħerqa, għalhekk, ir-rieżami tal-Kummissjoni tal-2016 dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas legali attwali tal-UE, u jitlob li dan ir-rieżami jinkludi valutazzjoni tal-proċeduri doganali;

33. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod effikaċi u jikkonformaw mal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (UNTOC) bħala bażi għal azzjoni internazzjonali u assistenza legali reċiproka u bħala pass importanti lejn approċċ komuni għall-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi; jiddeplora profondament, f'dan ir-rigward, il-fatt li ħdax-il Stat Membru għadhom ma implimentawx l-UNTOC; jistieden lill-Istati Membri inkwistjoni jimplimentaw il-Konvenzjoni mill-aktar fis possibbli;

34. Iqis li l-azzjoni kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi tirrikjedi sanzjonijiet konsistenti, effikaċi u dissważivi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiddefinixxu t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi bħala reat serju skont l-Artikolu 2 (b) tal-UNTOC;

35. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' gwida dwar il-prosekuzzjoni u l-kundanni għall-ġudikaturi u l-prosekuturi tal-Istat Membri u l-ħtieġa ta' taħriġ għall-uffiċjali tad-dwana u tal-infurzar fil-punti tad-dħul fl-UE; iqis il-"Programm Imħallfin Globali" tal-UNEP u s-sħubija "Inizjattiva Dwana Ekoloġika" bħala mudelli li għandhom jiġu segwiti;

36. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-aġenziji rilevanti tal-UE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-iskala tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi online u jibnu l-kapaċità fl-unitajiet tar-reati ambjentali u tad-dwana, il-koordinazzjoni mal-unitajiet taċ-ċiberkriminalità, u l-involviment mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jiżguraw l-eżistenza ta' mezzi biex tinkiseb l-għajnuna mingħand unitajiet transkonfinali speċjalizzati fiċ-ċiberkriminalità;

37. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvolvu ruħhom mal-operaturi ta' pjattaformi tal-midja soċjali, magni tat-tiftix u pjattaformi tal-kummerċ elettroniku dwar il-problema tal-kummerċ illegali fuq l-internet f'organiżmi selvaġġi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' kontroll u jiżviluppaw politiki biex jindirizzaw l-attività potenzjalment illegali fuq l-internet; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida dwar kif għandha tiġi indirizzata l-problema tal-kriminalità online marbuta mal-organiżmi selvaġġi fil-livell tal-UE;

38. Jistieden lill-aġenziji ta' infurzar tal-UE u tal-Istati Membri jidentifikaw u jimmonitorjaw il-mudelli ta' forom oħra ta' reati serji u organizzati, bħat-traffikar tal-bnedmin, sabiex jgħinu lill-attivitajiet ta' prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet fil-katina tal-provvista fil-każ tal-indirizzar tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi, pereżempju konsenji u tranżazzjonijiet finanzjarji suspettużi;

39. Jilqa' l-fatt li l-UE ħadet sehem f'COP17 għall-ewwel darba bħala parti kontraenti għas-CITES u jilqa' l-fatt li l-UE u l-Istati Membri juru impenn qawwi u jipprovdu appoġġ finanzjarju sostanzjali lis-CITES;

40. Jilqa' l-proċess ta' riżami espert tal-UNEP li qiegħed ifittex li joħloq definizzjoni rikonoxxuta b'mod universali tar-reati ambjentali; f'dan ir-rigward, jinnota li l-konfini legali bejn it-tipi differenti ta' reati ambjentali xi drabi mhumiex ċari u dan jista' jnaqqas l-opportunitajiet għal prosekuzzjoni u sanzjonijiet effikaċi;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

***It-tisħiħ tas-sħubija globali***

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni fil-katina ta' provvista tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi u jipprovdulhom assistenza teknika u appoġġ diplomatiku; jemmen li l-UE jeħtieġ li taġixxi fil-livell internazzjonali biex tappoġġja pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-oqfsa leġiżlattivi meħtieġa permezz ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali;

42. Jenfasizza li l-korruzzjoni mifruxa, id-dgħufijiet istituzzjonali, l-erożjoni tal-istat, il-ġestjoni ħażina u s-sanzjonijiet dgħajfa relatati mal-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi huma sfidi ewlenin li jridu jiġu indirizzati jekk it-traffikar transnazzjonali tal-organiżmi selvaġġi jrid jiġi miġġieled b'mod effikaċi; iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jitnaqqsu l-inċentivi tal-kaċċa illegali billi jtejbu l-opportunitajiet ekonomiċi u jippromwovu l-governanza tajba u l-istat tad-dritt;

43. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-istati kollha kkonċernati jinvestigaw b'mod aktar sistematiku r-rabtiet bejn it-traffikar tal-organiżmi selvaġġi u l-kunflitti reġjonali u t-terroriżmu;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu fond fiduċjarju jew faċilità simili skont l-Artikolu 187 tar-Regolament Finanzjarju rivedut applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, bil-għan li jiġu salvagwardjati ż-żoni protetti u jiġu miġġielda t-traffikar u l-kaċċa tal-organiżmi selvaġġi, bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi;

45. Jistieden lill-UE ttejjeb l-appoġġ finanzjarju u tekniku, mogħti permezz tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF), immirat biex jgħin lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jimplimentaw ir-regolamenti nazzjonali dwar l-annimali selvaġġi b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet tas-CITES, b'mod partikolari għal dawk li m'għandhomx biżżejjed riżorsi biex tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni u biex jittieħdu passi legali kontra l-kuntrabandisti;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra finanzjament fil-qafas tal-Istrument ta' Sħubija għal inizjattivi li għandhom l-għan li jnaqqsu d-domanda għal prodotti illegali ta' organiżmi selvaġġi fis-swieq ewlenin, f'konformità mal-Prijorità 1 tal-Pjan ta' Azzjoni; jenfasizza li l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-istrutturi ta' monitoraġġ fil-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE jista' jagħti kontribut sinifikanti f'dan ir-rigward;

47. Jenfasizza l-importanza li tiġi indirizzata, fil-qafas tas-sħubija strateġika bejn l-UE u ċ-Ċina, il-kwistjoni delikata tad-domanda dejjem tikber għall-prodotti ta' organiżmi selvaġġi, bħall-avorju tal-iljunfanti, il-qarn tar-rinoċeronti u l-għadam tat-tigri, li tirrappreżenta theddida reali għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati u tal-bijodiversità b'mod ġenerali;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi kapitoli obbligatorji u infurzabbli dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet u n-negozjati kummerċjali kollha tal-UE, b'referenza speċifika għat-twaqqif tal-kummerċ illegali fl-organiżmi selvaġġi fis-setturi ekonomiċi kollha, u jistieden lill-Kummissjoni tinkludi analiżijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet fir-rapporti ta' implimentazzjoni tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tenfasizza l-implimentazzjoni tas-CITES u miżuri kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi fl-iskema kummerċjali GSP+;

49. Jinnota li l-korruzzjoni hija wieħed mill-fatturi li jippermettu u jikkontribwixxu għall-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi u tal-prodotti tal-ħajja selvaġġa; jilqa' l-impenn li sar fl-istrateġija tal-Kummissjoni bit-titolu "Kummerċ għal kulħadd" li tinkludi dispożizzjonijiet ambizzjużi kontra l-korruzzjoni biex jindirizzaw l-effetti diretti u indiretti kemm tal-korruzzjoni kif ukoll tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi fil-ftehimiet ta' kummerċ kollha tal-ġejjieni; jitlob, għalhekk, li l-Kummissjoni tagħti l-akbar attenzjoni lill-aspetti tal-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-infurzar ta' standards internazzjonali fir-rigward tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi;

50. Jistieden lill-UE tesplora, fl-ambitu tal-qafas tad-WTO, il-mod kif ir-reġimi kummerċjali u ambjentali globali jistgħu jappoġġjaw aħjar lil xulxin, speċjalment fil-kuntest tal-ħidma li għaddejja dwar it-tisħiħ tal-koerenza bejn id-WTO u l-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, kif ukoll fid-dawl tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ, li jiftaħ opportunitajiet ġodda għal kooperazzjoni bejn l-uffiċjali tad-dwana, tal-fawna selvaġġa u tal-kummerċ, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; iqis li għandhom jiġu esplorati opportunitajiet ulterjuri għall-kooperazzjoni bejn id-WTO u s-CITES, partikolarment f'termini ta' għoti ta' għajnuna teknika u bini ta' kapaċitajiet dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ u l-ambjent lill-uffiċjali minn pajjiżi li qed jiżviluppaw;

51. Jenfasizza r-rwol ewlieni ta' kooperazzjoni internazzjonali min-naħa tal-organizzazzjonijiet fil-katina ta' infurzar; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jkomplu jappoġġjaw il-Konsorzju Internazzjonali dwar il-Ġlieda kontra l-Kriminalità marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi (ICCWC); jilqa' kull tisħiħ ta' dan l-appoġġ inkluż permezz tal-provvista ta' riżorsi finanzjarji u l-għarfien espert tal-ispeċjalisti, sabiex jiġi ffaċilitat il-bini ta' kapaċità, jiġi promoss l-iskambju ta' informazzjoni u ta' intelligence, u jiġu appoġġjati l-infurzar u l-konformità; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-indikaturi tal-ICCWC biex tevalwa l-effettività tal-finanzjament mill-UE lil pajjiżi terzi b'appoġġ għall-azzjonijiet kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi u sabiex tiġi ffaċilitata valutazzjoni uniformi u kredibbli tal-finanzjament għall-iżvilupp;

52. Jilqa' l-operazzjonijiet ta' infurzar tal-liġi internazzjonali bħall-Operazzjoni COBRA III li jirriżultaw f'konfiski sinifikanti ta' prodotti illegali ta' organiżmi selvaġġi u l-arresti ta' traffikanti u li jipprovdu aktar viżibbiltà pubblika dwar it-traffikar tal-organiżmi selvaġġi bħala reat serju organizzat;

53. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-baġit tas-CITES sabiex l-organizzazzjoni tkun tista' tespandi l-attività ta' monitoraġġ u d-denominazzjoni tal-ispeċijiet tagħha; f'dan ir-rigward, jiddispjaċih li sitt Stati Membri għad għandhom ħlasijiet pendenti xi jsiru lis-CITES b'rabta mas-snin bejn l-1992 u l-2015;

54. Jilqa' wkoll il-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE jagħti kontribut kbir biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli stabbiliti fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli maqbula mill-kapijiet tal-istati waqt summit tan-NU li sar f'Settembru 2015;

***L-UE bħala suq ta' destinazzjoni, u punt ta' oriġini u ta' tranżitu***

55. Jinnota li s-CITES, ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam u l-qafas regolatorju IUU tal-UE huma għodod importanti għar-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-organiżmi selvaġġi; jinsab imħasseb, madankollu, dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni u infurzar xieraq u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu sforzi konġunti u kkoordinati biex jiżguraw implimentazzjoni effikaċi; huwa mħasseb, barra minn hekk, dwar nuqqasijiet fil-qafas regolatorju attwali fir-rigward tal-ispeċijiet u tal-atturi; jistieden, għalhekk, lill-UE tirrevedi l-qafas leġiżlattiv eżistenti bil-għan li tissupplimentah bi projbizzjoni dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni u t-tqegħid fis-suq, it-trasport, l-akkwist u l-pussess ta' organiżmi selvaġġi li jkunu ġew akkwistati jew innegozjati b'mod illegali f'pajjiżi terzi; iqis li tali leġiżlazzjoni tista' tarmonizza l-qafas eżistenti tal-UE u li l-impatt transnazzjonali ta' tali leġiżlazzjoni jista' jkollu rwol kruċjali fit-tnaqqis globali tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li tali leġiżlazzjoni jeħtieġ li tipprovdi trasparenza sħiħa rigward kull projbizzjoni kummerċjali ta' speċijiet ibbażati fuq l-istatus illegali tagħhom f'pajjiż terz sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għal dawk involuti fil-kummerċ legali;

56. Jenfasizza li l-kaċċa għat-trofej ikkontribwiet għal tnaqqis fuq skala kbira tal-ispeċijiet fil-periklu mniżżla fl-Appendiċi I u II tas-CITES u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu approċċ prekawzjonarju għall-importazzjoni tat-trofej tal-kaċċa ta' speċijiet protetti skont ir-Regolamenti tal-Kummerċ tal-Organiżmi Selvaġġi tal-UE, jappoġġjaw aktar tisħiħ tad-dispożizzjonijiet legali tal-UE li jirregolaw l-importazzjoni tat-trofej tal-kaċċa fl-Istati Membri tal-UE, u li jirrikjedu permessi għall-importazzjoni ta' trofej tal-ispeċijiet kollha mniżżla fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97;

57. Jilqa' d-Dikjarazzjoni tal-Palazz ta' Buckingham tal-2016 li fiha l-firmatarji mil-linji tal-ajru, id-ditti ta' bastimenti, l-operaturi tal-port, l-aġenziji doganali, l-organizzazzjonijiet intergovernattivi u l-istituzzjonijiet ta' benefiċjenza ta' konservazzjoni jimpenjaw ruħhom li jgħollu l-istandards fis-settur tat-trasport b'fokus fuq il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, it-taħriġ tal-persunal, it-titjib teknoloġiku u l-kondiviżjoni tar-riżorsi bejn il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet madwar id-dinja; jistieden lill-partijiet kollha jimplimentaw bis-sħiħ l-impenji tad-Dikjarazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu impenji volontarji simili għad-Dikjarazzjoni tal-Palazz ta' Buckingham f'oqsma oħra b'mod partikolari s-settur finanzjarju u s-settur tal-kummerċ elettroniku;

58. Jappella għall-projbizzjoni sħiħa u immedjata fuq livell Ewropew tal-kummerċ, l-esportazzjoni u l-esportazzjoni mill-ġdid fl-UE u lejn destinazzjonijiet barra mill-UE tal-avorju, inkluż l-avorju ta' "qabel il-Konvenzjoni" u tal-qrejjen tar-rinoċeronti; jitlob l-istabbiliment ta' mekkaniżmu biex jiġi vvalutat il-bżonn ta' restrizzjonijiet simili fir-rigward ta' speċijiet oħrajn mhedda;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

59. Jinnota li r-Regolament tal-UE għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u l-eliminazzjoni tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) għamel impatt, iżda jinsisti li l-implimentazzjoni għandha tkun aktar robusta bil-għan li tiżgura li l-ħut maqbud illegalment ma jidħolx fis-suq Ewropew; jissuġġerixxi li l-Istati Membri tal-UE għandhom ikunu aktar konsistenti u effikaċi fil-kontrolli tad-dokumentazzjoni tal-qbid (iċ-ċertifikati tal-qbid) u fil-kontrolli tal-kunsinni (b'mod partikolari minn pajjiżi meqjusa li għandhom riskju għoli) bil-għan li jiżguraw li l-ħut ikun inqabad legalment;

60. Jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tas-settur privat fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi permezz tal-awtoregolamentazzjoni u permezz tar-responsabbiltà soċjali korporattiva; iqis essenzjali t-traċċabbiltà fil-katina tal-provvista għal kummerċ legali u sostenibbli, kemm jekk kummerċjali jew mhux kummerċjali; jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni fuq livell internazzjonali kif ukoll bejn is-setturi pubbliċi u privati u jistieden lill-UE ssaħħaħ l-istrumenti ta' kontroll eżistenti, inkluż l-użu ta' mekkaniżmi ta' traċċabilità; iqis li s-settur tat-trasport għandu jkollu rwol ċentrali, pereżempju permezz tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' individwazzjoni ta' twissija bikrija; jinnota r-rwol importanti li jista' jkollhom is-sħubiji pubbliċi-privati f'dan ir-rigward;

61. Jistieden lill-Istati Membri, minbarra li jwettqu l-kontrolli fil-fruntieri kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 338/97, jintroduċu monitoraġġ tal-konformità fil-pajjiż permezz ta' kontrolli regolari fuq kummerċjanti u detenturi tal-permessi, bħall-ħwienet tal-pets, dawk li jrabbu jew ikabbru, iċ-ċentri ta' riċerka u n-nurseries, u inkluż monitoraġġ ta' snajja' bħall-moda, l-arti, il-mediċina u l-catering, li jistgħu jużaw partijiet illegali ta' pjanti u annimali;

62. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-konfiska immedjata ta' kwalunkwe eżemplar maqbud u l-kura u r-riallokazzjoni fl-ambjent tagħhom tal-eżemplari ħajjin maqbuda jew ikkonfiskati f'ċentri tas-salvataġġ tal-annimali li jkunu xierqa għall-ispeċijiet; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida biex tiżgura li ċ-ċentri kollha ta' salvataġġ għall-annimali selvaġġi użati mill-Istati Membri jkunu ta' standard adegwat; jitlob, barra minn hekk, lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament adegwat taċ-ċentri ta' salvataġġ tal-annimali;

63. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw pjanijiet nazzjonali għall-immaniġġjar tal-eżemplari ħajjin konfiskati f'konformità mal-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni tal-Konferenza ta' CITES 10.7 (Rev. CoP15); jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull eżemplar ħaj maqbud lil-EU-TWIX u li għandhom jiġu ppubblikati rapporti ta' sommarju annwali, u li l-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-taħriġ tal-uffiċjali tal-infurzar jinkludi kunsiderazzjonijiet ta' benessri u ta' sikurezza għat-trattament tal-annimali ħajjin; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħtu appoġġ finanzjarju adegwat liċ-ċentri ta' salvataġġ tal-annimali selvaġġi;

64. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw sistema ta' "lista pożittiva" ta' speċijiet, fejn l-ispeċijiet eżotiċi jiġu vvalutati b'mod objettiv u skont kriterji xjentifiċi għas-sigurtà u l-adattabbiltà tagħhom għall-kummerċ u li jinżammu bħala annimali domestiċi;

o

o o

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P8_TA(2016)0455

# Opportunitajiet ġodda għal impriżi żgħar tat-trasport

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Novembru 2016 fuq opportunitajiet ġodda għal negozji żgħar ta’ trasport, inkluż mudelli ta’ negozju kollaborattivi (2015/2349(INI))**

(2018/C 224/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni “Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b’mod effiċjenti” (COM(2011)0144),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta’ Settembru 2015 dwar “L-Implimentazzjoni tal-White Paper dwar it-Trasport tal-2011: it-teħid tal-kont u t-triq ’il quddiem lejn mobbiltà sostenibbli” ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE dwar kriterji ta’ definizzjoni ta’ impriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali dwar l-SMEs Ewropej 2014/2015,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni intitolati “‘Aħseb l-ewwel fiż-Żgħir’ – ‘Att dwar in-Negozji ż-Żgħar’ għall-Ewropa’” (COM(2008)0394) u “Reviżjoni tal-‘Att dwar in-Negozji ż-Żgħar’ għall-Ewropa” (COM(2011)0078),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva” (COM(2016)0356),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Strateġija Ewropea għal mobbiltà b’emissjonijiet baxxi” (COM(2016)0501),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta’ Frar 2013 dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta’ Mejju 2015 dwar opportunitajiet ta’ tkabbir ekoloġiku għall-SMEs ([3]),

— wara li kkunsidra l-Istrument tal-SMEs ta’ Orizzont 2020, u INNOSUP, COSME, l-Ewropa Tiegħek – Negozju, il-Pilota Rotta Rapida Lejn l-Innovazzjoni (FTI) pilota u l-opportunitajiet ta’ networking,

— wara li kkunsidra d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku (2000/31/KE) u d-Direttiva dwar is-Servizzi (2006/123/KE),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem “Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa” (COM(2015)0192),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji” (COM(2015)0550),

(1) Testi adottati, P8_TA(2015)0310.
(2) ĠU C 24, 22.1.2016, p. 2.
(3) ĠU C 353, 27.9.2016, p. 27.

— wara li kkunsidra l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0304/2016),

A. billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jikkostitwixxu l-mutur ewlieni tal-ekonomija Ewropea u, skont iċ-ċifri tal-2014 jirrappreżentaw 99,8 % tal-intrapriżi kollha li mhumiex parti mis-settur finanzjarj u jimpjegaw tnejn minn kull tliet impjegati;

B. billi l-SMEs li ġġeneraw l-impjiegi matul dawn l-aħħar snin ġew prinċipalment mis-settur terzjarju;

C. billi l-kumpaniji ż-żgħar tat-trasport jaqdu rwol kruċjali fil-funzjonament xieraq tal-mobilità fl-Ewropa, iżda spiss jesperjenzaw diffikultajiet biex ikollhom aċċess għas-suq jew biex jibqgħu jżommu posthom fih, notevolment minħabba l-preżenza ta' monopolji f'dak is-suq;

D. billi l-kumpaniji ż-żgħar iġibu valur miżjud b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi u f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni permezz ta' għarfien eċċellenti tas-suq lokali, il-prossimità tagħhom għall-klijent u/jew l-aġilità u l-kapaċità tagħhom fl-innovazzjoni; billi, barra minn hekk, huma kapaċi jipprovdu servizzi speċjalizzati u huma strumenti għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, għall-ħolqien tal-impjiegi, għall-iġġenerar ta' attività ekonomika, għat-titjib tal-ġestjoni tal-mobbiltà u biex jingħata kontribut għall-iżvilupp tat-turiżmu (fejn is-servizzi ta' mobbiltà huma marbuta direttament mad-domanda tal-viżitaturi għal prodotti u esperjenzi ġodda);

E. billi għall-passiġġieri u l-merkanzija, kemm id-domanda għas-servizzi tat-trasport, kif ukoll il-kundizzjonijiet applikabbli għall-forniment tagħhom ivarjaw b'mod konsiderevoli, u billi t-tnaqqis tal-mobbiltà mhuwiex alternattiva;

F. billi l-organizzazzjoni tat-trasport fi bliet kbar u fit-toroq li jwasslu għalihom tikkawża konġestjonijiet u traffiku, filwaqt li toħloq piż sinifikanti fuq l-ekonomija; billi l-SMEs fis-settur tat-trasport huma komplement importanti għan-netwerk tat-trasport pubbliku fin-nodi urbani, partikolarment f'ħinijiet tal-ġurnata meta t-trasport pubbliku ma jkun frekwenti xejn, kif ukoll f'żoni periferiċi mingħajr servizz tat-trasport suburban żviluppat tajjeb;

G. billi studju riċenti tal-Kummissjoni juri li 17 % tal-konsumaturi Ewropej użaw servizzi pprovduti mill-ekonomija kollaborattiva, u 52 % huma konxji tas-servizzi offruti; billi l-aspettattivi tal-konsumaturi jfittxu aċċessibbiltà faċli u modi flessibbli għall-użu tas-servizzi tat-trasport filwaqt li l-prezzijiet jinżammu f'konformità mal-ispejjeż attwali ta' provvista kif ukoll aċċess faċli għal riżervazzjonijiet u pagament sikur għas-servizzi pprovduti;

H. billi ekonomija kollaborattiva fis-settur tat-trasport tista' tippromwovi b'mod attiv l-iżvilupp ta' forom sostenibbli ta' mobilità; billi l-awtoregolamentazzjoni mhix dejjem is-soluzzjoni u hemm il-ħtieġa ta' qafas regolatorju adegwat;

I. billi l-imperattiv ta' żvilupp sostenibbli u r-rivoluzzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ħolqu opportunitajiet u sfidi bla preċedent għall-kumpaniji ta' kull daqs f'dak li hu r-rispons għad-domanda dejjem tikber għal mobilità sostenibbli fil-limiti ta' infrastruttura limitata;

J. billi t-tkabbir b'mod esponenzjali fil-penetrazzjoni tal-apparati mobbli intelliġenti kif ukoll il-kopertura komprensiva ta' netwerk b'veloċità kbira u ta' medda wiesgħa ħolqu għodod ġodda diġitali kemm għall-fornituri kif ukoll għall-konsumaturi tas-servizzi tat-trasport, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjoniijiet u titnaqqas ukoll l-importanza tal-pożizzjoni fiżika tal-fornituri tas-servizz, filwaqt li dan jippermettilhom ikunu konnessi b'mod mifrux sabiex jipprovdu servizzi, mhux biss fuq livell reġjonali iżda anki fuq livell globali, permezz ta' netwerks diġitali u wkoll minn żoni remoti;

([1]) ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129.

K. billi matul dawn l-aħħar snin, l-avvanzi teknoloġiċi, il-mudelli tan-negozju ġodda u d-diġitalizzazzjoni ttrasformaw is-settur tat-trasport b'mod sinifikanti, b'impatti kbar kemm fuq il-mudelli tan-negozju tradizzjonali kif ukoll fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-impjiegi fis-settur; billi filwaqt li minn naħa waħda s-settur tat-trasport infetaħ, min-naħa l-oħra l-kundizzjonijiet tax-xogħol f'ħafna każijiet marru għall-agħar, minħabba l-kriżi ekonomika u, f'xi każijiet, minħabba l-implimentazzjoni insuffiċjenti tar-regolamenti eżistenti;

L. billi s-settur tat-trasport jinvolvi mhux biss il-fornituri diretti tas-servizz tat-trasport, iżda anki l-SMEs li joffru servizzi bħalma huma l-manutenzjoni tal-mezzi tat-trasport, il-bejgħ ta' spare parts, it-taħriġ tal-persunal, kif ukoll il-kiri ta' vetturi u tagħmir; billi hemm potenzjal enormi għall-ħolqien tal-impjiegi marbuta ma' dawn l-attivitajiet, inkluż impjiegi għal ħaddiema bi kwalifiki għolja; billi l-politiki għas-settur tat-trasport għandhom jikkunsidraw l-interessi tal-katina tal-valur kollha kemm hi;

M. billi 1,7 % biss tal-impriżi tal-UE jagħmlu użu sħiħ mit-teknoloġiji diġitali avvanzati, filwaqt li 41 % ma jużawhom xejn; billi d-diġitalizzazzjoni tas-setturi kollha hija kruċjali sabiex il-kompetittività Ewropea tinżamm u tissaħħaħ;

N. billi l-flessibilità u l-faċilità ta' dħul inerenti fl-ekonomija kollaborattiva jistgħu jipprovdu opportunitajiet ta' impjieg għal gruppi li tradizzjonalment ikunu esklużi mis-suq tax-xogħol, partikolarment in-nisa, iż-żgħażagħ u l-migranti;

O. billi s-servizzi tat-trasport jistgħu jipprovdu mezz tajjeb biex wieħed jaħdem għal rasu u biex tiġi promossa kultura ta' intraprenditorija;

P. billi l-pjattaformi online għas-servizzi tat-trasport jistgħu joffru l-possibbiltà ta' tqabbil rapidu bejn il-ħtiġijiet ta' servizzi tal-klijenti, minn naħa waħda, u l-provvista ta' manodopera minn kumpaniji rreġistrati jew minn ħaddiema, min-naħa l-oħra;

Q. billi l-OECD tqis l-impjiegi ta' kwalità għolja bħala fattur ta' importanza essenzjali biex jiġu indirizzati b'mod determinat il-livelli għolja ta' inugwaljanza u tiġi promossa l-koeżjoni soċjali;

## I. ***L-isfidi għall-impriżi ż-żgħar tat-trasport***

1. Huwa tal-fehma li l-impriżi tat-trasport jiffaċċjaw sfidi konsiderevoli sabiex jirrispondu għad-domanda dejjem tikber għall-mobilità fil-limiti ta' infrastruttura limitata u rekwiżiti ambjentali li kulma jmur qed jiżdiedu; jinnota li l-impriżi kollha tat-trasport jinsabu taħt pressjoni biex jipprovdu soluzzjonijiet sikuri, sostenibbli u kompetittivi ħafna li huma ambjentalment responsabbli taħt il-COP21, filwaqt li jillimitaw il-konġestjoni, iżda li huwa aktar diffiċli u aktar għali għall-impriżi ż-żgħar biex jilqgħu dawn l-isfidi;

2. Jenfasizza li jekk l-istandards tal-emissjonijiet tal-vetturi jinbidlu wisq ta' spiss, dan jista' jkun partikolarment problematiku għall-impriżi tat-trasport ta' daqs iżgħar minħabba l-perjodi ta' deprezzament għall-flotot tal-vetturi;

3. Jenfasizza n-natura kumplessa tas-settur tat-trasport, li huwa kkaratterizzat minn governanza f'diversi livelli (lokali, nazzjonali, Ewropew u globali) li għadha fil-biċċa l-kbira mqassma skont il-mod ta' trasport; jinnota li dan is-settur huwa soġġett għal regolamentazzjoni qawwija, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-professjoni, l-attivitajiet ikkonċernati u l-iżvilupp, l-użu u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport (drittijiet esklussivi, l-iffissar ta' limitu fuq il-għadd ta' liċenzji), kif ukoll is-sussidjar; jenfasizza li s-sikurezza u s-sigurtà huma tal-akbar importanza għas-settur tat-trasport, iżda jiddeplora l-fatt li dawn, fost fatturi oħra, xi kultant jintużaw bħala skuża biex jiddaħħlu ostakoli artifiċjali;

4. Jistieden lill-Istati Membri jwaqqfu r-regolamentazzjoni żejda, li ħafna drabi hija konnessa mal-istinti protezzjonisti u korporatisti li jwasslu għall-frammentazzjoni, il-kumplessità u r-riġidità fi ħdan is-suq uniku, u b'hekk iżidu l-inugwaljanza; jemmen li huwa utli li l-Istati Membri ma jersqux lejn il-legalità tal-pjattaformi online b'firxa kbira ta' modi, u għalhekk li jevitaw miżuri unilaterali restrittivi mhux meħtieġa; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw, u jimplimentaw bis-sħiħ, id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku (Direttiva 2000/31/KE) u d-Direttiva dwar is-Servizzi (Direttiva 2006/123/KE); isostni li l-moviment ħieles tal-fornituri ta' servizzi u l-libertà tal-istabbiliment, kif jiddisponu għalihom l-Artikoli 56 u 49 tat-TFUE rispettivament, huma essenzjali sabiex tiġi realizzata d-dimensjoni Ewropea tas-servizzi u għalhekk tas-suq intern;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

5. Jenfasizza li minħabba l-inċertezza tad-dritt attwali fir-rigward tad-definizzjoni ta' "fornituri ta' servizz" fis-settur tat-trasport, mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita kompetizzjoni ġusta, u jiddispjaċih dwar id-diffikultajiet li jiffaċċjaw ħafna impriżi żgħar biex jidħlu fis-suq domestiku u internazzjonali u biex jiżviluppaw jew joffru servizzi ġodda; jenfasizza l-fatt li dak li jissemma hawn fuq ixekkel l-aċċess tal-SMEs għal dan is-settur;

6. Huwa tal-fehma li r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jeħtieġ li jittejjeb sabiex jingħeleb it-tharbit serju li seħħ fis-swieq tat-trasport nazzjonali f'diversi Stati Membri wara li r-Regolament ġie introdott;

7. Jilqa' l-opportunitajiet il-ġodda offruti mill-impriżi ż-żgħar tat-trasport u mill-mudelli tan-negozju kollaborattiv ġodda, filwaqt li fl-istess ħin jiddeplora l-prattiki antikompetittivi li jirriżultaw mill-applikazzjoni inkonsistenti tar-regoli tal-UE madwar l-Istati Membri, b'mod partikulari fir-rigward tal-pagi u s-sistemi tas-sigurtà soċjali, li tista' twassal għal distorsjonijiet serji bħalma huma d-dumping soċjali, kif ukoll sfidi ta' sigurtà;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw l-infurzar tal-liġi; Iqis li kwalunkwe tibdil li jsir fil-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol irid jirrispetta l-libertajiet fundamentali kollha tal-UE, ma jridx jirrestrinġi l-kompetizzjoni ġusta bbażata fuq vantaġġi kompetittivi oġġettivi, u m'għandux joħloq aktar piż amministrattiv jew spejjeż addizzjonali għall-impriżi ż-żgħar tat-trasport;

9. Jinnota li l-impriżi ż-żgħar tat-trasport jeħtieġ li jinvestu, mhux biss biex jikkonformaw mal-liġi applikabbli, imma wkoll biex jibqgħu kompetittivi (eż. billi jiffukaw fuq teknoloġiji ġodda); jiddeplora l-fatt li, minn naħa waħda u b'kuntrast ma' dak li jiġri mal-kumpaniji l-kbar, l-aċċess ta' dawn l-impriżi għall-kreditu u għall-finanzjament fis-swieq tal-flus għadu limitati minkejja l-miżuri ta' tnaqqis kwantitattiv, filwaqt li, min-naħa l-oħra, l-għajnuniet finanzjarji pubbliċi, partikolarment dawk Ewropej, ftit ġew mobilizzati, minħabba proċeduri amministrattivi wisq kumplessi u li jieħdu fit-tul; Jenfasizza l-importanza li jiġu pprovduti t-tixrid tal-għarfien u l-assistenza għall-applikanti ta' impriżi żgħar fi ħdan il-qafas tal-Fond Ewropew tal-Investiment;

10. Jinnota li, f'kuntest ta' urbanizzazzjoni dejjem tikber, il-ħtiġijiet tat-trasport iridu jiġu organizzati b'mod li kulma jmur isir aktar integrat, diġitalizzat u multimodali, u li n-nodi urbani għandhom rwol dejjem aktar ċentrali x'jaqdu fl-organizzazzjoni tal-mobilità sostenibbli; jenfasizza l-impatt dejjem jikber tal-applikazzjonijiet għall-ippjanar tal-ivvjaġġar multimodali u l-importanza li l-impriżi ż-żgħar ikunu inklużi fil-lista tal-applikazzjonijiet u l-portafolli disponibbli tas-servizzi tat-trasport; jenfasizza l-fatt li jekk l-aċċess għall-internet ikun universali, dan jinkoraġġixxi l-kondiviżjoni tat-trasport u l-ippjanar aħjar tal-vjaġġi;

11. Jinnota li bħala reazzjoni għad-diffikultajiet ekonomiċi u n-nuqqas ta' riżorsi li permezz tagħhom jinżamm in-netwerk ta' trasport kapillari, bosta fergħat ta' linji qegħdin jagħlqu f'ħafna reġjuni, b'mod partikolari dawk l-aktar maqtugħa u b'densità l-aktar baxxa ta' popolazzjoni; huwa tal-fehma li l-introduzzjoni ta' mudelli tan-negozju kollaborattiv bl-ebda mod ma tiġġustifika l-abbandun tas-servizzi tat-trasport pubbliku f'dawn ir-reġjuni;

12. Jenfasizza l-importanza li għandhom għall-mobilità urbana s-servizzi tal-kiri ta' vetturi ħfief bħalma huma r-roti jew l-iscooters; jinnota li l-maġġoranza l-kbira ta' tali operaturi huma SMEs; jitlob li l-potenzjal ta' dawn l-operaturi jitqies b'mod aktar spiss fil-proċess taż-żieda tal-livell tal-mobilità urbana u fil-proċess tal-iżvilupp ta' trasport urban effiċjenti fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi;

13. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw ir-raggruppament flimkien ta' kumpaniji żgħar tat-trasport, li jiffaċilità l-iżvilupp ta' sħubija bejn tali kumpaniji u jgħin lill-klijenti jsibu s-servizzi ta' kumpaniji żgħar tat-trasport li jixtiequ, skont il-bżonnijiet tagħhom;

14. Jistieden lill-Kummissjoni, biex meta tkun qed tistabbilixxi linji gwida f'dan il-qasam, tqis id-diffikultajiet li l-mudelli tan-negozju kollaborattiv il-ġodda jiffaċċjaw biex jippenetraw ambjenti rurali u dawk mhux urbani;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

15. Jinnota li l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju kollaborattiv jista' jottimizza l-użu tal-vetturi u tal-infrastruttura, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq id-domanda għall-mobilità b'mod aktar sostenibbli; jinnota li ż-żieda fl-isfruttament tad-dejta ġġenerata mill-utenti tista' eventwalment tirriżulta filli jinħoloq valur miżjud fil-katina tat-trasport; jenfasizza, madankollu, li konċentrazzjoni ta' dejta f'idejn għadd żgħir ta' pjattaformi ta' intermedjazzjoni biss jista' jkollha effett negattiv kemm fuq it-tqassim ġust tad-dħul u kemm fuq il-parteċipazzjoni bbilanċjata fl-investiment fl-infrastruttura u fi spejjeż relevanti oħra, li kollha kemm huma għandhom impatt dirett fuq l-SMEs;

16. Jilqa' l-fatt li l-pjattaformi intermedjarji kellhom il-konsegwenza tal–idea li jisfidaw lil xulxin, lill-operaturi eżistenti u lill-istrutturi korporatisti, u li jdgħajfu l-monopolji eżistenti u jostakolaw il-ħolqien ta' oħrajn ġodda; jissottolinja li dan qed jinkoraġġixxi suq li huwa wisq aktar iffukat fuq it-talba tal-konsumatur u qed iwassal lill-Istati Membri biex jeżaminaw mill-ġdid l-istruttura tas-suq; jinnota, madankollu, li jekk ma jkunx hemm qafas ġuridiku xieraq u ċar, il-pjattaformi ta' intermedjazzjoni, bl-etos tagħhom ta' "ir-rebbieħ ikaxkar kollox", ser joħolqu pożizzjonijiet dominanti fis-suq li jagħmlu ħsara lid-diversità tat-tessut ekonomiku;

17. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-opportunitajiet u l-isfidi (li jfisser li impriżi żgħar jistgħu jitfaċċaw ukoll f'dawn l-oqsma l-ġodda) li jirriżultaw mill-iżvilupp ta' vetturi konnessi u li jaħdmu waħedhom (karozzi, bastimenti, droni u l-platooning); iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, biex toħroġ bi pjan direzzjonali dwar vetturi konnessi u awtomatizzati, u tanalizza l-effetti potenzjali li l-użu mifrux ta' din it-teknoloġija jista' jkollu fuq is-settur tat-trasport Ewropew, speċjalment fuq l-SMEs;

## II. *Rakkomandazzjonijiet: kif nistgħu nibdlu l-isfidi f'opportunitajiet*

18. Jitlob li jkomplu jsiru sforzi bil-għan li l-ispazju Ewropew uniku tat-trasport ikun lest għalkollox; hu tal-fehma li kwalunkwe leġiżlazzjoni li timponi rekwiżiti ġodda fuq l-impriżi ż-żgħar, partikolarment miżuri relatati mat-taxxa, miżuri soċjali u miżuri ambjentali, għandhom ikunu proporzjonati, sempliċi u ċari, ma jxekklux l-iżvilupp tagħhom u jirriflettu fejn meħtieġ il-karatteristiċi reġjonali u nazzjonali fl-Istati Membri differenti; huwa tal-fehma li tali leġiżlazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-inċentivi meħtieġa (regolatorji u/jew finanzjarji);

19. Jikkunsidra li t-trawwim ta' sistema Ewropea ta' mobilità kkoordinata u integrata hija l-aħjar mod għall-integrazzjoni tajba tal-kumpaniji kollha li joffru l-modi kollha ta' trasport fi proċess dinamiku komuni fejn id-diġitizzazzjoni u l-promozzjoni tal-innovazzjoni fi ħdan is-settur tat-trasport huwa l-aktar metodu effettiv sabiex jiġi żgurat li l-klijenti jkollhom sistema koerenti waħda u li l-professjonisti jkunu jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex iżidu l-valur;

20. Jinnota li s-servizzi pprovduti mill-SMEs fis-settur tat-trasport mhux dejjem huma mfassla b'mod suffiċjenti skont il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u l-anzjani; jitlob li l-għodod u l-programmi kollha li għandhom l-għan li jappoġġjaw dawn l-operaturi jqisu l-ħtieġa li s-servizzi tat-trasport jiġu kemm jista' jkun adattati għall-ħtiġijiet tan-nies b'mobilità mnaqqsa;

21. Jinnota li, minħabba n-nuqqas ta' investiment fl-infrastruttura, l-operaturi kollha li jibbenefikaw mill-użu ta' dik l-infrastruttura jeħtieġ li jikkontribwixxu, filwaqt li jqisu bis-sħiħ it-taxxi tat-trasport, l-imposti u l-impatti ambjentali u tas-saħħa negattivi kollha eżistenti; jenfasizza l-importanza li fil-każ tat-trasport bit-triq jiġu internalizzati l-esternalitajiet negattivi u jiġu allokati introjti għall-użu tal-infrastruttura tat-trasport, inkluża dik transfruntiera; jirrikonoxxi, madankollu, li dan jista' jkun li joħloq problemi speċifiċi għall-intrapriżi ż-żgħar, inklużi dawk li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi, li għandhom jitqiesu bħala prijorità;

22. Ifakkar li l-FEIS ġie stabbilit sabiex jikkontribwixxi għal proġetti bbażati fuq is-suq li huma innovattivi ħafna, u għalhekk iqisu bħala strument essenzjali biex l-SMEs fis-settur tat-trasport ikunu jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet ta' mobilità ġodda; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-implimentazzjoni tiegħu u jżidu l-għajnuna li jagħtu lill-SMEs u lill-istart-ups meta jkunu qed jippreparaw proġetti bħal dawn;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni xierqa biex jiġġieldu lill-prattiki antikompetittivi min-naħa ta' gruppi integrati kbar bil-għan li jindirizzaw b'mod determinat id-diskriminazzjoni u r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-swieq, hu x'inhu d-daqs jew it-tip tal-intrapriża, speċjalment fir-rigward ta' mudelli ta' negozju ġodda; iħeġġeġ li jsir djalogu u li r-relazzjonijiet jittejbu, speċjalment fis-swieq ġodda u f'dawk potenzjali, bejn it-trasportaturi u l-partijiet li jagħmlu l-ordnijiet, kif ukoll soluzzjoni għall-problema tal-persuni li taparsi jaħdmu għal rashom;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

24. Jitlob li l-SMEs jiġu inklużi fil-pjanijiet għall-ħruġ integrat Ewropew tal-biljetti; jinnota li l-effikaċja ta' tali sistema se tiddependi mill-inklużjoni ta' għadd kbir kemm jista' jkun ta' impriżi u operaturi tas-servizzi tat-trasport; jinnota li l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenza bejn operaturi kbar u SMEs jista' jipproduċi sinerġiji benefiċjarji għolja għat-tfassil ta' netwerk tat-trasport effettiv fl-Ewropa;

25. Jitlob, bil-ħsieb li jkun hemm trasparenza akbar, li jsiru r-rieżami u l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-aċċess għal impjiegi u attivitajiet regolati fl-Ewropa u tal-kontrolli fuq dawk l-impjiegi, sabiex l-operaturi u s-servizzi l-ġodda konnessi mal-pjattaformi diġitali u l-ekonomija kollaborattiva jkunu jistgħu jiżviluppaw f'ambjent li jkun favorevoli għan-negozju, inkluża trasparenza ikbar fir-rigward ta' bidliet leġiżlattivi, u sabiex ikunu jistgħu jeżistu spalla ma' spalla mal-operaturi li jkunu fil-kariga f'ambjent ta' kompetizzjoni b'saħħitha; jinnota l-effetti pożittivi ta' operaturi tal-ekonomija kollaborattiva f'dawk li huma l-ħolqien ta' impjiegi ġodda għaż-żgħażagħ li jkunu deħlin fis-suq tax-xogħol u l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika, mingħajr aktar dewmien, pjan direzzjonali sabiex tiġi rilaxxata dejta dwar it-trasport iffinanzjat minn fondi pubbliċi u biex jiġu introdotti standards armonizzati għall-interfaces tad-dejta u l-ipprogrammar dwar it-trasport, bil-għan li tingħata spinta lill-innovazzjonijiet intensivi mil-lat ta' dejta u lill-forniment ta' servizzi ta' trasport ġodda;

27. Huwa tal-fehma, minħabba l-iżvilupp tal-ekonomija kollaborattiva, li s-soluzzjoni la hija regola speċifika għas-settur u lanqas ma hija regolament immirat biss għall-pjattaformi, u li fil-ġejjieni s-sistema tal-mobilità jeħtieġ li tiġi indirizzata bħala ħaġa waħda; jitlob li jiġi stabbilit qafas regolatorju multimodali modernizzat li jrawwem l-innovazzjoni u l-kompetittività kif ukoll il-protezzjoni tal-konsumaturi u d-dejta tagħhom, filwaqt li jissalvagwardja d-drittijiet tal-ħaddiema u jiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal operaturi differenti; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, lejn l-importanza tal-interoperabbiltà fis-settur tat-trasport, minħabba li joffri soluzzjonijiet uniċi lin-negozji ż-żgħar;

28. Jistieden lill-Istati Membri jivvalutaw il-ħtieġa li jaġġornaw il-liġi tax-xogħol nazzjonali tagħhom mal-era diġitali, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi tal-mudelli tal-ekonomija kollaborattiva u jqisu wkoll il-liġijiet tax-xogħol individwali ta' kull pajjiż;

29. Iqis li objettiv bħal dan jitlob konverġenza tal-mudelli, ibbażata fuq definizzjoni ta' "intermedjarji" u ta' "fornituri ta' servizzi" li tkun ċara u konsistenti u li tkunx irduppjata ma' oħrajn; jitlob li ssir distinzjoni bejn dawk il-pjattaformi ta' intermedjazzjoni li ma jiġġeneraw l-ebda qligħ għall-utenti tagħhom u dawk li jqabbdu fornitur ta' servizzi (bi skop ta' qligħ) u klijent ma' xulxin, kemm b'relazzjoni ta' bejn min iħaddem u impjegat u kemm mingħajrha bejn il-fornitur ta' servizz u l-pjattaforma; jissuġġerixxi li, sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mill-partijiet kollha bl-obbligi tagħhom relatati mat-taxxa u mas-sigurtà soċjali, kif ukoll biex jiġi żgurat li l-fornituri tas-servizzi li jkunu qed jużaw il-pjattaformi jkunu kompetenti u kwalifikati kif xieraq (sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur), l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jitolbu l-informazzjoni li huma jqisu meħtieġa mill-pjattaformi ta' intermedjazzjoni; jenfasizza li sistemi diġà eżistenti ta' rispons u ta' klassifikazzjoni jgħinu wkoll lill-intermedjarji jibnu relazzjoni ta' fiduċja mal-konsumaturi, u li d-dejta ġġenerata għandha tiġi pproċessata f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

30. Jemmen li l-potenzjal ta' livell għoli ta' trasparenza tal-ekonomija kollaborattiva jippermetti traċċabilità tajba tal-operazzjonijiet tas-servizzi tat-trasport, b'konformità mal-għan li tiġi msaħħa l-leġiżlazzjoni eżistenti; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika linji gwida dwar kif id-dritt tal-UE japplika għat-tipi differenti ta' mudelli tan-negozju kollaborattiv, sabiex jingħalqu, fejn meħtieġ, il-lakuni regolatorji fil-qasam tal-impjieg u tas-sigurtà soċjali b'tali mod li jirrispetta l-kompetenzi nazzjonali;

31. Jenfasizza li l-impriżi tat-trasport jinkludu wkoll operaturi li ma jipprovdux direttament servizzi tat-trasport, bħalma huma l-fornituri tat-taħriġ, il-kumpaniji tal-kiri tal-vetturi, l-istabbilimenti tat-tiswija tal-vetturi u ċ-ċentri tal-manutenzjoni; jinnota li l-maġġoranza l-kbira ta' tali operaturi huma SMEs; jitlob li l-ħtiġijiet ta' dawn l-operaturi jitqiesu fit-tfassil ta' miżuri ġuridiċi u programmi ta' investiment immirati biex jappoġġjaw l-iżvilupp tal-SMEs;

32. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja lill-SMEs fis-settur tat-trasport biex jiffurmaw raggruppamenti f'dan il-qasam, li jkunu jistgħu jingħaqdu magħhom kemm il-konsumaturi kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

33. Jinnota li l-maġġoranza tal-fornituri fl-ekonomija kollaborattiva jiġu minn barra l-UE; Iqis li l-UE jeħtieġ li tiżviluppa aktar start-ups innovattivi fis-settur tat-trasport, u jinkoraġġixxi li jingħata appoġġ akbar lil dawn il-kumpaniji, b'mod partikulari għat-taħriġ ta' imprendituri żgħażagħ f'dan il-qasam;

34. Jiddispjaċih li r-risposta tal-Istati Membri għall-iżvilupp tal-ekonomija kollaborattiva s'issa kienet waħda frammentata ħafna u f'xi każijiet totalment inkonsistenti mal-potenzjal u l-benefiċċji tal-iżvilupp ta' dan is-settur, kif ukoll kuntrarju għall-aspettattivi tal-konsumatur, u jqis li hija mixtieqa azzjoni kkoordinata komprensiva fil-livell Ewropew, li tkopri l-kwistjonijiet għal mudell tan-negozju kollaborattiv sostenibbli; jinnota l-approċċ raġonevoli tal-Kummissjoni għal dan il-"mudell tan-negozju ġdid", kif stabbilit fil-komunikazzjoni reċenti tagħha li tenfasizza l-importanza tal-ekonomija kollaborattiva għat-tkabbir futur (COM(2016)0356);

35. Jinnota l-potenzjal kbir ta' teknoloġiji ġodda għall-emerġenza ta' forom ġodda ta' għoti ta' servizzi fis-settur tat-trasport tal-oġġetti; jenfasizza, b'mod partikolari, l-opportunitajiet enormi offruti mid-droni, li huma diġà għodda ferm effettiva biex isir xogħol f'kundizzjonijiet diffiċli; jenfasizza li l-UE għandha tappoġġja l-potenzjal tal-SMEs involuti fid-disinn, il-produzzjoni u l-użu ta' droni;

36. Jemmen li l-mudelli tan-negozju kollaborattiv jikkostitwixxu riżorsa mill-akbar għall-iżvilupp sostenibbli ta' konnessjonijiet f'reġjuni periferiċi, muntanjużi u rurali, u joffru wkoll benefiċċji indiretti għas-settur tat-turiżmu;

37. Huwa tal-fehma li r-rekwiżiti leġiżlattivi għandhom ikunu proporzjonati man-natura tan-negozju u d-daqs tal-kumpanija; madankollu, jqajjem tħassib dwar jekk għadx hemm raġunijiet għall-eżenzjoni tal-vetturi kummerċjali ħfief (LCVs) mill-applikazzjoni ta' għadd ta' regoli Ewropej, minħabba l-użu dejjem akbar tal-LCVs fit-trasport internazzjonali tal-merkanzija, u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dijanjostiku dwar l-impatt ekonomiku, ambjentali u ta' sikurezza konsegwenti;

38. Jitlob li jiġu stabbiliti strutturi ta' kooperazzjoni bejn in-negozji tat-trasport iż-żgħar, l-istituti tar-riċerka xjentifika u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-għan li tittejjeb l-organizzazzjoni tal-mobilità urbana u interurbana sostenibbli sabiex tingħata tweġiba effettiva lill-emerġenza ta' servizzi u prodotti ġodda, inklużi dawk offruti mill-SMEs (eż. l-ewwel u l-aħħar stadji ta' sevizz tat-trasport bieb bieb), filwaqt li jkun hemm allinjament aħjar tan-networks tat-trasport pubbliku eżistenti għall-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-passiġġieri; jitlob l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar is-servizzi ta' mobilità pprovduti minn negozji żgħar fis-servizzi tal-informazzjoni u l-ippjanar fil-qasam tat-turiżmu;

39. Jitlob l-istabbiliment ta' task forces tal-innovazzjoni, biex jingħata effett sħiħ lill-kunċett tal-"bliet li jistgħu jiġu kondiviżi" u biex tingħata għajnuna lill-istituzzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex ikunu jistgħu jwieġbu b'mod effettiv għall-introduzzjoni ta' servizzi u prodotti ġodda;

40. Jenfasizza l-importanza ta' taħriġ iffukat (eż. dwar il-big data, servizzi integrati, eċċ.) sabiex il-kumpanniji tat-trasport jiġu megħjuna jiġġeneraw valur miżjud mill-isfera diġitali; jitlob, għalhekk, li l-mod li bih il-professjonisti jiġu mħarrġa jiġi adattat, skont il-ħiliet u l-kwalifiki meħtieġa mill-mudelli tan-negozju ġodda, b'mod partikolari sabiex jiġu sodisfatti l-iskarsezzi ta' persunal, speċjalment ta' sewwieqa;

41. Jenfasizza li l-SMEs fis-settur tat-trasport spiss joqogħdu lura milli jespandu minħabba r-riskji ikbar li huma involuti fin-negozju transfruntier bis-saħħa tad-diverġenza bejn l-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati (Membri) differenti; jistieden lill-Kummissjoni biex, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri, tiżviluppa pjattaformi ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni sabiex jingħataw pariri u taħriġ lill-SMEs fir-rigward ta' skemi ta' finanzjament differenti, għotjiet u internazzjonalizzazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni biex ulterjorment tisfrutta l-programmi eżistenti ta' appoġġ għall-SMEs u tagħtihom aktar viżibilità fost l-atturi tas-settur tat-trasport, fil-kuntest tas-sinerġiji bejn il-fondi differenti tal-UE;

42. Jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet lokali jieħdu impenn attiv fir-rigward tal-prinċipji ta' dekarbonizzazzjoni tat-trasport urban stabbiliti fil-White Paper dwar it-trasport, u jħeġġeġ lill-atturi tas-suq biex joperaw fi ħdan il-qafas il-ġdid tal-kompetizzjoni u tal-attività b'tali mod li jibbenefikaw mill-vantaġġi kompetittivi li joffru s-servizzi b'żero emissjonijiet u d-diġitalizzazzjoni progressiva tal-istrutturi tal-immaniġġjar, l-operazzjonijiet u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

43. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jippromwovu innovazzjonijiet fl-ekonomija kollaborattiva, li min-naħa tagħhom se jiġu ffaċilitati mill-emerġenza ta' mudelli tan-negozju kollaborattiv, pereżempju l-kondiviżjoni tal-użu tal-karozza u tar-roti, il-kondiviżjoni tat-trasport tal-merkanzija, il-kondiviżjoni tal-użu tat-taxis, il-kondivizjoni tal-użu tal-karozzi, u xarabanks fuq talba, u l-interkonnessjoni ta' dawn il-modi ta' trasport mat-trasport pubbliku;

44. Jistieden lill-Kummissjoni biex, permezz ta' kooperazzjoni msaħħa fost id-Direttorati Ġenerali tagħha, issegwi mill-qrib l-iżvilupp tal-ekonomija diġitali u l-impatt tal-inizjattivi leġiżlattivi tal-"Aġenda Diġitali" dwar is-settur tat-trasport;

45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jivvalutaw fuq bażi regolari l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-għadd u t-tipi ta' impjiegi fis-settur tat-trasport, u jiżguraw li l-politiki soċjali u dwar l-impjieg iżommu l-pass mad-diġitalizzazzjoni tas-suq tax-xogħol tat-trasport;

46. Jirrakkomanda li kemm in-negozji tal-ekonomija kollaborattiva, kif ukoll il-persuni li jaħdmu fis-settur tat-trasport, isibu mudelli sabiex jaħdmu flimkien fl-insegwiment tal-interessi komuni, bħal fil-qasam tal-assigurazzjoni;

47. Jilqa' l-mudelli dwar ħinijiet tax-xogħol flessibbli nnegozjati mis-sħab soċjali fis-settur tat-trasport li jippermettu li l-ħaddiema jirrikonċiljaw aħjar il-ħajja tax-xogħol u dik privata; jenfasizza, madankollu, l-importanza tal-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli obbligatorji dwar il-ħinijiet tax-xogħol, u tal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ, li għandu jsir aktar faċli b'riżultat tad-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport;

o

o o

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P8_TA(2016)0456

## Sitwazzjoni fil-Belarussja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Novembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Belarussja (2016/2934(RSP))**

(2018/C 224/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Belarussja,

— wara li kkunsidra l-elezzjonijiet parlamentari li saru fil-11 ta’ Settembru 2016 u l-elezzjonijiet presidenzjali li saru fil-11 ta’ Ottubru 2015,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-President tad-Delegazzjoni tiegħu għar-relazzjonijiet mal-Belarussja tat-13 ta’ Settembru 2016 dwar l-elezzjonijiet parlamentari reċenti fil-Belarussja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna tat-12 ta’ Settembru 2016 dwar l-elezzjonijiet parlamentari fil-Belarussja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni preliminari tal-OSKE/ODIHR, tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE u tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (APKE) tat-12 ta’ Settembru 2016 dwar l-elezzjonijiet parlamentari fil-Belarussja,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Belarussja, b’mod partikolari dawk tas-16 ta’ Frar 2016, li neħħew il-miżuri restrittivi kontra 170 individwu u tliet kumpaniji Belarussi,

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-OSKE tat-28 ta’ Jannar 2016 dwar l-elezzjonijiet presidenzjali fil-Belarussja fil-11 ta’ Ottubru 2015,

— wara li kkunsidra l-bosta dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet Belarussi li xi rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR b’segwitu għall-elezzjonijiet presidenzjali tal-2015 kienu se jiġu implimentati qabel l-elezzjonijiet parlamentari tal-2016,

— wara li kkunsidra l-ħelsien ta’ sitt priġunieri politiċi mill-awtoritajiet Belarussi fit-22 ta’ Awwissu 2015, u d-dikjarazzjoni sussegwenti tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, Federica Mogherini, u tal-Kummissarju għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir, Johannes Hahn, dwar il-ħelsien ta’ priġunieri politiċi fil-Belarussja fit-22 ta’ Awwissu 2015,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi, fir-rapport finali tiegħu dwar l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2015 fil-Belarussja, l-OSKE/ODIHR, flimkien mal-Kummissjoni ta’ Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa, ħejjew sett ta’ rakkomandazzjonijiet biex jiġu implimentati mill-Belarussja qabel l-elezzjonijiet parlamentari tal-2016;

B. billi, sabiex jibnu relazzjonijiet aħjar mal-Punent, l-awtoritajiet Belarussi, b’riluttanza, ħadu passi li jippermettu li l-partiti demokratiċi tal-oppożizzjoni jirreġistraw b’aktar faċilità milli f’elezzjonijiet preċedenti, u li bihom l-osservaturi barranin ingħataw aċċess akbar għall-għadd tal-voti;

C. billi fis-6 ta’ Ġunju 2016 il-President tal-Belarussja sejjaħ elezzjonijiet għall-Kamra tad-Deputati; billi dawn l-elezzjonijiet saru fil-11 ta’ Settembru 2016; billi aktar minn 827 osservatur internazzjonali u 32 100 osservatur ċittadin kienu akkreditati għall-elezzjonijiet; billi, kif iddikjarat fil-konklużjonijiet tal-OSKE/ODIHR, il-biċċa l-kbira tal-osservaturi ċittadini rrappreżentaw assoċjazzjonijiet sussidjati mill-Istat li kienu wkoll impenjaw ruħhom f’kampanja għall-kandidati favur il-gvern; billi ntbagħtet missjoni ta’ osservazzjoni elettorali tal-OSKE/ODIHR biex tosserva l-elezzjonijiet wara stedina mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Belarussja;

D. billi, skont il-valutazzjoni tal-OSKE/ODIHR, l-elezzjonijiet parlamentari tal-2016 kienu organizzati b'mod effiċjenti, iżda għad fadal għadd ta' nuqqasijiet sistemiċi li ilhom jeżistu żmien, inklużi restrizzjonijiet għad-drittijiet politiċi u l-libertajiet fundamentali fil-qafas ġuridiku; billi l-għadd u t-tabulazzjoni raw għadd sinifikanti ta' irregolaritajiet proċedurali u kienu nieqsa mit-trasparenza;

E. billi, għall-ewwel darba f'20 sena, se tiġi rrappreżentata oppożizzjoni demokratika fil-Parlament Belarussu; billi, skont ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja, is-sistemi ġuridiċi u amministrattivi sottostanti għar-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tal-bniedem għadhom mhux mibdula; billi żewġ membri indipendenti tal-parlament huma mistennija jservu bħala oppożizzjoni reali;

F. billi, sa mill-1994, fil-Belarussja ma saret ebda elezzjoni ħielsa u ġusta skont leġiżlazzjoni elettorali f'konformità mal-istandards rikonoxxuti internazzjonalment tal-OSKE/ODIHR;

G. billi l-UE neħħiet il-biċċa l-kbira tal-miżuri restrittivi tagħha kontra uffiċjali u entitajiet legali Belarussi fi Frar 2016 bħala ġest ta' rieda tajba biex tħeġġeġ lill-Belarussja ttejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fit-territorju tagħha; billi l-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Belarussja tal-15 ta' Frar 2016, saħaq fuq il-ħtieġa li l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Belarussja tissaħħaħ f'għadd ta' oqsma ekonomiċi u ta' oqsma relatati mal-assistenza u mal-kummerċ, ħaġa li fetħet il-possibilità biex il-Belarussja tapplika għall-finanzjament mingħand il-BEI u l-BERŻ; billi ġew innutati għadd ta' sforzi biex jiġu indirizzati ċerti kwistjonijiet li ilhom għaddejjin minn qabel l-elezzjonijiet tal-2016, filwaqt li fl-istess ħin għad baqa' ħafna kwistjonijiet fir-rigward tal-qafas elettorali ġuridiku u proċedurali;

H. billi Human Rights Defenders for Free Elections (HRD) u Right to Choose-2016 (R2C), iż-żewġ gruppi ta' osservazzjoni elettorali Belarussi, ikkundannaw l-aħħar elezzjonijiet talli ma ssodisfawx għadd ta' standards internazzjonali ewlenin u talli ma rriflettewx b'mod kredibbli r-rieda taċ-ċittadini Belarussi;

I. billi l-gruppi ta' osservaturi Belarussi ġabru evidenza konkreta ta' sforzi massivi madwar il-pajjiż kollu biex ikabbru l-għadd totali ta' eletturi li ħarġu jivvutaw matul il-perjodu ta' ħamest ijiem ta' votazzjoni bikrija (6-10 ta' Settembru 2016) u fil-ġurnata tal-elezzjoni (il-11 ta' Settembru 2016), u billi l-uniku istitut ta' stħarriġ tal-opinjoni indipendenti fil-Belarussja (NISEPI) ssospenda l-attivitajiet tiegħu wara pressjoni min-naħa tal-gvern, ħaġa li tagħmilha aktar diffiċli biex wieħed jivvaluta x'inhuma eżattament il-preferenzi politiċi tal-Belarussi;

J. billi, fit-18 ta' Novembru 2015, parti mill-forzi tal-oppożizzjoni Belarussa għall-ewwel darba ppreżentat ftehim ta' kooperazzjoni konġunt biex tibqa' magħquda matul l-elezzjonijiet parlamentari tal-2016;

K. billi l-ewwel żjara uffiċjali mill-2002 'l hawn tad-Delegazzjoni tal-Parlament għar-relazzjonijiet mal-Belarussja saret f'Minsk fit-18 u d-19 ta' Ġunju 2015; billi l-Parlament Ewropew bħalissa m'għandu ebda relazzjoni uffiċjali mal-Parlament Belarussu;

L. billi l-Belarussja kellha rwol kostruttiv fil-faċilitazzjoni ta' ftehim dwar il-waqfien mill-ġlied fl-Ukrajna;

M. billi l-aggressjoni kontra l-Ukrajna u l-annessjoni illegali tal-Krimea min-naħa tar-Russja komplew iżidu l-biża' tas-soċjetà Belarussa li s-sitwazzjoni interna tiġi destabilizzata bħala konsegwenza ta' bidla fil-poter; billi, madankollu, il-poplu Belarussu ma abbandunax it-tamiet tiegħu għal riformi sostanzjali u għal trasformazzjoni paċifika ta' pajjiżu;

N. billi l-ekonomija tal-Belarussja esperjenzat aktar minn għoxrin sena ta' staġnar, u billi setturi ewlenin għadhom taħt is-sjieda tal-istat u taħt sistema ta' kmand u kontroll amministrattiv; billi d-dipendenza ekonomika tal-Belarussja mill-għajnuna ekonomika tar-Russja qed tiżdied b'mod kontinwu, u billi l-prestazzjoni ekonomika tal-Belarussja hija fost l-aktar baxxa fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ekonomika Ewrasjatika – pereżempju, il-PDG tagħha naqas b'aktar minn USD 30 biljun fl-2015-2016;

O. billi l-Belarussja hija l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għadu japplika l-piena kapitali; billi, fl-4 ta' Ottubru 2016, il-Qorti Suprema Belarussa kkonfermat is-sentenza tal-mewt kontra Siarhei Vostrykau, li kienet ir-raba' konferma mill-Qorti Suprema Belarussa ta' sentenza tal-mewt fl-2016;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

P. billi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ġibdu l-attenzjoni għal metodi ġodda ta' intimidazzjoni fuq l-oppożizzjoni; billi l-awtoritajiet Belarussi ma abbandunawx il-prattiki repressivi kontra l-avversarji politiċi tagħhom: id-dimostranti paċifiċi għadhom soġġetti għal responsabilità amministrattiva, drittijiet ċivili u politiċi oħra għadhom ristretti u l-pajjiż għandu priġunieri politiċi ġodda; billi l-awtoritajiet Belarussi ma ħadu ebda miżura mmirata lejn tibdil sistemiku u kwalitattiv fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fil-livell leġiżlattiv;

Q. billi titjib sinifikanti fil-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-midja, ir-rispett għad-drittijiet politiċi kemm taċ-ċittadini ordinarji kif ukoll tal-attivisti tal-oppożizzjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma kollha prerekwiżiti għal relazzjonijiet aħjar bejn l-UE u l-Belarussja; billi l-Unjoni Ewropea għadha impenjata bil-qawwa li tkompli tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja, inkluża l-libertà tal-espressjoni u tal-midja;

R. billi, fil-25 ta' Ottubru 2016, il-Belarussja adottat l-ewwel Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem tagħha, li ġie approvat minn riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri; billi skont l-awtoritajiet Belarussi dan il-pjan jiddefinixxi l-linji ta' azzjoni prinċipali għall-implimentazzjoni tal-impenji tal-pajjiż fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

S. billi wieħed mill-objettivi tal-parteċipazzjoni tal-Belarussja fis-Sħubija tal-Lvant u l-fergħa parlamentari tagħha, l-Euronest, huwa li tintensifika l-kooperazzjoni bejn il-pajjiż u l-UE; billi l-Parlament Belarussu ma għandu ebda status uffiċjali fl-Assemblea Parlamentari Euronest;

T. billi l-Belarussja bħalissa qiegħda tibni l-ewwel impjant tal-enerġija nukleari tagħha f'Ostrovets, mal-fruntiera tal-UE; billi kwalunkwe pajjiż li jiżviluppa l-enerġija nukleari jeħtieġlu jaderixxi b'mod rigoruż mar-rekwiżiti u standards internazzjonali dwar is-sikurezza nukleari u ambjentali; billi l-Gvern tal-Belarussja, li għandu r-responsabbiltà esklussiva għas-sikurezza u s-sigurtà tal-faċilitajiet nukleari fit-territorju tiegħu, jeħtieġlu jissodisfa l-obbligi tiegħu lejn iċ-ċittadini tiegħu stess kif ukoll lejn il-pajjiżi ġirien; billi l-prinċipji tal-aċċess miftuħ u tat-trasparenza jridu jkunu l-pedament prinċipali li fuqu għandha tiġi żviluppata, imħaddma u dekummissjonata kwalunkwe faċilità nukleari;

U. billi l-Belarussja hija parti mill-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva (CSTO) u tipparteċipa fil-manuvri militari konġunti mar-Russja "Zapad" li jkopru xenarji li jinvolvu attakki fuq il-ġirien tal-punent tagħha li jinkludu s-simulazzjoni tal-użu ta' armi nukleari kontra l-Polonja; billi s-sena d-dieħla l-Belarussja se tipparteċipa fiż-"Zapad-2017" b'xenarji possibbli ulterjorment aggressivi;

1. Jibqa' serjament imħasseb dwar in-nuqqasijiet osservati mill-osservaturi internazzjonali indipendenti matul l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2015 u l-elezzjonijiet parlamentari tal-2016; jirrikonoxxi l-isforzi biex isir progress, li għadu mhuwiex biżżejjed; jinnota li fil-parlament li għadu kemm ġie elett se jkun hemm rappreżentant wieħed tal-oppożizzjoni u rappreżentant wieħed tas-settur mhux governattiv; iqis, madankollu, li dawn huma aktar ħatriet politiċi milli konsegwenza tar-riżultat elettorali; jinnota li l-analiżi tal-proposti leġiżlattivi futuri ppreżentati minn dawn iż-żewġ membri parlamentari se sservi ta' test deċiżiv dwar l-intenzjonijiet politiċi tal-awtoritajiet wara l-ħatriet tagħhom;

2. Jistieden lill-awtoritajiet Belarussi jerġgħu jibdew mingħajr dewmien il-ħidma fuq riforma elettorali komprensiva bħala parti minn proċess ta' demokratizzazzjoni usa' u f'kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa li r-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR jiġu introdotti fi żmien debitu qabel l-elezzjonijiet muniċipali ta' Marzu 2018 u li dawn jiġu osservati minn osservaturi nazzjonali u internazzjonali; jenfasizza li dan huwa ta' importanza ewlenija biex jinkiseb il-progress mixtieq fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Belarussja;

3. Itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Belarussi sabiex jiżguraw, fiċ-ċirkostanzi kollha, ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, skont id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-istrumenti internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem irratifikati mill-Belarussja;

4. Jistieden lill-Gvern Belarussu jirriabilita l-priġunieri politiċi li ġew meħlusa u jroddilhom għalkollox id-drittijiet ċivili u politiċi kollha tagħhom;

**Il-Ħamis 24 ta’ Novembru 2016**

5. Jesprimi t-tħassib tiegħu li mis-sena 2000 ’l hawn ma ġie rreġistrat l-ebda partit politiku ġdid fil-Belarussja; jappella sabiex jiġu abbandunati r-retrizzjonjiet kollha f’dan ir-rigward; jisħaq fuq il-fatt li l-partiti politiċi kollha għandhom jitħallew iwettqu attivitajiet politiċi mingħajr restrizzjonijiet, speċjalment matul il-perjodu tal-kampanja elettorali;

6. Jistenna li l-awtoritajiet itemmu l-intimidazzjoni fuq il-midja indipendenti għal raġunijiet politiċi; iħeġġiġhom iwaqqfu l-prattika ta’ prosekuzzjoni amministrattiva u l-użu arbitrarju tal-Artikolu 22(9) tal-Kodiċi Amministrattiv kontra l-ġurnalisti indipendenti li jaħdmu mal-midja barranija mingħajr akkreditazzjoni, li jirrestrinġu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni u għat-tixrid tal-informazzjoni;

7. Jistieden lill-Gvern Belarussu biex iħassar mingħajr dewmien l-Artikolu 193(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jippenalizza l-organizzazzjoni ta’ attivitajiet ta’ assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet pubbliċi mhux reġistrati u l-parteċipazzjoni f’tali attivitajiet, u biex jippermetti l-funzjonament legali sħiħ, liberu u mingħajr xkiel tal-assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet pubbliċi; jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni, b’mod partikolari, għall-fatt li bħalissa, bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikolu 193(1) u ta’ miżuri restrittivi oħra, aktar minn 150 NGO Belarussa huma rreġistrati fil-Litwanja, fil-Polonja, fir-Repubblika Ċeka u fi bnadi oħra;

8. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Belarussi jirrieżaminaw il-politika li minħabba fiha l-assistenza finanzjarja internazzjonali lis-settur mhux governattiv fil-Belarussja għadha soġġetta għal piż kbir tat-taxxa;

9. Jikkundanna bil-qawwa l-politika tal-Gvern Belarussu għall-użu tal-forzi speċjali sabiex jinterferixxi fl-affarijiet interni ta’ organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi dawk li jirrappreżentaw minoranzi nazzjonali bħall-NGO indipendenti “Unjoni tal-Pollakki fil-Belarussja”;

10. Iħeġġeġ lill-Belarussja, bħala l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għadu japplika l-piena kapitali, u li reċentement reġa’ beda bl-eżekuzzjonijiet, biex tingħaqad mal-moratorju globali dwar l-eżekuzzjoni tal-piena tal-mewt bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni permanenti tagħha; ifakkar li l-piena kapitali tikkostitwixxi trattament inuman u degradanti, ma għandha l-ebda effett deterrenti ppruvat u tagħmel l-iżbalji ġudizzjarji irriversibbli; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Kummissjoni jipprijoritizzaw bis-saħħa t-tħassib imsemmi hawn fuq fid-Djalogu li għaddej dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Belarussja; jilqa’, f’dan il-kuntest, il-fatt li l-Kunsill tal-Ministri tal-Belarussja adotta l-Pjan ta’ Azzjoni għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Grupp ta’ Ħidma għall-Eżami Perjodiku Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u jistenna li dan il-Pjan ta’ Azzjoni jitwettaq bis-sħiħ;

11. Jistieden lill-UE żżomm il-momentum għal normalizzazzjoni ulterjuri tar-relazzjonijiet mal-Belarussja; itenni l-fehma tiegħu li d-differenzi eżistenti jistgħu jiġu indirizzati l-aħjar permezz ta’ kanali ta’ komunikazzjoni mtejba u li involviment ulterjuri tal-UE, u b’mod partikolari tal-Parlament Ewropew, fi djalogu mal-Belarussja, u b’mod partikolari ċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili tagħha, kif ukoll mal-parlament u d-diversi partiti politiċi, jista’ jġib riżultati tanġibbli u jikkontribwixxi għall-indipendenza, is-sovranità u l-prosperità tal-pajjiż;

12. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jkomplu jagħtu u jsaħħu l-appoġġ tagħhom lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja u barra mill-pajjiż; jisħaq, f’dan il-kuntest, fuq il-ħtieġa li jingħata appoġġ lis-sorsi ta’ informazzjoni indipendenti kollha għas-soċjetà Belarussa, inkluża l-midja li xxandar il-programmi bl-ilsien Belarussu, u minn barra l-pajjiż;

13. Jinnota li f’Jannar 2014 ingħata bidu għan-negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi bl-għan li jittejbu l-kuntatti bejn il-persuni u li tiġi mħeġġa l-emerġenza tas-soċjetà ċivili; jenfasizza li l-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jitħaffef il-progress f’dan ir-rigward;

14. Jappoġġa lill-UE fil-politika tagħha ta’ “impenn kritiku” mal-awtoritajiet Belarussi, u jiddikjara ruħu lest ukoll li jikkontribwixxi għal din il-politika permezz tad-Delegazzjoni tiegħu għar-relazzjonijiet mal-Belarussja; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-inizjattivi leġiżlattivi mill-qrib u tiskrutinizza l-implimentazzjoni tagħhom; ifakkar li l-UE jeħtiġilha tiżgura li r-riżorsi tagħha ma jintużawx għar-repressjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ġurnalisti indipendenti u tal-mexxejja tal-oppożizzjoni;

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

15. Jinsab imħasseb dwar il-problemi ta' sikurezza li tqajmu mill-bini tal-impjant tal-enerġija nukleari Belarussu f'Ostrovets, inqas minn 50 kilometru 'l bogħod minn Vilnius, il-belt kapitali tal-Litwanja, u qrib il-fruntiera Pollakka; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sorveljanza internazzjonali komprensiva tal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett sabiex ikun żgurat li huwa konformi mar-rekwiżiti u l-istandards internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari u ambjentali, inklużi l-Konvenzjonijiet Espoo u Arhus tan-NU; jistieden lill-Kummissjoni biex, fid-djalogu tagħha mal-Belarussja u mar-Russja, tinkludi l-kwistjoni tas-sikurezza u t-trasparenza ta' dan l-impjant ta' enerġija nukleari li qiegħed jinbena, fid-dawl tal-fatt li dan huwa ffinanzjat mir-Russja u huwa bbażat fuq it-teknoloġija Rosatom, u biex tipprovdi rapporti regolari lill-Parlament u lill-Istati Membri, b'mod partikolari dawk ġirien tal-Belarussja; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jużaw il-lievi tagħhom, inkluż li jagħmlu kwalunkwe għajnuna makrofinanzjarja mill-UE kundizzjonali, sabiex jiġi żgurat li l-Belarussja tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza fir-rigward tal-Impjant Nukleari f'Ostrovets, b'mod partikolari fir-rigward tat-twettiq ta' eżerċizzju ta' simulazzjoni kif miftiehem mal-Kummissjoni fit-23 ta' Ġunju 2011;

16. Jagħti importanza kbira u jistenna bil-ħerqa l-adeżjoni tal-Belarussja fl-Assemblea Parlamentari Euronest, skont l-Att Kostitwenti, mill-aktar fis wara li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet politiċi, peress li din l-adeżjoni tkun estensjoni naturali tal-parteċipazzjoni tal-Belarussja fil-qafas ta' kooperazzjoni multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant;

17. Itenni l-impenn tiegħu li jaħdem għall-benefiċċju tal-poplu tal-Belarussja, li jappoġġa l-aspirazzjonijiet u l-inizjattivi prodemokratiċi tiegħu u li jikkontribwixxi għal futur stabbli, demokratiku u prosperu għall-pajjiż;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-OSKE/ODIHR, lill-Kunsill tal-Ewropa, u lill-awtoritajiet tal-Belarussja.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0464

## Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: valutazzjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: valutazzjoni (2016/2045(INI))**

(2018/C 224/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 175 u 212(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Solidarjetà, implimentazzjoni u applikazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (COM(2013)0522) ([4]),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni intitolat "Rapport Annwali tal-2014 tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea" (COM(2015)0502),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Settembru 2002 dwar id-diżastri tal-għargħar fl-Ewropa ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-diżastri naturali (nirien u għargħar) li seħħew matul dak is-sajf fl-Ewropa ([6]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolat "Il-Futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea" (COM(2011)0613),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-28 ta' Novembru 2013 – Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([7]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni f'materji ta' baġit u ġestjoni finanzjarja tajba ([8]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.
([2]) ĠU C 440, 30.12.2015, p. 13.
([3]) ĠU L 189, 27.6.2014, p. 143.
([4]) ĠU C 170, 5.6.2014, p. 45.
([5]) ĠU C 272 E, 13.11.2003, p. 471.
([6]) ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 322.
([7]) ĠU C 114, 15.4.2014, p. 48.
([8]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0341/2016),

A. billi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) twaqqaf taħt ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 b'reazzjoni għall-għargħar diżastrużi fl-Ewropa Ċentrali fis-sajf tal-2002, bħala strument utli li jippermetti lill-UE tirrispondi għal diżastri naturali kbar, u diżastri reġjonali straordinarji, fl-Unjoni u fil-pajjiżi involuti fin-negozjati tal-adeżjoni, u turi solidarjetà ma' reġjuni u stati eliġibbli; billi dan jappoġġja biss operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru, imwettqa mill-gvernijiet wara diżastri naturali, li għandhom impatt dirett fuq ħajjet in-nies, l-ambjent naturali jew l-ekonomija f'reġjun partikolari (għalkemm wieħed għandu jinnota li fl-2005, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li għandha l-għan li tespandi l-kamp ta' applikazzjoni oriġinali anki iktar);

B. billi minn meta twaqqaf, il-FSUE kelli skop ferm utli, wara li mmobilizza, b'kollox, EUR 3,8 biljun b'rabta ma' aktar minn 70 diżastru f'24 stat u pajjiż tal-adeżjoni benefiċjarji, u ntuża b'reazzjoni għal firxa wiesgħa ta' fenomeni naturali bħal terremoti, għargħar, nirien fil-foresti, tempesti u, aktar reċenti, nixfiet; billi l-FSUE jibqa' wieħed mill-aktar simboli b'saħħithom ta' solidarjetà tal-UE fi żminijiet ta' bżonn;

C. billi l-istrument reġa' ġie rivedut b'mod komprensiv fl-2014 bl-għan li: jtejjeb u jissimplifika l-proċeduri, u jiżgura rispons aktar rapidu fi żmien sitt ġimgħat wara l-applikazzjoni; jiddetermina mill-ġdid il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu; jistabbilixxi kriterji ċari għal diżastri reġjonali; u jsaħħaħ il-prevenzjoni tad-diżastri u l-istrateġiji ta' mmaniġġjar tar-riskju, biex b'hekk isaħħaħ l-effettività ta' finanzjament għall-emerġenza, f'konformità ma' bosta talbiet magħmulin matul is-snin mill-Parlament, kif ukoll mill-awtoritajiet lokali u reġjonali; billi hija prevista reviżjoni ġdida ta' dan il-Fond fil-proposta għar-Regolament Omnibus (COM(2016)0605 – 2016/0282(COD)) propost mill-Kummissjoni fl-14 ta' Settembru 2016 bl-għan li jitjieb l-istat ta' tħejjija u l-effikaċja ta' finanzjament għall-emerġenza;

D. billi l-Parlament jappoġġja bis-sħiħ il-proposti ta' riforma, li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu talbiet li diġà saru fir-riżoluzzjonijiet preċedenti;

E. billi applikazzjonijiet li waslu qabel Ġunju 2014 (meta r-regolament rivedut daħal fis-seħħ) ġew ivvalutati skont ir-regolament oriġinali, filwaqt li l-applikazzjonijiet riċevuti wara dak iż-żmien ġew ivvalutati skont ir-regolament rivedut;

F. billi l-investimenti fil-prevenzjoni ta' diżastri naturali huma tal-akbar importanza bħala reazzjoni għat-tibdil fil-klima; billi ammonti sinifikanti ta' finanzjament tal-UE ġew allokati għal investimenti fil-qasam tal-prevenzjoni tad-diżastri naturali, u fl-istrateġiji tal-immaniġġjar tar-riskju, b'mod partikolari taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE);

G. billi, b'mod eċċezzjonali, f'każ li ma jkunx hemm biżżejjed fondi disponibbli f'sena partikolari, jistgħu jintużaw il-fondi tas-sena ta' wara, filwaqt li jitqies il-limitu baġitarju annwali tal-fond kemm għas-sena ta' meta jkun seħħ id-diżastru kif ukoll għas-sena ta' wara;

1. Ifakkar li, minn meta ġie stabbilit fl-2002, il-FSUE kien sors importanti ta' finanzjament għall-gvernijiet lokali u reġjonali, li taffa l-konsegwenzi tad-diżastri naturali li seħħew fil-kontinent Ewropew, li jvarjaw minn għargħar sa terremoti u nirien fil-foresti, u li serva bħala mezz li bih intweriet solidarjetà Ewropea mar-reġjuni milquta; jenfasizza li, skont l-opinjoni pubblika, il-FSUE huwa wieħed mill-aktar forom konkreti u tanġibbli ta' appoġġ li l-UE tista' tagħti lill-komunitajiet lokali;

2. Jenfasizza li minn meta ġie stabbilit il-FSUE, id-diżastri naturali fl-Unjoni Ewropea żdiedu b'mod konsiderevoli fin-numru, fil-gravità u fl-intensità, bħala konsegwenza tat-tibdil fil-klima; jinsisti għalhekk fuq il-valur miżjud ta' strument solidu u flessibbli bħala mezz biex tintwera solidarjetà u tingħata assistenza xierqa u immedjata liċ-ċittadini milquta minn diżastri naturali maġġuri;

3. Ifakkar li l-FSUE huwa ffinanzjat barra l-baġit tal-Unjoni Ewropea, b'ammont massimu ta' EUR 500 miljun (skont il-prezzijiet tal-2011), u li minkejja l-flessibbiltà interna (riport N+1), il-fondi sostanzjali jistgħu kull sena jibqgħu mhux użati; jinnota, f'dan il-kuntest, l-"ibbaġitjar" parzjali tal-allokazzjoni finanzjarja annwali prevista fir-Regolament Omnibus propost, bil-ħsieb li jaċċelera l-proċedura ta' mobilizzazzjoni u biex jipprovdi rispons aktar malajr u aktar effettiv liċ-ċittadini milquta minn diżastru;

4. Jirrimarka li l-użu tal-limitu annwali juri li l-livell annwali ta' approprjazzjonijiet, wara l-perjodu ta' programmazzjoni tal-QFP l-ġdid, huwa adegwat;

5. Jenfasizza l-importanza tar-reviżjoni tal-2014, li rnexxielha tegħleb l-istaġnar fil-Kunsill, u rrappreżentat ir-reazzjoni tardiva lejn it-talbiet ripetuti tal-Parlament biex jitjiebu r-reazzjoni u l-effikaċja tal-għajnuna, sabiex tiġi żgurata reazzjoni rapida u trasparenti b'appoġġ għal persuni affettwati minn diżastri naturali; barra minn hekk, jilqa' b'sodisfazzjon l-aħħar Proposta Omnibus, li tintroduċi dispożizzjonijiet ġodda f'termini ta' simplifikazzjoni u ta' mobilizzazzjoni aħjar tal-finanzjament;

6. Jisħaq fuq l-elementi prinċipali tar-riforma, bħal: l-introduzzjoni ta' pagamenti bil-quddiem, li bihom sa 10 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja antiċipata hija disponibbli fuq talba eżatt wara li titressaq applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond lill-Kummissjoni (limitat għal EUR 30 miljun); l-eliġibbiltà tal-ispejjeż relatati mat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru (talba importanti tal-Parlament); l-estensjoni tal-iskadenzi li fihom l-istati eliġibbli jridu jippreżentaw applikazzjonijiet (12-il ġimgħa wara l-ewwel ħsara) u jħejju l-proġett (18-il xahar); l-introduzzjoni ta' skadenza ta' sitt ġimgħat sa meta l-Kummissjoni għandha twieġeb għall-applikazzjonijiet; dispożizzjonijiet ġodda dwar il-prevenzjoni ta' diżastri naturali; u titjib fil-proċeduri li jirrigwardaw il-ġestjoni finanzjarja soda;

7. Jenfasizza madankollu li, minkejja l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu upstream ta' ħlasijiet antiċipati tal-proċedura standard, il-benefiċjarji għadhom qegħdin jaffaċċjaw problemi minħabba t-tul tal-proċess kollu mill-fażi ta' applikazzjoni sal-ħlas tal-aħħar kontribuzzjoni; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li titressaq l-applikazzjoni kemm jista' jkun malajr wara diżastru, kif ukoll għal aktar titjib fil-fażi ta' valutazzjoni, u fil-fażijiet ulterjuri, sabiex tiġi faċilitata l-eżekuzzjoni ta' pagamenti; huwa tal-fehma li d-dispożizzjonijiet Omnibus li għadhom kemm ġew proposti dwar il-FSUE jistgħu jikkontribwixxu għall-mobilizzazzjoni aktar mgħaġġla, sabiex il-ħtiġijiet reali fil-post ikunu jistgħu jiġu ssodisfati; jenfasizza li l-Istati Membri wkoll iridu jħarsu lejn il-proċeduri amministrattivi tagħhom stess bl-għan li titħaffef il-mobilizzazzjoni ta' għajnuna lejn reġjuni u stati milquta; jissuġġerixxi, barra minn hekk, bl-għan ta' titjib potenzjali f'riforma futura, l-introduzzjoni ta' talba għal pjanijiet nazzjonali obbligatorji aġġornati għall-ġestjoni tad-diżastri, kif ukoll ta' rekwiżit li jingħata tagħrif dwar il-preparazzjoni ta' ftehimiet dwar kuntratti ta' emerġenza;

8. Jistieden lill-Istati Membri nfushom biex itejbu l-mezzi tagħhom ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, kemm fl-evalwazzjoni tal-ħsara eliġibbli, li għaliha tintalab għajnuna finanzjarja mill-FSUE, u fit-tħejjija tal-applikazzjonijiet, kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-proġetti li jindirizzaw l-effetti tad-diżastri naturali, biex b'hekk jiżguraw li l-assistenza tal-Unjoni tkun effettiva fil-prattika u li jitħeġġu soluzzjonijiet sostenibbli; iqis, barra minn hekk, li l-appoġġ tal-FSUE għandu jiġi kkomunikat lill-pubbliku b'mod ġenerali; jistieden lill-awtoritajiet ikkonċernati biex itejbu l-komunikazzjoni u biex jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ mill-FSUE, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi addizzjonali;

9. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li proċeduri ta' akkwist pubbliku jkunu segwiti mill-Istati Membri bħala reazzjoni għad-diżastri naturali, bl-għan li jiġu identifikati u mxerrda l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda fir-rigward ta' kuntratti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

10. Jilqa' l-kjarifika mill-Kummissjoni tar-regoli dwar l-eliġibbiltà tad-diżastri naturali reġjonali, iżda jfakkar li l-ftehim finali bejn il-Parlament u l-Kunsill żamm il-limitu tal-eliġibbiltà għal 1,5 % tal-PDG reġjonali, f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni, minkejja l-isforzi tal-Parlament biex inaqqsu għal 1 %; jinnota li ġiet ikkunsidrata l-vulnerabbiltà tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, bil-limitu li tbaxxa għal 1 %;

11. Jirrikonoxxi li l-Fond jipprovdi assistenza għall-ħsarat mhux assigurati u ma jikkumpensax it-telf privat; jenfasizza li miżuri fit-tul, bħal rikostruzzjoni sostenibbli, jew żvilupp ekonomiku u attivitajiet ta' prevenzjoni, huma eliġibbli għal finanzjament taħt strumenti oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fondi SIE);

12. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-finanzjament attwali tal-UE, b'mod partikolari mill-ħames Fondi SIE, għal investimenti biex jevitaw diżastri naturali milli jseħħu, u jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza li jiġu żviluppati sinerġiji bejn id-diversi fondi u politiki tal-Unjoni bl-għan li jkun evitat l-impatt ta' diżastri naturali, u f'każijiet fejn tal-FSUE huwa attivat, sabiex tiġi garantita l-konsolidazzjoni, u l-iżvilupp sostenibbli fit-tul ta' proġetti ta' rikostruzzjoni; isostni li kull meta għandu jintuża l-FSUE, l-Istat Membru kkonċernat għandu formalment jimpenja ruħu biex iwettaq il-miżuri kollha meħtieġa għall-prevenzjoni tad-diżastri u r-rikostruzzjoni sostenibbli taż-żoni milquta; jitlob, meta jitqiesu s-sinerġiji, għall-proċess li bih jintużaw il-fondi flimkien, biex jiġu ssimplifikati, sa fejn hu possibbli, f'termini amministrattivi;

13. Jenfasizza, għalhekk, li għandhom jiżdiedu l-isforzi biex ikun hemm investiment fil-qasam tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, b'kont meħud ta' miżuri preventivi meta jiġu appoġġjati r-rikostruzzjoni u r-riforestazzjoni taħt il-FSUE; iqis li l-prevenzjoni għandha ssir ħidma orizzontali, u jissuġġerixxi li jittieħdu miżuri preventivi li jsegwu l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema meta jittaffew il-konsegwenzi ta' diżastru taħt il-FSUE; barra minn hekk, jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu strateġiji ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tar-riskji, filwaqt li jitqies ukoll li ħafna diżastri naturali llum huma konsegwenzi diretti ta' attività umana;

14. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata trasparenza massima fl-għoti, il-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-FSUE; iqis li huwa importanti li jiġi determinat jekk is-sussidji tal-FSUE ntużawx skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, sabiex jiġu identifikati, żviluppati u kondiviżi l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu t-trasparenza u jiggarantixxu aċċess pubbliku għall-informazzjoni matul il-proċess kollu ta' mobilizzazzjoni tal-assistenza, wara t-tressiq ta' applikazzjoni għall-għeluq ta' proġett; jitlob ukoll għal rapport speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar il-funzjonament tal-FSUE, mhux l-inqas minħabba l-fatt li l-aħħar rapport disponibbli huwa minn qabel ir-reviżjoni tal-2014 tar-Regolament FSUE;

15. Jinnota li fl-2014 kien hemm 13-il applikazzjoni ġdida, u jiġbed l-attenzjoni għaċ-ċirkostanzi speċjali ta' dik is-sena, li minnhom sitta minn dawn l-applikazzjonijiet ġew ivvalutati skont ir-regolament l-antik, filwaqt li s-seba' applikazzjonijiet l-oħra ġew ivvalutati skont ir-regolament rivedut;

16. Ifakkar li żewġ applikazzjonijiet ġew miċħuda fl-2014 taħt ir-Regolament FSUE ta' qabel, minħabba li d-diżastri inkwistjoni ma setgħux jitqiesu bħala "straordinarji", minkejja l-fatt li dawn ikkawżaw ħsara serja u kellhom riperkussjonijiet diretti fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni kkonċernati, u għaldaqstant jilqa' l-kjarifiki li saru f'dan ir-rigward tar-Regolament rivedut tal-FSUE; jissuġġerixxi, madankollu, fir-rigward ta' riformi futuri, u filwaqt li titqies il-possibbiltà ta' definizzjoni mill-ġdid ta' diżastri naturali reġjonali, li l-applikazzjonijiet individwali jkunu jistgħu jiġu ppreżentati b'mod konġunt minn diversi stati eliġibbli milquta minn diżastru naturali fil-livell transkonfinali, fejn il-kawża tad-diżastru hija l-istess u l-effetti jseħħu fl-istess ħin, u li d-danni indiretti għandhom jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet;

17. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' riformi futuri, biex tqis il-possibbiltà li żżid il-limitu tal-ħlasijiet bil-quddiem minn 10 % għal 15 %, kif ukoll li tqassar l-iskadenzi għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet minn sitta għal erba' ġimgħat; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tqis il-possibbiltà li tiffissa l-limitu ta' eliġibbiltà għal diżastri naturali reġjonali għal 1 % tal-PDG reġjonali, u li jittieħed inkunsiderazzjoni, fil-valutazzjoni tat-talbiet, il-livell ta' żvilupp soċjoekonomiku tar-reġjuni affettwati;

18. Jenfasizza l-ħtieġa li jitqies jekk jistgħux jintużaw indikaturi ġodda li jmorru lil hinn mill-PDG, bħall-Indiċi tal-Iżvilupp Uman u l-Indiċi tal-Progress Soċjali Reġjonali;

19. Jilqa' l-fatt li seba' applikazzjonijiet għall-għajnuna rċevuti fil-qafas tar-regoli riveduti ġew aċċettati mill-Kummissjoni, inklużi erba' li ġew approvati fi tmiem l-2014, iżda li għalihom l-approprjazzjonijiet kellhom jiġu ttrasferiti għall-2015, kif ġie ddikjarat fir-Rapport Annwali 2015 tal-FSUE; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-2015 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni taħt ir-regoli riveduti, u li l-analiżi turi li l-kjarifiki legali introdotti bir-riforma żguraw applikazzjonijiet ta' suċċess, li ma kienx il-każ għad-dispożizzjonijiet l-antiki, li skont dawn madwar żewġ terzi tat-talbiet għal għajnuna għad-diżastri reġjonali tqiesu ineliġibbli;

20. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-proċeduri ta' evalwazzjoni tar-rapporti dwar l-implimentazzjoni u l-għeluq damu daqshekk taħt ir-regolament l-antik, u jistenna li, fid-dawl tar-regolament emendat, l-għeluq għandu jsir b'mod aktar effikaċi u trasparenti, filwaqt li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

21. Jenfasizza, barra minn hekk, li l-Artikolu 11 tar-Regolament emendat jagħti lill-Kummissjoni u lill-QEA s-setgħa tal-awditjar u jippermetti lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) iwettaq investigazzjonijiet kull meta jkun meħtieġ;

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-QEA jivvalutaw il-funzjonament tal-FSUE qabel it-tmiem tal-perjodu finanzjarju pluriennali attwali;

23. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali tagħhom.

P8_TA(2016)0476

## Sitwazzjoni fl-Italja wara t-terremoti

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta’ Diċembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fl-Italja wara t-terremoti (2016/2988(RSP))

(2018/C 224/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE);

— wara li kkunsidra l-Artikoli 174, 175(3) u 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/369 tal-15 ta’ Marzu 2016 dwar l-għoti ta’ appoġġ ta’ emerġenza fl-Unjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta’ Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([3]) u r-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 ([4]) li jemenda dak ir-regolament,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta’ Għajnuna Umanitarja (“l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE”) ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta’ Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta’ April 2011 dwar “Aktar Żvilupp tal-Valutazzjoni tar-Riskju għall-Maniġġar ta’ Diżastri fl-Unjoni Ewropea”,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta’ Novembru 2008 li jappellaw għat-titjib tal-kapaċitajiet ta’ protezzjoni ċivili b’sistema ta’ assistenza reċiproka Ewropea li tibni fuq l-approċċ modulari tal-protezzjoni ċivili (16474/08),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu “Rapport Annwali tal-2014 tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea” (COM(2015)0502),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Novembru 2007 dwar l-impatt reġjonali tat-terremoti ([7]),

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.
([2]) ĠU L 70, 16.3.2016, p. 1.
([3]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.
([4]) ĠU L 189, 27.6.2014, p. 143.
([5]) ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1.
([6]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.
([7]) ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 269.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kapaċità tal-Unjoni fir-reazzjoni għad-diżastri ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2009 ([2]) dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: l-Italja, it-terremot tal-Abruzzo,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Solidarjetà, implimentazzjoni u applikazzjoni ([3]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-28 ta' Novembru 2013 – Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Italja wara t-terremoti (O-000139/2016 – B8-1812/2016, O-000140/2016 – B8-1813/2016 u O-000141/2016 – B8-1814/2016),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 24/2012 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "Ir-reazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għat-terremot tal-2009 fl-Abruzzo: ir-relevanza u l-kost tal-operazzjonijiet",

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi wara t-terremot devastanti li laqat lill-Italja Ċentrali fl-24 ta' Awwissu 2016, tliet terremoti kbar oħra – flimkien ma' sensiela ta' theżżiżiet – laqtu lir-reġjuni tal-Italja Ċentrali fis-26 ta' Ottubru 2016, b'qawwa ta' 5,5. u 6,1, u fit-30 ta' Ottubru 2016, b'qawwa ta' 6,5;

B. billi terremoti u theżżiżiet sekondarji komplew jolqtu lill-Italja Ċentrali fix-xhur li għaddew; billi l-aktar terremot reċenti – dak tat-30 ta' Ottubru 2016 – kien l-akbar terremot li laqat lill-pajjiż f'aktar minn tletin sena, qered villaġġi sħaħ, ġab għadd kbir ta' abitanti taż-żoni milquta f'xifer ta' disprament u kkawża diversi forom indiretti ta' ħsara fiż-żoni tal-madwar;

C. billi fit-terremoti ta' dan l-aħħar huwa rrappurtat li korrew aktar minn 400 persuna u mietu 290;

D. billi dawn it-terremoti devastanti akkumulaw fuq xulxin f'"effett domino" u wasslu biex mal- 100 000 abitant jisfaw spostati;

E. billi l-impatt tal-aħħar terremoti qered bliet sħaħ, ikkawża ħsara serja fl-infrastruttura lokali u reġjonali, għamel ħerba mill-wirt storiku u kulturali u kkomprometta l-attività ekonomika, speċjalment dik tal-SMEs, l-agrikoltura, il-pajsaġġ u l-potenzjal tal-industrija tat-turiżmu u tal-ospitalità;

F. billi t-territorji kkonċernati jbatu minn deformazzjoni li testendi fuq żona ta' madwar 130 kilometru kwadru, bi spostament massimu ta' mill-inqas 70 ċentimetru, u billi xi effetti idroġeoloġiċi imprevedibbli jistgħu jwasslu, f'kundizzjonijiet xitwin ħorox, għal katastrofi naturali ulterjuri bħal għargħar, valangi u ħsara kumulattiva;

G. billi ċerti territorji fl-Unjoni Ewropea huma aktar vulnerabbli u għandhom riskju sismiku għoli; billi jistgħu jkunu anke esposti għal katastrofi naturali ripetuti ta' tipi differenti, uħud minnhom inqas minn sena 'l bogħod minn xulxin, bħalma ġara fil-każijiet li seħħew dan l-aħħar fl-Italja, fil-Portugall, fil-Greċja u f'Ċipru;

([1]) ĠU C 286 E, 27.11.2009, p. 15.
([2]) ĠU C 230 E, 26.8.2010, p. 13.
([3]) ĠU C 440, 30.12.2015, p. 13.
([4]) ĠU C 114, 15.4.2014, p. 48.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

H. billi l-isforzi ta' rikostruzzjoni sostenibbli jeħtieġ ikunu kkoordinati sew biex jagħmlu tajjeb għat-telf ekonomiku u soċjali, u billi għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-wirt kulturali imprezzabbli Taljan, filwaqt li jingħata stimolu lill-proġetti Ewropej u internazzjonali mmirati għall-protezzjoni tal-bini u s-siti storiċi;

I. billi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) nħoloq permezz tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 b'reazzjoni għall-għargħar diżastruż li laqat lill-Ewropa Ċentrali fis-sajf tal-2002;

J. billi diversi strumenti tal-Unjoni, bħalma huma l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jew il-mekkaniżmu u l-istrument finanzjarju għall-protezzjoni ċivili, jistgħu jintużaw sabiex jissaħħu l-miżuri preventivi li jindirizzaw it-terremoti u l-miżuri ta' riabilitazzjoni;

K. billi r-riforma tal-FSUE li saret fl-2014 daħħlet il-possibbiltà li l-Istati Membri jitolbu ħlasijiet bil-quddiem, li l-għoti tagħhom jiġi deċiż mill-Kummissjoni, jekk ikun hemm riżorsi biżżejjed; billi, madankollu, l-ammont tal-ħlas bil-quddiem ma jistax jaqbeż l-10 % tal-ammont totali antiċipat tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE, u l-massimu huwa ta' EUR 30 miljun;

L. billi l-Istat Membru li jintlaqat irid jippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna mill-FSUE lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 12-il ġimgħa wara li jibdew jidhru ċari l-ewwel effetti tad-diżastru; billi l-Istat benefiċjarju huwa responsabbli mill-użu tal-għotja u mill-awditjar tal-mod kif tintefaq, iżda l-Kummissjoni tista' twettaq verifiki fuq il-post dwar l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-FSUE;

M. billi l-proċess ta' rikostruzzjoni jeħtieġ iqis l-esperjenzi tal-passat, u billi hemm il-ħtieġa li dan isir bl-akbar ħeffa, il-bażi għal rikostruzzjoni sostenibbli għandha tkun kostitwita minn riżorsi adegwati, semplifikazzjoni burokratika u trasparenza, kif ukoll il-ħtieġa li tingħata sigurtà u stabbiltà għar-residenti milquta sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jkomplu jgħixu f'dawn ir-reġjuni;

N. billi l-prevenzjoni għandha tikkostitwixxi fażi dejjem aktar importanti fil-ġestjoni tad-diżastri u għandha tingħata importanza soċjali akbar, u billi teħtieġ ukoll programm ta' azzjoni magħmul bir-reqqa għat-tixrid tal-informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni;

O. billi l-miżuri ta' prevenzjoni tad-diżastri attwali jeħtieġ jissaħħu skont il-proposti preċedenti tal-Parlament bil-għan li tiġi kkonsolidata l-istrateġija għall-prevenzjoni ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem fil-livell tal-UE;

1. Jesprimi l-akbar solidarjetà u empatija mal-individwi li ntlaqtu mit-terremoti u l-familji tagħhom, kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali Taljani involuti fl-sforzi ta' sokkors wara d-diżastru;

2. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-għadd kbir ta' persuni spostati esposti għall-kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħorox tal-istaġun imminenti tax-xitwa; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tidentifika l-modi kollha ta' kif l-awtoritajiet Taljani jistgħu jingħataw l-għajnuna sabiex jiggarantixxu kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti għall-persuni mċaħħda minn djarhom;

3. Juri l-apprezzament tiegħu għall-isforzi bla waqfien tal-unitajiet tas-salvataġġ, il-forzi tal-protezzjoni ċivili, il-voluntiera, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali fiż-żoni devastati sabiex isalvaw il-ħajjiet, jillimitaw id-danni u jiggarantixxu attivitajiet bażiċi komuni biex jinżamm standard ta' għajxien deċenti;

4. Jenfasizza l-effetti ekonomiċi u soċjali serji tat-terremoti suċċessivi u l-qerda li ħallew warajhom;

5. Jenfasizza l-gravità tas-sitwazzjoni fuq il-post, li qed toħloq pressjoni finanzjarja konsiderevoli u intensa fuq l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali;

6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-livell ogħla ta' flessibbiltà, fil-kalkolu tad-deficit fuq l-infiq relatat mat-terremoti, li ngħata lill-Italja f'konformità mat-Trattati, sabiex taffronta b'mod effiċjenti u rapidu l-emerġenza attwali u l-interventi li se jkunu meħtieġa fil-futur biex iż-żoni milquta jkunu siguri; jistieden ukoll lill-gvern Taljan jiżgura li r-riżorsi addizzjonali kollha li jingħataw jintużaw tassew għal dan l-iskop speċifiku;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni straordinarja u serja ħafna, tikkunsidra l-possibbiltà li teskludi r-rikostruzzjoni sostenibbli u kwalunkwe investiment antisismiku, inkluż dak kofinanzjat mill-fondi SIE u allokat għall-Objettiv Tematiku 5 ("il-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji"), mill-kalkolu tad-deficits nazzjonali fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon is-solidarjetà espressa mill-istituzzjonijiet tal-UE, minn Stati Membri oħra, kif ukoll minn reġjuni Ewropej u atturi internazzjonali, kif muri mill-assistenza reċiproka f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

9. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li testendi l-kalkolu eżistenti tal-Fond ta' Solidarjetà, li attwalment huwa bbażat fuq l-effetti ta' ħsara kkawżata minn avveniment katastrofiku wieħed, għal komputazzjoni kumulattiva tal-ħsara kkawżata minn bosta diżastri naturali li jseħħu fl-istess reġjun f'sena;

10. Jenfasizza l-problemi ta' tbassir assoċjati mas-sistemi sismiċi u s-sismiċità għolja taż-żona tal-Mediterran u x-Xlokk tal-Ewropa; jistieden lill-Istati Membri jħaffu l-pass fir-riċerka favur il-prevenzjoni tal-ħsara, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-minimizzazzjoni tal-iskala tal-impatt tad-diżastri, flimkien ma' azzjonijiet fil-qafas ta' Orizzont 2020; jinnota bi tħassib li, f'dawn l-aħħar 15-il sena, eluf ta' persuni mietu u mijiet ta' eluf spiċċaw bla dar minħabba t-terremoti distruttivi li laqtu lill-Ewropa;

11. Ifakkar fl-importanza tal-konformità mar-rekwiżiti għall-kostruzzjoni ta' bini u infrastruttura reżistenti għat-terremoti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jżidu l-isforzi tagħhom biex jaraw li l-istrutturi jkunu konformi mal-istandards fis-seħħ f'dak li għandu x'jaqsam mat-terremoti u jagħtu l-attenzjoni dovuta lil dan l-aspett meta joħorġu l-permessi tal-bini;

12. Jisħaq fuq l-importanza tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni Ċivili biex titrawwem il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni ċivili fl-Ewropa kollha f'sitwazzjonijiet diffiċli u biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-effetti ta' avvenimenti straordinarji; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jissimplifikaw il-proċeduri għall-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu sabiex dan jitqiegħed għad-dispożizzjoni malajr u b'mod effikaċi immedjatament wara li jseħħ diżastru;

13. Jieħu nota tal-applikazzjoni ppreżentata mill-gvern Taljan fil-qafas tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE), u jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri neċessarji kollha biex tanalizza malajr it-talbiet għall-assistenza mill-Fond, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-mobilizzazzjoni rapida tiegħu; jisħaq fuq l-importanza, f'dan il-kuntest, li l-ħlasijiet bil-quddiem jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali malajr kemm jista' jkun biex ikunu jistgħu jirreaġixxu għall-esiġenzi urġenti tas-sitwazzjoni;

14. Iqis li l-"baġitizzazzjoni" parzjali tal-allokazzjoni finanzjarja annwali tal-FSUE prevista fir-regolament Omnibus propost, tista' tkun ta' għajnuna fil-futur biex tithaffef il-proċedura ta' mobilizzazzjoni bil-għan li jingħata rispons aktar malajr u aktar effikaċi liċ-ċittadini li jintlaqtu minn diżastru; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex fil-kuntest tal-possibbiltà ta' riformi fil-futur, tanalizza l-fattibbiltà ta' żieda fil-limitu ta' ħlasijiet bil-quddiem kif ukoll tat-tqassir tal-iskadenzi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet;

15. Jisħaq fuq l-importanza li jinħolqu sinerġiji fost l-istrumenti kollha disponibbli, inklużi l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), u li jiġi żgurat li r-riżorsi jintużaw b'mod effikaċi għal attivitajiet ta' rikostruzzjoni u għall-azzjonijiet l-oħra kollha meħtieġa, f'kooperazzjoni sħiħa mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali Taljani; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tkun lesta tadotta emendi għall-programmi u l-programmi operattivi malajr kemm jista' jkun wara s-sottomissjoni ta' talba għal emenda min-naħa ta' Stat Membru; jenfasizza wkoll il-possibbiltà li jintuża l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex jingħata sostenn liż-żoni rurali u l-attivitajiet agrikoli li ntlaqtu mit-terremoti;

16. Jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li jsir l-aħjar użu mill-finanzjament attwali tal-UE biex isir investiment fil-prevenzjoni ta' diżastri naturali u li jiġu żgurati l-konsolidazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli fit-tul ta' proġetti ta' rikostruzzjoni, u jtenni l-bżonn ta' semplifikazzjoni fil-proċeduri amministrattivi għall-koordinazzjoni tal-fondi; jenfasizza li, wara li jirċievu assistenza fil-qafas tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw strateġiji adegwati għall-ġestjoni tar-riskji u jsaħħu l-mekkaniżmi tagħhom għall-prevenzjoni tad-diżastri;

17. Jieħu nota tal-attivazzjoni tas-Servizz ta' Ġestjoni tal-Emerġenzi "Copernicus" tal-UE, fuq talba tal-gvern Taljan, bil-għan li tingħata valutazzjoni tal-ħsara permezz tas-satellita għaż-żoni milquta; jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fost iċ-ċentri ta' riċerka internazzjonali, u jilqa' l-użu tar-radar b'apertura sintetika (SAR), li jkun jista' jevalwa u jkejjel il-movimenti tal-art fil-livell ta' ċentimetri permezz tas-sħab mal-lejl u bi nhar, anki għal skopijiet ta' prevenzjoni u ġestjoni tar-riskji;

18. Jenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) pubbliċi fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri u jappella biex jiżdiedu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet tar-R&Ż tal-Istati Membri, speċjalment dawk li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' riskji simili; jappella biex jittejbu s-sistemi ta' twissija bikrija fl-Istati Membri u biex jinħolqu u jissaħħu r-rabtiet bejn is-sistemi differenti ta' twissija bikrija;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvern tal-Italja u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali taż-żoni milquta.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0477

## Id-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji – Linji gwida

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar id-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji – linji gwida (2016/2080(INI))**

(2018/C 224/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 245 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Anness XVI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu (Linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni), u b'mod partikolari l-paragrafu 1(a), it-tielet subparagrafu tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' April 2015 dwar l-iskrutinju tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati (interpretazzjoni tal-paragrafu 1(a) tal-Anness XVI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([2]), b'mod partikolari l-punti li jikkorrispondu għat-Taqsima II – Ir-Responsabilità Politika,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar proċeduri u prattiki rigward is-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji, tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-proċess tal-2014 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji tal-20 ta' April 2011 ([4]), u b'mod partikolari l-punti 1.3, 1.4, 1.5 u 1.6 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0315/2016),

A. billi, skont l-Anness XVI, paragrafu 1(a) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu (Linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni), il-Parlament jista' jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet tal-portafolli mill-President elett tal-Kummissjoni u jfittex li jikseb kull tagħrif rilevanti biex jieħu deċiżjoni dwar il-kapaċità tal-Kummissarji nnominati; billi l-Parlament jistenna li tintbagħatlu l-informazzjoni kollha relatata mal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati, u li d-dikjarazzjonijiet ta' interess tagħhom jintbagħtu għall-iskrutinju tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali;

B. billi, skont il-punt 3 taħt it-Taqsima II (Ir-Responsabilità Politika) tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, il-Kummissarji nnominati għandhom jiżguraw li jagħtu t-tagħrif rilevanti kollu, bi qbil mal-obbligu ta' indipendenza li huma soġġetti għalih skont it-Trattati; billi din l-informazzjoni għandha tiġi żvelata f'konformità ma' proċeduri mfassla biex jiżguraw valutazzjoni trasparenti, ġusta u konsistenti tal-Kummissjoni nnominata kollha;

C. billi, f'konformità mad-Deċiżjoni tiegħu msemmi hawn fuq tat-28 ta' April 2015, l-iskrutinju tad-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji ta' Kummissarju nnominat mill-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jikkonsisti mhux biss fil-verifika li d-dikjarazzjoni tkun ġiet debitament mimlija, iżda wkoll fl-evalwazzjoni ta' jekk il-kontenut tad-dikjarazzjoni huwiex konformi u jekk jistax jindika kunflitt ta' interess;

---

([1]) ĠU C 346, 21.9.2016, p. 110.
([2]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0287.
([4]) C(2011)2904.

D. billi, skont l-Anness XVI, paragrafu 1(a) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Parlament għandu jevalwa l-Kummissarji nnominati fuq il-bażi, fost l-oħrajn, tal-indipendenza personali tagħhom, b'mod partikolari fid-dawl tar-rwol speċjali ta' garanti tal-interess tal-Unjoni assenjat lill-Kummissjoni Ewropea fit-Trattati;

E. billi jfakkar, f'dan is-sens, li fir-riżoluzzjoni tiegħu hawn fuq imsemmija tat-8 ta' Settembru 2015, il-Parlament indika li l-konferma min-naħa tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar l-assenza ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess kien prerekwiżit indispensabbli għas-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji, b'mod partikolari meta jitqies li l-mandat politiku tal-Kummissjoni ssaħħaħ fit-Trattat ta' Lisbona;

F. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tat-8 ta' Settembru 2015, il-Parlament qies bħala importanti li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali jippubblika linji gwida fil-forma ta' rakkomandazzjoni jew rapport ta' inizjattiva, bil-ħsieb li jiffaċilita r-riforma tal-proċeduri b'rabta mad-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji, filwaqt li stieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-regoli tagħha relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji;

G. billi, b'mod konformi mal-punt 1.3 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji dwar id-diżinteress personali, l-integrità, it-trasparenza, l-onestà, ir-responsabilità u r-rispett għad-dinjità tal-Parlament, il-Kummissarji għandhom jiddikjaraw kull interess finanzjarju u kull element ta' patrimonju li jista' joħloq kunflitt ta' interess fil-qadi ta' dmirijiethom, u li din id-dikjarazzjoni hija wkoll valida għall-ishma kkontrollati mill-konjuġi/sieħeb tal-Kummissarju – kif definita bir-regoli fis-seħħ ([1]) – li jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess;

H. billi l-interessi finanzjarji li d-dikjarazzjoni tagħhom hija mitluba jikkonsistu f'kull forma ta' parteċipazzjoni finanzjarja individwalizzata fil-kapital ta' impriża;

I. billi, skont il-punt 1.4 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji, sabiex jiġi evitat kull riskju ta' kunflitt ta' interess, il-Kummissarji għandhom l-obbligu li jiddikjaraw l-attivitajiet professjonali tal-konjuġi/sieħeb tagħhom, u li din id-dikjarazzjoni għandha tindika n-natura tal-attività, id-denominazzjoni tal-kariga eżerċitata u, jekk applikabbli, l-isem tal-impjegatur;

J. billi, skont il-punt 1.5 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji, id-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji għandha ssir permezz ta' formola mehmuża mal-kodiċi ta' kondotta, u billi din għandha timtela u tkun disponibbli qabel is-seduta ta' smigħ tal-Kummissarju nnominat mill-Parlament u tiġi rriveduta waqt iż-żmien tal-kariga tal-Membru jekk tinbidel l-informazzjoni, u mill-inqas darba fis-sena;

K. billi l-informazzjoni inkluża f'din il-formola hija limitata u insuffiċjenti, ma tinkludix definizzjoni dettaljata ta' x'jikkostitwixxi kunflitt ta' interess u għalhekk ma tippermettix lill-Parlament li jevalwa b'mod ġust u konsistenti l-eżistenza ta' kunflitti ta' interess attwali jew potenzjali tal-Kummissarju nnominat, u l-abilità tiegħu li jwettaq il-mandat tiegħu f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji;

L. billi, skont il-punt 1.6 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji, Kummissarju ma għandu jittratta l-ebda kwistjoni li tinvolvi l-portafoll tiegħu meta huwa għandu xi interess personali, b'mod partikolari kull interess familjari jew finanzjarju li jista' jfixkel l-indipendenza tiegħu;

M. billi l-Kummissjoni hija finalment responsabbli mill-għażla tan-natura u l-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-dikjarazzjonijiet ta' interessi tal-membri tagħha; billi, għalhekk, hija l-Kummissjoni li għandha tipprovdi b'mod preċiż il-livell ta' trasparenza meħtieġ għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura għall-ħatra ta' Kummissarji nnominati;

N. billi, skont il-punt 5 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament jista' jitlob lill-President tal-Kummissjoni jirtira l-fiduċja f'Membru individwali tal-Kummissjoni; billi skont il-punt 7 tal-imsemmi Ftehim, il-President tal-Kummissjoni għandu jgħarraf lill-Parlament f'każ ta' ridistribuzzjoni tar-responsabbiltajiet fost il-Kummissarji biex tkun tista' ssir il-konsultazzjoni parlamentari rilevanti rigward dawk il-bidliet;

([1]) Sieħeb jew sieħba stabbli mhux fiż-żwieġ, kif definit fir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2278/69 (ĠU L 289, 17.11.1969, p. 1) u fl-Artikolu 1(2)(c) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

O. billi kumplessivament id-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji attwali tal-Membri tal-Kummissjoni jistgħu jitqiesu bħala titjib meta mqabbla mal-ġestjoni tad-dikjarazzjonijiet fl-2008-2009, iżda billi ma naqsux l-episodji li kienu jeħtieġu kjarifika ulterjuri dwar ċerti dikjarazzjonijiet ta' interess;

P. billi huwa deplorevoli li l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji adottat fl-2011 jonqos milli jittratta b'mod adegwat bosta mir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament rigward titjib, b'mod partikolari, f'dawk li huma d-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri tal-Kummissjoni, ir-restrizzjonijiet fuq l-impjieg wara l-mandat u t-tisħiħ tal-Kumitat ta' Etika Ad Hoc li huwa responsabbli għall-valutazzjoni tal-kunflitti ta' interess; billi f'dan il-kuntest, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-pożizzjonijiet adottati mill-Parlament dwar it-tibdil u t-titjib għall-proċedura ta' smigħ tal-Kummissarji nominati;

Q. billi wieħed mill-pilastri tal-governanza Ewropea huwa t-tisħiħ tal-etika u t-trasparenza fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE sabiex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fir-rigward tagħhom, b'mod partikolari fid-dawl tal-mandat politiku usa' fdat lill-Kummissjoni mit-Trattat ta' Lisbona;

***Osservazzjonijiet ġenerali***

1. Ifakkar li l-iskrutinju tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi finanzjarji tal-Kummissarji għandu l-għan li jiżgura li l-Kummissarji nnominati jkunu kapaċi jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom indipendentament u li jiżgura trasparenza u responsabilità massima min-naħa tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 17(3) TUE, l-Artikolu 245 TFUE u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji; jinnota f'dan ir-rigward li dan l-eżerċizzju ma jistax jiġi limitat għall-ħatra tal-Kummissjoni l-ġdida, iżda għandu jsir ukoll f'każ li tinqala' pożizzjoni vakanti minħabba r-riżenja, l-irtirar obbligatorju jew il-mewt ta' Kummissarju, l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid jew modifika sostanzjali ta' portafoll jew tal-interessi finanzjarji ta' Kummissarju;

2. Iqis li l-evalwazzjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali għandha tkun ibbażata fuq fatturi konklużivi, oġġettivi u rilevanti b'rabta mal-portafoll tal-Kummissarju nnominat;

3. Josserva li kunflitt ta' interess huwa definit bħala "kwalunkwe sitwazzjoni ta' interferenza bejn interess pubbliku u interessi pubbliċi u privati li x'aktarx taffettwa jew jidher li x'aktarx taffettwa l-eżerċizzju indipendenti, imparzjali u oġġettiv ta' dmir";

4. Jikkonferma li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandu l-kompetenza u r-responsabilità biex iwettaq analiżi sostantiva tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji permezz ta' skrutinju fil-fond biex jivvaluta jekk il-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji ta' Kummissarju nnominat huwiex ġust u jikkonformax mal-kriterji u l-prinċipji stabbiliti fit-Trattati u l-Kodiċi ta' Kondotta, jew jekk jistax iwassal għal kunflitt ta' interess, u li għandu jkun jista' jipproponi s-sostituzzjoni ta' dak il-Kummissarju lill-President tal-Kummissjoni; jistieden, lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex tipprovdi l-għodod u l-informazzjoni fattwali kollha ħalli l-Kumitat għall-Affarijiet Legali jkun jista' jagħmel analiżi kompleta u oġġettiva;

5. Iqis li huwa essenzjali li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali jkollu biżżejjed ħin sabiex jiżgura li din il-valutazzjoni dettaljata hija effikaċi.

6. Ifakkar li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandu janalizza kwistjonijiet relatati ma' dikjarazzjonijiet ta' interessi tal-Kummissarji nnominati bl-akbar kunfidenzjalità, filwaqt li jiżgura wkoll, f'konformità mal-prinċipju ta' trasparenza, il-pubblikazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu ladarba maħruġa;

7. Iqis li, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, jekk wara l-ħin allokat għall-mistoqsijiet li jixtieq jagħmel lill-Kummissarju nnominat, jinnota l-possibilità ta' kunflitt ta' interess, dan għandu jingħata d-dritt li jkompli bis-seduta ta' smigħ u jikseb il-kjarifiki meħtieġa;

***Proċedura ta' reviżjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi finanzjarji qabel is-seduta ta' smigħ tal-Kummissarji nnominati***

8. Iqis li l-konferma min-naħa tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-assenza ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess, abbażi ta' analiżi sostantiva tad-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji, tikkostitwixxi prerekwiżit indispensabbli sabiex issir is-seduta ta' smigħ mill-Kumitat responsabbli ([1]);

9. Jikkunsidra f'dan ir-rigward li fin-nuqqas ta' tali konferma jew fejn il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jidentifika l-eżistenza ta' kunflitt ta' interess, il-proċess ta' ħatra tal-Kummissarju nnominat għandu jiġi sospiż;

10. Iqis li għandhom ikunu applikati l-linji gwida li ġejjin waqt l-iskrutinju tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali:

(a) jekk, matul l-iskrutinju tad-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jqis, abbażi tad-dokumenti ppreżentati, li d-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji hija ġusta, kompluta u ma tinkludi l-ebda informazzjoni li tindika kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali b'rabta mal-portafoll tal-Kummissarju nnominat, il-President tiegħu għandu jibgħat ittra ta' konferma ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess lill-kumitati responsabbli mis-seduta ta' smigħ jew lill-kumitati rilevanti fil-każ ta' proċedura pendenti ta' mandat;

(b) jekk il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jqis li d-dikjarazzjoni tal-interessi ta' Kummissarju nnominat tippreżenta informazzjoni inkompleta jew inkonsistenti, jew inkella li l-iskrutinju ta' dawn tirrikjedi spjegazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura ([2]) u l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni ([3]), huwa għandu jitlob lill-Kummissarju nnominat l-informazzjoni mixtieqa mingħajr dewmien żejjed, u għandu jikkunsidraha u janalizzaha sew qabel jieħu d-deċiżjoni tiegħu; il-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali jista' jiddeċiedi, fejn xieraq, li jistieden lill-Kummissarju nnominat għal seduta ta' smigħ;

(c) jekk il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jinnota li hemm kunflitt ta' interess abbażi tad-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji jew ta' informazzjoni addizzjonali min-naħa tal-Kummissarju nnominat, dan għandu jfassal rakkomandazzjonijiet biex jintemm il-kunflitt ta' interess; dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jinkludu r-rinunzja tal-interessi finanzjarji inkwistjoni, b'tibdiliet li jsiru fil-portafoll tal-Kummissarju nnominat mill-President tal-Kummissjoni; F'każijiet aktar serji, jekk l-ebda rakkomandazzjoni ma tkun tista' tipprovdi soluzzjoni għall-kunflitt ta' interess, bħala l-aħħar għażla, il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jista' jikkonkludi dwar l-inabilità ta' Kummissarju nnominat biex jeżerċita l-funzjoni tiegħu/tagħha skont it-Trattat u l-Kodiċi ta' Kondotta; il-President tal-Parlament għandu jsaqsi lill-President tal-Kummissjoni x'passi ulterjuri bihsiebu jieħu;

***Proċedura ta' reviżjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi finanzjarji matul il-mandat***

11. Jenfasizza l-obbligu għall-Membri kollha tal-Kummissjoni li jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet tal-interessi tagħhom huma aġġornati immedjatament kull meta jkun hemm xi tibdil fl-interessi finanzjarji tagħhom, u jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament immedjatament bi kwalunkwe tibdil jew bi kwalunkwe ħaġa li tikkawża kunflitt ta' interess jew kunflitt potenzjali ta' interess li tinqala';

12. Iqis, għaldaqstant, li d-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji trid tinkludi l-interessi tal-preżent jew tal-passat jew attivitajiet mill-aħħar sentejn li huma ta' natura patrimonjali, professjonali, personali jew familjari skont il-portafoll offrut; Id-dikjarazzjoni trid ukoll tqis il-fatt li l-interess jaf ikun relatat ma' vantaġġ għall-persuna involuta jew għal parti terza, u li dan jaf ikun ukoll ta' natura morali, materjali jew finanzjarja;

13. Iqis li kwalunkwe modifika tal-interessi finanzjarji ta' Kummissarju matul il-mandat jew kwalunkwe ridistribuzzjoni tar-responsabilitajiet fost il-Kummissarji tikkostitwixxi sitwazzjoni ġdida fid-dawl ta' eżistenza possibbli ta' kunflitt ta' interess; iqis għaldaqstant li din is-sitwazzjoni għandha tkun soġġetta għal proċedura ta' reviżjoni mill-Parlament skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 10 ta' din ir-riżoluzzjoni u l-paragrafu 2 tal-Anness XVI (Linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni) għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew;

([1]) Ara r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar proċeduri u prattiki rigward is-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji, tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-proċess tal-2014.
([2]) Ara l-paragrafu 1(a) tal-Anness XVI għar-Regoli ta' Proċedura.
([3]) Ara t-Taqsima (II)(3) tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

14. Ifakkar li, fil-każ ta' sostituzzjoni ta' Kummissarju matul il-mandat tiegħu, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 246 TFUE, il-Parlament għandu jiġi kkonsultat; iqis li din il-konsultazzjoni għandha tinkludi, fost l-oħrajn, verifika ta' assenza ta' kunflitt ta' interess skont il-paragrafu 10 ta' din ir-riżoluzzjoni, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XVI (Linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni) għar-Regoli ta' Proċedura tiegħu ([1]) rigward il-kompetenzi tal-Parlament Ewropew f'każ ta' modifika fil-kompożizzjoni tal-Kulleġġ tal-Kummissarji jew modifika sostanzjali tal-portafoll tul il-mandat tiegħu;

15. Iqis li, f'każ ta' kunflitt ta' interess identifikat matul il-mandat ta' Kummissarju u f'każ li l-President tal-Kummissjoni ma jsegwix ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament sabiex jintemm il-kunflitt ta' interess kif stabbilit fil-paragrafu 10 ta' din ir-riżoluzzjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jista' jirrakkomanda li l-Parlament jitlob lil-President tal-Kummissjoni jirtira l-fiduċji minn dak il-Kummissarju, skont l-Artikolu 17(6) TUE u, fejn xieraq, li l-Parlament jitlob lill-President tal-Kummissjoni jaġixxi skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 245 TFUE bil-ħsieb li l-Kummissarju inkwistjoni jiġi miċħud mid-dritt tiegħu għal pensjoni jew benefiċċji oħra minflokha;

***Kodiċi ta' Kondotta tal-Kummissarji***

16. Jinnota li l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji adottat fl-20 ta' April 2011 jippreżenta titjib fir-rigward tal-imparzjalità, l-integrità, it-trasparenza, id-diliġenza, l-onestà, ir-responsabilità u d-diskrezzjoni meta mqabbel mal-kodiċi preċedenti adottat fl-2004 fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji, billi r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni ġew estiżi għas-sħab tal-Kummissarji, u d-dikjarazzjoni tal-interessi teħtieġ tkun riveduta meta tinbidel l-informazzjoni u tal-anqas kull sena;

17. Josserva li l-kredibilità tad-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji tiddependi mill-preċiżjoni tal-formola ppreżentata lill-Kummissarju nnominat; iqis li l-kamp ta' applikazzjoni attwali tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji huwa limitat wisq u l-kontenut ta' spjegazzjoni tagħhom huwa ambigwu; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-Kodiċi ta' Kondotta malajr kemm jista' jkun sabiex jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet ta' interessi jipprovdu lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali b'informazzjoni preċiża li tista' tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha b'mod inekwivoku;

18. Iqis li, sabiex tinkiseb stampa aktar kompluta tal-pożizzjoni finanzjarja ta' Kummissarju dikjaranti, id-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji msemmija fil-punti 1.3 sa 1.5 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji għandhom jinkludu l-interessi finanzjarji u l-attivitajiet kollha tal-Kummissarju nnominat u tal-konjuġi/sieħeb/sieħba tiegħu/tagħha, u m'għandhom bl-ebda mod ikunu limitati għal dawk "li x'aktarx jikkostitwixxu kunflitt ta' interessi";

19. Iqis li l-interessi tal-familja msemmija fil-punt 1.6 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji għandhom jiġu inklużi fid-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tistabbilixxi mezz ġust biex tidentifika interessi tal-familja li jistgħu joħolqu kunflitt ta' interess;

20. Huwa tal-fehma li, sabiex jiġu estiżi u mtejba r-regoli dwar il-kunflitt ta' interess, id-dikjarazzjonijiet tal-interessi għandhom jinkludu wkoll dettalji dwar kwalunkwe relazzjoni kuntrattwali tal-Kummissarji nnominati li jaf toħloq kunflitt ta' interess fil-qadi ta' dmirijiethom;

21. Jiddeplora l-fatt li l-Kodiċi ta' Kondotta jonqos milli jikkodifika b'mod xieraq ir-rekwiżit tal-Artikolu 245 TFUE li "kemm waqt il-kariga, kif ukoll wara li tintemm il-kariga tagħhom, [il-Kummissarji se] jirrispettaw l-obbligazzjonijiet, b'mod speċjali id-dmir tagħhom li jġibu rwieħhom b'integrità, u jeżerċitaw diskrezzjoni meta jaċċettaw, wara li jtemmu l-kariga tagħhom, ċerti ħatriet jew benefiċċji";

22. Jiddeplora l-fatt li l-Kodiċi ta' Kondotta jonqos milli jistabbilixxi kwalunkwe rekwiżit ta' ċessjoni, minkejja l-fatt li rekwiżiti bħal dawn iridu jkunu standard fi kwalunkwe reġim ta' etika; iqis bħala prijorità li jirregola dan l-aspett mill-aktar fis possibbli;

23. Jinnota li l-Kodiċi ta' Kondotta ma jistabbilixxi l-ebda kalendarju konkret għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni qabel is-smigħ fil-Parlament tal-Kummissarji nominati; iqis dan ir-rekwiżit bħala aspett fundamentali tar-reviżjoni tal-proċedura ta' smigħ tal-Kummissarji nominati;

([1]) Ara l-paragrafu 2 tal-Anness XVI għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

24. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni ma tirrapportax b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji, b'mod partikolari fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi tagħhom, u jqis li l-Kodiċi ta' Kondotta għandu jiġi emendat biex jipprevedi mekkaniżmi ta' lmenti jew sanzjonijiet fir-rigward ta' ksur, bl-eċċezzjoni tal-imġiba serjament skorretta kif imsemmi fl-Artikoli 245 u 247 TFUE;

25. Jiddeplora, b'mod partikolari, it-tweġiba negattiva tal-President tal-Kummissjoni għat-talba tal-Ombudsman Ewropew biex jippubblika, b'mod proattiv, id-deċiżjonijiet li ttieħdu dwar l-awtorizzazzjoni ta' attivitajiet ta' wara l-mandat ta' ex Kummissjarji, kif ukoll l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' Etika Ad Hoc; jenfasizza li s-sempliċi pubblikazzjoni tal-minuti tal-laqgħat tal-Kummissjoni mhumiex biżżejjed biex jagħtu lill-Parlament u lis-soċjetà ċivili stampa ċara dwar l-interpretazzjoni fil-prattika tal-"kunflitti ta' interess potenzjali" u l-politiki dwar l-integrità żviluppati dwar dan mill-Kumitat ta' Etika Ad Hoc;

26. Jirrimarka li l-ex Kummissarji kollha huma pprojbiti għal 18-il xahar milli jagħmlu attività ta' lobbying ma' Membri tal-Kummissjoni Ewropea u mal-persunal tagħhom favur in-negozju tagħhom, klijent tagħhom jew impjegatur tagħhom fir-rigward ta' kwistjonijiet li għalihom huma kienu responsabbli, iżda għandhom dritt għal allowance tranżitorja ġeneruża ħafna wara l-mandat tagħhom fil-Kummissjoni ta' bejn 40 u 65 fil-mija tal-aħħar salarju bażiku tagħhom għal tliet snin;

27. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-Kodiċi ta' Kondotta introduċa dispożizzjoni dwar ir-riallokazzoni tal-fajls bejn il-Membri tal-Kummissjoni fl-eventwalità ta' kunflitti ta' interess iżda jiddeplora l-fatt li:

(a) ma hemm l-ebda definizzjoni dettaljata dwar x'jikkostitwixxi kunflitt ta' interess;

(b) id-dispożizzjoni hija limitata għal kwistojnijiet fi ħdan il-portafoll tal-Kummissarju kkonċernat u b'hekk tinjora d-dmirijiet tal-Kummissarju bħala membru ta' kulleġġ;

(c) ma hemm la kriterji biex il-President jiddeċiedi dwar ir-riallokazzjoni, la qafas vinkolanti biex il-Parlament jinżamm informat u lanqas proċedura fis-seħħ fl-eventwalità li Kummissarju jonqos milli jinnotifika kunflitt ta' interess jew li jwettaq kwalunkwe tip ta' attività li hija inkompatibbli man-natura ta' dmirijietu;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi, b'urġenza, il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji tal-2011 biex tqis ir-rakkomandazzjonijiet li l-Parlament għamel fir-riżoluzzjonijiet reċenti tiegħu, u l-iżvilupp tal-istandards ġenerali dwar l-etika u t-trasparenza li japplikaw għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jirrakkomanda li l-Kummissjoni timmodifika l-Kodiċi ta' Kondotta tagħha għall-Kummissarji bl-għan li tiżgura li:

(a) il-Kummissarji jiddikjaraw l-interessi finanzjarji kollha tagħhom, inkluż l-attiv u l-passiv tagħhom ta' aktar minn EUR 10 000;

(b) il-Kummissarji jiddikjaraw l-interessi kollha tagħhom (bħala azzjonisti, membri tal-bord tal-kumpanija, konsulenti, membri ta' fondazzjonijiet assoċjati, eċċ.) fir-rigward tal-kumpaniji kollha li huma kienu involuti fihom, inklużi interessi tal-familjarji mill-viċin, kif ukoll il-bidliet li saru meta l-kandidatura tagħhom saret magħrufa;

(c) il-familjarji dipendenti u/jew diretti tal-Kummissarji jiddivulgaw l-istess informazzjoni għall-konjuġi jew is-sħab;

(d) il-Kummissarji jikkjarifikaw kompletament l-objettivi tal-organizzazzjonijiet li huma kienu involuti fihom, jew li l-konjuġi tagħhom u/jew l-ulied dipendenti tagħhom huma involuti fihom, sabiex jiġi stabbilit jekk jeżistix xi kunflitt ta' interess;

(e) il-Kummissarji jiddivulgaw l-adeżjoni tagħhom fi kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva, soċjetà sigrieta jew assoċjazzjoni li tostor l-eżistenza tagħha li twettaq attivitajiet li huma maħsuba biex jinterferixxu fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet ta' korpi pubbliċi;

(f) il-Kummissarji u l-familjarji dipendenti tagħhom jiddivulgaw l-adeżjoni tagħhom ma' kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva u kwalunkwe donazzjoni lill-NGOs ta' aktar minn EUR 500;

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

(g) il-Kodiċi ta' Kondotta jiġi emendat, skont l-Artikolu 245 TFUE, sabiex jestendi r-restrizzjoni ta' impjieg ta' wara l-mandat tal-Kummissarji għal perjodu ta' tal-inqas tliet snin u mhux inqas mit-tul ta' żmien li fih il-Kummissarji preċedenti jkunu eliġibbli għall-allowance ta' tranżizzjoni kif definit fir-Regolament Nru 422/67/KEE;

(h) il-Kodiċi ta' Kondotta jinkludi rekwiżiti speċifiċi dwar ċessjoni;

(i) il-Kummissarji nominati jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom f'kalendarju speċifiku u opportun minn qabel li jippermetti lill-Kumitat ta' Etika Ad Hoc biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu lill-Parlament dwar il-kunflitti ta' interess potenzjali fi żmien opportun qabel is-seduti ta' smigħ fil-Parlament;

(j) il-Kummissarji jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' lobbying li huma inklużi fir-Reġistru ta' Trasparenza, li fih informazzjoni dwar persuni li għandhom l-għan li jinfluwenzaw it-tfassil tal-politika fl-istituzzjonijiet tal-UE;

(k) il-Kummissarji jippreżentaw, meta jiġu maħtura, dikjarazzjoni ffirmata li huma jidhru quddiem kwalunkwe kumitat tal-Parlament fir-rigward tal-attivitajiet involuti fil-mandat tagħhom;

(l) id-dikjarazzjoni tkun ippubblikata f'format kompatibbli ma' data miftuħa biex tkun tista' tiġi pproċessata faċilment permezz tal-bażijiet ta' data;

(m) titjieb il-proċedura għar-riallokazzjoni tal-fajls fl-eventwalità ta' kunflitt ta' interess f'termini ta' kunsiderazzjoni tad-dmirijiet tal-Kummissarju bħala membru ta' Kulleġġ, l-introduzzjoni ta' kriterji dwar l-integrità u d-diskrezzjoni għall-President fir-rigward ta' deċiżjoni ta' riallokazzjoni tal-fajls, l-implimentazzjoni ta' proċedura vinkolanti u sanzjonijiet għall-każijiet li fihom Kummissarju jonqos milli jagħti informazzjoni dwar kunflitt ta' interess possibbli, u l-introduzzjoni ta' proċedura vinkolanti biex il-Parlament jinżamm informat dwar il-każijiet hawn fuq imsemmija;

(n) il-Kummissjoni tirrapporta fuq bażi annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji u tipprevedi proċeduri ta' lmenti u sanzjonijiet fl-eventwalità mhux biss ta' mġiba serjament skorretta iżda wkoll ta' ksur tar-rekwiżiti, speċjalment fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji;

(o) jiġu definiti l-kriterji għall-konformità mal-Artikolu 245 TFUE, li jobbliga lill-Kummissarji biex "jġibu rwieħhom b'integrità, u jeżerċitaw diskrezzjoni meta jaċċettaw, wara li jtemmu l-kariga tagħhom, ċerti ħatriet jew benefiċċji";

(p) id-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni għal attivitajiet ta' wara l-mandat ta' ex Kummissarji, kif ukoll l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' Etika Ad Hoc, jiġu ppubblikati b'mod proattiv;

(q) il-Kumitat ta' Etika Ad Hoc jkun magħmul minn esperti indipendenti li ma jkunux okkupaw il-pożizzjoni ta' Kummissarju;

(r) il-Kumitat ta' Etika Ad Hoc ifassal u jippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu, li jista' jinkludi kwalunkwe rakkomandazzjoni għal titjib tal-Kodiċi ta' Kondotta jew għall-implimentazzjoni tiegħu kif il-Kumitat Ad Hoc iqis xieraq.

29. Jitlob lill-Kummissjoni biex tidħol f'negozjati mal-Parlament sabiex tinkorpora l-emendi li jistgħu jkunu meħtieġa fil-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea;

30. Jitlob lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali biex jipproponi fir-Regolament tal-Parlament, b'mod partikolari fl-Anness XVI, l-emendi neċessarji biex jiżgura l-implimentazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni;

o

o o

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0478

# Ir-responsabbiltà, il-kumpens u l-garanzija finanzjarja għall-operazzjonijiet taż-żejt u l-gass offshore

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar ir-responsabbiltà, il-kumpens u l-garanzija finanzjarja għall-operazzjonijiet taż-żejt u l-gass offshore (2015/2352(INI))

(2018/C 224/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-responsabbiltà, il-kumpens u s-sigurtà finanzjarja għal operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore skont l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2013/30/UE (COM(2015)0422),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat "Liabilty, Compensation and Financial Security for Offshore Accidents in the European Economic Area" (Responsabbiltà, Kumpens u Garanzija Finanzjarja għal Inċidenti Offshore fiż-Żona Ekonomika Ewropea) u r-rapport ta' akkumpanjament tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni (SWD(2015)0167),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ([1]) (Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore – OSD),

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja d-dokument "Proposal for a regulation of the European Parliament and of the Council on safety of offshore oil and gas prospection, exploration and production activities" (Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni offshore) (SEC(2011)1293),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ([3]) (id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali – ELD),

— wara li kkunsidra l-acquis internazzjonali u reġjonali dwar talbiet għal danni minn inċident taż-żejt jew tal-gass offshore u b'mod partikolari l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għall-Ħsara mit-Tniġġis taż-Żejt (il-Konvenzjoni dwar ir-Responsabbiltà Ċivili) tas-27 ta' Novembru 1992, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Istabbiliment ta' Fond Internazzjonali għal Kumpens għad-Danni mit-Tniġġis miż-Żejt (il-Konvenzjoni dwar il-Fond) tas-27 ta' Novembru 1992, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għall-Ħsara mit-Tniġġis taż-Żejt tal-Bunker (il-Konvenzjoni dwar il-Bunkers) tat-23 ta' Marzu 2001, il-Konvenzjoni Nordika dwar il-Protezzjoni Ambjentali bejn id-Danimarka, il-Finlandja, in-Norveġja u l-Iżvezja u l-Protokoll Offshore għall-Konvenzjoni ta' Barċellona għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-Protokoll Offshore),

— wara li kkunsidra s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2005 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 83(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

([1]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66.
([2]) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28.
([3]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.
([4]) Il-Kawża C-176/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2005:542.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ([1]) (ir-riformulazzjoni tar-Regolament Brussell I),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([2]) (il-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (ir-Regolament Ruma II) ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport finali ppreparat għall-Kummissjoni mill-konsulenza BIO by Deloitte dwar "Civil liabilty, financial security and compensation claims for offshore oil and gas activities in the European Economic Area" (Ir-responsabbiltà ċivili, is-sigurtà finanzjarja u t-talbiet għal kumpens għal attivitajiet taż-żejt u l-gass offshore fiż-Żona Ekonomika Ewropea) ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar l-isfida tas-sikurezza tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass offshore ([5]),

— wara li kkunsidra d-diżastru tad-Deepwater Horizon fil-Golf tal-Messiku f'April 2010,

— wara li kkunsidra l-inċidenti relatati mal-pjattaforma Castor li tinsab lil hinn mix-xtut tal-provinċji fi Spanja Castellón u Tarragona, fosthom aktar minn 500 terremot li laqtu direttament lil eluf ta' ċittadini Ewropej;

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0308/2016),

A. billi l-Artikolu 194 TFUE espliċitament isostni d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta' enerġija tiegħu, filwaqt li jkompli jħares is-solidarjetà u l-protezzjoni ambjentali;

B. billi sorsi indiġeni ta' żejt u gass jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ħtiġijiet attwali ta' enerġija tal-Ewropa u huma partikolarment importanti għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversità tal-enerġija;

C. billi l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore qegħdin progressivament jitwettqu f'ambjenti dejjem aktar estremi u jistgħu potenzjalment iwasslu għal konsegwenzi kbar u devastanti għall-ambjent u għall-ekonomija tal-baħar u tal-inħawi tax-xtut;

D. billi, għalkemm il-produzzjoni taż-żejt u l-gass fil-Baħar tat-Tramuntana kienet qed tonqos matul l-aħħar snin, l-għadd ta' faċilitajiet offshore x'aktarx li jiżdied fl-Ewropa fil-futur, b'mod partikolari fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed;

E. billi l-inċidenti kkawżati minn pjattaformi għall-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass offshore iwasslu għal konsegwenzi ta' ħsara transfruntiera u l-azzjoni tal-UE biex tipprevjeni u timmitiga l-konsegwenzi ta' tali inċidenti, kif ukoll it-tentattiv biex dawn jiġu miġġielda, hija għalhekk meħtieġa u proporzjonata;

F. billi huwa importanti li jfakkar it-telfa traġika ta' 167 ħaddiem taż-żejt li mietu fid-diżastru ta' Piper Alpha lil hinn mill-kosta ta' Aberdeen, l-Iskozja, fis-6 ta' Lulju 1988;

---

([1]) ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 339, 21.12.2007, p. 3.
([3]) ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40.
([4]) BIO by Deloitte (2014), "Civil liabilty, financial security and compensation claims for offshore oil and gas activities in the European Economic Area" (Ir-responsabbiltà ċivili, is-sigurtà finanzjarja u t-talbiet ghal kumpens għal attivitajiet taż-żejt u l-gass offshore fiż-Żona Ekonomika Ewropea), Rapport Finali ppreparat għall-Kummissjoni Ewropea – DĠ Enerġija.
([5]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 43.

G. billi għadd ta' studji, inkluż wieħed mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew u wieħed miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, jikkalkolaw li kien hemm bosta eluf ta' inċidenti (aktar preċiżament 9 700, bejn l-1990 u l-2007) fis-settur taż-żejt u tal-gass tal-UE; billi, wkoll, l-impatt kumulattiv ta' dawn l-inċidenti, inklużi dawk ta' daqs żgħir, għandu riperkussjonijiet serji u fit-tul fuq l-ambjent tal-baħar u għandu jiġi kkunsidrat fid-direttiva;

H. billi, skont l-Artikolu 191 tat-TFUE, l-azzjoni kollha tal-UE f'dan il-qasam għandha tkun appoġġjata minn livell għoli ta' protezzjoni bbażata, inter alia, fuq azzjoni ta' prekawzjoni u prevenzjoni, kif ukoll fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u prinċipji ta' sostenibbiltà;

I. billi mill-1988 'l hawn, ma kienx hemm inċidenti kbar offshore fl-UE u billi 73 % tal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass fl-UE tiġi mill-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana, li diġà huma rikonoxxuti li għandhom l-aqwa sistemi ta' sikurezza offshore fid-dinja; billi huwa importanti li jissottolinja li l-UE għandha madwar 68 000 km ta' kosta u li l-għadd ta' faċilitajiet offshore x'aktarx li jiżdied b'mod sinifikanti fil-futur, b'mod speċjali fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed, u dan jagħmilha kwistjoni ta' urġenza li tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ id-Direttiva 2013/30/UE u li jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ qafas legali xieraq li jirregola l-attivitajiet kollha offshore qabel ma jseħħ inċident gravi; billi, skont l-Artikolu 191 tat-TFUE, il-politika ambjentali tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipju ta' azzjoni preventiva;

J. billi r-reġimi ta' responsabbiltà jikkostitwixxu l-mezzi prinċipali li permezz tagħhom jiġi applikat il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", li jiżgura li d-ditti jinżammu responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat matul in-negozju u jinċentivahom biex jadottaw miżuri preventivi, jiżviluppaw prattiki u jwettqu azzjonijiet li jnaqqsu r-riskji ta' tali dannu;

K. billi, għalkemm l-OSD tagħmel lid-detenturi ta' liċenzji offshore strettament responsabbli għall-prevenzjoni u r-rimedju ta' kull dannu ambjentali li jirriżulta mill-operazzjonijiet tagħhom (l-Artikolu 7 moqri flimkien mal-Artikolu 38 – li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ELD għall-blat kontinentali tal-Istati Membri), ma ppermettitx li jiġi stabbilit qafas komprensiv tal-UE għar-responsabbiltà;

L. billi huwa tal-akbar importanza li jkun hemm mekkaniżmi ta' kumpens effikaċi u xierqa u mekkaniżmi ta' trattament xieraq u fil-pront għal talbiet għad-danni kkawżati minn operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore lill-vittmi u għall-annimali u l-ambjent, kif ukoll li jkollhom biżżejjed riżorsi biex jirrestawraw ekosistemi ewlenin;

M. billi l-OSD ma pprevedietx armonizzazzjoni fir-rigward tad-danni ċivili minn inċidenti offshore, u l-qafas legali internazzjonali eżistenti jagħmilha diffiċli biex it-talbiet għal danni ċivili transfruntiera jirnexxu;

N. billi l-OSD tistabbilixxi prekundizzjonijiet għal-liċenzjar bl-għan li jiġi żgurat li d-detenturi tal-liċenzji qatt ma jsibu ruħhom teknikament jew finanzjarjament inkapaċi li jittrattaw il-konsegwenzi tal-operazzjonijiet offshore tagħhom, u li jeħtieġu wkoll li l-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri għal trattament fil-pront u adegwat ta' talbiet ta' kumpens, inkluż għal inċidenti transfruntiera, u li jiġi faċilitat l-użu ta' strumenti finanzjarji sostenibbli (l-Artikolu 4);

1. Jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/30/UE dwar is-Sikurezza Offshore (OSD), li tikkumplimenta d-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali (ELD) u d-Direttiva 2011/92/UE dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, kif ukoll ir-ratifika tal-Protokoll Offshore tal-Konvenzjoni ta' Barċellona mill-Kunsill, bħala l-ewwel passi għall-protezzjoni tal-ambjent u s-sikurezza tal-ħaddiema; jistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma wettqux it-traspożizzjoni tad-Direttivi msemmija hawn fuq fil-liġijiet nazzjonali tagħhom biex jagħmlu dan malajr kemm jista' jkun; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiggarantixxu l-indipendenza tal-awtoritajiet kompetenti kif previst mill-Artikolu 8 tal-OSD, u jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-adegwatezza tal-introduzzjoni ta' regoli armonizzati ulterjuri dwar ir-responsabbiltà, il-kumpens u s-sigurtà finanzjarja bl-għan li jiġu evitati inċidenti ulterjuri b'implikazzjonijiet transfruntiera;

2. Jiddeplora l-fatt li skont l-OSD u l-ELD, l-inċidenti jiġu definiti bħala "serji" biss jekk iwasslu għal imwiet jew korrimenti serji, mingħajr ebda referenza għall-konsegwenzi ambjentali; jenfasizza li anke jekk ma jwassalx għal imwiet jew korrimenti serji, inċident jista' jkollu impatt serju fuq l-ambjent, minħabba l-iskala tiegħu jew minħabba li jaffettwa, pereżempju, żoni protetti, speċijiet protetti jew ħabitats partikolarment vulnerabbli;

3. Jenfasizza li l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" għal operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore għandha tiġi estiża mhux biss għall-ispejjeż tal-prevenzjoni u r-rimedju tad-danni ambjentali – kif sa ċertu punt huwa miksub fil-preżent permezz tal-OSD u l-ELD – iżda wkoll għall-ispejjeż tar-rimedju ta' talbiet ta' danni tradizzjonali, b'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tikkunsidra l-istabbiliment ta' mekkaniżmu leġiżlattiv ta' kumpens f'każ ta' inċidenti offshore, simili għal dak previst mill-Att dwar l-Attivitajiet taż-Żejt fin-Norveġja, għallinqas għas-setturi li jistgħu jintlaqtu serjament, bħalma huma s-sajd u t-turiżmu kostali u setturi oħra tal-ekonomija blu; jirrakkomanda f'dan il-kuntest li l-abbużi u l-inċidenti li jirriżultaw mill-attivitajiet imwettqa minn kumpaniji għandhom jiġu vvalutati b'mod kwantitattiv u kwalitattiv b'tali mod li jiġu koperti l-effetti sekondarji kollha għall-komunitajiet; jissottolinja wkoll, fir-rigward tar-responsabbiltà ambjentali, id-diverġenzi u n-nuqqasijiet fit-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-ELD, kif deskritt ukoll fit-tieni rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ELD tiġi implimentata b'mod effettiv u li r-responsabbiltà għad-danni ambjentali f'każ ta' inċidenti offshore tkun tapplika għal firxa adegwata madwar l-UE;

4. Jiddispjaċih, f'dan il-kuntest, li l-OSD ma tittrattax ir-responsabbiltà għal danni ċivili kkawżati direttament jew indirettament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, kemm għal offiża fuq il-persuna, danni lill-proprjetà jew telf ekonomiku;

5. Jiddispjaċih ukoll mill-fatt li l-mod li r-responsabbiltà ċivili hija ttrattata jvarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għall-ieħor; jenfasizza li f'ħafna Stati Membri m'hemmx responsabbiltà b'rabta mal-attivitajiet offshore u tal-gass għall-maġġoranza tat-talbiet ta' parti terza għall-kumpens relatati ma' dannu tradizzjonali kkawżat minn inċident, m'hemm l-ebda reġim għal pagamenti ta' kumpens fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri, u f'ħafna Stati Membri, l-ebda assigurazzjoni li operaturi jew persuni responsabbli jkollhom assi finanzjarji adegwati biex jissodisfaw it-talbiet; jenfasizza, barra minn hekk, li ħafna drabi hemm inċertezza dwar il-mod li bih is-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri jittrattaw id-diversità tat-talbiet ċivili li jistgħu jirriżultaw minn inċidenti taż-żejt u tal-gass offshore; jemmen, għalhekk, li huwa meħtieġ qafas Ewropew, li għandu jkun ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni mill-aktar Stati Membri avvanzati, li għandu jkopri mhux biss korriment fiżiku u ħsara lill-proprjetà iżda wkoll telf purament ekonomiku, u għandhom jiġu żgurati mekkaniżmi ta' kumpens effettivi għall-vittmi u għas-setturi li jistgħu jkunu affettwati serjament (eż. it-turiżmu kostali u tas-sajd); f'dan ir-rigward jistieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk qafas orizzontali Ewropew għal rimedju kollettiv jistax ikun soluzzjoni possibbli, u biex tagħti attenzjoni partikolari lil dan fit-tfassil tar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-OSD;

6. Jenfasizza, f'din il-perspettiva, li t-talbiet għal kumpens u rimedju għal danni tradizzjonali huma ostakolati wkoll mir-regoli ta' proċedura ċivili dwar il-limitazzjonijiet taż-żmien, l-ispejjeż finanzjarji, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' litigazzjoni ta' interess pubbliku u ta' talbiet rigward delitti kollettivi, u minn dispożizzjonijiet dwar l-evidenza, li jvarjaw b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għall-ieħor;

7. Jenfasizza li r-reġimi ta' kumpens għandhom ikunu jistgħu jindirizzaw talbiet transfruntiera b'mod effettiv, rapidu u fi żmien raġonevoli u mingħajr diskriminazzjoni bejn rikorrenti ta' pajjiżi differenti taż-ŻEE; jirrakkomanda li għandhom ikopru kemm id-danni primarji kif ukoll dawk sekondarji fiż-żoni affettwati kollha, peress li tali inċidenti jaffettwaw żoni akbar u jaf ikollhom impatt fuq żmien twil; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati ġirien, li mhumiex membri taż-ŻEE, jirrispettaw id-dritt internazzjonali pubbliku;

8. Huwa tal-fehma li għandhom jiġu stabbiliti regoli stretti dwar ir-responsabbiltà ċivili għal inċidenti offshore sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi (kemm persuni ġuridiċi kif ukoll fiżiċi) ta' inċidenti offshore, peress li dan jista' jagħti inċentiv lill-operaturi offshore biex jiġġestixxu b'mod xieraq ir-riskji tal-operazzjonijiet; jemmen li l-limiti finanzjarji fuq ir-responsabbiltà għandhom jiġu evitati;

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

9. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw is-sitwazzjoni speċjali ta' ħaddiema u impjegati fl-industrija taż-żejt u l-gass offshore, speċjalment tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); jinnota li l-inċidenti taż-żejt u tal-gass offshore jista' jkollhom implikazzjonijiet partikolarment serji għall-industriji tas-sajd u t-turiżmu, kif ukoll għal setturi oħra li jiddependu fuq il-kundizzjoni tajba tal-ambjent tal-baħar kondiviż biex jagħmlu n-negozju, minħabba li dawn is-setturi, li jinkludu ħafna SMEs, jistgħu jsofru telf ekonomiku sinifikanti fil-każ ta' inċident kbir offshore;

10. Jenfasizza, għaldaqstant, li huwa ta' importanza kbira li jiġu aġġornati s-sistemi ta' responsabbiltà eżistenti fl-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li jekk iseħħ inċident fl-ibħra ta' dawn l-istati, dan ma jaffettwax ħażin il-futur tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore tal-istat ikkonċernat, lanqas dak tal-UE kollha, jekk l-inċident kellu jseħħ f'żona li tiddependi ħafna fuq it-turiżmu għad-dħul; jistieden, għalhekk lill-Kummissjoni tirrevedi l-ħtieġa li jiġu introdotti standards tal-UE komuni għal sistemi ta' talba ta' rimedju u kumpens;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi l-vittmi ta' danni kollaterali b'rabta mal-ipprospettar, l-istħarriġ u l-operat ta' faċilitajiet offshore, bħala persuni li jistgħu jkunu eliġibbli għall-kumpens previst;

12. Jinnota li l-Kummissjoni biħsiebha tagħmel ġbir sistematiku ta' data permezz tal-Grupp ta' Awtoritajiet tal-UE Responsabbli għall-Attivitajiet taż-Żejt u tal-Gass Offshore (EUOAG), sabiex twettaq analiżi aktar komprensiva dwar l-effikaċja u l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-responsabbiltà;

13. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni twettaq verifiki ta' konformità regolari kemm tas-sistemi legali nazzjonali kif ukoll ta' intrapriżi b'dispożizzjonijiet ta' responsabbiltà u kumpens rilevanti fl-OSD, inkluża l-verifika tar-rapporti finanzjarji tal-kumpaniji offshore, u biex tieħu azzjoni f'każ ta' ksur ta' konformità, bl-għan li jiġu evitati inċidenti serji u li jiġi limitat l-impatt tagħhom fuq il-persuni u fuq l-ambjent; jirrakkomanda l-ħolqien ta' mekkaniżmu komuni fil-livell Ewropew biex jiġu ttrattati l-inċidenti u l-abbużi;

14. Jissottolinja li huwa meħtieġ li jinstab bilanċ bejn il-kumpens rapidu u xieraq tal-vittmi u l-prevenzjoni tal-ħlas ta' talbiet illeġittimi (magħrufa wkoll bħala l-problema tal-"floodgates"), permezz taż-żieda fiċ-ċertezza rigward il-livelli ta' responsabbiltà finanzjarja ta' ħafna ditti offshore u l-evitar ta' proċedimenti twal u għaljin quddiem il-qrati;

15. Jiddispjaċih mill-fatt li l-ebda Stat Membru ma stabbilixxa espliċitament firxa wiesgħa ta' strumenti ta' garanzija finanzjarja li jikkonċernaw il-kumpens ta' talbiet għal danni tradizzjonali minn inċidenti taż-żejt u tal-gass offshore; jissottolinja f'dan il-kuntest li d-dipendenza żejda fuq l-assigurazzjoni tista' potenzjalment tirriżulta f'suq magħluq għal strumenti ta' garanzija finanzjarja, bil-konsegwenza potenzjali ta' nuqqas ta' kompetizzjoni u żieda fl-ispejjeż;

16. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' użu ta' strumenti ta' garanzija finanzjarja fl-UE biex jiġu koperti d-danni kkawżati mill-inċidenti offshore l-aktar għaljin; jinnota li waħda mir-raġunijiet tista' tkun li l-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà għad-danni jista' ma jagħmilx tali strumenti meħtieġa f'ċerti Stati Membri;

17. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu data dettaljata dwar l-użu ta' strumenti finanzjarji u kopertura adegwata għall-inċidenti offshore, inklużi dawk l-aktar għaljin;

18. Iqis li l-każijiet kollha ta' responsabbiltà ppruvata, kif ukoll id-dettalji tal-penali applikati, għandhom isiru pubbliċi sabiex il-kost reali tad-dannu ambjentali jkun trasparenti għal kulħadd;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżviluppaw strumenti ta' garanzija finanzjarja li jikkonċernaw il-kumpens għal talbiet ta' danni tradizzjonali minn inċidenti marbuta mal-attivitajiet ġenerali relatati maż-żejt u l-gass offshore, inkluż f'każijiet ta' insolvenza; jemmen li dan jista' jillimita l-esternalizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-operaturi għal tniġġis inċidentali fil-fondi pubbliċi, li kieku jkunu meħtieġa jġarrbu l-ispejjeż ta' kumpens jekk ir-regoli kellhom jibqgħu l-istess; iqis li, f'dan il-kuntest, l-istabbiliment ta' fond ibbażat fuq tariffi mħallsa mill-industrija offshore jista' jiġi vvalutat ukoll;

20. Iqis li huwa meħtieġ li jiġi analizzat sa liema punt l-introduzzjoni tar-responsabbiltà kriminali fil-livell tal-UE tista' żżid strat ieħor ta' deterrenza lil hinn mill-penali ċivili, li jista' jtejjeb il-protezzjoni tal-ambjent u l-konformità mal-miżuri tas-sikurezza; jilqa', għalhekk, l-introduzzjoni mill-UE tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali 2008/99/KE (ECD), li tarmonizza l-pieni kriminali għal ċertu ksur tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE; jiddispjaċih madankollu li l-kamp ta' applikazzjoni tal-ECD ma jkoprix l-attivitajiet kollha tal-OSD; jiddispjaċih ukoll li d-definizzjonijiet tar-reati ta' natura kriminali u s-sanzjonijiet minimi relatati mal-ksur tas-sikurezza offshore mhumiex armonizzati fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni żżid inċidenti kbar taż-żejt mal-kamp ta' applikazzjoni tal-ECD u biex tressaq quddiem il-Parlament l-ewwel rapport ta' implimentazzjoni tagħha tad-Direttiva fi żmien debitu, u sa mhux aktar tard mid-19 ta' Lulju 2019;

21. Jitlob lill-Kummissjoni tfassal l-istudji meħtieġa għall-valutazzjoni tar-riskju ekonomiku li għalih jistgħu jkunu esposti l-Istati Membri individwali u ż-żoni kostali tagħhom, filwaqt li titqies l-orjentazzjoni ekonomika u settorjali tar-reġjuni individwali, il-livell ta' konċentrazzjoni tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore f'żoni speċifiċi, il-kundizzjonijiet li skonthom se jitwettqu dawn l-operazzjonijiet, il-fatturi klimatiċi bħall-kurrenti tal-oċeani u r-riħ u l-istandards ambjentali applikati; jirrakkomanda, għaldaqstant, l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' protezzjoni u perimetri ta' sikurezza f'każ li l-operazzjonijiet jagħlqu, u jilqa' l-bini mill-industrija ta' erba' strutturi li jintużaw bħala tappijiet għall-għeluq tal-bjar, li jistgħu jnaqqsu t-tixrid taż-żejt f'każ ta' inċident offshore;

22. Jitlob studju tal-impatt ambjentali mfassal apposta għall-Artiku fir-rigward tal-operazzjonijiet kollha li jseħħu fir-reġjun tal-Artiku, fejn l-ekosistemi huma partikolarment fraġli u huma konnessi mill-qrib mal-bijosfera globali;

23. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-possibbiltà li jintroduċu miżuri ulterjuri, li jistgħu jissalvagwardjaw b'mod effettiv l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore qabel ma jseħħ xi inċident serju;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, ikomplu jeżaminaw il-possibbiltà għal soluzzjoni internazzjonali, meta jitqies li ħafna kumpaniji taż-żejt u tal-gass li joperaw fl-UE huma attivi mad-dinja u li soluzzjoni globali tista' tiżgura kundizzjonijiet ekwi fil-livell globali, jekk jissaħħu l-kontrolli fuq il-kumpaniji tal-estrazzjoni barra mill-fruntieri tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw rapidament il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima ta' Diċembru 2015.

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

P8_TA(2016)0479

## Is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta’ Diċembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2016/3001(RSP))**

(2018/C 224/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, b’mod partikolari dawk tal-10 ta’ Marzu 2016 ([1]) u tat-23 ta’ Ġunju 2016 ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tad-Delegazzjoni tal-UE għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, b’mod partikolari dawk tat-23 ta’ Novembru 2016 u tal-24 ta’ Awwissu 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE tal-15 ta’ Ġunju 2016 dwar is-sitwazzjoni preelettorali u s-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet lokali tal-UE tal-25 ta’ Ġunju 2016 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, u tat-2 ta’ Awwissu 2016 u tal-24 ta’ Awwissu 2016 dwar il-proċess elettorali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo wara t-tnedija tad-djalogu nazzjonali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, li ġie ppubblikat fis-27 ta’ Lulju 2015, dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivitajiet tal-Uffiċċju Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra l-istqarrijiet konġunti għall-istampa tas-16 ta’ Frar 2016 u tal-5 ta’ Ġunju 2016 tal-Unjoni Afrikana, tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Unjoni Ewropea u tal-Organizzazzjoni Internazzjonali La Francophonie dwar il-ħtieġa ta’ djalogu politiku inklużiv fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-impenn tagħhom li jappoġġaw lil atturi Kongoliżi fl-isforzi tagħhom għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija fil-pajjiż,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-15 ta’ Awwissu 2016 mill-kelliem tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà dwar il-vjolenza fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, tat-23 ta’ Mejju 2016 u tas-17 ta’ Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, b’mod partikolari r-riżoluzzjoni 2293(2016) dwar it-tiġdid tar-reġim ta’ sanzjonijiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-mandat tal-Grupp ta’ Esperti u r-riżoluzzjoni 2277(2016), li ġeddet il-mandat tal-Missjoni ta’ Stabbilizzazzjoni tan-NU fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUSCO),

— wara li kkunsidra l-Istqarrijiet għall-Istampa tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-15 ta’ Lulju 2016 u tal-21 ta’ Settembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-20 ta’ Settembru 2016 mill-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fejn ħeġġew għall-kalma sabiex il-kriżi tissolva permezz tad-djalogu u fir-rispett tal-Kostituzzjoni,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Sħubija ta’ Cotonou, iffirmat fit-23 ta’ Ġunju 2000 u rivedut fil-25 ta’ Ġunju 2005 u t-22 ta’ Ġunju 2010,

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0085.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0290.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli ta' Ġunju 1981,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, adottata fit-18 ta' Frar 2006,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Joseph Kabila ilu l-President tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo mill-2001; billi l-mandat tal-President Kabila se jintemm fl-20 ta' Diċembru 2016, u billi t-tul tal-presidenza tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo huwa kostituzzjonalment limitat għal żewġ mandati u billi l-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi li jmiss fil-bidu kienu skedati li jsiru sal-aħħar tal-2016;

B. billi matul dawn l-aħħar sentejn il-President Kabila kien qiegħed juża mezzi amministrattivi u tekniċi biex jipprova jdewwem l-elezzjoni u jibqa' fil-poter lil hinn mit-tmiem tal-mandat kostituzzjonali tiegħu;

C. billi l-ewwel tentattiv biex tiġi emendata l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo sabiex il-President Kabila jkun jista' jikkontesta għat-tielet mandat ġie abbandunat fl-2015 minħabba oppożizzjoni u mobilizzazzjoni qawwija min-naħa tas-soċjetà ċivili; billi dawn it-tentattivi kkawżaw tensjoni politika, inkwiet u vjolenza li kulma jmur qegħdin jiżdiedu fil-pajjiż kollu, li issa jidher li laħaq impass elettorali;

D. billi f'Novembru 2015 il-President Kabila ħabbar it-tnedija ta' djalogu nazzjonali; billi, sussegwentement, l-Unjoni Afrikana ħatret lill-eks Prim Ministru Togoliż Edem Kodjo bħala faċilitatur tad-djalogu politiku nazzjonali; billi żewġ gruppi kbar tal-oppożizzjoni rrifjutaw li jipparteċipaw f'dak li jqisuh bħala djalogu mhux inklużiv u mhux demokratiku, kif ukoll tattika ta' dewmien;

E. billi l-Unjoni Afrikana, in-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Internazzjonali La Francophonie issottolinjaw b'mod konġunt l-importanza tad-djalogu u tal-ħidma biex l-atturi politiċi jilħqu ftehim li jirrispetta d-demokrazija u l-istat tad-dritt, u ħeġġew lill-atturi politiċi kollha tal-Kongo biex jikkooperaw bis-sħiħ ma' Edem Kodjo;

F. billi fit-18 ta' Ottubru 2016 ġie ffirmat ftehim bejn il-President Kabila u parti mill-oppożizzjoni li jipposponi l-elezzjoni presidenzjali għal April 2018; billi, skont it-termini ta' dan il-ftehim, il-President Kabila, li għalhekk tħalla jibqa' fil-poter wara l-2016, inkariga lil Prim Ministru interim ġdid, Samy Badibanga, membru tal-oppożizzjoni, biex jifforma gvern ġdid;

G. billi, minn Jannar 2015, uffiċjali tas-sigurtà u tal-intelligence Kongoliżi wettqu azzjonijiet ripressivi fir-rigward ta' attivisti paċifiċi u membri tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili li jopponu t-tentattivi tal-President Kabila biex jibqa' fil-poter lil hinn mil-limitu ta' żewġ mandati previst mill-Kostituzzjoni;

H. billi l-gruppi tad-drittijiet tal-bniedem ripetutament jirrappurtaw dwar is-sitwazzjoni li dejjem qed tmur għall-agħar tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertà ta' espressjoni, ta' assemblea u ta' dimostrazzjoni fil-pajjiż fil-perjodu li jwassal għall-elezzjonijiet, inkluż l-użu ta' forza eċċessiva kontra dimostranti paċifiċi, ġurnalisti, mexxejja politiċi u oħrajn;

I. billi l-livell li dejjem qed jiżdied ta' vjolenza u ksur u vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari azzjonijiet immirati u arresti arbitrarji, għandhom impatt negattiv fuq kwalunkwe sforz biex tiġi regolarizzata u stabilizzata s-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

J. billi, b'mod partikolari, aktar minn 50 persuna ġew irrappurtati maqtula matul id-dimostrazzjonijiet fid-19 u l-20 ta' Settembru 2016 f'Kinshasa u ħafna oħrajn għebu; billi membri tal-movimenti LUCHA u Filimbi għadhom qed jiġu detenuti illegalment; billi mezzi tal-istampa bħal Radio France Internationale (RFI) u Radju Okapi ngħalqu jew ġew imblukkati; billi, skont rapport tal-Uffiċċju Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew irrappurtati 422 każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-pulizija u l-forzi tas-sigurtà matul id-dimostrazzjonijiet li saru bejn d-19 u l-21 ta' Settembru 2016;

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

K. billi l-aġenziji umanitarji jemmnu li l-instabilità politika qed titfa' lill-pajjiż f'kaos u twassal biex il-popolazzjoni tiegħu, diġà mdgħajfa mill-kriżijiet differenti tal-imgħoddi u tal-preżent, tegħreq fl-għaks u l-insigurtà, fejn aktar minn 5 miljun ruħ bħalissa għandhom bżonn assistenza għall-ikel;

L. billi l-Unjoni Ewropea enfasizzat li kull deċiżjoni biex jiġu posposti l-elezzjonijiet trid tittieħed f'qafas ta' djalogu politiku inklużiv, imparzjali u trasparenti fost il-partijiet interessati Kongoliżi qabel ma' jispiċċa l-mandat tal-President Kabila f'Diċembru 2016;

M. billi l-Programm Indikattiv Nazzjonali 2014-2020 għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, b'finanzjament ta' EUR 620 miljun mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, jagħti prijorità lit-tisħiħ tal-governanza u l-istat tad-dritt, inklużi r-riformi tal-ġudikatura, tal-pulizija u tal-armata;

1. Jiddeplora l-imwiet waqt id-dimostrazzjonijiet matul dawn l-aħħar ġimgħat, u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi u lill-poplu tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

2. Jinsab profondament imħasseb dwar is-sitwazzjoni dejjem aktar instabbli fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, f'kuntest preelettorali ta' tensjoni; ifakkar lill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, u primarjament lill-President tagħha, li hija r-responsabilità tagħhom li jipproteġu liċ-ċittadini li jgħixu fi kwalunkwe post fit-territorju nazzjonali, u b'mod partikolari li jipproteġuhom kontra l-abbuż u l-kriminalità, u li jwettqu l-kompitu li jiggvernaw bir-rispett l-aktar strett tal-istat tad-dritt;

3. Jiddeplora l-fatt li l-Gvern u s-CENI (il-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti) ma rnexxilhomx jorganizzaw l-elezzjoni presidenzjali fi żmien l-iskadenza kostituzzjonali; itenni l-appell tiegħu għal organizzazzjoni b'suċċess u f'waqtha tal-elezzjonijiet, f'konformità sħiħa mal-Kostituzzjoni tal-Kongo u mal-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza, u jinsisti fuq ir-responsabilità tal-gvern Kongoliż li jiggarantixxi ambjent li jwassal għal elezzjonijiet trasparenti, kredibbli u inklużivi mill-aktar fis;

4. Ifakkar fl-impenn li ħadet ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo taħt il-Ftehim ta' Cotonou li tirrispetta d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu l-libertà ta' espressjoni u tal-mezzi ta' komunikazzjoni, il-governanza t-tajba u t-trasparenza fil-karigi politiċi; jinnota li d-djalogu mal-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, bil-għan li jinkisbu kjarifiki definitivi dwar il-proċess elettorali, qed ifalli.

5. Iħeġġeġ lill-UE tieħu azzjonijiet aktar konkreti u tagħti bidu minnufih għall-proċedura skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou u tadotta s-sanzjonijiet fil-mira, inklużi l-projbizzjoni tal-viża u l-iffriżar tal-assi, kontra l-uffiċjali għoljin u l-aġenti tal-forzi armati responsabbli għar-ripressjoni vjolenti tad-dimostrazzjonijiet u l-impass politiku li mhux qed jippermetti li jkun hemm tranżizzjoni paċifika u kostituzzjonali tal-poter, b'mod partikolari Kalev Mutond, il-Maġġur Ġeneral John Numbi, il-Ġeneral Ilunga Kampete, il-Maġġur Ġeneral Gabriel Amisi Kumba, u l-Ġeneral Célestin Kanyama;

6. Iħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha jinvolvu ruħhom fi djalogu paċifiku u kostruttiv, jipprevjenu kull deterjorament tal-kriżi politika attwali u joqogħdu lura minn aktar vjolenza u provokazzjonijiet; jilqa' l-isforzi tal-Konferenza Episkopali Nazzjonali tal-Kongo (CENCO) biex issawwar kunsens usa' dwar tranżizzjoni politika; jistieden lill-awtoritajiet u lill-oppożizzjoni joqogħdu lura minn kull azzjoni jew stqarrija li tista' tkompli xxerred l-inkwiet; sadanittant, jirrikonoxxi li jeħtieġ li jkun hemm perjodu tranżizzjonali, li matulu l-presidenza tista' tiġi eżerċitata biss taħt l-awtorità ta' kunsill tranżizzjonali li fih l-oppożizzjoni jkollha rwol kruċjali;

7. Jesprimi tħassib kbir dwar is-sitwazzjoni sejra lura tad-drittijiet tal-bniedem u dwar l-intensifikazzjoni tar-restrizzjoni tal-ispazju politiku fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, u b'mod partikolari l-istrumentalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja u l-vjolenza u l-intimidazzjoni li qed iħabbtu wiċċhom magħhom id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-avversarji politiċi u l-ġurnalisti; jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha; jitlob lill-awtoritajiet ineħħu minnufih ir-restrizzjonijiet kollha fuq il-midja;

8. Għadu mħasseb profondament dwar ir-rwol effikaċi tas-CENI, li fuqha tiddependi fil-biċċa l-kbira tagħha l-leġittimità tal-proċess elettorali. ifakkar li l-kummissjoni elettorali għandha tkun istituzzjoni imparzjali u inklużiva b'riżorsi suffiċjenti biex tippermetti proċess komprensiv u trasparenti;

9. Jitlob li ssir investigazzjoni sħiħa, bir-reqqa u trasparenti dwar l-allegazzjonijiet tal-każijiet ta’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem li seħħew waqt il-protesti sabiex dawk responsabbli jiġu identifikati u jkollhom jagħtu rendikont ta’ għemilhom;

10. Jitlob lid-delegazzjoni tal-UE tibqa’ ssegwi mill-qrib l-iżviluppi fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u tuża l-għodod u l-istrumenti kollha xierqa biex tappoġġa d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-movimenti favur id-demokrazija; jistieden lill-VP/RGħ tikkunsidra li ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta’ medjazzjoni tad-Delegazzjoni tal-UE biex tikkoopera mal-Unjoni Afrikana sabiex jinħoloq djalogu politiku inklużiv u jiġi evitat id-deterjorament tal-kriżi politika u t-tixrid ulterjuri tal-vjolenza;

11. Jitlob li jkun hemm involviment akbar tal-Unjoni Afrikana fl-iżgurar tar-rispett sħiħ tal-Kostituzzjoni tal-Kongo; jitlob li jkun hemm djalogu permanenti bejn il-pajjiżi tar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar sabiex tiġi evitata kull destabilizzazzjoni ulterjuri; jilqa’, f’dan ir-rigward, l-organizzazzjoni tal-Konferenza Internazzjonali tar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar biex tivvaluta s-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, li saret f’Luanda f’Ottubru 2016;

12. Ifakkar li l-paċi u s-sigurtà huma prekondizzjonijiet għal elezzjoni li tirnexxi u għal ambjent politiku stabbli; jilqa’, f’dan ir-rigward, it-tiġdid tal-mandat tal-MONUSCO u t-tisħiħ tal-kompetenzi tagħha biex tipproteġi l-popolazzjoni ċivili u tħares id-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest elettorali;

13. Itenni t-tħassib serju tiegħu dwar s-sitwazzjoni umanitarja allarmanti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jagħtu l-għajnuna tagħhom lin-nies tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo bil-ħsieb li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-aktar popolazzjonijiet vulnerabbli u jindirizzaw il-konsegwenzi ta’ spostament, nuqqas ta’ sigurtà tal-ikel, epidemiji u diżastri naturali;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, lill-Unjoni Afrikana, lill-Kunsill tal-AKP-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0480

## L-aċċess għall-enerġija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-aċċess għall-enerġija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (2016/2885(RSP))

(2018/C 224/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), b'mod partikolari l-SDG 7 dwar l-aċċess għall-enerġija u l-SDGs 12 u 13 dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u dwar it-tibdil fil-klima, rispettivament,

— wara li kkunsidra l-inizjattiva Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd (SE4ALL) imnedija min-NU fl-2011,

— wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Kummissjoni "Nagħtu Enerġija lill-Iżvilupp" , imnedija fl-2012 biex, sal-2030, tagħti aċċess għal enerġija sostenibbli lil 500 miljun ruħ addizzjonali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jistabbilixxi li t-tnaqqis tal-faqar u, fuq terminu itwal, il-qerda tiegħu, jikkostitwixxu l-objettiv primarju tal-politika għall-iżvilupp tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 191 tat-TFUE u l-politika tal-UE dwar il-klima,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ([1]), u b'mod partikolari l-Anness I tiegħu, li jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-enerġija sostenibbli fi programmi ġeografiċi, u l-Anness II tiegħu, li jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-komponent tal-enerġija sostenibbli tal-programm tematiku Beni Pubbliċi u Sfidi Globali (GPGC) tal-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp,

— wara li kkunsidra d-dokumenti ta' programmazzjoni rilevanti taħt l-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), inklużi l-Programmi Indikattivi Nazzjonali (PIN) li jinkludu settur fokali tal-enerġija, u l-Programmi Annwali ta' Azzjoni li jimplimentaw dawn il-PIN;

— wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-2014 magħrufa bħala Africa Clean Energy Corridor (Kuritur tal-Enerġija Nadifa fl-Afrika), li tfittex li tippromwovi l-użu aċċelerat tal-enerġija rinnovabbli fl-Afrika, u li tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju u d-dipendenza fuq il-karburanti fossili importati,

— wara li kkunsidra l-iskrutinju tiegħu tal-abbozz tad-dokumenti ta' programmazzjoni rilevanti tal-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-FEŻ qabel ma jiġu approvati mill-kumitati tal-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-FEŻ,

— wara li kkunsidra l-21 Konferenza tal-Partijiet (COP 21) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f'Pariġi, f'Diċembru 2015, u l-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, l-ewwel ftehim universali u vinkolanti dwar il-klima dinjija,

— wara li kkunsidra t-22 Konferenza tal-Partijiet (COP 22) għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCC) f'Marrakech mis-7 sat-18 ta' Novembru 2016,

([1]) ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

— wara li kkunsidra l-laqgħa ta' livell għoli, fil-21 ta' Settembru 2016, ippreseduta minn Idriss Déby, il-President tal-Unjoni Afrikana, Alpha Condé, il-President tar-Repubblika tal-Guinea, Nkosazana Dlamini-Zuma, il-President tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, Akinwumi Adesina, il-President tal-Bank Afrikan tal-Iżvilupp, fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea, Stefano Manservisi, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp, u Felice Zaccheo, Viċi Kap tal-Unità C6, l-enerġija u t-tibdil fil-klima, u Ségolène Royal, il-Ministru tal-Ekoloġija, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Enerġija, rigward l-inizjattiva dwar l-enerġiji rinnovabbli u s-sħubija UE-UA fil-marġini tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-16 ta' Novembru 2000 tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi: "Qafas ġdid għat-teħid ta' deċiżjonijiet",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-finanzjament tal-infrastruttura tad-Digi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ([1]), tat-2 ta' Frar 2012 dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE b'appoġġ għall-objettiv ta' aċċess universali għall-enerġija sal-2030 ([2]), u tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar kooperazzjoni fil-politika enerġetika ma' sħab lil hinn mill-fruntieri tagħna: Approċċ strateġiku għal provvista sikura, sostenibbli u kompetittiva tal-enerġija ([3]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 15/2015 tas-6 ta' Ottubru 2015 tal-Qorti tal-Awdituri dwar "L-appoġġ taħt il-Faċilità għall-Enerġija AKP–UE għal enerġija rinnovabbli fl-Afrika tal-Lvant",

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-enerġija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (O-000134/2016 – B8-1809/2016),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-aċċess sostenibbli għal enerġija għal but kulħadd, affidabbli u sikura huwa kruċjali biex jissodisfa l-ħtiġijiet u d-drittijiet bażiċi tal-bniedem, inklużi l-aċċess għal ilma nadif, sanità, ambjent ta' sikurezza u sigurtà, il-kura tas-saħħa, it-tisħin u l-edukazzjoni, huwa essenzjali għal prattikament kull tip ta' attività ekonomika, u huwa mutur ewlieni tal-iżvilupp; billi l-aċċess għall-enerġija għandu wkoll aspetti ta' sigurtà ġeopolitika u billi kwistjonijiet tal-enerġija jistgħu jsiru motivi ta' kunflitt;

B. billi 1,2 biljun ruħ m'għandhomx aċċess għall-elettriku u billi dan l-aċċess mhuwiex affidabbli għal għadd saħansitra akbar ta' persuni; billi nofs dawk li m'għandhomx aċċess għall-elettriku jgħixu fl-Afrika; billi dan l-għadd qiegħed jikber, peress li l-popolazzjoni f'dan il-kontinent qed tiżdied b'pass aktar mgħaġġel minn dak tat-tkattir tal-aċċess għall-enerġija;

C. billi, mill-perspettiva tal-aċċess għall-elettriku, is-sitwazzjoni tal-Afrika sub-Saħarjana hija l-agħar fid-dinja, iżda billi hekk kif is-settur tal-enerġija tar-Reġjun jevolvi, x'aktarx li l-Afrika sub-Saħarjana sal-2040 tkun qed tikkonsma elettriku daqs kemm kienu jikkunsmaw flimkien l-Indja u l-Amerika Latina fl-2010;

D. billi aktar minn 70 % tal-konsum tal-enerġija totali fl-Afrika jiġi minn sorsi rinnovabbli, iżda billi l-użi tradizzjonali tal-bijomassa jirrappreżentaw il-kważi totalità ta' dawn; billi għad hemm opportunitajiet enormi għall-inklużjoni ta' sorsi oħra, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-enerġija mix-xemx u mir-riħ;

E. billi x-xejriet demografiċi fl-Afrika se jkollhom impatt kbir fuq ir-rekwiżiti tal-użu tal-artijiet għall-produzzjoni tal-għelejjel, kif ukoll fuq il-ħtieġa ta' ħatab;

F. billi d-deforestazzjoni globali tirrappreżenta kważi 20 % tal-emissjonijiet kollha ta' $CO_2$; u billi d-dipendenza qawwija fuq il-bijomassa tradizzjonali u stufi tat-tisjir ineffiċjenti jipperikolaw il-foresti u l-artijiet mogħxa fil-kontinent Afrikan;

---

([1]) ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 67.
([2]) ĠU C 239 E, 20.8.2013, p. 83.
([3]) ĠU C 332 E, 15.11.2013, p. 28.

G. billi 2,3 biljun ruħ għat-tisjir jużaw il-bijomassa tradizzjonali, bħall-faħam tal-kannol, u billi dan l-użu spiss ikollu implikazzjonijiet negattivi serji għas-saħħa u għall-ambjent; billi n-nisa jerfgħu sehem sproporzjonat tal-piż tal-użu ta' materjali bħal dawn, inkluż billi jiġbru l-ħatab, attività li tista' tieħu ħafna ħin u wkoll tipperikola s-sigurtà tagħhom; billi l-użu ta' stufi tat-tisjir imtejba jnaqqas il-ħin u jħaffef l-isforz meħtieġ għat-tħejjija tal-ikel;

H. billi l-Afrika hija fl-istess ħin sew il-kontinent bl-akbar potenzjal ta' enerġija rinnovabbli fid-dinja u sew dak li għadu l-aktar lura rigward l-elettrifikazzjoni;

I. billi l-faqar enerġetiku huwa mifrux l-aktar f'żoni rurali, iżda billi l-għoti ta' aċċess għall-enerġija fl-inħawi li qed jespandu fl-ibliet li qed jikbru b'rata mgħaġġla wkoll jirrappreżenta sfida enormi, minħabba r-realtajiet tal-ġeografija, tal-konnettività u tan-nuqqas ta' infrastruttura, u billi l-ifqar pajjiżi fl-Afrika huma dawk bl-ogħla kontijiet tal-enerġija;

J. billi huwa essenzjali li s-swieq tal-elettrifikazzjoni rurali, li m'ilhomx wisq stabbiliti, jiġu żviluppati sa ma jsiru maturi u awtosostenibbli, u li programmi li jiffukaw fuq soluzzjonijiet enerġetiċi rinnovabbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, fuq skala zgħira u deċentralizzati jingħataw appoġġ ulterjuri;

K. billi l-faqar enerġetiku għandu wkoll dimensjoni tal-ġeneru; billi l-konsegwenzi tal-faqar enerġetiku huma agħar għan-nisa;

L. billi l-iżgurar li sal-2030 kulħadd ikollu aċċess għal enerġija għal but kulħadd, affidabbli, sostenibbli u moderna huwa l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli universali Nru 7; billi t-twettiq ta' impenji għall-azzjoni klimatika jirrikjedi wkoll sforzi vigorużi u għaqlija fil-qasam tal-enerġija, u billi l-Afrika għalhekk qed tħabbat wiċċha ma' sfida doppja peress li jeħtiġilha tkabbar b'mod drastiku l-aċċess taċ-ċittadini tagħha għal servizzi tal-enerġija bażiċi u fl-istess ħin tirrispetta l-impenji tagħha skont il-Ftehim dwar it-tibdil fil-klima;

M. billi l-Programm tal-Ambjent tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rapport intitolat "Tendenzi globali fl-investmenti fl-enerġija rinnovabbli 2016" turi li l-investiment globali annwali ta' kapaċità rinnovabbli ġdida kien aktar mid-doppju ta' dawk f'impjanti tal-enerġija tal-faħam u l-gass fl-2015; billi suq tal-enerġija rinnovabbli fl-2015 kien iddominat mill-fotovoltajċi tax-xemx u mir-riħ; u billi, għall-ewwel darba fl-2015, l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli kienu ogħla fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw milli f'dawk żviluppati;

N. billi r-rapport tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi tas-16 ta' Novembru 2000 jikkonkludi li, filwaqt li d-digi kbar ma rnexxilhomx jipproduċu l-elettriku, jipprovdu l-ilma, jew jikkontrollaw id-danni kkawżati mill-għargħar daqskemm kienu mistennija jagħmlu, kellhom impatti soċjali u ambjentali enormi, u l-isforzi magħmula biex itaffu dawn l-impatti fil-biċċa l-kbira ma rnexxewx;

O. billi l-għan tal-ksib ta' aċċess universali għall-enerġija huwa minsuġ mal-għan tal-ksib ta' ġustizzja klimatika;

P. billi l-ġustizzja klimatika torbot id-drittijiet tal-bniedem mal-iżvilupp sabiex ikun hemm approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, li jissalvagwardja d-drittijiet tal-persuni l-aktar vulnerabbli u l-qsim tal-piżijiet u l-benefiċċji tat-tibdil fil-klima u l-impatti tagħha b'mod ekwu u ġust;

Q. billi flussi inkonsistenti tal-finanzjament klimatiku u tat-trasferiment tat-teknoloġija fir-rigward tat-tibdil fil-klima jistgħu jipperikolaw ir-rieda tal-mexxejja Afrikani li jiżviluppaw l-enerġija rinnovabbli biex iwettqu l-aġenda tal-industrijalizzazzjoni tal-kontinent;

R. billi l-Ftehim ta' Pariġi jissottolinja l-ħtieġa li l-aċċess universali għall-enerġija sostenibbli jiġi promoss fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari fl-Afrika, permezz tat-tisħiħ tal-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli;

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

S. billi hemm evidenza estensiva u kunsens wiesa' li l-produzzjoni fuq skala żgħira u deċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll li netwerks lokali u s-soluzzjonijiet mhux kollegati mal-grilja ħafna drabi huma l-aktar effiċjenti, u li dawn is-soluzzjonijiet għandhom aktarx jipproduċu l-akbar kontributi għall-progress ġenerali tal-iżvilupp u l-aktar li jirnexxilhom jimminimizzaw jew jevitaw impatti negattivi fuq l-ambjent;

T. billi l-produzzjoni lokali tal-enerġija rinnovabbli hija enfasizzata fir-Regolament dwar l-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (SKŻ) u fil-programmi u l-proġetti tal-SKŻ u tal-FEŻ, u billi l-proġetti fil-qasam tal-enerġija għandhom jitfasslu b'tali mod li jirriflettu l-għarfien tal-vantaġġi tal-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli;

U. billi l-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp fil-qasam tal-enerġija żdiedet ħafna u billi huwa ppjanat li, fil-perjodu 2014-2020, tilħaq EUR 3,5 biljun; billi 30 PIN, li nofshom huma għall-pajjiżi Afrikani, jinkludu settur fokali tal-enerġija;

V. billi l-Faċilità tal-Enerġija AKP-UE, li nħolqot f'Ġunju 2005, għandha l-għan li tippromwovi l-aċċess għal servizzi moderni tal-enerġija għall-foqra f'żoni rurali u madwar l-ibliet, b'konċentrazzjoni qawwija fuq l-Afrika sub-Saħarjana u fuq l-enerġija rinnovabbli; billi r-Rapport Speċjali relatat Nru 15/2015 tal-Qorti tal-Awdituri tal-UE għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni għal għażla aktar rigoruża tal-proġetti, għat-tisħiħ tal-monitoraġġ tagħhom u għal titjib tal-prospetti tagħhom rigward is-sostenibbiltà;

W. billi dan l-aħħar tnediet Inizjattiva tal-UE għall-Finanzjament tal-Elettrifikazzjoni (ElectriFI) u arranġamenti finanzjarji oħra jinkludu faċilitajiet biex għotjiet tal-UE jiġu kombinati ma' self jew ekwità minn finanzjaturi pubbliċi u privati (faċilitajiet ta' taħlit) għal inħawi differenti tad-dinja, l-attivitajiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment fil-qasam tal-enerġija taħt il-mandat tiegħu ta' self estern u l-ħidma tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Infrastruttura fl-Afrika;

X. billi biex jintlaħaq l-SDG 7 jeħtieġ li jsir kontribut dejjem akbar mill-investiment privat; billi kwalunkwe deċiżjoni dwar il-promozzjoni tal-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati permezz tat-taħlit fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni komprensiva ta' dawn il-mekkaniżmi, u fuq it-tagħlimiet minn esperjenzi tal-passat; billi jeħtieġ li, f'kull ċirkostanza, il-kontribuzzjonijiet tal-għotjiet għal proġetti diġà kummerċjalment vijabbli jiġu evitati;

Y. billi trid tkun prijorità li persunal lokali u speċjalizzat ħafna jitħarreġ biex jiżgura l-aċċess għall-enerġija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u billi porzjon sostanzjali tal-finanzjament trid tkun iddedikata għal dan it-taħriġ;

Z. billi s-sussidji globali għall-karburanti fossili jilħqu madwar USD 500 biljun fis-sena, joħolqu żidiet minflok tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u aktarx li l-persuni relattivament għonja jgawdu minnhom aktar minn dawk foqra; billi dawn is-sussidji għandhom jitneħħew gradwalment u b'hekk, il-gvernijiet ikunu jistgħu jilliberaw fondi konsiderevoli għal politiki soċjali ferm aktar effiċjenti, biex jestendu l-aċċess għal enerġija għal but kulħadd, affidabbli, sostenibbli u moderna, u jnaqqsu l-inugwaljanzi u jtejbu l-kwalità tal-ħajja;

1. Ifakkar li l-aċċess għall-enerġija jaċċelera l-iżvilupp; jiġbed l-attenzjoni għall-iskala u l-implikazzjonijiet tal-faqar enerġetiku fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għall-involviment qawwi tal-UE fl-isforzi biex dan il-faqar jitnaqqas; jissottolinja l-ħtieġa għal sforzi qawwija u konċertati mill-gvernijiet, mis-soċjetà ċivili u minn partijiet interessati oħra fil-pajjiżi affettwati u minn sħab internazzjonali biex inaqqsu l-faqar enerġetiku u jilħqu l-SDG 7, ħaġa li tirrikjedi sforzi partikolari f'żoni rurali remoti, speċjalment f'reġjuni li mhumiex kollegati mal-grilja; ifakkar li l-politiki dwar it-tibdil fil-klima u dwar il-kummerċ għandhom ikunu ta' sostenn reċiproku fil-ksib tal-iżvilupp sostenibbli u tal-qerda tal-faqar f'konformità mal-Aġenda 2030 u mal-Ftehim ta' Pariġi;

2. Jenfasizza r-relazzjoni qawwija li teżisti bejn l-enerġija u kwistjonijiet potenzjali ta' sigurtà u jqis li l-governanza tal-enerġija, filwaqt li hija diffiċli li tiġi implimentata, hija essenzjali għall-iżvilupp uman u ekonomiku fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

3. Jirrimarka li l-elettrifikazzjoni titwettaq bis-saħħa tal-appoġġ tal-awtoritajiet pubbliċi, liema appoġġ jiddependi fuq il-governanza soda tas-servizzi tad-distribuzzjoni tal-enerġija u fuq il-kapaċità tal-istati li jwettqu l-funzjonijiet sovrani tagħhom;

4. Jistieden lill-UE tinkludi dimensjoni tal-ġeneru fil-politiki tagħha kollha dwar l-enerġija, b'konċentrazzjoni fuq in-nisa bi ħtiġijiet speċifiċi;

5. Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni "Nagħtu Enerġija lill-Iżvilupp", li għandha l-għan li sal-2030 tagħti aċċess għal enerġija sostenibbli lil 500 miljun ruħ addizzjonali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' elementi ta' programmi bħalma huma l-ħolqien ta' Faċilità ta' Assistenza Teknika, li tagħmel użu minn esperti tal-UE biex trawwem għarfien espert tekniku f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u tippromwovi l-bini tal-kapaċità u t-trasferiment tat-teknoloġija; jenfasizza r-rwol tal-enerġija bħala element abilitanti għal bosta oqsma oħrajn, bħalma huma s-saħħa, l-edukazzjoni, l-ilma nadif, l-agrikoltura, kif ukoll il-konnettività tat-telekomunikazzjoni u tal-internet; jenfasizza li l-inizjattiva "Nagħtu Enerġija lill-Iżvilupp" trid tkun allinjata bis-sħiħ mal-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-iżvilupp kif iddikjarati fit-Trattat ta' Lisbona;

6. Iqis li, minkejja li huma qosra, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar l-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (SKŻ), kodeċiżi mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, jirrappreżentaw bażi soda għall-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp fil-qasam tal-enerġija; ifakkar li dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċentraw fuq l-aċċess għall-enerġija u jenfasizzaw l-enerġija rinnovabbli lokali u reġjonali u jiżguraw li l-persuni fqar f'reġjuni remoti jkollhom aċċess;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon ElectriFi, li jipprovdi struttura flessibbli u inklussiva li tippermetti l-parteċipazzjoni ta' sħab differenti bħalma huma s-settur privat, l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-awtoritajiet lokali li jistgħu jibbenefikaw bl-istess mod taħt l-istess kundizzjonijiet ibbażati fuq is-suq, bil-qies debitu tal-ħtiġijiet u l-opportunitajiet f'kull pajjiż/reġjun speċifiku; ifakkar li l-involviment ta' sħab mis-settur privat u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali se jkun strumentali fit-tisħiħ tal-effikaċja u tas-sjieda tal-azzjonijiet implimentati;

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex b'mod regolari tirrapporta fis-sit web tagħha x'progress ikun sar lejn l-ilħiq tal-mira tal-inizjattiva tagħha "Nagħtu Enerġija lill-Iżvilupp", tispeċifika liema proporzjon mill-finanzjament totali għall-enerġija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikun mar għall-enerġija rinnovabbli, għar-reġjuni remoti, għat-taħriġ tal-persunal, għall-ħolqien ta' għarfien u ħiliet lokali u għal soluzzjonijiet lokali u mhux kollegati mal-grilja, u biex fil-qosor, iżda kemm jista' jkun b'mod preċiż, tiddeskrivi l-involviment tal-partijiet ikkonċernati differenti fl-azzjonijiet konklużi u f'dawk li jkunu għadhom għaddejja;

9. Jenfasizza l-potenzjal kbir tar-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Afrika, f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni tal-enerġja mix-xemx u mir-riħ solari u tar-riħ, biex jiżguraw aċċess għall-enerġija għal kulħadd, speċjalment f'żoni rurali; jirrimarka li l-prezz ta' tagħmir fotovoltajku għandu influwenza fundamentali fuq l-isfruttament reali tal-potenzjal tal-enerġija mix-xemx fl-Afrika; iħeġġeġ, għalhekk, lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiffaċilitaw it-trasferiment tat-teknoloġija għall-użu ta' dan it-tagħmir f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

10. Jinnota li l-Afrika għandha madwar 10 % tal-potenzjal teoretiku tal-idroenerġija; ifakkar li t-tisħin globali se jaffettwa x-xejriet tal-preċipitazzjoni, u b'hekk se jirrappreżenta sfida dejjem tikber rigward l-aċċess għall-ilma u s-sigurtà tal-ikel; ifakkar ukoll li l-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi indikat li l-foqra, gruppi vulnerabbli oħra u l-ġenerazzjonijiet futuri x'aktarx se jkollhom sehem sproporzjonat tal-ispejjeż soċjali u ambjentali tal-proġetti tad-digi l-kbar, bla ma jgawdu sehem proporzjonali tal-benefiċċji ekonomiċi; itenni li digi idroelettriċi żgħar huma aktar sostenibbli u ekonomikament vijabbli minn impjanti idroelettriċi kbar;

11. Jirrakkomanda li l-aġenziji tal-finanzjament (l-aġenziji ta' għajnuniet bilaterali, il-banek multilaterali tal-iżvilupp, l-Aġenziji tal-Krediti għall-Esportazzjoni u l-BEI) jiżguraw li kwalunkwe għażla ta' diga li għaliha jiġi approvat finanzjament tkun skont il-linji gwida tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi; jenfasizza, b'mod partikolari, li kwalunkwe pjanifikazzjoni ta' digi għandha tiġi vvalutata skont ħames valuri: l-ekwità, l-effiċjenza, il-parteċipazzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, is-sostenibbiltà u r-responsabbiltà; ifakkar, b'mod partikolari, li f'każ li proġetti jaffettwaw lill-popli indiġeni u tribali, tali proċessi jridu jsiru bil-kunsens liberu, minn qabel u informat tagħhom;

12. Ifakkar li l-bijoenerġija hija sors ta' enerġija kumpless li huwa interkonness mal-agrikoltura, mal-forestrija u mal-industrija, u li jħalli impatt fuq l-ekosistemi u l-bijodiversità; jinnota, b'mod partikolari, li l-iżvilupp ta' bijomassa għall-enerġija joħloq theddidiet ġodda, jiġifieri rigward is-sigurtà tal-ikel u s-sigurtà tal-pussess tal-artijiet, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-artijiet; ifakkar li l-impronta tal-ilma tal-bijoenerġija għandha titqies ukoll, peress li ħafna nħawi tal-Afrika diġà qed iġarrbu nuqqas ta' ilma, u li madwar terz tal-meded tal-art produttiva fl-Afrika diġà huma kklassifikati bħala artijiet niexfa; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiġu żviluppati, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kriterji stretti u vinkolanti fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali għall-produzzjoni tal-bijomassa sabiex l-enerġija tissodisfa l-SDG 7;

13. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ għal stufi tat-tisjir effiċjenti ħafna u għat-tranżizzjoni għal karburanti tat-tisjir moderni sabiex ipattu għat-tnaqqis rapidu tar-riżorsi tal-injam;

14. Iqis li hija inkoraġġanti l-eżistenza ta' diversi inizjattivi fil-livell internazzjonali biex jippromwovu l-aċċess għall-enerġija sostenibbli f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari fl-Afrika, iżda jinsisti fuq il-bżonn li jkunu kkoordinati aħjar għal aktar effiċjenza; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu appoġġ u assistenza teknika fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-inizjattiva Kuritur tal-Enerġija Nadifa fl-Afrika, li sal-2030 tfittex li taqdi nofs it-total tad-domanda għall-elettriku minn riżorsi nodfa, indiġeni u kosteffikaċi, u b'hekk tnaqqas l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn korpi ta' finanzjament, is-settur privat u l-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex taċċelera l-ilħiq tal-miri; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ għall-manutenzjoni b'aċċess suffiċjenti għall-forniment ta' spare parts, kif ukoll għall-preżenza ta' esperti tekniċi li jkunu mħarrġa lokalment;

15. Jappoġġja l-użu ta' taħlit fejn dan jirrappreżenta l-aktar użu effiċjenti ta' fondi għall-assistenza għall-iżvilupp għat-twettiq tal-SDG 7, fejn l-enfasi tkun fuq proġetti fuq skala żgħira u fejn l-impriżi parteċipanti jkollhom l-obbligu li jipprattikaw responsabbiltà korporattiva soċjali; jitlob lil l-Kummissjoni toqgħod attenta li ma tagħtix fondi lil kwalunkwe proġett li xorta jkun vijabbli mingħajr dawn il-fondi, anke jekk investitur privat japplika għalihom; iqis li l-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp iridu jiġi segwiti wkoll f'operazzjonijiet ta' taħlit u jinnota li l-allinjament mal-pjanijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi benefiċjarji, l-involviment wiesa' tal-partijiet interessati, it-trasparenza u r-responsabbiltà, il-koordinazzjoni u l-effiċjenza kif ukoll riżultati tanġibbli u li jistgħu jitkejlu huma importanti;

16. Jitlob li s-sussidji tal-karburanti fossili jitneħħew gradwalment, u jħeġġeġ li l-fondi hekk meħlusa jiġu allokati għal politiki soċjali effiċjenti u għal azzjonijiet li jeqirdu l-faqar enerġetiku fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

17. Jenfasizza li l-unika kejl aħħari tas-suċċess tal-azzjonijiet tal-UE jkun id-daqs tal-kontribut li jagħmlu lejn il-ksib tal-aċċess universali għall-enerġija, b'emissjonijiet minimi ta' gassijiet serra, fil-qies tal-prinċipju tar-Responsabbiltà Komuni Iżda Differenzjata;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lis-Segretarju Ġenerali tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

P8_TA(2016)0481

## L-applikazzjoni tal-Proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-applikazzjoni tal-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea (2016/2011(INI))**

(2018/C 224/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea u dwar miżuri maħsuba biex jissimplifikaw u jaċċeleraw il-litigazzjoni dwar talbiet żgħar (COM(2002)0746),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 936/2012 tal-4 ta' Ottubru 2012 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li joħloq Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea (COM(2015)0495),

— wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea dwar il-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea mwettqa mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0299/2016),

A. billi l-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport tagħha li jirrieżamina l-operat tal-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006;

B. billi r-rapport huwa kważi sentejn tard u ma jinkludix valutazzjoni tal-impatt estiża u aġġornata għal kull Stat Membru kif meħtieġ, li tqis id-dispożizzjonijiet legali differenti fl-Istati Membri kollha u l-interoperabilità tagħhom, iżda jinkludi biss tabella statistika li mhijiex kompleta b'informazzjoni li ħafna minnha tmur lura għall-2012; billi l-Ordni ta' Ħlas Ewroprea hija proċedura fakultattiva li tista' tintuża f'każijiet transfruntiera bħala alternattiva għal ordnijiet ta' ħlas nazzjonali;

C. billi din il-proċedura nħolqot biex ikun jista' jitħaffef u jiġi ffaċilitat l-irkupru ta' ammonti li jirriżultaw minn djun li huma ċerti, ta' ammont fiss u dovuti, u mhux ikkontestati mill-konvenut, b'mod li ma jinvolvix spejjeż kbar; u billi skont l-istatistika, il-proċedura tidher li qed tiffunzjona b'mod sodisfaċenti fil-biċċa l-kbira, iżda l-potenzjal tagħha għadu 'l bogħod milli jiġi sfruttat kompletament, u billi skont l-istatistika, peress li prinċipalment tintuża fi Stati Membri li l-leġiżlazzjoni tagħhom tinkludi proċedura nazzjonali simili;

D. billi l-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea taqa' taħt il-kategorija ta' miżuri fil-qasam ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transfruntiera u li jkunu meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern;

E. billi pagamenti li jsiru tard huma kawża ewlenija ta' insolvenza, li thedded is-sopravivenza tan-negozji, b'mod partikolari dawk ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u twassal għat-telf ta' għadd konsiderevoli ta' impjiegi;

([1]) ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 283, 16.10.2012, p. 1.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

F. billi għandhom jittieħdu miżuri konkreti, inkluż kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati, sabiex iċ-ċittadini, in-negozji, il-professjonisti legali u partijiet oħra rilevanti jiġu infurmati dwar id-disponibilità, it-tħaddim, l-applikazzjoni u l-vantaġġi ta' din il-proċedura;

G. billi f'ċerti Stati Membri li fihom il-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea mhijiex applikata f'konformità mar-Regolament attwali, l-ordnijiet għandhom jinħarġu aktar malajr, u fi kwalunkwe każ għandha tiġi rispettata l-iskadenza ta' 30 jum stabbilita mir-Regolament, filwaqt li jitqies li l-ordnijiet jistgħu jiġu infurzati biss meta l-pretensjonijiet mhumiex ikkontestati;

H. billi jeħtieġ li jitħeġġeġ l-iżvilupp tas-sistema e-Codex biex tippermetti s-sottomissjoni online tal-applikazzjonijiet, permezz ta' aktar miżuri li għandhom fil-mira l-użu aktar effiċjenti ta' din il-proċedura;

I. billi aktar Stati Membri għandhom isegwu l-eżempju ta' Franza, tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, ta' Ċipru u tal-Iżvezja u jippermettu lir-rikorrenti jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom f'lingwi addizzjonali, u b'mod ġenerali jieħdu miżuri ta' appoġġ sabiex jimminizzaw il-marġni ta' żball li jirriżulta mill-użu ta' lingwa barranija;

J. billi n-natura ssimplifikata tal-proċedura ma tfissirx li tista' tiġi użata b'mod ħażin biex jiġu infurzati klawżoli kuntrattwali inġusti, peress li l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 jirrikjedi li l-qorti teżamina jekk it-talba hijiex fondata, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha, u b'hekk tiġi żgurata l-kompatibilità tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett; billi, barra minn hekk, il-partijiet rilevanti kollha għandhom jiġu infurmati dwar id-drittijiet u l-proċeduri;

K. billi l-formoli standard jeħtieġu reviżjoni u rieżami perjodiku futur sabiex tiġi aġġornata l-lista tal-Istati Membri u l-muniti, u biex ikun hemm provvedimenti aħjar għall-ħlas ta' imgħax fuq it-talbiet, inkluż deskrizzjoni xierqa tal-imgħax li għandu jiġi rkuprat;

L. billi l-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tipproponi reviżjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura u r-rieżami eċċezzjonali tal-ordnijiet;

1. Jilqa' t-tħaddim b'suċċess tal-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea fl-Istati Membri kollha, proċedura applikabbli fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali relatati ma' talbiet mhux ikkontestati, li l-għan prinċipali tagħha huwa li tissimplifika u tħaffef il-proċedura għar-rikonoxximent transfruntier u l-infurzar tad-drittijiet tal-kredituri fl-UE;

2. Jiddeplora d-dewmien sinifikanti ta' kważi sentejn fit-tressiq tar-rapport tal-Kummissjoni li jirrieżamina l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006;

3. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt estiża għal kull Stat Membru fir-rapport tal-Kummissjoni, kif mitlub mill-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006; jiddeplora n-nuqqas ta' data aġġornata f'dan ir-rapport dwar is-sitwazzjoni fl-Istati Membri fir-rigward tat-tħaddim u l-implimentazzjoni tal-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni għalhekk biex tippreżenta valutazzjoni tal-impatt estiża, aġġornata u dettaljata;

4. Jiddispjaċih, bl-istess mod, li l-użu tal-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea jvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri; jenfasizza f'dan ir-rigward li, minkejja l-proċedura simplifikata moderna li toffri l-leġiżlazzjoni tal-UE, id-differenzi fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri u x-xewqa li jagħżlu leġiżlazzjoni nazzjonali aktar milli l-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea qed jonqsu milli jkabbru r-riżultati tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006, u ċ-ċittadini Ewropej għaldaqstant ma jistgħux jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom f'livell transfruntier, u dan joħloq riskju ta' tnaqqis ta' fiduċja fil-leġiżlazzjoni tal-UE;

5. Jirrimarka li l-membri tal-pubbliku li l-aktar li jagħmlu użu ta' spiss mill-proċedura u li huma l-aktar infurmati dwarha, jinsabu fi Stati Membri bi strumenti simili fil-livell nazzjonali;

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

6. Iqis li jeħtieġ li jittieħdu miżuri prattiċi biex iċ-ċittadini, in-negozji, il-professjonisti legali u l-partijiet rilevanti l-oħra kollha jiġu infurmati dwar id-disponibilità, it-tħaddim, l-applikazzjoni u l-vantaġġi tal-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea f'każijiet transfruntiera; jenfasizza, barra minn hekk, li hemm bżonn ta' assistenza għall-membri tal-pubbliku, u b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex jitjieb l-użu, il-fehim u l-għarfien tagħhom dwar l-eżistenza ta' strumenti legali fir-rigward tal-infurzar tat-talbiet fil-livell transfruntier skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni b'data preċiża, komprensiva u aġġornata għal skopijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effikaċi;

8. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistinkaw biex joħorġu ordnijiet fi żmien 30 jum, u jaċċettaw applikazzjonijiet f'lingwi barranin fejn possibbli, filwaqt li jitqies li rekwiżiti ta' traduzzjoni għandhom impatt negattiv fuq l-ispejjeż u ż-żmien tal-ipproċessar tal-proċedura;

9. Jappoġġa bis-sħiħ il-ħidma li qiegħda ssir biex fil-futur issir possibbli s-sottomissjoni elettronika tal-applikazzjonijiet għal Ordni ta' Ħlas Ewropew; jistieden, għalhekk, lill-Kumissjoni f'dan ir-rigward, biex tinkoraġġixxi l-użu tal-proġett pilota e-CODEX u biex testendih għall-Istati Membri kollha, wara studju tal-Kummissjoni dwar il-fattibilità ta' applikazzjonijiet elettroniċi għal Ordnijiet ta' Ħlas Ewropej;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta forom standard aġġornati kif meħtieġ, biex tagħmel provvediment aħjar inter alia, għal deskrizzjoni xierqa tal-imgħax li għandu jitħallas fuq it-talbiet;

11. Iqis li rieżami futur tar-Regolament għandu jkollu l-għan li jneħħi ċerti eċċezzjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura u li jirrevedi d-dispożizzjonijiet dwar ir-rieżami ta' Ordnijiet ta' Ħlas Ewropej;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0429

## Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-François Jalkh

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-François Jalkh (2016/2115(IMM))**

(2018/C 224/29)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-François Jalkh, imressqa fl-14 ta' April 2016 mill-Ministru tal-Ġustizzja Franċiż, b'rabta ma' inkjesta ġudizzjarja (fajl Nru 14142000183) li nfetħet fil-konfront tas-Sur Jean-François Jalkh quddiem il-Qorti Reġjonali ta' Nanterre fuq ilment b'intervent ċivili mill-assoċjazzjoni "Maison des potes – Maison de l'égalité" bl-imputazzjoni ta' inċitament pubbliku għad-diskriminazzjoni razzjali jew reliġjuża, u mħabbra fis-seduta plenarja fit-8 ta' Ġunju 2016,

— wara li sema' lil Jean-François Jalkh skont l-Artikolu 9(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża, kif emendat bil-Liġi Kostituzzjonali tal-4 ta' Awwissu 1995 Nru 95-880,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0318/2016),

A. billi l-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Appell ta' Versailles talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Jean-François Jalkh, b'rabta ma' azzjoni legali għal reat allegat;

---

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, Wagner vs Fohrmann u Krier, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, Wybot vs Faure et., 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, Mote vs il-Parlament, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, Marra vs De Gregorio u Clemente, C200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

B. billi t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-François Jalkh hija relatata mar-reat allegat ta' inċitament għad-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, ir-razza jew ir-reliġjon bil-kelma, bil-miktub, b'immaġni jew b'kommunikazzjoni elettronika pubblika minn persuna jew persuni mhux magħrufa, liema reat huwa previst fil-liġi Franċiża, b'mod speċifiku fl-Artikolu 24(8), l-Artikolu 23(1) u l-Artikolu 42 tal-Liġi tad-29 ta' Lulju 1881 u l-Artikolu 93(3) tal-Liġi Nru 82-652 tad-29 ta' Lulju 1982, u l-pieni għal dan ir-reat huma previsti fl-Artikolu 24(8), (10), (11) u (12), tal-Liġi tad-29 ta' Lulju 1881 u mill-Artikolu 131-26(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali;

C. billi Jean-François Jalkh ġie akkużat mill-assoċjazzjoni "Maison des potes – Maison de l'égalité" f'ilment imressaq quddiem il-Qorti Reġjonali ta' Nanterre fit-22 ta' Mejju 2014;

D. billi l-ilment ikkonċerna dikjarazzjonijiet magħmula f'fuljett intitolat "Petit guide pratique de l'élu municipal Front national" (Manwal għall-kunsilliera lokali tal-Front national), ippubblikat fid-19 ta' Settembru 2013 u mtella' fuq is-sit uffiċjali tal-Federazzjoni Front national fit-30 ta' Novembru 2013, li inkoraġġixxa lill-kunsillieri muniċipali futuri tal-Front national eletti fl-elezzjonijiet tat-23 u t-30 ta' Marzu 2014 jirrakkomandaw, fl-ewwel laqgħa tal-kunsill muniċipali l-ġdid tagħhom, li l-prijorità għandha tingħata lill-persuni Franċiżi ("prijorità nazzjonali") għal dak li jikkonċerna l-allokazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali; billi Jean-François Jalkh kien id-direttur tal-pubblikazzjoni tal-Front national u kellu kontroll editorjali fuq is-siti kollha tal-federazzjoni;

E. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Membri tal-Parlament Ewropew igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament ta' dak l-Istat;

F. billi l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni Franċiża jipprevedi li l-ebda Membru tal-Parlament ma għandu jitressaq il-qorti, jiġi investigat, arrestat, detenut jew ipproċessat minħabba opinjonijiet espressi jew voti mitfugħa fil-qadi ta' dmirijietu;

G. billi l-portata tal-immunità mogħtija lill-Membri tal-Parlament Franċiż tikkorrispondi fil-fatt għall-portata tal-immunità mogħtija lill-Membri fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea; billi l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex Membru tal-Parlament Ewropew ikun kopert bl-immunità, opinjoni trid tingħata mill-Membru fil-qadi ta' dmirijietu, u dan jimplika r-rekwiżit ta' rabta bejn l-opinjoni espressa u d-dmirijiet parlamentari; billi tali rabta għandha tkun diretta u ovvja;

H. billi Jean-François Jalkh ma kienx Membru tal-Parlament Ewropew meta r-reat allegat seħħ, jiġifieri fid-19 ta' Settembru u t-30 ta' Novembru 2013, iżda l-materjal allegatament offensiv kien għadu disponibbli għal qari minn kwalunkwe persuna li riedet aċċess għalih fit-23 ta' Ġunju u t-2 ta' Ottubru 2014;

I. billi l-akkużi ma għandhom b'mod manifest l-ebda rabta mal-pożizzjoni ta' Jean-François Jalkh bħala Membru tal-Parlament Ewropew u jikkonċernaw minflok attivitajiet ta' natura purament nazzjonali jew reġjonali, fid-dawl tal-fatt li d-dikjarazzjonijiet saru lil membri potenzjali għall-kunsilli lokali fid-dawl tal-elezzjonijiet lokali fit-23 u fit-30 ta' Marzu 2014 u jikkonċernaw il-pożizzjoni tiegħu bħala direttur tal-pubblikazzjoni tal-Front national b'kontroll editorjali fuq is-siti tal-federazzjoni;

J. billi l-azzjonijiet allegati ma jirreferux għal xi opinjoni espressa jew vot mitfugħ mill-Membru tal-Parlament Ewropew fil-qadi ta' dmirijietu, fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

K. billi ma hemmx is-suspett ta' tentattiv li jiġi ostakolat ix-xogħol parlamentari ta' Jean-François Jalkh (*fumus persecutionis*) f'din l-inkjesta ġudizzjarja mnedija insegwitu ta' ilment tal-assoċjazzjoni "Maison des potes – Maison de l'égalité", imressaq qabel ma assuma l-kariga tiegħu fil-Parlament Ewropew;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Jean-François Jalkh;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Franċiża u lil Jean-François Jalkh.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0430

# Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-François Jalkh

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-François Jalkh (2016/2107(IMM))**

(2018/C 224/30)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-François Jalkh, imressqa fl-14 ta' April 2016 mill-Ministru tal-Ġustizzja Franċiż b'rabta ma' inkjesta ġudizzjarja (fajl Nru 1422400530), li nfetħet fil-konfront tas-Sur Jean-François Jalkh quddiem il-Qorti tad-Distrett ta' Pariġi fuq ilment b'intervent ċivili mill-assoċjazzjoni "Bureau national de vigilance contre l'antisémitisme" (BNVCA) bl-imputazzjoni ta' inċitament pubbliku għad-dikriminazzjoni, il-mibegħda jew il-vjolenza u mħabbra fis-seduta plenarja fit-8 ta' Ġunju 2016,

— wara li sema' lil Jean-François Jalkh skont l-Artikolu 9(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża, kif emendat bil-Liġi Kostituzzjonali tal-4 ta' Awwissu 1995 Nru 95-880,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0319/2016),

A. billi l-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Appell ta' Pariġi talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Jean-François Jalkh, b'rabta ma' azzjoni legali għal reat allegat;

B. billi t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-François Jalkh hija relatata mar-reat allegat ta' inċitament għad-diskriminazzjoni, il-mibegħda jew il-vjolenza fil-konfront ta' persuna jew grupp ta' persuni fuq il-bażi tal-oriġini tagħhom jew is-sħubija jew in-nuqqas ta' sħubija tagħhom ma' grupp etniku, nazzjon, razza jew reliġjon partikolari, liema reat huwa previst fil-liġi Franċiża, b'mod speċifiku fl-Artikolu 24(8) u l-Artikolu 23(1) tal-Liġi tad-29 ta' Lulju 1881;

C. billi Jean-François Jalkh ġie akkużat mill-assoċjazzjoni Bureau national de vigilance contre l'antisémitisme (BNVCA) f'ilment imressaq mad-Dekan tal-Imħallfin Inkwirenti f'Pariġi fit-12 ta' Awwissu 2014;

D. billi l-ilment ikkonċerna dikjarazzjonijiet magħmula mis-Sur Jean-Marie Le Pen f'intervista mxandra fuq is-sit www.frontnational.com, u mbagħad fuq il-blog www.jeanmarielepen.com fis-6 ta' Ġunju 2014, meta kien qed jirreaġixxi għal meta membru tal-udjenza semma l-isem tal-kantant Patrick Bruel, li kien qal li ma setax ikanta iktar fl-ibliet li eleġġew sindki li jappartjenu għall-Front national, fejn qal: "Dan ma jissorprendinix. Isimgħu, darb'oħra ngħadduhom kollha mill-forn."; billi Jean-François Jalkh huwa d-direttur tal-pubblikazzjoni tas-sit uffiċjali tal-Front national;

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, Wagner vs Fohrmann u Krier, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, Wybot vs Faure et., 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, Mote vs il-Parlament, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, Marra vs De Gregorio u Clemente, C200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

E. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Membri, igawdu fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-Parlament ta' dak l-Istat;

F. billi l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni Franċiża jipprevedi li l-ebda Membru tal-Parlament ma għandu jitressaq il-qorti, jiġi investigat, arrestat, detenut jew ipproċessat minħabba opinjonijiet espressi jew voti mitfugħa fil-qadi ta' dmirijietu;

G. billi l-portata tal-immunità mogħtija lill-Membri tal-Parlament Franċiż tikkorrispondi fil-fatt għall-portata tal-immunità mogħtija lill-Membri tal-Parlament Ewropew fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea; billi l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex Membru tal-Parlament Ewropew ikun kopert bl-immunità, opinjoni għandha tiġi mogħtija mill-Membru fil-qadi ta' dmirijietu, u dan jimplika r-rekwiżit ta' rabta bejn l-opinjoni espressa u d-dmirijiet parlamentari; billi tali rabta għandha tkun diretta u ovvja;

H. billi Jean-François Jalkh kien għadu ma assumiex dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew meta r-reat allegat seħħ, jiġifieri fis-6 ta' Ġunju 2014, u assuma dmirijietu fl-1 ta' Lulju 2014;

I. billi l-akkużi ma għandhom b'mod manifest l-ebda rabta mal-pożizzjoni ta' Jean-François Jalkh bħala Membru tal-Parlament Ewropew u jikkonċernaw minflok attivitajiet ta' natura purament nazzjonali jew reġjonali, fid-dawl tal-fatt li d-dikjarazzjonijiet kellhom x'jaqsmu mal-elezzjonijiet lokali fi Franza li saru fit-23 u fit-30 ta' Marzu 2014 u mal-pożizzjoni tiegħu bħala direttur tal-pubblikazzjoni tal-Front national b'kontroll editorjali fuq is-siti tal-federazzjoni;

J. billi l-azzjonijiet allegati ma jirreferux għal xi opinjoni espressa jew vot mitfugħ mill-Membru tal-Parlament Ewropew fil-qadi ta' dmirijietu, fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

K. billi ma hemmx is-suspett ta' tentattiv li jiġi ostakolat ix-xogħol parlamentari ta' Jean-François Jalkh (*fumus persecutionis*) f'din l-inkjesta ġudizzjarja mnedija insegwitu ta' ilment tal-assoċjazzjoni "Bureau national de vigilance contre l'antisémitisme (BNVCA)";

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Jean-François Jalkh;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Franċiża u lil Jean-François Jalkh.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0428

## Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva u Strateġika bejn l-Ukrajna u l-Europol *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva u Strateġika bejn l-Ukrajna u l-Europol (10345/2016 – C8-0267/2016 – 2016/0811(CNS))**

**(Konsultazzjoni)**

(2018/C 224/31)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (10345/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat bit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0267/2016),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/934/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tadotta r-regoli implimentattivi li jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-Europol mal-imsieħba, inkluż l-iskambju ta' data personali u informazzjoni klassifikata ([2]), b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tagħha,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/935/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tiddetermina l-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0342/2016),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

([1]) ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.
([2]) ĠU L 325, 11.12.2009, p. 6.
([3]) ĠU L 325, 11.12.2009, p. 12.

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta, wara d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar l-Europol [1], id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' kooperazzjoni; u jitlobha wkoll tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni u, jekk ikun xieraq, tressaq rakkomandazzjoni għal awtorizzazzjoni li jinfetaħ rinegozjar internazzjonali tal-ftehim;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0431

# Pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxipjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet (11309/1/2016 – C8-0403/2016 – 2012/0236(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

(2018/C 224/32)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11309/1/2016 – C8-0403/2016),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0498),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0325/2016),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 44, 15.2.2013, p. 125.
([2]) ĠU C 65, 19.2.2016, p. 193.

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0432

# Aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (COM(2016)0452 – C8-0333/2016 – 2016/0209(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2018/C 224/33)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2016)0452),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 113 u 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0333/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0326/2016),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa - 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | (-1) ***Ir-rwol ta' veikoli, kontijiet u kumpaniji bbażati f'rifuġji fiskali u f'ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx irriżulta bħala d-denominatur komuni f'firxa wiesgħa ta' operazzjonijiet, ġeneralment identifikati a posteriori, li jaħbu l-frodi tat-taxxa, il-ħarba ta' kapital u l-prattiki ta' ħasil tal-flus. Dan il-fatt fih innifsu għandu jesiġi azzjoni politika u diplomatika bl-għan li jinqerdu ċ-ċentri offshore fuq livell globali.*** |

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE [11] kif emendata bid-Direttiva 2014/107/UE [12] tapplika mill-1 ta' Jannar 2016 għal 27 Stat Membru u mill-1 ta' Jannar 2017 għall-Awstrija. Din id-Direttiva timplimenta l-Istandard Globali għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet tat-Taxxa ("l-Istandard Globali") fl-Unjoni. Bħala tali, tiżgura li informazzjoni dwar Detenturi ta' Kontijiet Finanzjarji tiġi rapportata lill-Istat Membru fejn id-Detentur tal-Kontijiet ikun residenti. | (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE [11] kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE [12] tapplika mill-1 ta' Jannar 2016 għal 27 Stat Membru u mill-1 ta' Jannar 2017 għall-Awstrija. Din id-Direttiva timplimenta l-Istandard Globali għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet tat-Taxxa ("l-Istandard Globali") fl-Unjoni. Bħala tali, tiżgura li informazzjoni dwar Detenturi ta' Kontijiet Finanzjarji tiġi rapportata lill-Istat Membru fejn id-Detentur tal-Kontijiet ikun residenti***, bl-għan li jiġu miġġielda l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa***. |

(11) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

(12) Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE tad-9 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 1).

(11) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

(12) Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE tad-9 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 1).

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, anke b'rabta mal-ħasil tal-flus, hija prijorità assoluta għall-Unjoni.*** |

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (3) Biex jiżguraw monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni minn Istituzzjonijiet Finanzjarji tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fid-Direttiva 2011/16/UE, l-awtoritajiet tat-taxxa jeħtieġu aċċess għall-informazzjoni dwar l-AML. Fl-assenza ta' dan l-aċċess, dawk l-awtoritajiet ma jkunux jistgħu jimmonitorjaw, jikkonfermaw u jawditjaw li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji japplikaw id-Direttiva 2011/16/UE b'mod xieraq billi jidentifikaw b'mod korrett u jirrapportaw is-sidien benefiċjarji ta' strutturi intermedjarji. | (3) Biex jiżguraw monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni minn Istituzzjonijiet Finanzjarji tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fid-Direttiva 2011/16/UE, l-awtoritajiet tat-taxxa jeħtieġu aċċess ***rapidu u komplet*** għall-informazzjoni dwar l-AML ***u jeħtieġ li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom għadd suffiċjenti ta' persunal b'ħiliet xierqa biex iwettaq dak il-kompitu u bil-kapaċità li jiskambja tali informazzjoni. Dak l-aċċess għandu jkun ir-riżultat ta' skambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni.*** Fl-assenza ta' dan l-aċċess ***u tal-persunal xieraq***, dawk l-awtoritajiet ma jkunux jistgħu jimmonitorjaw, jikkonfermaw u jawditjaw li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji japplikaw id-Direttiva 2011/16/UE b'mod xieraq billi jidentifikaw b'mod korrett u jirrapportaw is-sidien benefiċjarji ta' strutturi intermedjarji. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(3a) Ir-rabta osservata bejn l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-ħasil tal-flus tesiġi li jiġu sfruttati, sal-massimu possibbli, is-sinerġiji li joriġinaw mill-kooperazzjoni domestika, tal-Unjoni u internazzjonali bejn l-awtoritajiet differenti involuti fil-ġlieda kontra dawn ir-reati u l-abbużi. Kwistjonijiet bħat-trasparenza dwar is-sjieda benefiċjarja jew il-punt sa liema entitajiet bħall-professjonijiet legali huma soġġetti għall-qafas AML f'pajjiżi terzi huma kruċjali biex tittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-Unjoni li jindirizzaw l-evitar tat-taxxa u l-ħasil tal-flus.*** |

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

## Emenda 6

## Proposta għal direttiva

## Premessa 3b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(3b)* ***Ir-revelazzjonijiet ta' Swissleaks, LuxLeaks, Panama Papers u Bahamas Leaks, li huma manifestazzjonijiet individwali ta' fenomenu globali, ikkonfermaw il-ħtieġa assoluta ta' trasparenza akbar fil-qasam tat-taxxa u ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni ferm aktar mill-qrib bejn il-ġurisdizzjonijiet.*** |

## Emenda 7

## Proposta għal direttiva

## Premessa 3c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(3c)* ***L-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-taxxa huwa rikonoxxut internazzjonalment, fil-livell tal-G20, tal-OECD u tal-Unjoni, bħala l-aktar strument effikaċi fil-kisba ta' trasparenza internazzjonali fil-qasam tat-taxxa. Fil-komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' Lulju 2016 dwar miżuri ulterjuri biex jittejbu t-trasparenza u l-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa*** ([1a])***, il-Kummissjoni sostniet li "hemm każ aktar b'saħħtu għall-estensjoni ulterjuri tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, biex din tkopri l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja" u li "l-iskambju ta' informazzjoni awtomatiku dwar is-sjieda benefiċjarja jista' […] jiġi integrat fil-qafas dwar it-trasparenza tat-taxxa vinkolanti diġà fis-seħħ fl-UE". Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha diġà qed jieħdu sehem fi proġett pilota dwar l-iskambju ta' informazzjoni li tikkonċerna s-sidien benefiċjarji aħħarin ta' ditti u fondi fiduċjarji.*** <br><br> ([1a]) ***COM(2016)0451.*** |

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat l-aċċess mill-awtoritajiet tat-taxxa għall-informazzjoni, proċeduri, dokumenti u mekkaniżmi dwar l-AML għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni xierqa tad-Direttiva 2011/16/UE. | (4) ***Ir-regoli tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, il-ħasil tal-flus matul iż-żmien inkorporaw bidliet fl-istandards internazzjonali, bl-għan li tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u li jkun hemm reazzjoni għall-isfidi ffaċċjati f'livell globali, b'mod partikolari minħabba r-rabtiet bejn il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa.*** Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat l-aċċess ***dirett u ffaċilitat*** mill-awtoritajiet tat-taxxa għall-informazzjoni, proċeduri, dokumenti u mekkaniżmi dwar l-AML għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni xierqa tad-Direttiva 2011/16/UE ***u għall-funzjonament tal-forom kollha ta' kooperazzjoni amministrattiva msemmija f'dik id-Direttiva, u li dik l-informazzjoni, meta jkun rilevanti, tiġi inkluża fl-iskambji awtomatiċi bejn l-Istati Membri, u li jingħata aċċess lill-Kummissjoni, fuq bażi kunfidenzjali***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4b) Barra minn hekk, huwa importanti li l-awtoritajiet tat-taxxa jkollhom fis-seħħ sistemi adegwati tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) li jkunu jistgħu jirrintraċċaw attivitajiet ta' ħasil tal-flus fi stadju bikri. F'dak ir-rigward, l-awtoritajiet tat-taxxa għandu jkollhom riżorsi adegwati ta' persunal u ICT li jkunu jistgħu jlaħħqu mal-ammont kbir ta' informazzjoni dwar l-AML li għandha tiġi skambjata bejn l-Istati Membri.*** |

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(4c)* ***Barra minn hekk, minħabba li l-iskambju ta' informazzjoni mtejjeb u l-kxif ta' informazzjoni żiedu l-iskambju spontanju u d-disponibbiltà tal-informazzjoni, huwa importanti ħafna li l-Istati Membri jinvestigaw u jaġixxu fir-rigward ta' kull aġir illeċitu potenzjali.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(4d)* ***Peress li l-informazzjoni dwar l-AML f'ħafna każijiet tkun ta' natura transfruntiera, għandha tiġi inkluża, meta jkun rilevanti, fl-iskambju awtomatiku bejn l-Istati Membri u għandha tkun disponibbli, fuq talba, għall-Kummissjoni fil-qafas tas-setgħa tagħha li tinforza r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, minħabba l-kumplessità u l-ħtieġa li tiġi vverifikata l-affidabbiltà ta' din l-informazzjoni, bħal fil-każ ta' data dwar is-sjieda benefiċjarja, l-awtoritajiet tat-taxxa għandhom jikkooperaw fl-inkjesti transfruntieri.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(4e)* ***Skambju ta' informazzjoni awtomatiku, obbligatorju u kontinwu fil-qasam tat-tassazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet kompetenti huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata trasparenza massima u jkun hemm strument bażiku għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra mġiba frodulenti ta' kull tip.*** |

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4f (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(4f)* ***Fid-dawl tan-natura globali tal-attivitajiet kontra l-ħasil tal-flus, il-kooperazzjoni internazzjonali hija fundamentali għal ġlieda effikaċi u effiċjenti kontra tali attivitajiet.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ladarba l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kooperazzjoni amministrattiva effiċjenti bejn l-Istati Membri u l-monitoraġġ effettiv tagħha skont kundizzjonijiet kompatibbli mal-funzjonament xieraq tas-suq intern, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba fl-uniformità u l-effikaċja meħtieġa, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv. | (6) Ladarba l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kooperazzjoni amministrattiva effiċjenti bejn l-Istati Membri u l-monitoraġġ effettiv tagħha skont kundizzjonijiet kompatibbli mal-funzjonament xieraq tas-suq intern ***sabiex tiġi miġġielda l-frodi tat-taxxa***, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba fl-uniformità u l-effikaċja meħtieġa, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-diliġenza dovuta tal-konsumatur imwettqa minn Istituzzjonijiet Finanzjarji skont id-Direttiva 2011/16/UE diġà bdiet u l-ewwel skambji tagħha għandhom jiġu finalizzati sa Settembru 2017. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm dewmien fil-monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni, din id-Direttiva Emendatorja għandha tidħol fis-seħħ u tiġi trasposta sal-1 ta' Jannar ***2017***. | (7) Id-diliġenza dovuta tal-konsumatur imwettqa minn Istituzzjonijiet Finanzjarji skont id-Direttiva 2011/16/UE diġà bdiet u l-ewwel skambji tagħha għandhom jiġu finalizzati sa Settembru 2017. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm dewmien fil-monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni, din id-Direttiva Emendatorja għandha tidħol fis-seħħ u tiġi trasposta sal-1 ta' Jannar ***2018***. |

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt - 1 (ġdid)**

Direttiva 2011/16/UE

Artikolu 2 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Din id-Direttiva għandha tapplika għat-taxxi kollha ta' kwalunkwe tip intaxxati minn jew f'isem Stat Membru jew is-suddiviżjonijiet territorjali jew amministrattivi tal-Istat Membru, inklużi l-awtoritajiet lokali. | 1. Din id-Direttiva għandha tapplika għat-taxxi kollha ta' kwalunkwe tip intaxxati minn jew f'isem Stat Membru jew is-suddiviżjonijiet territorjali jew amministrattivi tal-Istat Membru, inklużi l-awtoritajiet lokali***, kif ukoll għas-servizzi ta' kambju ta' muniti virtwali u għall-fornituri ta' portafolli ta' kustodja***. |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt - 1a (ġdid)**

Direttiva 2011/16/UE

Artikolu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1a) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:***<br>***"Artikolu 8a***<br>***L-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stat Membru, fi żmien tliet xhur mill-ġbir tagħhom, għandhom jiskambjaw awtomatikament id-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 22 ta' din id-Direttiva ma' kull Stat Membru ieħor dment li s-sid benefiċjarju ta' ditta jew, fil-każ ta' fond fiduċjarju, is-settlor, wieħed mit-trustees, il-protettur (meta jkun rilevanti), benefiċjarju, jew kwalunkwe persuna oħra li teżerċita kontroll effettiv fuq il-fond fiduċjarju, jew, fl-aħħar nett, id-detentur ta' kont imsemmi fl-Artikolu 32a tad-Direttiva (UE) 2015/849, ikunu kontribwenti f'dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tingħata aċċess għall-ikkompletar tal-missjonijiet tagħha, fuq bażi kunfidenzjali."*** |

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1**

Direttiva 2011/16/UE

Artikolu 22 – paragrafu 1a

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(1a)*** Għall-finijiet tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet tal-Istati Membri li jagħtu effett lil din id-Direttiva, u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva li din tistabbilixxi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu bil-liġi l-aċċess ***minn awtoritajiet*** tat-taxxa ***għall-mekkaniżmi***, il-proċeduri, id-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13, 30, 31, 32a u **40** tad-Direttiva 2015/849/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

*Emenda*

***1a***. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet tal-Istati Membri li jagħtu effett lil din id-Direttiva, u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva li din tistabbilixxi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu bil-liġi l-aċċess ***tal-awtoritajiet*** tat-taxxa ***għar-reġistri ċentrali, il-mekkaniżmi***, il-proċeduri, id-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fl-artikoli **7,** 13, **18, 18a, 19, 27,** 30, 31, 32a**, 40, 44** u **48** tad-Direttiva ***(UE)*** 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). ***Tali aċċess għandu jkun ir-riżultat ta' skambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu wkoll l-aċċess għal dik l-informazzjoni billi jinkluduha f'reġistru pubbliku ċentralizzat ta' kumpaniji, fondi fiduċjarji u strutturi oħra li n-natura jew l-iskop tagħhom ikunu simili jew ekwivalenti.***

(*) Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

Direttiva 2011/16/UE

Artikolu 22 – paragrafu 1b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Fl-Artikolu 22, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"1b. Għall-fini tal-użu effettiv tad-data skambjata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha skambjata u miksuba tiġi investigata fi żmien debitu, kemm jekk dik l-informazzjoni tkun inkisbet mill-awtoritajiet fuq talba, permezz ta' skambju spontanju ta' informazzjoni minn Stat Membru ieħor, jew minn kxif ta' informazzjoni pubblika. Jekk Stat Membru jonqos milli jagħmel dan f'perjodu ta' żmien meħtieġ mil-liġi nazzjonali, għandu jikkomunika pubblikament ir-raġunijiet għal dan in-nuqqas lill-Kummissjoni."*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ***2016***, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet. | 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ***2017***, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet. |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar ***2017***. | Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar ***2018.*** |

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0438

## Emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja u li temenda d-Direttiva 2003/35/KE (COM(2013)0920 – C7-0004/2014 – 2013/0443(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2018/C 224/34)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0920),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0004/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta' Lulju 2014 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Ottubru 2014 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-30 ta' Ġunju 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0249/2015),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([3]);

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2013)0443

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, id-Direttiva (UE) 2016/2284.)*

---

([1]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 134.
([2]) ĠU C 415, 20.11.2014, p. 23.
([3]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-28 ta' Ottubru 2015 (Testi adottati, P8_TA(2015)0381).

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0447

## Assistenza makrofinanzjarja lill-Ġordan ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (COM(2016)0431 – C8-0242/2016 – 2016/0197(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2018/C 224/35)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0431),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0242/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill adottata flimkien mad-Deċiżjoni Nru 778/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja ([1]),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-ittra tal-Kumitat għall-Baġits,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-4 ta' Novembru 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0296/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2016)0197

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni (UE) 2016/2371.)*

---

([1]) ĠU L 218, 14.8.2013, p. 15.

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

Fid-dawl tal-isfidi fiskali u ċ-ċirkustanzi straordinarji li qiegħed jiffaċċja l-Ġordan minħabba li qiegħed jospita iktar minn 1,3 miljun Sirjan, il-Kummissjoni ser, fl-2017, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta ġdida sabiex testendi u żżid l-AMF lill-Ġordan, malli titlesta b'suċċess it-tieni AMF u dment li jkunu ssodisfati l-prekundizzjonijiet tas-soltu għal dan it-tip ta' assistenza, inkluża valutazzjoni aġġornata mill-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tal-Ġordan. Din l-għajnuna kritika għall-Ġordan tgħin lill-pajjiż iżomm l-istabbiltà makroekonomika filwaqt li jżomm ukoll il-gwadanji fl-iżvilupp u jkompli bl-aġenda tar-riforma tal-pajjiż.

**Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2016**

P8_TA(2016)0448

## L-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (riformulazzjoni). (COM(2014)0167 – C7-0112/2014 – 2014/0091(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – riformulazzjoni)**

(2018/C 224/36)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0167),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 53 u 62 u l-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0112/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, mill-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Olanda, fejn jiddikjaraw li l-abozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipji ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta' Lulju 2014 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 għal użu iktar strutturat tat-teknika tat-tfassil mill-ġdid tal-atti legali ([2]),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-4 ta' Settembru 2014 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 104(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-30 ta' Ġunju 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 104 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0011/2016),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

([1]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 109.
([2]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2014)0091

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali *(IORPs)* (riformulazzjoni)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2016/2341.)*

---

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0457

## Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, fir-rigward ta' merkanzija li tkun telqet temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, fir-rigward ta' merkanzija li tkun telqet temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru (COM(2016)0477 – C8-0328/2016 – 2016/0229(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2018/C 224/37)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0477),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ressqet il-proposta lill-Parlament (C8-0328/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0329/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

### P8_TC1-COD(2016)0229

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-1 ta' Diċembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, fir-rigward ta' merkanzija li tkun telqet temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru**

*(Ġaladarba ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament tikkorrispondi għall-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2016/2339.)*

---

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0458

# Data ta' applikazzjoni: Dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (COM(2016)0709 – C8-0457/2016 – 2016/0355(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2018/C 224/38)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0709),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0457/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-regolament delegat tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-preżentazzjoni, il-kontenut, ir-rieżami u r-reviżjoni tad-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija u l-kundizzjonijiet għas-sodisfar tar-rekwiżiti biex jiġu pprovduti dawn id-dokumenti (C(2016)03999 – 2016/2816(DEA)), u b'mod partikolari l-paragrafu 4 tagħha ([1]),

— wara li kkonsulta l-Bank Ċentrali Ewropew,

— wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta' Novembru 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0356/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0347.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2016)0355

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-1 ta' Diċembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni għal dak li jirrigwarda d-data ta' applikazzjoni tiegħu**

*(Ġaladarba ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament tikkorrispondi għall-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2016/2340.)*

---

P8_TA(2016)0459

# Ftehim UE-Kiribati dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

## Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Kiribati dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12092/2015 – C8-0253/2016 – 2015/0200(NLE))

**(Approvazzjoni)**

(2018/C 224/39)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12092/2015),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Kiribati dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12091/2015),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2)(a), u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0253/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Arikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0334/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta' Kiribati.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0460

## Ftehim UE-Gżejjer Solomon dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09785/2016 – C8-0422/2016 – 2016/0096(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2018/C 224/40)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (09785/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09783/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2)(a) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0422/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet paragrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0336/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Gżejjer Solomon.

P8_TA(2016)0461

# Ftehim UE-Mikroneżja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u l-Istati Federali tal-Mikroneżja, min-naħa l-oħra, dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09780/2016 – C8-0388/2016 – 2016/0098(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2018/C 224/41)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (09780/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Federali tal-Mikroneżja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09779/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2)(a) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0388/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet paragrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0337/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Istati Federali tal-Mikroneżja.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0462

## Ftehim UE-Tuvalu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Tuvalu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09764/2016– C8-0268/2016 – 2016/0100(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2018/C 224/42)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (09764/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Tuvalu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09760/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2)(a), u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8–0268/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0333/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u ta' Tuvalu.

P8_TA(2016)0463

# Ftehim UE-Gżejjer Marshall dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

## Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gżejjer Marshall dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09775/2016 – C8-0252/2016 – 2016/0103(NLE))

**(Approvazzjoni)**

(2018/C 224/43)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (09775/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gżejjer Marshall dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (09774/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2)(a) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0252/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0335/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Gżejjer Marshall.

**Il-Ħamis 1 ta’ Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0465

## Ftehim US-UE dwar il-protezzjoni ta’ informazzjoni personali marbuta ma’ reati kriminali ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta’ Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta’ informazzjoni personali marbuta mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali (08523/2016 – C8-0329/2016 – 2016/0126(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2018/C 224/44)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (08523/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta’ informazzjoni personali marbuta mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali (08557/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 16 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0329/2016),

— wara li kkunsidra l-ittra mingħand il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0354/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Istati Uniti tal-Amerka.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0466

## Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim UE-Ghana ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (12396/2016 – C8-0406/2016 – 2008/0137(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2018/C 224/45)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12396/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (12130/2008),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(3), l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 209(2), u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0406/2016),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2009 dwar il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0328/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ghana.

([1]) ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 112.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0467

## Mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2016

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2016 (COM(2016)0624 – C8-0399/2016 – 2016/2256(BUD))**

(2018/C 224/46)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0624 – C8-0399/2016),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([2]), u b'mod partikolari l-punt 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, adottat b'mod definittiv fil-25 ta' Novembru 2015 ([3]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2016, propost mill-Kummissjoni fit-30 ta' Settembru 2016 (COM(2016)0623),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2016 adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Novembru 2016 (13583/2016 – C8-0459/2016),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2016, adottata fl-1 ta' Diċembru 2016 ([4]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0347/2016),

A. billi l-Kummissjoni pproponiet, mal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2016, li jiġi mmobilizzat ammont ta' EUR 240,1 miljun mill-Marġni ta' Kontinġenza għall-2016 sabiex jikkomplementa l-approprjazzjonijiet ta' impenn relatati man-nefqa fl-intestatura 3 *'Sigurtà u ċittadinanza'* fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016;

1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([2]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([3]) ĠU L 48, 24.2.2016, p. 1.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0468.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2016**

*(It-test f'dan l-anness mhux riprodott hawnhekk peress li jikkorrispondi għall-att finali, id-Deċiżjoni (UE) 2017/339.)*

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0468

## Abbozz ta' baġit Emendatorju Nru 4/2016: Aġġornament tal-approprjazzjonijiet biex jiġu kkunsidrati l-aħħar żviluppi dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u siġurtà, u tnaqqis ta' approprjazzonijiet ta' pagamenti u impenn

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2016 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016: Aġġornament tal-approprjazzjonijiet biex jiġu kkunsidrati l-aħħar żviluppi dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u sigurtà, tnaqqis ta' approprjazzonijiet ta' pagamenti u impenn bħala riżultat tat-Trasferiment Globali, l-estensjoni tal-FEIS, modifikazzjoni tal-pjan ta' stabbiliment tal-persunal tal-Frontex u aġġornament tal-approprazzjonijiet ta' dħul (Riżorsi proprji) (13583/2016 – C8-0459/2016 – 2016/2257(BUD))**

(2018/C 224/47)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, adottat b'mod definittiv fil-25 ta' Novembru 2015 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([5]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2016, adottat mill-Kummissjoni fit-30 ta' Settembru 2016 (COM(2016)0623),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2016 adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Novembru 2016 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fl-istess jum (13583/2016 – C8-0459/2016),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 88 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0350/2016),

---

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 48, 24.2.2016.
([3]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([4]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([5]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.

A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2016 (ABE 4/2016) inaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 7 284,3 miljuni, l-aktar fil-linji baġitarji taħt is-subintestatura 1b *Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali*, u għalhekk inaqqas kif xieraq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali;

B. billi l-ABE 4/2016 iżid il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-intestatura 3 *Sigurtà u Ċittadinanza* b'EUR 50 miljun għall-istrument ta' appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni, EUR 130 miljun għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), u EUR 70 miljun għall-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF), u b'hekk tkun meħtieġa l-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza għal ammont totali ta' EUR 240,1 miljun, wara li titqies riallokazzjoni ta' EUR 9,9 miljun;

C. billi l-ABE 4/2016 jikkonċentra fil-bidu l-proviżjonament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) b'riallokazzjoni ta' EUR 73,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mir-riżerva għall-enerġija tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF-Enerġija), li trid tiġi kkumpensata fl-2018;

D. billi l-ABE 4/2016 jemenda l-pjan ta' stabbiliment tal-Frontex, fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

E. billi, bi tnaqqis ta' EUR 14,7 miljun fuq diversi linji baġitarji taħt l-intestatura 2 *Tkabbir Sostenibbli: riżorsi naturali*, l-impatt nett tal-ABE 4/2016 mil-lat ta' nfiq tal-baġit 2016 huwa żieda ta' EUR 225,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn;

F. billi mil-lat ta' dħul, l-ABE 4/2016 jinkludi wkoll aġġustamenti marbuta mar-reviżjoni tal-previżjoni tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (jiġifieri dazji doganali u imposti fuq is-settur taz-zokkor) u l-bażijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u l-introjtu nazzjonali gross (ING), u l-ibbaġitjar tal-korrezzjonijiet rilevanti tar-Renju Unit u l-finanzjament tagħhom;

1. Jesprimi tħassib serju dwar l-eċċess fil-pagamenti ta' EUR 7 284,3 miljun, li huwa r-riżultat ta' dewmien kbir fl-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE taħt ġestjoni kondiviża u jwitti t-triq għal akkumulazzjoni importanti fit-talbiet għal pagament lejn tmiem il-QFP attwali; ifakkar fil-konklużjoni tal-Kummissjoni li, skont dan it-tbassir preżenti, il-ħtiġijiet aġġornati tal-pagamenti sal-2020 jistgħu jiġu akkomodati bil-limiti massimi attwali biss jekk il-Marġni Globali għall-Pagamenti jintuża totalment (u, bħala miżura ta' prekawzjoni, jitneħħew il-limiti annwali tiegħu) u jekk il-pagamenti għal strumenti speċjali jingħaddu lil hinn mil-limiti massimi; jitlob, għalhekk, li din il-kwistjoni tiġi solvuta b'mod definittiv u inekwivokabbli bħala parti mir-reviżjoni tal-QFP;

2. Jaqbel mat-tisħiħ fl-intestatura 3 permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza, kif ukoll mal-konċentrazzjoni fil-bidu tat-tisħiħ tal-pjan ta' stabbiliment tal-Frontex; jilqa' b'mod partikolari r-rifornimient parzjali tal-AMIF, iżda jinsab imħasseb dwar il-fatt li, minkejja rata għolja ta' eżekuzzjoni baġitarja bbażata fuq il-programmi nazzjonali tal-Istati Membri, sa issa saru biss ftit rilokazzjonijiet ta' rifuġjati;

3. Jaqbel li jkun hemm konċentrazzjoni fil-bidu għall-FEIS, bil-kundizzjoni li r-riallokazzjoni mis-CEF tiġi kkumpensata kif xieraq fl-2018; jiċċara li din il-konċentrazzjoni fil-bidu ma tantiċipax l-aħħar pjan ta' finanzjament tal-proposta l-ġdida għal estensjoni tal-FEIS, li għandu jiġi deċiż f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

4. Jinnota bi tħassib it-tnaqqis mistenni fid-dħul, stmat għal EUR 1,8 biljun, minħabba d-deprezzament tal-isterlina fil-konfront tal-euro; jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tuża d-dħul minn multi addizzjonali sabiex tkopri dan in-nuqqas;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

5. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2016;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiddikjara li l-Baġit Emendatorju Nru 4/2016 ġie adottat b'mod definittiv u jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TA(2016)0469

# Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2016: Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2016 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016: Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji 2014/335/UE, Euratom wara l-għeluq tal-proċess ta' ratifika u d-dħul fis-seħħ tagħha fl-1 ta' Ottubru 2016 (13584/2016 – C8-0462/2016 – 2016/2258(BUD))**

(2018/C 224/48)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, adottat b'mod definittiv fil-25 ta' Novembru 2015 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([5]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2016, adottat mill-Kummissjoni fis-7 ta' Ottubru 2016 (COM(2016)0660),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2016 adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Novembru 2016 u li ntbagħtet lill-Parlament fl-istess jum (13584/2016 – C8-0462/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 88 u 91 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0348/2016),

A. billi l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2016 jirriżulta mit-tlestija tal-proċess ta' ratifika u ta' dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, li tinkludi bidliet limitati bħat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-ġbir tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali, rata ġdida mnaqqsa ta' ġbir tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT għal xi Stati Membri, u tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet annwali tagħhom ibbażati fuq l-ING għal xi Stati Membri;

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 48, 24.2.2016.
([3]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([4]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([5]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.

**Il-Ħamis 1 ta’ Diċembru 2016**

B. billi l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 5/2016 hu intiż biex jinkorpora fin-naħa tad-dħul tal-baġit tal-Unjoni tal-2016 l-impatt tal-aġġustamenti għar-riżorsi proprji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, b’effett retroattiv għas-snin finanzjarji 2014, 2015 u 2016;

C. billi l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 5/2016 iwassal, għalhekk, għall-modifika tal-kontribuzzjonijiet individwali tal-Istati Membri kollha, iżda la jolqot id-dħul kumplessiv u lanqas in-naħa tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni;

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 5/2016;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 5/2016 ġie adottat b’mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TA(2016)0470

# Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex tingħata assistenza lill-Ġermanja

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdu assistenza lil Ġermanja (COM(2016)0681 – C8-0423/2016 – 2016/2267(BUD))

(2018/C 224/49)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0681 – C8-0423/2016),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([3]), u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0352/2016),

1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([3]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

**ANNESS**

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Ġermanja

*(It-test f'dan l-anness mhux riprodott hawnhekk peress li jikkorrispondi għall-att finali, id-Deċiżjoni (UE) 2017/340.)*

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0471

# Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2016 li jakkumpanja l-proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex tingħata assistenza lill-Ġermanja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2016 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016 li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Ġermanja (13852/2016 – C8-0473/2016 – 2016/2268(BUD))**

(2018/C 224/50)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, adottat b'mod definittiv fil-25 ta' Novembru 2015 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([3]) (ir-Regolament QFP),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([5]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdu assistenza lil Ġermanja, adottata mill-Kummissjoni fid-19 ta' Ottubru 2016 (COM(2016)0681),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2016, adottat mill-Kummissjoni fid-19 ta' Ottubru 2016 (COM(2016)0680),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2016 adottata mill-Kunsill fil-15 ta' Novembru 2016 u li ntbagħtet lill-Parlament fl-istess jum (13852/2016 – C8-0473/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 88 u 91 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0349/2016),

A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2016 ikopri l-mobilizzazzjoni proposta tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-għargħar li seħħ fil-Ġermanja f'Mejju u Ġunju 2016;

---

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 48, 24.2.2016.
([3]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([4]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([5]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

B. billi għaldaqstant il-Kummissjoni qed tipproponi li temenda l-baġit 2016 u żżid l-artikolu baġitarju 13 06 01 "Għajnuna għall-Istati Membri fil-każ ta' diżastru naturali kbir b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija" b'EUR 31 475 125 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn u kemm f'approprjazzjonijiet ta' pagament;

C. billi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea huwa strument speċjali skont id-definizzjoni fir-Regolament dwar il-QFP u l-approprazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament korrispondenti se jiġu bbaġitjati oltre l-limiti massimi tal-QFP;

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2016;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 6/2016 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TA(2016)0472

## Mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2017

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2017 (COM(2016)0678 – C8-0420/2016 – 2016/2118(BUD))**

(2018/C 224/51)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0678 – C8-0420/2016),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([2]), u b'mod partikolari l-punt 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, adottat mill-Kummissjoni fit-18 ta' Lulju 2016 (COM(2016)0300), kif emendat mill-Ittra emendatorja Nru 1/2017 (COM(2016)0679),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, adottata mill-Kunsill fit-12 ta' Settembru 2016 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Settembru 2016 (11900/2016 – C8-0373/2016),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali għall-2017 ([3]),

— wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fis-17 ta' Novembru 2016 (14635/2016 – C8-0470/2016),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0346/2016),

A. billi wara li eżamina l-possibbiltajiet kollha għal finanzjament ta' ħtiġijiet ta' impenn addizzjonali u mhux previsti, il-Kummissjoni, fl-Abbozz ta' Baġit tagħha, proponiet li timmobilizza l-Marġni ta' Kontinġenza għal ammont ta' EUR 1 164,4 miljun sabiex tikkomplementa l-approprjazzjonijiet ta' impenn marbutin man-nefqa fl-intestatura 3 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, oltre l-limiti massimi ta' impenn ta' EUR 2 578 miljun fil-prezzijiet attwali;

B. billi aktarx li jinqalgħu ħtiġijiet finanzjarji addizzjonali fl-2017, fir-rigward tal-kriżijiet tas-sigurtà interna u tal-isfidi attwali umanitarji, migratorji u tar-rifuġjati; jirrikonoxxi li dawn il-ħtiġijiet jistgħu jaqbżu b'mod sinifikanti l-finanzjament disponibbli taħt l-intestatura 3; ifakkar li ma għad hemm l-ebda marġni disponibbli taħt il-limitu massimu tal-intestatura 3; għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni tiċċara jekk u kif il-fondi addizzjonali jistgħu jiġu mobilizzati permezz tal-Marġni ta' Kontinġenza bħala reazzjoni għall-ħtiġijiet finanzjarji addizzjonali possibbli għall-intestatura 3 matul l-2017;

C. billi l-Kummissjoni rrevediet din il-proposta għal mobilizzazzjoni fil-qafas tal-Ittra Emendatorja Nru 1/2017 sabiex tkopri wkoll in-nefqa taħt l-intestatura 4;

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([2]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0411.

D. billi l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni li ltaqa' għall-baġit 2016 qabel mal-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza f'livell ta' EUR 1 906,2 miljun għall-intestatura 3 u għall-intestatura 4 u li jkun hemm kumpens ta' EUR 575,0 miljun għall-marġni mhux allokat taħt l-intestatura 2 *Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali* fl-2016, EUR 507,3 miljun fl-2017, EUR 570,0 miljun fl-2018 u EUR 253,9 miljun fl-2019 għall-marġni mhux allokat taħt l-intestatura 5 *Amministrazzjoni*;

1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2017**

*(It-test f'dan l-anness mhux riprodott hawnhekk peress li jikkorrispondi għall-att finali, id-Deċiżjoni (UE) 2017/344.)*

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0473

# Il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-migrazzjoni, tar-rifuġjati u tas-sigurtà

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-migrazzjoni, tar-rifuġjati u tas-sigurtà (COM(2016)0313 – C8-0246/2016 – 2016/2120(BUD))**

(2018/C 224/52)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0313 – C8-0246/2016),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/623 tal-21 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([3]), u b'mod partikolari l-punt 12 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, li l-Kummissjoni adottat fit-18 ta' Lulju 2016 (COM(2016)0300), kif emendat bl-Ittra emendatorja Nru 1/2017 (COM(2016)0679),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, adottata mill-Kunsill fit-12 ta' Settembru 2016 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Settembru 2016 (11900/2016 – C8-0373/2016),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali għall-2017 ([4]),

— wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fis-17 ta' Novembru 2016 (14635/2016 – C8-0470/2016),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0351/2016),

A. billi, wara li ġew eżaminati l-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn fl-ambitu tal-intestatura 3, jidher li hija meħtieġa l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-approprjazzjonijiet ta' impenn;

B. billi l-Kummissjoni kienet ipproponiet il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità b'ammont ta' EUR 530 miljun lil hinn mil-limitu massimu tal-intestura 3, biex tikkomplementa l-finanzjament previst fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2017, bl-għan li tiffinanzja miżuri fil-qasam tal-migrazzjoni, tar-rifuġjati u tas-sigurtà;

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([2]) ĠU L 103, 22.4.2015, p. 1.
([3]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0411.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

C. billi b'hekk l-ammont totali tal-Istrument ta' Flessibilità għas-sena finanzjarja 2017 intuża kompletament;

1. Jinnota li l-limiti massimi għall-2017 għall-intestatura 3 ma jippermettux il-finanzjament xieraq ta' miżuri urġenti fil-qasam tal-migrazzjoni, tar-rifuġjati u tas-sigurtà;

2. Jaqbel, għalhekk, li l-Istrument ta' Flessibilità jiġi mmobilizzat għal ammont ta' EUR 530 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn;

3. Jaqbel, barra minn hekk, mal-allokazzjoni proposta tal-approprjazzjonijiet korrispondenti ta' pagament ta' EUR 238,3 miljun fl-2017, EUR 91 miljun fl-2018, EUR 141,9 miljun fl-2019 u EUR 58,8 miljun fl-2020;

4. Itenni li l-mobilizzazzjoni ta' dan l-istrument, kif previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-QFP, tindika għal darb'oħra n-neċessità assoluta ta' aktar flessibilità għall-baġit tal-Unjoni, u jtenni l-pożizzjoni espressa fil-qafas tar-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP li l-ammont annwali tal-Istrument ta' Flessibilità jiżdied għal EUR 2 biljun;

5. Itenni l-opinjoni tiegħu li ilha stabbilita li, mingħajr preġudizzju għall-possibilità li l-approprjazzjonijiet ta' pagament jiġu mobilizzati għal intestaturi baġitarji speċifiċi permezz tal-Istrument ta' Flessibilità mingħajr mobilizzazzjonijiet preċedenti f'impenji, il-pagamenti li jirriżultaw minn impenji preċedentement mobilizzati permezz tal-Istrument ta' Flessibilità jistgħu jingħaddu biss oltre l-limiti massimi;

6. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-migrazzjoni, tar-rifuġjati u tas-sigurtà**

*(It-test f'dan l-anness mhux riprodott hawnhekk peress li jikkorrispondi għall-att finali, id-Deċiżjoni (UE) 2017/342.)*

P8_TA(2016)0474

# Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit għall-2017

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2017 (COM(2016)0312 – C8-0245/2016 – 2016/2119(BUD))**

(2018/C 224/53)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0312 – C8-0245/2016),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([3]), u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżultati tat-trilogu tas-17 ta' Novembru 2016,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0323/2016),

A. billi, bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), tqiegħed għad-dispożizzjoni ammont ta' EUR 50 000 000 biex il-pagamenti bil-quddiem jitħallsu permezz ta' approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni,

1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

(1) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.
(2) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
(3) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
(4) Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 143).

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2017

*(It-test f'dan l-anness mhux riprodott hawnhekk peress li jikkorrispondi għall-att finali, id-Deċiżjoni (UE) 2017/343.)*

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

P8_TA(2016)0475

## Proċedura baġitarja 2017: test konġunt

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz konġunt tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-qafas tal-proċedura baġitarja (14635/2016 – C8-0470/2016 – 2016/2047(BUD))**

(2018/C 224/54)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u d-dikjarazzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (14635/2016 – C8-0470/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, adottat mill-Kummissjoni fit-18 ta' Lulju 2016 (COM(2016)0300),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, adottata mill-Kunsill fit-12 ta' Settembru 2016 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Settembru 2016 (11900/2016 – C8-0373/2016),

— wara li kkunsidra l-Ittra Emendatorja Nru 1/2017 għall-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-17 ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 ([1]) u l-emendi baġitarji li tinkludi,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([4]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 90 u l-Artikolu 91 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A8-0353/2016),

---

([1]) Testi adottati ta' din id-data, P8_TA(2016)0411.
([2]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.
([3]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([4]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([5]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

1. Japprova t-test konġunt maqbul mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li jikkonsisti mid-dokumenti li ġejjin meħuda flimkien:

— lista ta' linji baġitarji mhux modifikati, mqabbla mal-abbozz tal-baġit jew mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

— ċifri sommarji skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju;

— ċifri linja b'linja dwar il-partiti baġitarji kollha;

— dokument konsolidat biċ-ċifri u t-test finali tal-linji kollha li ġew modifikati matul il-konċiljazzjoni;

2. Jikkonferma d-dikjarazzjonijiet konġunti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jinnota li l-livell ta' persunal tal-Parlament kien wieħed mill-kwistjonijiet ewlenin ta' din il-konċiljazzjoni; ifakkar li skont il-Ftehim bejn Ġentlomi, kull fergħa tal-awtorità baġitarja għandha kompetenza esklużiva għall-parti tagħha mill-baġit, ifakkar ukoll id-deċiżjoni politika tiegħu li jeżenta l-gruppi politiċi mill-mira ta' tnaqqis tal-persunal b'5 %, kif enfasizzat fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-baġits tal-2014, 2015, 2016 u 2017; se jevalwa l-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet baġitarji fuq il-funzjonament tal-istituzzjoni;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-entitajiet ikkonċernati, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

**ANNESS**

17.11.2016

FINALI

Baġit 2017 – **Elementi għal konklużjonijiet konġunti**

Dawn il-konklużjonijiet konġunti jkopru t-taqsimiet li ġejjin:

1. Baġit 2017

2. Baġit 2016 – Abbozzi ta' Baġit Emendatorji 4, 5 u 6/2016

3. Dikjarazzjonijiet konġunti

**Ħarsa ġenerali**

A. **Baġit 2017**

Skont l-elementi għall-konklużjonijiet konġunti:

— Il-livell globali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit 2017 huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 157 857,8 miljun. B'mod globali, dan iħalli marġni taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-2017 ta' EUR 1 100,1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn.

— Il-livell globali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit 2017 huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 134 490,4 miljun.

— L-Istrument ta' Flessibbiltà għall-2017 huwa mobilizzat f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-ammont ta' EUR 530 miljun għall-intestatura 3 (Sigurtà u Ċittadinanza).

— Il-marġni globali għall-impenji hija mmobilizzata fil-livell ta' EUR 1 439,1 miljun għall-intestatura 1a (Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi).

— Il-marġni ta' Kontinġenza hija mmobilizzata fil-livell ta' EUR 1 906,2 miljun għall-intestatura 3 u għall-intestatura 4. Dan huwa kkumpensat b'EUR575,0 miljun mill-marġni mhux allokata taħt l-intestatura 2 (tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali) fl-2017, u b'EUR 507,3 miljun fl-2017, EUR 570,0 miljun fl-2018 u EUR 253,9 miljun fl-2019 mill-marġnijiet mhux allokati taħt l-intestatura 5 (Amministrazzjoni);

— L-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2017 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fl-2014, fl-2015 u fl-2016 huma stmati mill-Kummissjoni li jammontaw għal EUR 981,1 miljun.

B. **Baġit 2016**

Skont l-elementi għall-konklużjonijiet konġunti:

— L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 4/2016 u l-mobilizzazzjoni tal-marġni ta' Kontinġenza li takkumpanjah huma aċċettati, kif proposti mill-Kummissjoni.

— L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 5/2016 huwa aċċettat kif propost mill-Kummissjoni.

— L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 6/2016 u l-mobilizzazzjoni relatata tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea huma aċċettati, kif proposti mill-Kummissjoni.

1. **Baġit 2017**

1.1. **Linji "magħluqa"**

Sakemm ma jingħadx mod ieħor hawn isfel f'dawn il-konklużjonijiet, il-linji baġitarji kollha li ma ġewx emendati la mill-Kunsill u lanqas mill-Parlament, u dawk li għalihom il-Parlament aċċetta l-emendi tal-Kunsill matul il-qari rispettiv tagħhom, huma kkonfermati.

Għal-linji baġitarji l-oħra, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni qabel dwar il-konklużjonijiet inklużi fit-taqsimiet 1.2 sa 1.8 ta' hawn taħt.

1.2. **Kwistjonijiet orizzontali**

<u>**Aġenziji deċentralizzati**</u>

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament) u l-għadd ta' karigi għall-aġenziji deċentralizzati huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017 bl-eċċezzjoni ta':

— L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL, artikolu baġitarju 18 02 04) li għalih ġew allokati 10 karigi addizzjonali, b'ammont addizzjonali ta' EUR 675 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

— L-Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (EUROJUST, artikolu baġitarju 33 03 04) li għaliha ġew allokati 10 karigi addizzjonali, b'ammont addizzjonali ta' EUR 675 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

— L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, artikolu baġitarju 12 02 04) li għaliha ġie mnaqqas l-ammont ta' EUR 500 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

— L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO, artikolu baġitarju 18 03 02) li għalih ġie miżjud l-ammont ta' EUR 3 000 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

— L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA, linja baġitarja 17 03 12 01) li għaliha ġie mnaqqas l-ammont ta' EUR 8 350 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

<u>**Aġenziji Eżekuttivi**</u>

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament) u l-għadd ta' karigi għall-aġenziji eżekuttivi huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit 2017.

<u>**Proġetti Pilota/Azzjonijiet Preparatorji**</u>

Ġie maqbul pakkett komprensiv ta' 78 proġett pilota/azzjoni preparatorja (PP/AP), għal ammont totali ta' EUR 76,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, kif propost mill-Parlament flimkien mal-azzjoni preparatorja proposta mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit 2017.

Meta proġett pilota jew azzjoni preparatorja tidher li hija koperta b'bażi ġuridika eżistenti, il-Kummissjoni tista' tipproponi t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet għall-bażi ġuridika korrispondenti biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-azzjoni.

Dan il-pakkett jirrispetta bis-sħiħ il-limiti massimi għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji previsti fir-Regolament Finanzjarju.

1.3. **Intestaturi tal-infiq tal-qafas finanzjarju – approprjazzjonijiet ta' impenn**

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq dwar il-linji baġitarji "magħluqa", l-aġenziji u l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni wasal għal ftehim fir-rigward ta' dan li ġej:

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

**Intestatura 1a – Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi**

L-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-linji baġitarji li ġejjin huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit 2017, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017:

*F'EUR*

| Linja baġitarja | Isem | AB 2017 | Baġit 2017 | Differenza |
|---|---|---|---|---|
| 02 02 02 | Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fil-forma ta' ekwità u dejn | 167 030 000 | 217 030 000 | 50 000 000 |
| 06 02 01 03 | Ottimizzar tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni bejn il-mezzi tat-trasport u t-titjib tal-interoperabbiltà | 360 321 493 | 410 321 493 | 50 000 000 |
| 08 02 01 01 | Tisħiħ tar-riċerka esploratorja fl-ERC — Kunsill Ewropew tar-Riċerka | 1 736 471 644 | 1 753 136 644 | 16 665 000 |
| 08 02 04 | Tixrid tal-eċċellenza u firxa tal-parteċipazzjoni | 123 492 850 | 140 157 850 | 16 665 000 |
| 09 04 02 01 | Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni | 779 380 777 | 796 050 777 | 16 670 000 |
| 15 02 01 01 | Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni u t-taħriġ u r-relevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol | 1 701 963 700 | 1 725 463 700 | 23 500 000 |
| 15 02 01 02 | Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew taż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja tad-demokrazija Ewropea | 201 400 000 | 227 900 000 | 26 500 000 |
| | **Total** | | | **200 000 000** (1) |

(1) Dawn l-ammonti huma parti minn żieda globali għall-intestatura 1a sal-2020 fil-qafas tar-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.

Il-Kunsill u l-Parlament jikkonfermaw li ż-żidiet maqbula fl-intestatura 1a bħala parti mill-baġit 2017 jirrispettaw bis-sħiħ il-ftehimiet preċedenti, u huma mingħajr preġudizzju għall-proċeduri leġiżlattivi li għaddejjin bħalissa.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

L-approprjazzjonijiet ta' impenn l-oħra kollha tal-intestatura 1a huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017, li jintegraw l-aġġustamenti maqbula fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u inklużi fit-tabella ta' hawn taħt. Inħoloq artikolu baġitarju speċifiku għall-"Avvenimenti speċjali" kif previst fil-qari tal-Parlament.

*F'EUR*

| Linja baġitarja | Isem | AB 2017 (inkl. l-IE 1/2017) | Baġit 2017 | Differenza |
|---|---|---|---|---|
| 32 02 01 01 | Integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà transfruntiera tan-networks tal-elettriku u tal-gass | 217 403 954 | 206 508 927 | - 10 895 027 |
| 32 02 01 02 | Tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni | 217 403 954 | 207 441 809 | - 9 962 145 |
| 32 02 01 03 | Il-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent | 217 404 002 | 206 509 070 | - 10 894 932 |
| 32 02 01 04 | Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti enerġetiċi | 85 227 000 | 77 291 975 | - 7 935 025 |
| 15 02 10 | Avvenimenti annwali speċjali | | 6 000 000 | 6 000 000 |
| 04 03 02 01 | PROGRESS — Sostenn tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni kif ukoll tal-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol | 60 000 000 | 65 000 000 | 5 000 000 |
| 04 03 02 02 | EURES — Promozzjoni tal-mobbiltà ġeografika volontarja tal-ħaddiema u t-tisħiħ tal-opportunitajiet ta' impjieg | 22 578 000 | 23 578 000 | 1 000 000 |
| | **Total** | | | **- 27 687 129** |

B'konsegwenza, u wara li jitqiesu l-aġenziji, il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell maqbul ta' impenji huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 21 312,2 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 51,9 miljun taħt il-limitu massimu ta' nfiq tal-intestatura 1a u l-użu tal-Marġni Globali għall-Impenji għall-ammont ta' EUR 1 439,1 miljun.

__Intestatura 1b – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali__

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost fl-Abbozz ta' Baġit 2017.

Meta jitqiesu l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell maqbul tal-impenji huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 53 586,6 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 0,4 miljun taħt il-limitu massimu ta' nfiq tal-intestatura 1b.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

**Intestatura 2 – Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali**

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2017, inkluż it-tnaqqis addizzjonali ta' EUR 325,0 miljun li ġej minn dħul assenjat miżjud għall-FAEG kif imħabbar mill-Kummissjoni fis-7 ta' Novembru 2016. B'konsegwenza ta' dan, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni qabel dwar dan li ġej:

*F'EUR*

| Linja baġitarja | Isem | AB 2017 (inkl. l-IE 1/2017) | Baġit 2017 | Differenza |
|---|---|---|---|---|
| 05 03 01 10 | Skema ta' pagamenti bażiċi (BPS) | 15 621 000 000 | 15 296 000 000 | - 325 000 000 |

Meta jitqiesu l-aġenziji, il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell maqbul ta' impenji huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 58 584,4 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 1 031,6 miljun taħt il-limitu massimu ta' nfiq għall-intestatura 2, peress li l-ammont ta' EUR 575,0 miljun qiegħed jintuża biex jikkumpensa l-mobilizzazzjoni tal-marġni ta' Kontinġenza.

**Intestatura 3 – Sigurtà u Ċittadinanza**

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017 iżda bl-aġġustamenti maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

*F'EUR*

| Linja baġitarja | Isem | AB 2017 (inkl. l-IE 1/2017) | Baġit 2017 | Differenza |
|---|---|---|---|---|
| 09 05 05 | Azzjonijiet ta' Multimedia | 19 573 000 | 22 573 000 | 3 000 000 |
| 15 04 02 | Sottoprogramm kulturali — Sostenn ta' azzjonijiet transfruntiera u l-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà transnazzjonali | 54 350 000 | 55 350 000 | 1 000 000 |
| | **Total** | | | **4 000 000** |

Il-kumment baġitarju tal-artikolu 09 05 05 se jiġi modifikat biż-żieda ta' din is-sentenza: "*Fejn xieraq, il-proċeduri ta' akkwist u ta' għoti jistgħu jinkludu l-konklużjoni ta' sħubiji ta' qafas, bl-għan li jiġi promoss qafas finanzjarju stabbli għan-networks pan-Ewropej iffinanzjati taħt din l-approprjazzjoni.*"

Il-kumment baġitarju tal-artikolu 15 04 02 se jiġi modifikat biż-żieda ta' din is-sentenza: "*Din l-approprjazzjoni tista' tiffinanzja wkoll it-tħejjija tas-Sena Ewropea għall-Patrimonju Kulturali.*"

B'konsegwenza ta' dan, u wara li jitqiesu l-aġenziji, il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell maqbul ta' impenji huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 4 284,0 miljun, mingħajr ebda marġni taħt il-limitu massimu ta' nfiq tal-intestatura 3, il-mobilizzazzjoni ta' EUR 530 miljun permezz tal-Istrument ta' Flessibbiltà u l-użu tal-Marġni ta' Kontinġenza għall-ammont ta' EUR 1 176,0 miljun.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

**Intestatura 4 – Ewropa Globali**

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017 iżda bl-aġġustamenti maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

*F'EUR*

| Linja baġitarja | Isem | AB 2017 (inkl. l-IE 1/2017) | Baġit 2017 | Differenza |
|---|---|---|---|---|
| 01 03 02 | Assistenza makrofinanzjarja | 30 828 000 | 45 828 000 | 15 000 000 |
| 01 03 08 | Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija EFSD | 275 000 000 | p.m. | - 275 000 000 |
| 13 07 01 | Sostenn finanzjarju għat-tħeġġiġ tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijotta Torka | 31 836 240 | 34 836 240 | 3 000 000 |
| 19 03 01 05 | Miżuri ta' emerġenza | 69 480 000 | 62 850 000 | - 6 630 000 |
| 21 02 07 05 | Migrazzjoni u asil | 448 273 912 | 404 973 912 | - 43 300 000 |
| 22 04 01 04 | Sostenn għall-proċess ta' paċi u assistenza finanzjarja lill-Palestina u l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rifuġjati tal-Palestina (UNRWA) | 282 219 939 | 310 100 000 | 27 880 061 |
| 22 04 01 03 | Pajjiżi Mediterranji — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kunflitti | 340 360 500 | 332 480 439 | - 7 880 061 |
| 22 04 02 02 | Sħubija tal-Lvant — Tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli | 313 825 583 | 322 125 583 | 8 300 000 |
| | **Total** | | | **- 278 630 000** |

Madankollu, għall-partita baġitarja 19 03 01 07 *Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea* (EUSRs) l-approprjazzjonijiet huma stabbiliti fil-livell tal-Abbozz ta' Baġit 2017.

B'konsegwenza ta' dan, u wara li jitqiesu l-aġenziji, il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell maqbul ta' impenji huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 10 162,1 miljun, mingħajr ebda marġni taħt il-limitu massimu ta' nfiq tal-intestatura 4 u l-użu tal-Marġni ta' Kontinġenza għall-ammont ta' EUR 1 730,1 miljun.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

__Intestatura 5 – Amministrazzjoni__

L-għadd ta' karigi fl-organigrammi tal-Istituzzjonijiet u l-approprjazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017 huma maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

— Il-qari tal-Parlament huwa approvat bl-eċċezzjoni li ż-żieda ta' 76 kariga għall-gruppi politiċi hija kkumpensata kompletament bit-tnaqqis kumpensatorju ta' karigi fl-organigramma tal-amministrazzjoni tal-Parlament, b'mod newtrali mil-lat baġitarju. Barra minn hekk, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li fil-Baġit 2017 jiġi integrat l-impatt tal-aġġornament awtomatiku tas-salarji li huwa applikabbli mill-1 ta' Lulju 2016 (EUR 8 717 000).

— Il-qari tal-Kunsill huwa approvat bl-integrazzjoni fil-Baġit 2017 tal-impatt tal-aġġornament awtomatiku tas-salarji li huwa applikabbli mill-1 ta' Lulju 2016 (EUR 3 301 000).

— It-tnaqqis għall-Qorti tal-Awdituri meta mqabbel mal-Abbozz ta' Baġit 2017 li huwa nkluż fil-qari tal-Parlament, huwa approvat.

— Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) li għalih ammont ta' EUR 560 250 (partita baġitarja 1200) ġie allokat għal-linja dwar l-aġenti kuntrattwali filwaqt li l-istess ammont ġie mnaqqas mill-partita baġitarja 3003 (Bini u nefqiet relatati). Il-kumment baġitarju għall-partita baġitarja 1200 se jiġi modifikat biż-żieda ta' din is-sentenza: "*Dawn l-approprjazzjonijiet ikopru wkoll l-ispejjeż tal-aġenti kuntrattwali involuti fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni strateġika*". Barra minn hekk, il-linji baġitarji li ġejjin fit-taqsima tas-SEAE huma aġġustati biex jitneħħa t-trasferiment tar-rwol doppju tal-EUSRs kif propost fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017.

*F'EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Differenza |
|---|---|---|
| 3001 | Persunal estern u servizzi minn barra | - 3 645 000 |
| 3002 | Nefqa oħra marbuta mal-persunal | - 1 980 000 |
| 3003 | Bini u nefqiet relatati | - 3 636 000 |
| 3004 | Nefqa amministrattiva oħra | - 815 000 |
| | **Total** | **- 10 076 000** |

B'konsegwenza ta' dan, wara li jitqiesu l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell maqbul ta' impenji huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 9 394,5 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 16,2 miljun taħt il-limitu massimu tal-intestatura 5, wara l-użu tal-ammont ta' EUR 507,3 miljun tal-marġni biex jikkumpensa l-mobilizzazzjoni tal-marġni ta' Kontinġenza.

__L-istrumenti speċjali__

L-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-istrumenti speċjali huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit 2017, għajr ir-riżerva għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (artikolu baġitarju 40 02 44) li tneħħiet.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

**Kumpens għall-marġni ta' Kontinġenza fl-2018 u fl-2019**

L-użu totali tal-marġni ta' Kontinġenza fl-2017 jammonta għal EUR 1 176,0 miljun għall-intestatura 3 u EUR 730,1 miljun għall-intestatura 4 għal ammont totali ta' EUR 1 906,2 miljun. Il-kumpens sar għal ammont ta' EUR 575,0 miljun mill-marġni mhux allokata taħt l-intestatura 2 fl-2017, u għal ammonti ta' EUR 507,3 miljun fl-2017, EUR 570,0 miljun fl-2018 u EUR 253,9 miljun fl-2019 mill-marġnijiet mhux allokati taħt l-intestatura 5. Id-deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-marġni ta' kontinġenza għall-2017 adottata flimkien mal-Ittra Emendatorja Nru 1/2017 se tiġi aġġustata skont dan.

## 1.4. **Approprjazzjonijiet ta' pagament**

Il-livell globali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-Baġit 2017 huwa stabbilit fil-livell tal-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017, bl-aġġustamenti li ġejjin maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

1. L-ewwelnett, qiegħed jitqies il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għan-nefqa mhux differenzjata, li għaliha l-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament huwa ugwali għal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn. Dan jinkludi t-tnaqqis għan-nefqa agrikola b'EUR 325 miljun u l-aġġustamenti għan-nefqa amministrattiva għat-Taqsimiet I, II, III, IV, V, VI, VII, IX u X (EUR 13,4 miljun), u għall-aġenziji deċentralizzati (li l-kontribuzzjoni tal-UE għall-approprjazzjonijiet ta' pagament hija stabbilita fil-livell propost fit-taqsima 1.2 hawn fuq). L-effett ikkombinat huwa tnaqqis ta' -EUR 332,2 miljun;

2. L-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji kollha *ġodda* proposti mill-Parlament huma stabbiliti fil-livell ta' 50 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn korrispondenti jew fil-livell propost mill-Parlament jekk ikun iktar baxx. Fil-każ ta' estensjoni tal-proġetti pilota u tal-azzjonijiet preparatorji *eżistenti*, il-livell ta' approprazzjonijiet ta' pagament huwa dak definit fl-Abbozz ta' Baġit flimkien ma' 50 % tal-impenji ġodda korrispondenti, jew il-livell propost mill-Parlament jekk ikun iktar baxx. L-effett ikkombinat huwa żieda ta' EUR 35,2 miljun;

3. L-approprjazzjonijiet ta' pagament għal "avvenimenti speċjali" (artikolu baġitarju 15 02 10) huwa l-ammont iddikjarat fil-qari tal-Parlament (EUR 6 miljun);

4. L-approprjazzjonijiet ta' pagament (artikolu baġitarju 01 03 08 *Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija EFSD*) huwa stabbilit f'"p.m.";

5. L-aġġustamenti għal-linji baġitarji li ġejjin huma maqbula b'riżultat tal-evoluzzjoni ta' impenji għal approprjazzjonijiet differenzjati:

*F'EUR*

| Linja baġitarja | Isem | AB 2017 (inkl. l-IE 1/2017) | Baġit 2017 | Differenza |
|---|---|---|---|---|
| 01 03 02 | Assistenza makrofinanzjarja | 30 828 000 | 45 828 000 | 15 000 000 |
| 04 03 02 01 | PROGRESS — Sostenn tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni kif ukoll tal-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol | 38 000 000 | 41 167 000 | 3 167 000 |

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

*F'EUR*

| Linja baġitarja | Isem | AB 2017 (inkl. l-IE 1/2017) | Baġit 2017 | Differenza |
|---|---|---|---|---|
| 04 03 02 02 | EURES — Promozzjoni tal-mobbiltà ġeografika volontarja tal-ħaddiema u t-tisħiħ tal-opportunitajiet ta' impjieg | 17 000 000 | 17 753 000 | 753 000 |
| 09 05 05 | Azzjonijiet ta' Multimedia | 23 997 455 | 26 997 455 | 3 000 000 |
| 13 07 01 | Sostenn finanzjarju għat-tħeġġiġ tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijotta Torka | 36 031 865 | 39 031 865 | 3 000 000 |
| 15 04 02 | Sottoprogramm kulturali — Sostenn ta' azzjonijiet transfruntiera u l-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà transnazzjonali | 43 430 071 | 44 229 071 | 799 000 |
| 22 04 01 04 | Sostenn għall-proċess ta' paċi u assistenza finanzjarja lill-Palestina u l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rifuġjati tal-Palestina (UNRWA) | 280 000 000 | 307 661 000 | 27 661 000 |
| 22 04 02 02 | Sħubija tal-Lvant — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli | 167 700 000 | 172 135 000 | 4 435 000 |
| 19 03 01 05 | Miżuri ta' emerġenza | 33 212 812 | 30 043 812 | - 3 169 000 |
| 21 02 07 05 | Migrazzjoni u asil | 155 000 000 | 115 722 000 | - 39 278 000 |
| 22 04 01 03 | Pajjiżi Mediterranji — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti | 138 000 000 | 134 805 000 | - 3 195 000 |
| 32 02 01 01 | Integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà transfruntiera tan-networks tal-elettriku u tal-gass | 34 765 600 | 33 023 600 | - 1 742 000 |
| 32 02 01 02 | Tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni | 26 032 000 | 24 839 000 | - 1 193 000 |
| 32 02 01 03 | Il-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent | 26 531 000 | 25 201 000 | - 1 330 000 |

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

*F'EUR*

| Linja baġitarja | Isem | AB 2017 (inkl. l-IE 1/2017) | Baġit 2017 | Differenza |
|---|---|---|---|---|
| 32 02 01 04 | Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti enerġetiċi | 31 200 000 | 28 295 000 | - 2 905 000 |
| | **Total** | | | **5 003 000** |

6. L-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (artikolu baġitarju 40 02 43) huma stabbiliti għal żero (tnaqqis ta' –EUR 30 miljun) peress li l-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli minn dħul assenjat huma stmati li jkunu biżżejjed biex ikopru s-sena sħiha tal-2017.

7. Tneħħiet ir-riżerva tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (artikolu baġitarju 40 02 44).

8. Tnaqqis addizzjonali fil-pagamenti saru skont kif ġej:

*F'EUR*

| Linja baġitarja | Isem | AB 2017 (inkl. l-IE 1/2017) | Baġit 2017 | Differenza |
|---|---|---|---|---|
| 04 02 62 | Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi | 2 508 475 000 | 2 490 475 000 | - 18 000 000 |
| 13 03 61 | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni fi transizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi | 2 214 431 000 | 2 204 431 000 | - 10 000 000 |
| 13 03 62 | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi | 3 068 052 000 | 3 043 052 000 | - 25 000 000 |
| 13 03 64 01 | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kooperazzjoni Territorjali Ewropea | 884 299 000 | 783 299 000 | - 101 000 000 |
| | **Total** | | | **- 154 000 000** |

Dawn l-azzjonijiet se jipprovdu livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li jammonta għal EUR 134 490,4 miljun, tnaqqis ta' EUR 931,4 miljun meta mqabbel mal-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016**

1.5. **Riżerva**

Ma hemm l-ebda riżerva addizzjonali għal dawk tal-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017, għajr:

— Il-partita baġitarja 13 01 04 04 (Nefqa ta' sostenn għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP)) u l-artikolu baġitarju 13 08 01 (Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP) — Assistenza teknika operazzjonali trasferita minn H1B (il-FSE, il-FEŻR u l-FK)), li għalihom l-ammont sħiħ f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tqiegħdu f'riżerva sakemm tiġi adottata l-bażi ġuridika għall-Programm ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali.

— L-artikolu baġitarju 13 08 02 (Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP) — Assistenza teknika operazzjonali trasferita minn H2 (il-FAEŻR)) li għalih l-ammont sħiħ f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tqiegħed f'riżerva sakemm tiġi adottata l-bażi ġuridika għall-Programm ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali.

— Il-partita baġitarja 18 02 01 03 (Twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda biex jappoġġaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji matul il-fruntieri esterni tal-Unjoni) li għaliha l-ammonti ta' EUR 40 000 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 28 000 000 f'approprjazzjonijiet ta' pagament tqiegħdu f'riżerva sakemm tiġi konkluża l-proċedura leġiżlattiva li tistabbilixxi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.

1.6. **Kummenti baġitarji**

Sakemm mhux speċifikament imsemmi fil-paragrafi preċedenti, l-emendi introdotti mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill għat-test tal-kummenti baġitarji huma maqbula, għajr għal dawk dwar linji baġitarji elenkati fit-tabella ta' hawn taħt, li għalihom it-test tal-kummenti baġitarji, kif propost mill-Abbozz ta' Baġit, emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017 u l-FAEG aġġornat huwa approvat.

Dan huwa skont il-fehim li l-emendi introdotti mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill ma jistgħux jimmodifikaw jew jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-bażi ġuridika eżistenti, jew inaqqru l-awtonomija amministrattiva tal-istituzzjonijiet, u li l-azzjoni tista' tkun koperta minn riżorsi disponibbli.

| Linja baġitarja | Isem |
|---|---|
| 04 03 02 03 | Mikrofinanzjament u Intraprenditorija Soċjali — Żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzjament għal persuni ġuridiċi u fiżiċi, speċjalment dawk li huma l-iktar distanti mis-suq tax-xogħol, u l-intrapriżi soċjali |
| S 03 01 06 01 | L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (EASA) |
| 05 02 11 99 | Miżuri oħra (prodotti/miżuri oħra tal-pjanti) |
| 05 04 60 | Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — FAEŻR (2014 sa 2020) |
| 05 04 60 02 | Assistenza teknika operazzjonali |
| 18 04 01 01 | Ewropa għaċ-ċittadini — Tisħiħ tal-kommemorazzjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni |

1.7. **Linji baġitarji ġodda**

In-nomenklatura baġitarja proposta mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017, b'inklużjoni ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji, u l-artikolu baġitarju l-ġdid dwar Avvenimnet Annwali Speċjali (15 02 10), hija maqbula.

1.8. **Dħul**

Il-proposta tal-Kummissjoni fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2017 dwar l-inklużjoni fil-Baġit ta' dħul minn penali għal ammont ta' EUR 1 biljun huwa maqbul.

2. **Baġit 2016**

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) 4/2016 u l-mobilizzazzjoni tal-marġni ta' Kontinġenza li takkumpanjah huma approvati, kif proposti mill-Kummissjoni.

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) 5/2016 huwa approvat kif propost mill-Kummissjoni

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) 6/2016 u l-mobilizzazzjoni relatata tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea huma approvati, kif proposti mill-Kummissjoni.

3. **Dikjarazzjonijiet konġunti**

3.1. **Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li t-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ jibqa' prijorità politika għolja u kondiviża, u għal dan l-għan huma jirriaffermaw id-determinazzjoni tagħhom li jagħmlu l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi baġitarji disponibbli biex dan jiġi indirizzat, u b'mod partikolari permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI).

Huma jfakkru li, f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (Regolament QFP), "*Il-marġini li għadhom disponibbli taħt il-limitu massimu tal-QFP għal approprjazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2014-2017 għandhom jikkostitwixxu Marġini Globali tal-QFP għall-impenji, li għandhom isiru disponibbli barra mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016 sa 2020 għal għanijiet ta' politika marbuta mat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi taż-żgħażagħ*".

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistiednu lill-Kummissjoni biex tipproponi baġit emendatorju fl-2017 sabiex jiġu pprovduti EUR 500 miljun ([1]) għall-YEI fl-2017 iffinanzjati skont il-Marġini globali għall-impenji, malli jiġi adottat l-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 6 tar-Regolament QFP.

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw malajr l-abbozz ta' baġit emendatorju għall-2017 imressaq mill-Kummissjoni.

3.2. **Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ifakkru fil-ħtieġa li tiġi żgurata, fid-dawl tal-implimentazzjoni, il-progressjoni ordnata tal-pagamenti b'rabta mal-approprjazzjonijiet ta' impenn sabiex jiġi evitat kull livell anormali ta' fatturi mhux imħallsa fi tmiem is-sena.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jappellaw lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib u b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-programmi għall-2014-2020. Għal dak l-għan, jistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta f'waqthom, ċifri aġġornati rigward l-istat ta' implimentazzjoni u stimi rigward ħtiġijiet ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2017.

([1]) Dan l-ammont huwa parti miż-żieda globali għall-YEI sal-2020 fil-qafas tar-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ser jieħdu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa fi żmien debitu għal ħtiġijiet ġustifikati kif dovut biex jipprevjenu l-akkumulazzjoni ta' ammont eċċessiv ta' kontijiet mhux imħallsa u biex jiżguraw li t-talbiet għal pagament jiġu rimborżati kif dovut.

## 3.3. Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis ta' 5 % tal-persunal

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fil-qbil li progressivament inaqqsu 5 % tal-persunal kif hemm fl-organigramma fl-1 ta' Jannar 2013, li għandha tiġi applikata għall-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji kollha, kif iddikjarat fil-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba.

It-tliet istituzzjonijiet ifakkru li s-sena fil-mira għall-implimentazzjoni sħiħa ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal hija l-2017. Huma jaqblu li ser jittieħdu miżuri ta' segwitu xierqa biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni bil-ħsieb li jiġi żgurat li qed isiru l-isforzi kollha possibbli biex jiġi evitat kwalunkwe dewmien ieħor fl-implimentazzjoni ta' mira ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha.

It-tliet istituzzjonijiet jilqgħu l-perspettiva ġenerali mill-Kummissjoni tad-data konsolidata dwar il-persunal estern kollu impjegat mill-istituzzjonijiet, ippreżentata fl-abbozz ta' baġit, skont il-punt (b) tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament Finanzjarju. Huma jistiednu lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi din l-informazzjoni meta tippreżenta l-abbozz tal-baġits tagħha għas-snin li ġejjin.

Il-Kunsill u l-Parlament jissottolinjaw li l-kisba tal-mira ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal għandha tikkontribwixxi lejn iffrankar fl-infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet. Fid-dawl ta' dan, huma jistiednu lill-Kummissjoni biex tibda bil-valutazzjoni tal-eżitu tal-eżerċizzju sabiex jinsiltu tagħlimiet għall-futur.

## 3.4. Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli

Sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni, il-Kummissjoni nediet il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) ibbażat fuq l-istabbiliment ta' Garanzija EFSD u Fond ta' Garanzija EFSD. Il-Kummissjoni tipproponi li tiffinanzja l-Fond ta' Garanzija EFSD b'EUR 750 miljun fuq il-perjodu 2017-2020, li EUR 400 miljun minnhom ġejjin mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) fuq l-erba' snin, EUR 100 miljun mill-ENI fuq il-perjodu 2017–2020 (EUR 25 miljun minnhom fl-2017), u EUR 250 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (u ta' pagament) fl-2017.

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistiednu lill-Kummissjoni titlob l-approprjazzjonijiet meħtieġa f'baġit emendatorju fl-2017 sabiex jiġi pprovdut il-finanzjament tal-EFSD mill-baġit tal-UE malli tiġi adottata l-bażi ġuridika.

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw malajr l-abbozz ta' baġit emendatorju għall-2017 imressaq mill-Kummissjoni.

## 3.5. Dikjarazzjoni Konġunta dwar Fondi Fiduċjarji tal-UE u l-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-istabbiliment ta' Fondi Fiduċjarji kif ukoll tal-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija għandhom ikunu trasparenti u ċari, konsistenti mal-prinċipju tal-unità tal-baġit tal-Unjoni, mal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja, u mal-objettivi ta' bażijiet ġuridiċi eżistenti.

Huma jimpenjaw ruħhom li jindirizzaw, kif xieraq, dawk il-kwistjonijiet bħala parti mir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju sabiex jintlaħaq l-aħjar bilanċ bejn il-flessibbiltà u r-responsabbiltà.

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li:

— tinforma regolarment lill-awtorità baġitarja dwar finanzjament (inkluż kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri) u operazzjonijiet li jkunu għaddejjin jew ippjanati tal-Fondi Fiduċjarji;

— tippreżenta, mill-2017 'il quddiem, Dokument ta' Ħidma li jakkumpanja l-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja ta' wara;

— tipproponi miżuri għal involviment xieraq tal-Parlament Ewropew.

3.6. **Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-agrikoltura**

Il-baġit għall-2017 jinkludi sensiela ta' miżuri ta' emerġenza biex jgħinu lill-bdiewa jiffaċċjaw id-diffikultajiet fis-suq esperjenzati dan l-aħħar. Il-Kummissjoni tikkonferma li l-marġini taħt l-intestatura 2 hija biżżejjed biex tindirizza ħtiġijiet possibbli mhux previsti. Hija timpenja ruħha li tissorvelja s-sitwazzjoni fis-suq b'mod regolari u li tippreżenta, jekk ikun meħtieġ, miżuri xierqa biex jiġu indirizzati ħtiġijiet li ma jkunux jistgħu jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit. F'każ bħal dan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw il-proposti baġitarji rilevanti kemm jista' jkun malajr.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT